# Il-KASTELL ĠEWWIENI



ta'

**Santa Tereża ta' Ġesù**


Traduzzjoni ta'
P. Anġeliku M. Busuttil O.C.D



1991 L-ewwel edizzjoni
2012 It-tieni edizzjoni mħejjija minn P. Manwel Schembri O.C.D.
Disinn tal-qoxra u skanjar minn P. Elisew Parascandalo O.C.D



© Provinċja Karmelitana Tereżjana - Malta

# Werrej

Nota: Biex tmur fl-Għamajjar jew fil-Kapitlu li jkun, ikklikkja fuq l-għażla tiegħek.


Daħla miktuba mill-Qaddisa nfisha ..... 4
L-EWWEL GĦAMAJJAR f'żewġ kapitli ..... 5
KAPITLU I ..... 5
KAPITLU 2 ..... 8
IT-TIENI GĦAMAJJAR f'kapitlu wieħed ..... 13
KAPITLU I ..... 13
IT-TIELET GĦAMAJJAR f'żewġ kapitli ..... 17
KAPITLU I ..... 17
KAPITLU 2 ..... 20
IR-RABA' GĦAMAJJAR fi tliet kapitli ..... 24
KAPITLU I ..... 24
KAPITLU 2 ..... 28
KAPITLU 3 ..... 31
IL-ĦAMES GĦAMAJJAR f'erba' kapitli ..... 35
KAPITLU 1 ..... 35
KAPITLU 2 ..... 38
KAPITLU 3 ..... 41
KAPITLU 4 ..... 44
IS-SITT GĦAMAJJAR fi ħdax-il kapitlu ..... 47
KAPITLU 1 ..... 47
KAPITLU 2 ..... 51
KAPITLU 3 ..... 53
KAPITLU 4 ..... 57
KAPITLU 5 ..... 61
KAPITLU 6 ..... 64
KAPITLU 7 ..... 67
KAPITLU 8 ..... 71
KAPITLU 9 ..... 74
KAPITLU 10 ..... 78
KAPITLU 11 ..... 80
IS-SEBA' GĦAMAJJAR f'erba' kapitli ..... 83
KAPITLU 1 ..... 83
KAPITLU 2 ..... 86
KAPITLU 3 ..... 89
KAPITLU 4 ..... 92
ITTRA MIKTUBA MILL-QADDISA BIEX TINGĦATA FLIMKIEN MAL-MANUSKRITT TAL-KASTELL ĠEWWIENI ..... 96
TEMI TAL-KASTELL ĠEWWIENI ..... 97

*Dan it-trattat bl-isem ta' KASTELL ĠEWWIENI kitbitu Tereża ta' Ġesù, soru ta' Sidtna Marija tal-Karmnu, għas-Sorijiet Karmelitani Skalzi, uliedha spiritwali u ħutha fil-ħajja reliġjuża.*

# Daħla miktuba mill-Qaddisa nfisha

J. H. S.

1. Ftit ħwejjeġ li talbet minni l-ubbidjenza sibthom hekk iebsa daqs li naqbad nikteb xi ħsibijiet fuq l-orazzjoni f'dan il-waqt. L-ewwel, għax ma jidhirlix li l-Mulej qiegħed jagħtini bħalissa l-ispirtu u x-xewqa li nidħol għal dan ix-xogħol. U t-tieni, għax minn tliet xhur 'l hawn qiegħda nħoss rasi bħal se tinqasam bil-ħsejjes ġewwa fiha li qegħdin jagħmluha hekk dgħajfa illi qed insibha bi tqila ħafna biex nikteb dak li huwa meħtieġ fin-negozju ta' kuljum. Iżda, billi naf li l-qawwa tal-ubbidjenza soltu tnaqqas l-ebbusija ta' dak li jidher li ma jistax isir, bir-rieda kollha tiegħi qtajtha li nagħmel dan b'qalb tajba, ukoll jekk jidher li sejjer iġibli ħafna tbatija. Għax lili l-Mulej ma tanix qawwa biżżejjed biex nissielet mal-mard bla heda u mad-dmirijiet ta' kull xorta, bla ma nħoss ġlieda sħiħa ġewwa fija. Ħa jagħmel dan ix-xogħol Dak li drabi oħra għenni billi wettaq għalija ħwejjeġ aktar ibsin, u li jiena dejjem nittama fil-ħniena tiegħu.

2. Fis-sewwa kollu nemmen li ftit li xejn nista' nżid ma' dak li diġà għedt f'xogħlijiet oħra li ordnawli nikteb; hekk li nibża' li nerġa' noħroġ bl-istess ħsibijiet. Għax fit-tifsir kollu tal-kliem, jien miniex ħlief bħal dawk il-pappagalli li jgħallmuhom jitkellmu, u ma jafux aktar minn dak li juruhom jew isemmgħulhom, hekk li jtennu l-istess ħaġa ħafna drabi. Jekk il-Mulej iridni ngħid xi ħaġa ġdida, il-Maestà Tiegħu jaħseb jagħtihieli Hu; jew jekk ikun jogħġbu, ifakkarni f'dak li għedt drabi oħra, għax inkun hienja b'dan ukoll. Nithenna b'dan, għax il-memorja tiegħi hija hekk ħażina illi nifraħ narani ntenni xi ħwejjeġ li jkunu qaluli li għedthom sewwa, biex ma jintilfux. U jekk il-Mulej lanqas dan ma jagħtini, xorta waħda jkolli x'nirbaħ meta ngħejja u nżid l-uġigħ ta' rasi biex nobdi, ukoll jekk ma jidher li joħroġ ebda ġid minn dak li nasal biex ngħid.

3. U hekk qiegħda nibda dan ix-xogħol illum, jum il-Festa tat-Trinità l-aktar qaddisa, fis-sena 1577, f'dan il-monasteru ta' San Ġużepp tal-Karmnu f'Toledo, fejn ninsab bħalissa. Inqiegħed dak kollu li ngħid għall-ġudizzju ta' dawk li ordnawli niktbu, għax huma bnedmin ta' għerf kbir. U jekk nasal biex ngħid xi ħaġa li ma taqbilx għalkollox ma' dak li żżomm il-Knisja Mqaddsa Kattolika Rumana, dan ikun biss frott in-nuqqas ta' tagħlim, għax ma jkun ġej minn ebda ħżunija. Dan żgur li huwa hekk, kif żgur li jiena, bis-saħħa tat-tjubija ta' Alla, dejjem kont, għadni sa issa u nibqa', taħt il-Knisja f'kollox. Ikun imbierek u msebbaħ Alla għal dejjem, ammen!

4. Dak li ordnali nikteb dan, qalli li dawn is-sorijiet ta' dawn il-monasteri ta' Sidtna tal-Karmnu għandhom il-ħtieġa ta' xi ħadd li jħollilhom id-dubji tagħhom fil-ħwejjeġ tal-orazzjoni. Żied jgħidli li hu kien jidhirlu li n-nisa bejniethom aktar setgħu jifhmu sewwa kliem xulxin, u li fl-imħabba li s-sorijiet kellhom għalija, żgur li kienu jagħtu kas sewwa ta' dak li stajt ngħidilhom jien. Għalhekk, ried ifehemni li kienet tassew ħaġa meħtieġa li nara kif ngħidilhom xi ħaġa. U jiena, b'dan il-ħsieb f'moħħi, nitkellem magħhom jien u nikteb; hija bluha li naħseb li dak li ngħid jista' jiswa lil xi bnedmin oħra. Il-Mulej ikun qiegħed jagħtini grazzja kbira jekk waħda biss minn dawn is-sorijiet tieħu l-ġid kbir li tfaħħru xi ftit aktar. Il-Maestà Tiegħu jaf tajjeb li ma rrid xejn aktar. Jekk nasal biex ngħid xi ħaġa tajba f'dak li nikteb, hija ħaġa ċara li s-sorijiet jifhmu li dak li ngħid ma jkunx ġej minni, għax fija ma hemm ebda kawża ta' dan, sakemm ma jurux li l-intelliġenza tagħhom hija żgħira daqskemm hija żgħira l-ħila tiegħi f'dawn il-ħwejjeġ – jekk ma jkunx il-Mulej li jagħtihieli fil-ħniena tiegħu.

# L-EWWEL GĦAMAJJAR f'żewġ kapitli

## *KAPITLU l*

*Titkellem mis-sbuħija u d-dinjità ta' ruħna. Iġġib tixbiha biex tfisser dan, u turi l-ġid kbir li tikseb ir-ruħ meta tifhem sewwa l-kobor tagħha u tagħraf il-grazzji li jagħtiha Alla. Bieb ta' dan il-kastell huwa t-talb.*

1. Waqt li llum kont qiegħda nitlob bil-ħerqa lill-Mulej biex jitkellem minfloki Hu, minħabba li la stajt insib x'naqbad ngħid u lanqas stajt nara kif se nibda nikteb dak li riedet minni l-ubbidjenza, f'daqqa waħda ġieni ħsieb f'moħħi li issa sejra nfisser biex nibda fuq sisien tajbin. Dan huwa li nħarsu lejn ruħna bħala kastell magħmul kollu kemm hu minn djamant wieħed jew minn kristall l-aktar ċar, li fih ħafna appartamenti, bħalma fis-sema hemm ħafna għamajjar *(Ġw 14,2)*. U jekk naħsbu sewwa fuq dan, ħuti, malajr nintebħu li r-ruħ tal-ġust mhix ħlief ġenna li fiha l-Mulej jgħid li jsib l-għaxqa tiegħu *(Prov 8,31)*. Għalhekk, kif taħsbu li jkun dak l-appartament li fih isib l-għaxqa tiegħu Sultan hekk setgħan, hekk għaref, hekk pur u hekk mimli b'kull ħaġa tajba? Jiena ma nista' nsib xejn li nista' nxebbhu mas-sbuħija tal-għaġeb tar-ruħ u mas-setgħa tal-kobor tagħha. Fis-sewwa kollu, fin kemm ikun fin, il-moħħ tagħna ma jasalx biex jifhem sewwa lil ruħna, l-istess kif ma jistax jasal biex jifhem lil Alla; għax kif jgħid Hu nnifsu, lilna ħalaqna fuq is-sura u x-xbieha tiegħu *(Ġen 1,26-27)*.

Issa, jekk huwa hekk, kif tassew hu, ma jiswa xejn li noqogħdu ngħejjew lilna nfusna biex infittxu li nifhmu s-sbuħija ta' dan il-kastell. Għax, għalkemm ir-ruħ mhix bħal Alla daqskemm il-ħlejqa ma tistax tkun bħall-Ħallieq tagħha minħabba li hija ħolqien tiegħu, il-Maestà Tiegħu jgħid li hija magħmula fuq ix-xbieha tiegħu u dan huwa biżżejjed biex naraw li ma nistgħux nifhmu sewwa d-dinjità kbira u s-sbuħija tagħha.

2. Hija ħasra mhux żgħira li għandha timliena bil-mistħija li, ħtija tagħna, ma nifhmux lilna nfusna u ma nafux min aħna. Ma tkunx injoranza kbira, uliedi, jekk xi ħadd, meta jiġi mistoqsi min hu, jistqarr li ma jafx, u li lanqas biss jaf xejn fuq missieru, fuq ommu u fuq l-art li ġie minnha? Issa, jekk din hija ħaġa tal-bhejjem, l-imġiba tagħna tkun ħafna agħar minn hekk meta ma nfittxux li nagħarfu aħna x'aħna, ħlief li qegħdin ngħixu f'dan il-ġisem tagħna, u b'mod mhux ċar li, skont ma jgħidu u għax hekk jgħallimna t-twemmin tagħna, għandna ruħ. Iżda, x'inhuma l-ħwejjeġ tajba li hemm fiha, jew min huwa Dak li jgħix fiha, jew kemm huwa kbir is-siwi tagħha – dawn huma ħwejjeġ li ftit drabi naħsbu fuqhom. U għalhekk jiġri li ftit inħabblu moħħna biex nieħdu ħsieb sewwa ħalli nħarsu s-sbuħija ta' ruħna; il-ħsieb tagħna jieqaf biss fuq l-ingast goff jew il-ħajt dawramejt ta' barra tal-kastell – jiġifieri l-ġisem tagħna.

3. Mela, ħa nżommu quddiem għajnejna li dan il-kastell, kif diġà għedt, fih ħafna għamajjar; għandu għamajjar fuq, oħrajn isfel u oħrajn fil-ġnub; imma fin-nofs tagħhom kollha, fiċ-ċentru tiegħu, hemm l-għamara ewlenija li hija dik li fiha jseħħu l-ħwejjeġ l-aktar sigrieti bejn Alla u r-ruħ.

Jeħtieġ li taħsbu sewwa fuq din it-tixbiha. Forsi Alla jrid li ninqeda biha sabiex inkun nista' nfissrilkom xi ħaġa mill-grazzji li jogħġbu jagħti lill-erwieħ, u fiex grazzja mhix bħal l-oħra, għallanqas safejn nista' nasal biex nifhem dawn il-ħwejjeġ. Għax ħadd ma jista' jasal biex jifhimhom kollha, minħabba li hemm grazzji ta' kull xorta; aħseb u ara kemm tista' tifhimhom waħda msejkna bħalma jiena jien. Meta l-Mulej jagħtikom minnhom, għandkom titfarrġu bosta li taraw li jistgħu jingħataw grazzji hekk kbar; u min ma jingħatawlux, ikollu l-okkażjoni li jfaħħar 'l Alla għall-kobor ta' tjubitu. Iva, dan għandu jkun hekk għax, hekk kif ma jġibilna ebda ħsara li noqogħdu naħsbu fuq il-ħwejjeġ tas-sema u fuq dak li dawk li qegħdin fis-sema jithennew bih — imma nifirħu magħhom u naħdmu biex aħna wkoll niksbu l-hena tagħhom — hekk ukoll ma jagħmlilna ebda ħsara li naraw kif ukoll f'dan l-eżilju jista' jiġri li Alla jikkomunika lilu nnifsu b'dan il-mod lil dud hekk mimli ntiena. U meta nifhmu dan, inħobbu tjubija hekk kbira u ħniena hekk bla qies. Jiena żgura li min jara xi ħsara meta jagħraf li Alla jista' jagħti grazzja bħal din f'dan l-eżilju, ikun nieqes ħafna mill-umiltà u mill-imħabba tal-proxxmu. Jekk le, kif jista' jkun li ma nifirħux bosta meta Alla jagħti dawn il-grazzji lil wieħed jew waħda minn ħutna, meta nafu li dan mhux sejjer ifixklu li jagħtihom lilna wkoll? Il-Maestà Tiegħu jista' jagħti li jifhem xi ħaġa mill-għeġubijiet tiegħu lil min irid Hu. Xi drabi jagħmel dan biss biex juri l-kobor tiegħu, bħalma qal għal dak ir-raġel għama li tah id-dawl meta l-Appostli tiegħu staqsewh jekk kienx għama għax dineb hu stess jew għax dinbu l-ġenituri tiegħu *(Ġw 9,2-3)*. Mela, Alla ma jagħtix dawn il-grazzji lil xi bnedmin għax ikunu aktar qaddisin minn dawk

li ma jirċevuhomx, iżda biex jingħaraf il-kobor tiegħu, bħalma naraw f'San Pawl u fil-Madalena; u biex aħna ngħolluh u nfaħħruh fil-ħlejjaq tiegħu.

4. Wieħed jista' jgħid li jidher li dawn il-ħwejjeġ ma jistgħux iseħħu, u li huwa sewwa li ma nagħtux xi skandlu bihom lil min huwa dgħajjef.
Fil-fehma tiegħi, inqas jintilef meta nħallu lil min huwa dgħajjef ma jemminx fihom, milli meta nqiegħdu f'riskju l-ġid ta' dawk li Alla jogħġbu jagħtihomlhom. Għax dawn jimtlew bl-hena u jfittxu li jkun aktar maħbub Dak li jqassam tjubijietu b'dan il-mod, u li huwa hekk kbir fis-setgħa u l-maestà tiegħu. Wara kollox, naf li qiegħda nitkellem ma' dawk li għalihom m'hemmx dan il-periklu, għax jafu u jemmnu li Alla juri mħabbtu b'modi wisq aktar għolja. Jiena naf li min ma jemminx f'dan, ma jkollu ebda esperjenza ta' dawn il-grazzji, għax Alla mhux ħabib ta' min iqiegħed limiti għal għemilu. Għalhekk, ħuti, dawk fostkom li l-Mulej ma jmexxihomx minn din it-triq, qatt ma għandhom inaqqsu f'moħħhom il-kobor ta' Alla.

5. Waqt li nerġgħu naħsbu fil-kastell tagħna mimli ġmiel u għaxqa, jeħtieġ naraw kif nistgħu nidħlu fih.
Jidher li qiegħda ngħid xi ħrafa, għax ladarba l-kastell huwa r-ruħ stess, hija ħaġa l-aktar ċara li m'hemmx għalfejn nidħlu fih, għax il-bniedem huwa wieħed kollu kemm hu. Kemm tkun ħaġa taċ-ċajt li ngħidu lil xi ħadd jidħol f'kamra li jkun diġà qiegħed fiha! Iżda jeħtieġ tifhmu li hemm mod u mod kif tkun f'xi post. Ħafna erwieħ jibqgħu fid-dawra ta' barra tal-kastell, jiġifieri hemm fejn ikun hemm l-għassiesa ta' barra, bla ma jħabblu rashom li jidħlu ġewwa, għalkemm ma jafux x'hemm f'dak il-post hekk kbir u sabiħ, min jgħammar fih jew għallanqas kemm fih kmamar. Naħseb li diġà qrajtu f'xi kotba fuq it-talb kif ir-ruħ għandha tfittex li tidħol fiha nfisha; u dan huwa li rrid ngħid hawn.

6. Ftit ilu, wieħed għaref f'dawn il-ħwejjeġ qalli li l-erwieħ li ma jitħarrġux fit-talb huma bħal ġisem bil-paraliżi jew immankat, hekk li, ukoll jekk għandhom l-idejn u r-riġlejn, ma jistgħux jużawhom kif iridu. Tassew li huwa hekk, għax hemm erwieħ li huma hekk morda u hekk mgħaddsa fi ħwejjeġ barra minnhom, illi m'hemmx rimedju għalihom u ma jidhirx li jistgħu jidħlu fihom infushom. Issa laħqu hekk draw jitħalltu dejjem mar-rettili u l-annimali l-oħra li hemm jitkaxkru fid-dawra ta' barra tal-kastell, illi kważi saru bħalhom. Għalkemm min-natura tagħhom huma hekk għonja u għandhom is-setgħa li jitkellmu xejn inqas milli ma' Alla nnifsu *(Fil 3,20)*, m'hemm xejn li jista' jiswielhom ta' rimedju. Sakemm dawn l-erwieħ ma jfittxux li hawn jagħarfu l-qagħda kerha tagħhom u jaraw x'jagħmlu biex jintrefgħu minnha, jaslu biex jinbidlu fi statwi tal-melħ minħabba li ma jridux idawru ħarsithom fuqhom infushom, bħalma nbidlet il-mara ta' Lot meta ħarset lura *(Ġen 19,26)*.

7. Safejn nista' nifhem jien, il-bieb biex wieħed jidħol minnu f'dan il-kastell huwa t-talb u l-meditazzjoni. Mhux qiegħda nifhem l-orazzjoni mentali aktar milli t-talb vokali, għax ladarba t-talb bil-fomm huwa talb ukoll, dejjem jeħtieġ li jkun hemm miegħu l-ħidma tal-moħħ. Għax min ma jkunx jaf ma' min ikun qiegħed jitkellem, x'ikun qiegħed jitlob, min huwa hu li qiegħed jitlob u lil min qiegħed jitlob, ma nqisux qiegħed jitlob, ukoll jekk iċaqlaq xofftejh il-ħin kollu. Xi drabi wieħed jista' jkun qiegħed jitlob ukoll meta ma joqgħodx jaħseb f'dan kollu, iżda dan jiġri biss minħabba li jkun ħaseb fuq hekk drabi oħra. B'danakollu, min għandu d-drawwa li jitkellem mal-maestà ta' Alla bħallikieku qiegħed jitkellem ma' xi lsir, bla ma jagħti kas kif ikun qiegħed ikellmu, għax jgħid dak kollu li jiġih f'moħħu u dak kollu li dara jgħid drabi oħra, fil-fehma tiegħi ma jkunx qiegħed jitlob. Ikun jogħġob lil Alla li ebda Nisrani ma jitlob b'dan il-mod. Nittama fil-Maestà Tiegħu li intom, ħuti, żgur li ma tagħmlux dan, għax id-drawwa li għandkom li tkunu dejjem moħħkom fil-ħwejjeġ interjuri tgħinkom bosta biex ma taqgħux f'dan il-mod baxx tal-annimali.

8. Mela, ma nitkellmux ma' dawn l-erwieħ immankati li, jekk ma jiġix il-Mulej innifsu jordnalhom jintrefgħu mill-qagħda tagħhom – bħalma għamel ma' dak il-paralitku li kien ilu joqgħod maġenb il-menqgħa għal tletin sena *(Ġw 5,5)* – għandhom xorti tassew ħażina u jinsabu f'periklu kbir. Ħa nitkellmu ma' dawk l-erwieħ l-oħra li jaslu biex jidħlu fil-kastell. Għalkemm huma mgħaddsa fil-ħwejjeġ tad-dinja, b'danakollu għandhom xewqat tajba, hekk li xi drabi, ukoll jekk mhux sikwit, iħallu lilhom infushom fil-ħsieb tal-Mulej għax jagħarfu l-qagħda tagħhom. Dawn jitolbu wkoll xi darba fix-xahar, għalkemm dejjem b'ħafna ħsibijiet oħra f'rashom u b'moħħhom imxerred fuq il-ħwejjeġ ta' din id-dinja, għax tassew li huma marbutin magħhom, u fejn hemm it-teżor, hemm tinsab il-qalb ukoll *(Mt 6,21)*. Iżda, għallanqas, xi drabi jfittxu li jeħilsu minn dan kollu, bl-għajnuna l-aktar siewja tal-għarfien tagħhom infushom meta jaraw li mhux mexjin sewwa biex jidħlu minn dan il-bieb. Fl-aħħar jaslu biex jidħlu fl-ewwel kmamar t'isfel, iżda għadd hekk kbir ta' annimali jidħlu magħhom minn barra, illi minħabba fihom la jkunu jistgħu jaraw is-sbuħija tal-kastell u lanqas jistrieħu xi ftit. Diġà għamlu ħafna li daħlu mill-bieb.

9. Lilkom, uliedi, dan kollu forsi jidhrilkom li m'għandu x'jaqsam xejn ma' dak li rrid ngħidilkom, għax għall-ħniena ta' Alla m'intomx minn dawn. Imma stabru ftit bija, għax ma nafx mod ieħor kif nista' nfissrilkom xi ħwejjeġ interjuri tal-orazzjoni kif fhimthom jien. Ikun jogħġob lil Alla li għallanqas nasal biex ngħidilkom xi ħaġa dwar dawn il-ħwejjeġ, għax mhix ħaġa ħafifa li nfehemkom dak li nixtieq ngħidilkom, jekk intom infuskom ma tkunux għaddejtu minnu. Iżda jekk tkunu ġarrabtu dan, malajr tifhmu li wieħed ma jistax ma jmissx dawn il-ħwejjeġ; ikun jogħġob lil Alla, fil-ħniena tiegħu, li qatt ma jolqtu lilna.

# *KAPITLU 2*

*Tqiegħed f'dawl ċar il-kruha tar-ruħ li tkun fid-dnub il-mejjet, u tgħid kif Alla ried jagħti ħjiel ta' din il-kruha lil waħda li kienet taf. Tniżżel xi ħsibijiet fuq l-għarfien tagħna nfusna. Dan huwa kapitlu ta' siwi għax fih ħwejjeġ ta' min jagħti kashom sewwa. Tfisser kif għandna nifhmu dawn l-għamajjar.*

1. Qabel ma nissokta dan li qiegħda ngħid, nixtieq inħeġġiġkom taħsbu x'isir minn dan il-kastell hekk mimli dawl u ġmiel, din il-ħaġra prezzjuża tal-orjent, din is-siġra tal-ħajja mħawla fl-istess ilmijiet ta' għajn il-ħajja li huwa Alla, meta r-ruħ taqa' fld-dnub il-mejjet *(Apk 21,2-10; Mt 13,45; Ġen 3,22; S 1,3)*. M'hemmx dlamijiet aktar sewdiena, lanqas dlam aktar sfiq u oħxon minn dan. Biżżejjed tkunu tafu li għalkemm ix-Xemx stess li tat lir-ruħ dawl hekk qawwi u sbuħija hekk kbira għadha hemm fiċ-ċentru tagħha, qisha m'għadhiex hemm biex tagħtiha sehem mill-ħajja tagħha, ukoll jekk ir-ruħ jibqgħalha l-ħila tgawdi mill-Maestà Tiegħu nnifsu bħalma l-kristall dejjem jirrifletti fih id-dawl tax-xemx. Xejn ma jiswielha aktar lil din ir-ruħ; jiġrilha li sakemm tibqa' fid-dnub il-mejjet, l-għemil tajjeb li tasal biex twettaq ma jġibilha ebda frott biex tikseb xi glorja. Għax minħabba li dan l-għemil tagħha ma jkunx ġej minn Alla, li huwa l-bidu ta' kull ħaġa tajba u li bis-saħħa tiegħu biss kull virtù tagħna hija tassew virtù, imma huwa għemil li jħalliha 'l bogħod minnu, ma jistax jogħġob lil għajnejn Alla. Fl-aħħar mill-aħħar, il-fehma ta' min jagħmel dnub mejjet hija li jogħġob lid-demonju li huwa l-istess dlam, u mhux li jogħġob lil Alla; għalhekk ir-ruħ imsejkna ssir dlam waħedha hija wkoll.

2. Naf waħda li l-Mulej ried juriha kif tkun ir-ruħ meta taqa' fid-dnub il-mejjet. Din il-bniedma tistqarr li, fil-fehma tagħha, kieku l-bnedmin jaslu biex jifhmu din il-qagħda kerha tar-ruħ, żgur li ħadd ma jkun jista' jasal biex jidneb, ukoll jekk ikollu jitqiegħed fl-akbar tbatijiet li fihom nistgħu naħsbu biex jaħrab kull okkażjoni ta' dnub. Għalhekk xtaqet tabilħaqq minn qalbha li kulħadd jifhem dan. Li kontu intom ukoll, uliedi, titħeġġu biex titolbu bil-ħniena lil Alla għal dawk kollha li jinsabu f'din il-qagħda u saru dlam ċappa huma wkoll, kif ukoll l-għemil kollu tagħhom. Għax hekk kif in-nixxigħat li joħorġu minn għajn safja huma ċari daqs il-kristall huma wkoll, jiġri li l-għemil tar-ruħ fil-grazzja jogħġob lil għajnejn Alla u l-bnedmin, għax ikun ġej minn dik l-għajn tal-ħajja li fiha r-ruħ tefgħet għeruqha bħallikieku kienet siġra mħawla fiha *(S 1,3)*. Ma kien ikollha ebda ħajja u frott li kieku ma kienx hemm din l-għajn li tgħajjixha, ma tħallihiex tinxef, u kull darba tagħtiha l-qawwa li tkabbar frott bnin. Bil-maqlub ta' dan, ir-ruħ li ħtija tagħha tħalli din l-għajn biex tħawwel lilha nfisha hemm fejn l-ilma huwa iswed u kollu ntiena, dak kollu li joħroġ minnha mhux ħlief miżerja u ħmieġ ukoll.

3. Jeħtieġ niftakru hawn li l-Għajn, jew dik ix-Xemx kollha dija, li tinsab fiċ-ċentru tar-ruħ, ma titlifx is-sbuħija u d-dawl qawwi tagħha li hija dejjem imfawra bihom, għax xejn minn ġmielha ma jista' jitteħdilha. Iżda meta fuq kristall li jkun fix-xemx titqiegħed biċċa pannu sewda ħafna, hija ħaġa ċara li, ukoll jekk ix-xemx tibqa' tiddi, xorta waħda d-dawl qawwi li titfa' fuq il-kristall jibqa' bla effett.

4. O, erwieħ mifdija mid-demm ta' Ġesù Kristu! Ifhmu u tħassru lilkom infuskom! Kif jista' jkun li meta tifhmu dan, ma tarawx kif tneħħu ż-żift li jsewwed il-kristall tagħkom? Ftakru li jekk ħajjitkom tintemm issa, qatt aktar ma terġgħu tithennew b'dan id-dawl. O Ġesù, kemm hija ħaġa kerha li tara xi ruħ mifruda minn dan id-dawl! F'liema qagħda kerha jinsabu l-appartamenti msejkna tal-kastell! U kemm jibqgħu mħawda s-sensi li jgħammru fihom! U f'liema għama u tmexxija ħażina jaqgħu l-fakultajiet tar-ruħ, li huma l-għassiesa u dawk li jieħdu ħsieb il-qaddejja l-oħra u t-tmexxija tal-palazz! Fl-aħħar mill-aħħar, ladarba s-siġra hija mħawla f'art id-demonju, xi frott ieħor tista' tagħti?

5. Darba smajt bniedem spiritwali jistqarr li jistagħġeb l-aktar mhux b'dak li jasal biex jagħmel min ikun fid-dnub il-mejjet, iżda b'dak li ma jagħmilx. Li kien Alla, fil-ħniena tiegħu, jeħlisna minn ħażen hekk kbir, għax f'ħajjitna kollha hawn fuq l-art m'hemm xejn li jistħoqqlu l-isem ta' ħażen daqs dan li jġib miegħu ħsarat dejjiema u bla tmiem. Minn dan fuq kollox, uliedi, għandna nibżgħu fil-mixi tagħna, waqt li fit-talb tagħna nitolbu bil-ħerqa lil Alla jeħlisna minnu. Għax jekk Hu ma jħarisx il-belt, għalxejn nitħabtu aħna *(S 126,1)*, ladarba aħna l-frugħa fiha nfisha.

Barra minn hekk, dik li semmejt qalet ukoll li mill-grazzji li taha Alla ħadet żewġ ħwejjeġ. L-ewwel waħda, biża' l-aktar kbir li toffendi lil Alla, hekk li minħabba li għarfet sewwa dawn il-ħsarat hekk kbar, ma waqfitx titlob bil-ħerqa lil Alla biex ma jħallihiex taqa' fid-dnub. It-tieni ħaġa, mera għall-umiltà, li fih setgħet tara kif ebda għemil tajjeb tagħna m'għandu l-bidu tiegħu

fina nfusna, imma f'dik l-Għajn li fiha hija mħawla s-siġra ta' ruħna, u minn dik ix-Xemx li bis-sħana tagħha tagħti qawwa lill-għemil tagħna. U tgħid li dan tqiegħed b'mod hekk ċar quddiemha, illi xħin kienet twettaq, jew tara titwettaq, xi ħaġa tajba, mill-ewwel kienet tmur bi ħsiebha fl-għajn tal-bidu tagħha, u tifhem li mingħajr din l-għajnuna, aħna ma nistgħu nagħmlu xejn. Għalhekk, kienet tibda minnufih tfaħħar lil Alla, u ħadet id-drawwa li tinsa lilha nflsha kull xħin twettaq xi għemil tajjeb.

6. Il-ħin li tieħdu biex taqraw dan, ħuti, u ż-żmien li naħli biex niktbu, ma jkunx mitluf jekk inżommu dejjem quddiem għajnejna dawn iż-żewġ ħwejjeġ. L-għorrief u dawk li jifhmu f'dawn il-ħwejjeġ jafuhom sewwa, iżda aħna n-nisa ma nifhmuhomx malajr u jeħtieġ li jgħallmuna kollox. Forsi huwa għalhekk li l-Mulej irid li nsiru nafu b'dawn it-tixbihat. Ikun jogħġbu, fi tjubitu, li jagħtina l-grazzja li nieħdu l-ġid minnhom.

7. Dawn il-ħwejjeġ interjuri huma hekk tqal biex nifhmuhom illi waħda bħali, li għandha ftit tagħlim, bilfors ikollha tgħid ħafna kliem żejjed u xi ħmerija biex tasal ħalli tgħid xi ħaġa tajba. Huwa meħtieġ li min jaqra dan ikollu ftit sabar, għax jiena nnifsi rrid nistabar biex nikteb fuq dak li ma nafx, għax tassew li xi drabi naqbad biex nikteb bħal waħda belha, bla ma naf x'sejra ngħid u lanqas kif se nibda ngħidu. Iżda nifhem li huwa ta' siwi għalikom li nfissrilkom mill-aħjar li nista' xi ħwejjeġ dwar il-ħajja interjuri, għax nisimgħu bla heda kemm it-talb huwa ħaġa tajba, u kif mill-Kostituzzjonijiet tagħna għandna ngħaddu sigħat sħaħ fit-talb kuljum. Iżda aktar jingħad dwar x'għandna nagħmlu aħna waqt it-talb milli jitfissru l-għeġubijiet tal-Mulej fir-ruħ – irrid nifhem dak li huwa sopranaturali. Li nitkellmu fuqhom u nfittxu li nuruhom b'ħafna modi biex nifhmuhom aħjar, żgur li jkunilna ta' faraġ kbir. Għax dan il-bini tas-sema li jinsab fina huwa hekk ftit mifhum mill-bnedmin, ukoll jekk ħafna huma dawk li jgħaddu minnu. U għalkemm il-Mulej tani li nifhem xi ħaġa f'ħafna ħwejjeġ li ktibt dwarhom, nagħraf li hemm ħwejjeġ oħra li ma kontx fhimthom bħalma qiegħda nifhimhom illum, l-aktar xi ħwejjeġ li huma tassew aktar ibsin biex nifhmu. Il-gwaj huwa li biex nasal għalihom, kif diġà għedt, ikolli ntenni ħafna ħwejjeġ li huma magħrufa sewwa; minħabba l-moħħ goff li għandi, ma nistax nagħmel mod ieħor.

8. Issa, ejjew immorru lura lejn il-kastell tagħna bil-ħafna għamajjar li fih. Ma għandkomx taħsbu f'dawn l-għamajjar bħallikieku qegħdin wara xulxin f'ringiela, iżda waħħlu għajnejkom fuq iċ-ċentru li huwa l-kamra jew il-palazz fejn joqgħod is-sultan. Aħsbu fil-kastell bħallikieku kien *palmito*, dik il-pjanta li għandha ħafna weraq bħal qxur imdawwar mal-qalba tagħha ta' togħma tajba, u wieħed irid ineħħi l-weraq kollu biex ikun jista' jiekol il-qalba. Hekk ukoll hawn; għax madwar din il-kamra tan-nofs hemm ħafna kmamar oħra, saħansitra fuqha wkoll. Għalhekk, il-ħwejjeġ tar-ruħ għandna dejjem inqisuhom kotrana, wesgħin u miftuħa bosta, bla ma nibżgħu li qegħdin naraw kbir wisq. Ir-ruħ għandha ħila fiha wisq aktar milli qatt nistgħu naħsbu aħna, u x-Xemx li tinsab f'dan il-palazz tikkomunika lilha nfisha lil kull naħa tagħha. Għal kull ruħ li titħarreġ fl-orazzjoni, sew jekk fil-ftit sew jekk fil-ħafna, huwa meħtieġ li ma tintefax f'xi rokna u tingħalaq waħedha f'post wieħed. Ħa titħalla timraħ f'dawn l-għamajjar kollha li jinsabu fuq, taħt jew fil-ġnub, ladarba Alla taha dinjità hekk kbira. Ħadd ma għandu jġegħelha tibqa' għal żmien twil fl-istess kamra. Uff! jekk tieqaf fl-għarfien tagħha nfisha! Meħtieġ huwa dan l-għarfien u araw li tifhmuni sewwa – ukoll għal dawk li l-Mulej daħħal fl-istess għamara fejn jinsab Hu. Għax, imxiet kemm tkun imxiet 'il quddiem, ir-ruħ tibqa' dejjem teħtieġ l-għarfien tagħha nfisha; xejn aktar ma tista' tfittex, ukoll jekk tkun tixtieq. L-umiltà taħdem dejjem, bħan-naħla li tagħmel l-għasel fid-duqqajs. Mingħajr dan, kollox jintilef. Iżda rridu niftakru li n-naħla toħroġ ittir ukoll biex tiġbor in-nektar mill-fjuri. Hekk ukoll ir-ruħ fl-għarfien tagħha nfisha; ħa temminni u ttir xi drabi biex taħseb sewwa fuq il-kobor u l-maestà ta' Alla tagħha. B'hekk tagħraf iċ-ċokon tagħha aħjar milli meta toqgħod taħseb fuqha nfisha, u tkun aktar ħielsa minn dawk l-annimali li jitkaxkru li jilħqu jidħlu fl-ewwel kmamar, jiġifieri f'dawk tal-għarfien tagħha nfisha. Għax ukoll jekk, kif qiegħda ngħid, huwa bis-saħħa tal-ħniena kbira ta' Alla li r-ruħ tissokta titħarreġ f'dan l-għarfien, iż-żejjed bħan-nieqes, kif ngħidu. U emmnuni: nimxu aktar 'il quddiem fil-virtù bl-għajnuna tal-qawwa ta' Alla milli meta nibqgħu marbutin mat-tajn tal-art li aħna aħna *(Fil 4,13)*.

9. Ma nafx jekk fissirtx ruħi sewwa. Għax hija ħaġa hekk siewja li nagħarfu lilna nfusna, illi ma rridkom tillaxkaw qatt fiha, tkunu għolejtu kemm għolejtu sas-smewwiet. U dan minħabba li sakemm għadna fuq din l-art, m'hemm xejn li jista' jiswielna aktar mill-umiltà. Għalhekk, intenni li hija ħaġa tajba, anzi tajba ħafna, li nidħlu l-ewwel fl-appartament fejn nagħarfu lilna nfusna, qabel ma ntiru lejn l-għamajjar l-oħra. Din hija t-triq it-tajba; u ladarba nistgħu ngħaddu minn triq żgura u watja, għax irridu l-ġwienaħ biex intiru? Ħa naraw kif nistgħu

nimxu aktar 'il quddiem f'din it-triq. Fil-fehma tiegħi, qatt ma naslu biex nagħarfu lilna nfusna jekk ma nagħarfux lil Alla. Meta nitfgħu ħarsitna fuq il-kobor tiegħu, naslu għaċ-ċokon tagħna; meta nħarsu lejn is-safa tiegħu, naraw il-ħmieġ tagħna; meta naħsbu fuq l-umiltà tiegħu, nifhmu kemm għadna 'l bogħod milli nkunu umli.

10. F'dan hemm żewġ vantaġġi. L-ewwel, hija ħaġa minn ewl id-dinja li ħaġa bajda tidher aktar bajda meta titqiegħed ħdejn xi ħaġa sewda, u bil-maqlub, ħaġa sewda tidher aktar sewda ħdejn ħaġa bajda. It-tieni, l-intelliġenza u r-rieda tagħna jistagħnu ħafna u jinfetħu għal kull ħaġa tajba, jekk iduru daqqa fuqhom infushom u daqqa fuq Alla. Żgur li għal ħafna raġunijiet ma jaqblilniex li ma nintrefgħu qatt mill-ħama tal-miżerji tagħna. Għedna kemm huma suwed u kemm jintnu n-nixxigħat ta' dawk li qegħdin fid-dnub il-mejjet. Hekk ukoll hawn, għalkemm dawn l-erwieħ mhumiex bħal dawk — Alla jeħlisna! — għax qegħdin biss noħorġu xebħ. Jekk nibqgħu dejjem mgħaddsa fil-miżerja tal-art tagħna, in-nixxiegħa qatt ma toħroġ ħielsa mill-ħafna biża', ġjufija u nuqqas ta' ħila tagħna. Inkun moħħi biex nara jekk humiex iħarsu lejja jew le: irrid inkun naf jekk immurx ħażin jekk naqbad din it-triq; nistaqsi lili nnifsi jekk għandix nażżarda nibda xi biċċa xogħol u jekk dan ikunx nuqqas ta' umiltà; irrid nara hux tajjeb li waħda msejkna bħali titħarreġ f'ħaġa hekk għolja bħalma hi l-orazzjoni; nibda naħseb iżommunix aktar fl-għoli jekk ma nimxix bħall-oħrajn kollha. Nasal biex ngħid li qatt mhu tajjeb tasal fl-estrem, lanqas fil-virtù; li ladarba jiena midinba hekk kbira, nista' naqa' aktar mill-għoli; li forsi ma nasalx biex nimxi aktar 'il quddiem, u b'hekk nagħmel ħsara lit-twajbin; u fl-aħħar, li waħda bħali żgur li ma teħtieġx ħwejjeġ speċjali.

11. O, jgħinni Alla! Kemm erwieħ, uliedi, mar iwassal għat-telfien b'dan il-mod id-demonju! Għax dawn jidhrilhom li dan kollu, u ħafna ħwejjeġ oħra li nista' nsemmi, hija umiltà; iżda dan huwa ġej min-nuqqas tal-għarfien tagħna nfusna. Ngħawġu dan l-għarfien; u jekk qatt ma nintrefgħu minna nfusna, ma nistagħġibx li nistgħu nibżgħu minn dan kollu, u minn ħwejjeġ agħar ukoll. Għalhekk ngħid, uliedi, li għandna nqiegħdu għajnejna fuq Kristu, il-Ġid tagħna, li minnu nitgħallmu l-umiltà vera, kif ukoll fuq il-qaddisin tiegħu. U jiġri li, kif għedt qabel, l-intelliġenza tagħna tistagħna u l-għarfien tagħna nfusna ma jibqax jitkaxkar fil-baxx, kollu beżgħan. Għalkemm din hija l-ewwel għamara, hija għanja ħafna, u hija hekk prezzjuża illi jekk ir-ruħ teħles mill-annimali li hemm jitkaxkru fiha, xejn ma għandu jżommha milli tibqa' miexja 'l quddiem. Tat-twerwir huwa l-qerq fin-nasbiet li juża d-demonju sabiex l-erwieħ ma jaslux biex jagħarfu lilhom infushom u ma jifhmux liema hija l-aħjar triq għalihom.

12. Nista' nagħti tagħrif siewi dwar in-nasbiet li juża d-demonju f'dawn l-ewwel għamajjar, għax ġarrabthom jien. Intenni, mela, li m'għandkomx taħsbu li dawn il-kmamar huma ftit; hemm miljuni minnhom. Għax l-erwieħ jidħlu hawn b'ħafna modi, kollha b'fehma tajba. Iżda minħabba li d-demonju dejjem għandu fehma ħażina, f'kull kamra jqiegħed ħafna leġjuni ta' demonji biex jissieltu mal-erwieħ meta dawn ifittxu li jgħaddu minn kamra għall-oħra. U billi l-erwieħ imsejkna ma jintebħux b'dan, jasal biex jidħak bihom b'kull xorta ta' qerq. Iżda ma jistax wisq ma' dawk li laħqu mxew 'il quddiem u waslu qrib l-għamara tas-sultan. Imma fl-ewwel għamajjar l-erwieħ ikunu għadhom moħħhom fid-dinja u mgħaddsa fil-gosti u l-frugħat tagħha, fl-unur u fil-ġieħ tagħhom infushom, minħabba li l-vassalli tagħhom (li huma s-sensi u l-fakultajiet) ma għadx għandhom il-qawwa li Alla ta lin-natura tal-bniedem fil-bidu. Dawn l-erwieħ jiġu mirbuħa bil-ħeffa, ukoll jekk ikollhom fihom ix-xewqa li ma joffendux lil Alla, u wkoll jekk iwettqu għemil tajjeb. Dawk li jaraw li jinsabu f'din il-qagħda jeħtieġ li jersqu sikwit u bl-akbar ħeġġa, mill-aħjar li jistgħu, lejn il-Maestà Tiegħu, u jieħdu b'avukati tagħhom lill-imbierka Omm Alla u l-Qaddisin tiegħu biex jiġġieldu għalihom, għax il-qaddejja tagħhom ftit fadlilhom saħħa biex jiddefendu lilhom infushom. Fis-sewwa kollu, il-qawwa tagħna f'kull qagħda tar-ruħ jeħtieġ li tiġina mingħand Alla. Ħa jagħtihielna l-Maestà Tiegħu fil-ħniena tiegħu, ammen!

13. Kemm hija fqira u mimlija niket ħajjitna fuq l-art! Billi band'oħra diġà għedt ħafna fuq il-ħsara li tiġina min-nuqqas ta' umiltà u tal-għarfien tagħna nfusna, ma jiena sejra ngħidilkom xejn aktar hawn, ħuti, ukoll jekk dan l-għarfien tagħna nfusna huwa l-aktar li jgħodd fil-mixi tagħna 'l quddiem. Ikun jogħġob lill-Mulej li wasalt biex ngħid xi ħaġa li hija ta' siwi għalikom.

14. Għandkom iżżommu quddiem għajnejkom hawn li d-dawl li joħroġ mill-palazz fejn jgħammar is-Sultan bilkemm jasal f'dawn l-ewwel għamajjar. Ukoll jekk mhumiex skuri u suwed bħal meta r-ruħ tkun fid-dnub il-mejjet, b'xi mod huma mdallma, hekk li r-ruħ li tinsab fihom ma tistax tasal biex tara d-dawl. Dan ma jkunx hekk ħtija tal-kamra — ma nafx kif infisser ruħi sewwa — iżda minħabba l-ħafna ħwejjeġ ħżiena bħal sriep, lifgħat, u annimali oħra li jidħlu fil-kamra flimkien mar-ruħ u ma jħalluhiex tintebaħ bid-dawl. Qisu wieħed li jidħol

f'post fejn hemm ħafna xemx, imma għandu għajnejh mimlija tajn hekk li bilkemm jista' jiftaħhom. Il-kamra hija mdawla biżżejjed, imma hu ma jistax jithenna bid-dawl li fiha minħabba li huwa mxekkel minn ħafna ħwejjeġ bħal dawn l-annimali u bhejjem li jġegħeluh jagħlaq għajnejh għal kull ħaġ'oħra barra minnhom. Jidhirli li din hija l-qagħda ta' dik ir-ruħ li, għalkemm ma tkunx f'qagħda ħażina għalkollox, hija hekk mitlufa fil-ħwejjeġ tad-dinja u mgħaddsa fi ħwejjiġha u ġieħha, jew f'dak li tista' tikseb għaliha, kif diġà għedt, illi dawn il-ħwejjeġ ma jħalluhiex tara u tithenna bis-sbuħija tagħha, ukoll jekk fil-qiegħ ta' qalbha tixtieq kieku teħles minn xkiel hekk kbir.

B'danakollu, kull min ikun irid jidħol fit-tieni għamajjar, ikun jaqbillu ħafna li jfittex li jeħles mill-ħafna ħsibijiet u ħwejjeġ mhux meħtieġa, kull wieħed skont l-istat tiegħu. Din il-ħaġa hija hekk meħtieġa biex wieħed jasal sal-għamara ewlenija, illi jekk ma jibdiex jagħmel dan, nara li qatt ma jista' jasal. Mhux biss, imma lanqas ikun jista' jibqa' mingħajr periklu fejn diġà wasal, ukoll jekk daħal fil-kastell, għax fost dawk il-ħafna annimali velenużi, ma jistax ikun li xi darba jew oħra ma jiġix migdum minnhom.

15. Mela, xi jkun qatt, uliedi, jekk dawk li diġà huma ħielsa minn dan it-tfixkil kollu, bħalma aħna aħna, hekk li daħlu ħafna aktar 'il ġewwa fil-kastell f'għamajjar sigrieti oħra tiegħu, ikollhom jerġgħu lura ħtija tagħhom u joħorġu f'dik il-ħamba u ġeġwiġija kollha? Huwa minħabba dnubietna li ħafna bnedmin li Alla tahom il-grazzji tiegħu jaslu mbagħad biex, ħtija tagħhom, jerġgħu jaqgħu f'din il-miżerja. Hawn ninsabu ħielsa mill-ħwejjeġ ta' fuq barra; minn dawk interjuri, ħa jkun jogħġob 'il-Mulej li nkunu ħielsa wkoll, u li jeħlisna Hu. Oqogħdu b'għajnejkom miftuħa, uliedi, biex ma titħassbux fuq ħwejjeġ barra minnkom. Ftakru dejjem li ftit biss huma l-għamajjar ta' dan il-kastell li fihom id-demonju ma jitqabadx magħkom. Huwa minnu li f'xi wħud minnhom l-għassiesa — li mingħalija diġà għedt li huma l-fakultajiet — għandhom qawwa biżżejjed biex jissieltu miegħu; iżda għandna noqogħdu b'għajnejna miftuħa biex ngħassu sewwa għan-nasbiet tiegħu, li ma jmurx iqarraq bina, meta jidher quddiemna bħal xi anġlu ta' dawl *(2Kor 11,14).* Għax għandu mezzi bla għadd biex jagħmlilna ħsara bihom; jidħol bil-mod il-mod, hekk li ma nintebħux bih qabel ma jkun diġà għamlilna ħsara.

16. Diġà għedtilkom drabi oħra li d-demonju jaħdem bħal lima li ma tagħmilx ħsejjes, u jeħtieġ li nagħarfuh mill-bidu. Hawn irrid ngħid xi ħaġ'oħra biex nagħmilhielkom eħfef li tifhmuni.

Id-demonju jnissel f'xi soru tqanqil qawwi għall-penitenza, hekk li din tibda taħseb li ma tistax issib mistrieħ ħlief meta tittortura lilha nfisha. Dan huwa tajjeb fih innifsu; iżda jekk il-prijura ordnat li ma għandha ssir ebda penitenza mingħajr il-permess tagħha, u b'danakollu s-soru jidhrilha li f'ħaġa hekk tajba tista' tażżarda tibqa' miexja fi triqtha u tfassal ħajjitha waħedha b'mod li fl-aħħar tasal biex tħassar saħħitha u ma tkunx tista' tagħmel dak li r-Regola titlob minnha, malajr taraw intom infuskom fejn wassal dak li deher li huwa tajjeb.

F'soru oħra jnissel ħeġġa l-aktar kbira għall-perfezzjoni. Żelu bħal dan huwa tajjeb ħafna; iżda jista' jiġri li minħabba f'hekk tibda taħseb li kull nuqqas żgħir ta' sħabha s-sorijiet huwa xi ksur kbir tal-liġi, hekk li toqgħod għassa biex tara jaqgħux f'xi ħaġa ħalli tmur tgħid b'kollox lill-prijura. Xi drabi jista' wkoll jiġri li lanqas tara n-nuqqasijiet tagħha minħabba l-ħeġġa kbira li jkollha għall-perfezzjoni tal-ħajja reliġjuża. U billi s-sorijiet l-oħra ma jifhmux dak li tkun qiegħda tħoss minn ġewwa, imma jaraw biss it-tħassib tagħha, jistgħu ma jeħduhiex tajjeb wisq.

17. Dak li d-demonju jrid jasal għalih hawn mhix ħaġa żgħira, għax irid iberred il-karità u l-imħabba li s-sorijiet għandu jkollhom għal xulxin. U dan iġib miegħu ħsara kbira. Ħa nifhmu sewwa, uliedi, li l-perfezzjoni vera tinsab fl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu; u aktar ma nħarsu bil-perfezzjoni dawn il-kmandamenti, aktar inkunu perfetti. Ir-Regola kollha tagħna u l-Kostituzzjonijiet mhuma xejn aktar ħlief mezzi biex inħarsu dan b'perfezzjoni akbar. Ħa nwarrbu kull tqanqil ta' ħeġġa mhux f'waqtha, għax dan jista' jkunilna ta' ħsara kbira. Kull waħda minna ħa tħares lejha nfisha. Billi band'oħra diġà għedt ħafna dwar dan kollu, mhux se ntawwal aktar fuq hekk.

18. Din l-imħabba ta' bejnietna hija hekk meħtieġa illi rrid li ma ninsewha qatt. Għax jekk ir-ruħ toqgħod il-ħin kollu moħħha biex tara fl-oħrajn dawk il-ħwejjeġ ta' xejn li fl-aħħar mill-aħħar xi drabi lanqas biss ikunu nuqqasijiet — imma li aħna li ma nafux wisq fuq dawn il-ħwejjeġ naraw f'dawl l-aktar ikrah — żgur li hija titlef kull paċi u ttellef il-kwiet tal-oħrajn. Aħsbu sewwa jekk din ix-xorta ta' perfezzjoni ġietx tiswa wisq. U d-demonju jista' jittanta b'dan il-mod lill-prijura; u dan huwa ta' periklu akbar. Għalhekk, hija meħtieġa ħafna diskrezzjoni. Jekk tkun qiegħda tikser ir-Regola jew il-Kostituzzjonijiet, mhux lakemm wieħed jagħlaq għajnejh; jeħtieġ li tiġi mwissija. U jekk ma tiqafx, jeħtieġ li jkun mgħarraf il-prelat. Din hija mħabba vera. U hija wkoll imħabba jekk timxu b'dan il-mod mas-sorijiet l-oħra meta jkun

hemm fin-nofs xi ħaġa gravi, għax li tħalli kollox għaddej minħabba l-biża' li taqa' fit-tentazzjoni, hija tentazzjoni wkoll. Iżda, biex id-demonju ma jqarraqx bina, jeħtieġ noqogħdu attenti ħafna li ma nintilfux nitħaddtu bejnietna fuq dawn il-ħwejjeġ. Għax bis-saħħa ta' hekk, id-demonju joħroġ minn fuq u jdaħħal fostna d-drawwa li noqogħdu ngemgmu fuq xulxin. Għandna nitħaddtu fuq dawn il-ħwejjeġ ma' min jista' jkun ta' ġid, kif diġà għedt. Fostna — ikun imsebbaħ Alla! — m'hemmx wisq post għal dan, ladarba nħarsu s-silenzju kważi l-ħin kollu; iżda dejjem jaqbel li noqogħdu għassa.

# IT-TIENI GĦAMAJJAR f’kapitlu wieħed

## *KAPITLU l*

*Titkellem mis-siwi kbir tal-perseveranza biex wieħed jasal fl-aħħar għamajjar, kif ukoll mill-gwerra sħiħa li jittanta jagħmel id-demonju. Turi kemm jaqbel li wieħed ma jaqbadx triq b'oħra mill-bidu, jekk tassew irid jasal sal-aħħar. Tagħti mezz li żgur iġib l-effett mixtieq.*

1. Ejjew issa nitkellmu mill-erwieħ li jidħlu fit-tieni għamajjar u naraw x’jagħmlu. Irrid ngħidilkom xi ħaġa żgħira biss dwar dan, għax diġà ktibt fit-tul fuq hekk bnadi oħra, u ma jistax ikun li ma nerġax intenni ħafna minn dak li għedt, għax lanqas niftakar xejn milli ktibt. Jekk stess nasal biex ngħidilkom l-istess ħwejjeġ b'mod ieħor, naf tajjeb li intom ma tiddejqux, għax aħna qatt ma ngħejjew mill-kotba li jitkellmu fuq dan kollu, ukoll jekk hemm ħafna minnhom.

2. Hawn irridu nitkellmu minn dawk li diġà bdew jitħarrġu fl-orazzjoni u li fehmu kemm jgħodd li ma jibqgħux imwaħħlin fl-ewwel għamajjar, imma li fl-istess ħin għadhom ħafna drabi nieqsa mill-fehma soda li joħorġu minnhom. Għax ma jaħarbux dejjem l-okkażjonijiet tad-dnub, hekk li jqiegħdu ruħhom f’periklu kbir. Iżda hija diġà ħniena kbira ta' Alla li għallanqas f’xi ħin ifittxu li jaħarbu mis-sriep u l-annimali velenużi għax jifhmu li aħjar joqogħdu 'l bogħod minnhom.

F'xi ħwejjeġ, dawn ikollhom tbatija akbar milli jġarrbu dawk li jinsabu fl-ewwel għamajjar, ukoll jekk mhumiex f’periklu kbir. Għax issa jidher li jifhmu l-qagħda tagħhom, hekk li hemm tama kbira li għad jidħlu aktar 'il ġewwa fil-kastell. Qiegħda ngħid li jkollhom tbatija akbar, għax dawk li għadhom fl-ewwel għamajjar huma bħat-torox imbikkma li ma jħossuhiex bi kbira wisq li ma jistgħux jitkellmu, mhux bħal dawk li jisimgħu bla ma jistgħu jitkellmu. B'danakollu, ħadd mhu se jixtieq li jkun trux minħabba f’hekk, għax fl-aħħar mill-aħħar hija ħaġa kbira li wieħed jifhem dak li jgħidulu. Mela dawn tat-tieni għamajjar jistgħu jifhmu s-sejħat li jagħmlilhom il-Mulej, għax bil-mod il-mod qegħdin jersqu aktar lejn il-post fejn jinsab il-Maestà Tiegħu, li huwa ġar mill-aħjar. U hekk huma kbar il-ħniena u t-tjieba tiegħu illi dan il-Mulej tagħna huwa dejjem ħerqan li aħna nixtiquh u nfittxu l-kumpannija tiegħu, hekk li minn ħin għall-ieħor jgħajtilna biex nersqu lejh. U jagħmel dan ukoll jekk aħna nkunu aktar moħħna f’kull xorta ta' mogħdija taż-żmien, fin-negozji u l-gosti u elf ħaġa oħra tad-dinja, meta naqgħu fid-dnubiet u nerġgħu nqumu minnhom (għax dawn l-annimali li ninsabu mdawrin bihom huma hekk velenużi u ta' periklu hekk kbir fil-ħidma bla heda tagħhom, illi jrid ikun miraklu biex ma nitfixklux u naqgħu fihom). U leħen il-Mulej huwa hekk ħelu, illi r-ruħ imsejkna tinfena bl-għali meta tara li ma tistax tagħmel mill-ewwel dak li jrid minnha. Għalhekk, kif qiegħda ngħid, għaliha hija tbatija akbar milli kieku qatt ma semgħet dan il-leħen.

3. Ma rridx ngħid li dawn l-ilħna u sejħat huma bħal dawk li għad insemmi aktar 'il quddiem. Dawn jaslu permezz tal-kliem li jgħidu xi nies twajba, jew bis-saħħa tal-priedki li nisimgħu u l-kotba tajba li naqraw, kif ukoll b'ħafna ħwejjeġ oħra li jinstemgħu u li Alla jinqeda bihom biex isejħilna. Dawn jistgħu jaslu wkoll permezz tal-mard u t-tbatijiet, kif ukoll bis-saħħa tal-verità li jgħallimna Alla f’dawk il-waqtiet li nkunu fl-orazzjoni, għax dawn il-waqtiet, ikunu nieqsa mill-ħeġġa kemm ikunu, huma ta' siwi kbir f’għajnejn Alla. Muti, qatt ma għandkom tqisu din l-ewwel grazzja bħallikieku kienet xi ħaġa żgħira, u lanqas ma għandkom titnikktu wisq meta taraw li ma weġibtux mill-ewwel għas-sejħat tal-Mulej. Il-Maestà Tiegħu jaf joqgħod jistenna ħafna jiem, saħansitra snin sħaħ, l-aktar meta jara li hemm perseveranza u xewqat tajba. Hawn, dan huwa l-aktar meħtieġ, għax bil-perseveranza dejjem nirbħu ħafna.

Imma hawn, tassew tal-biża' huma l-attakki tad-demonji li b'elf mod jaħbtu għar-ruħ u jġegħluha tbati wisq aktar milli meta kienet fl-għamajjar ta' qabel. Għax hemm kienet truxa u muta, jew l-aktar setgħet tisma' ftit biss, hekk li tassew ftit kienet tieqaf lil dawn l-attakki, bħal min wasal biex kważi jitlef kull tama li joħroġ rebbieħ. Iżda hawn, l-intellett huwa aktar ħaj u l-fakultajiet għandhom ħila akbar, waqt li d-daqqiet tal-artillerija huma hekk qawwija li r-ruħ ma tistax ma tismagħhomx. Għax hawn, id-demonji jerġgħu juru mill-ġdid lir-ruħ dawk il-lifgħat tal-ġibdiet tad-dinja u jagħmlu li l-ħlewwiet tal-ħwejjeġ tad-dinja jidhru bħallikieku kienu eterni. Ifakkru lir-ruħ fil-ġieħ li għandha fid-dinja, fost il-ħbieb u l-qraba; ifakkruha li ma għandhiex tqiegħed saħħitha fil-periklu bil-penitenzi (għax hekk kif tidħol f’dawn it-tieni għamajjar, ir-ruħ mill-ewwel tkun tixtieq tagħmel xi penitenza); u jġibulha quddiem għajnejha elf mod ieħor ta' xkiel.

4. O, Ġesù, kemm huwa kbir it-taħwid li d-demonji jġibu fir-ruħ! U kemm titnikket meta din l-imsejkna ma tagħrafx jekk jaqbilx li tibqa' miexja 'l quddiem jew terġa' lura fejn kienet qabel! Għax ir-raġuni, min-naħa l-waħda, tgħidilha li tkun qiegħda tmur imqarrqa meta taħseb li l-ħwejjeġ kollha ma jiswew xejn jekk tqabbilhom ma' dak li qiegħda tfittex. U l-fidi, min-naħa l-oħra, tgħallimha x'teħtieġ biex issib l-hena sħiħ tagħha. Il-memorja, imbagħad, tfakkarha fejn jintemmu dawn il-ħwejjeġ kollha ta' din l-art, waqt li ġġibilha quddiem għajnejha l-mewt ta' ħafna fost dawk li kienu jsibu l-hena tagħhom f'dawn il-ħwejjeġ. U xi drabi dawn mietu għal għarrieda; u malajr intesew minn kulħadd. Xi wħud li kienet taf li kienu jgħumu fil-ġid, issa huma taħt l-art; kulħadd jimxi fuq l-oqbra tagħhom; u forsi hija wkoll mxiet fuqhom ħafna drabi, meta bdiet taħseb kif ġisimhom huwa miżgħud bid-dud, u baqgħet taħseb fuq ħafna ħwejjeġ oħra li setgħu ġew quddiem għajnejha. U tidħol ir-rieda li tinġibed biex tħobb lil Dak li mingħandu rat ħwejjeġ hekk bla għadd u turijiet ta' mħabba, u tkun trid tħallsu ta' dan imqar b'xi ħaġa. Fuq kollox, ir-rieda tfakkar lir-ruħ kif Dan li jħobbha tassew, qatt ma jħalliha, iżda huwa dejjem magħha biex jagħtiha ħajja u eżistenza. Imbagħad, l-intellett jgħinha tifhem li ma tistax issib ħabib aħjar, ukoll kieku kellha tgħix ħafna u ħafna snin; li d-dinja kollha hija mimlija gideb, għax il-ħlewwiet li joffrilha d-demonju huma mimlija b'kull xorta ta' tbatija, tħassib u kontradizzjonijiet; li tista' tibqa' żgura li barra l-kastell la ssib sigurtà u lanqas paċi; li m'għandhiex tibqa' tiġġerra fi djar l-oħrajn, ladarba darha hija hekk mimlija b'ħafna ġid jekk tfittex li tithenna bih; li tistaqsi lilha nfisha min huwa dak li għandu xorti hekk tajba illi jsib kull ma jrid f'daru stess, l-aktar meta għandu bħala mistieden għandu Wieħed li jagħmlu sid li jaħkem fuq kull ġid, sakemm ma jkunx irid jaqbad u jitlaq jiġġerra 'l hawn u 'l hinn bħall-iben il-ħali li sab ruħu jiekol il-ħarrub tal-qżieqeż *(Lq 15,16)*.

5. Dawn huma kollha raġunijiet tajba biex wieħed ifittex li jegħleb lid-demonju. Iżda, o Mulej u Alla tiegħi, kif tħassar kollox id-drawwa li naqgħu fi ħwejjeġ ta' frugħa skont il-ġibda tad-dinja kollha! Il-fidi tagħna hija hekk mejta illi aktar nixtiequ dak li naraw b'għajnejna milli dak li jgħidilna t-twemmin tagħna, għalkemm naraw ix-xorti ħażina li tmiss lil dawk li jiġru wara dawn il-ħwejjeġ li jidhru. Dan kollu huwa xogħol dawk il-ħwejjeġ velenużi li jkollna x'naqsmu magħhom. Għax hekk kif bniedem li jiġi migdum minn lifgħa velenuża jibqa' b'ġismu kollu avvelenat u minfuħ, l-istess jiġri hawn: niġu avvelenati kollna kemm aħna jekk ma noqogħdux għassa sewwa. Hija ħaġa ċara li tkun meħtieġa kura kbira biex infiequ; u hija diġà grazzja tal-ħniena ta' Alla jekk ma mmutux minħabba f'hekk. Żgur li hawn ir-ruħ jeħtieġ tgħaddi minn tiġrib kbir, l-aktar jekk id-demonju jara li minnha nfisha u bid-drawwiet tagħha hija għandha dak kollu li huwa meħtieġ biex tibqa' miexja 'l quddiem – l-infern kollu jingħaqad biex jibgħatha lura.

6. O, Mulejja, hawn hija meħtieġa l-għajnuna tiegħek, għax mingħajrha ma nistgħu nagħmlu xejn! *(Ġw 15,5)* Fil-ħniena tiegħek, la tħallix li din ir-ruħ tiġi mqarrqa b'mod li tasal biex titlaq it-triq it-tajba. Agħtiha d-dawl sabiex tara sewwa li f'dan kollu jinsab il-ġid tagħha u tasal biex taħrab kull kumpannija ħażina. Għax hija ħaġa tajba ħafna li titħaddet ma' dawk li jitkellmu fuq dawn il-ħwejjeġ, billi toqgħod qrib mhux biss ta' dawk li waslu fl-appartament fejn tinsab hi, imma wkoll ta' dawk li tara li daħlu fl-għamajjar li jinsabu aktar 'il ġewwa. Dan jisfgħalha ta' għajnuna kbira, għax dawn jistgħu jiġbduha magħhom meta toqgħod titħaddet magħhom fit-tul. Jeħtieġ ħafna li r-ruħ toqgħod għassa fuqha nfisha biex ma tħallix li tiġi mirbuħa. Għax jekk id-demonju jara li għandha fehma soda li titlef ħajjitha ta' hawn u kull mistrieħ tal-qalb, u dak kollu li hu jista' jagħtiha, qabel ma terġa' lura lejn l-ewwel kamra, żgur li jitlaqha waħedha aktar malajr. Ħa turi l-irġulija tagħha, u mhux tkun bħal dawk li niżlu għarkupptejhom b'wiċċhom 'l isfel biex jixorbu qabel ma nxteħtu għat-taqbida ma niftakarx ma' min. Ħa tkun kollha kemm hi mħejjija biex tissielet mad-demonji kollha, u ħa tifhem li m'hemm ebda arma aħjar mis-salib.

7. Hemm ħaġa ta' siwi hekk kbir illi, għalkemm diġà għedtha drabi oħra, irrid intenniha hawn. Irrid ngħid li fil-bidu l-erwieħ m'għandhomx joqogħdu jaħsbu fi grazzji speċjali, għax dan ikun mod baxx ħafna kif wieħed jibda jaħdem biex jibni bini hekk kbir u sabiħ. Jekk wieħed jibda jibni fuq ir-ramel, malajr jiġġarraf kollox *(Mt 7,26-27)*, hekk li l-bennejja jibqgħu bla kwiet u fit-tentazzjoni. Għax dawn għad mhumiex l-għamajjar fejn tinżel il-manna; huwa fl-għamajjar aktar 'il quddiem li r-ruħ issib il-ħlewwa kollha li tixtieq *(Għerf 16,20)*, għax ma tkunx tixtieq ħlief dak li jrid Alla. Għax is-sabiħ huwa li hawn aħna għadna mimlija b'elf xkiel u nuqqas ta' perfezzjoni, waqt li l-virtujiet tagħna għadhom lanqas bdew jissaħħu, imma għadhom bilkemm bdew jitwieldu. U b'danakollu ma nistħux infittxu l-faraġ fl-orazzjoni u ngemgmu mill-waqtiet ta' nixfa spiritwali! Ma jkun qatt li jiġrilkom hekk, ħuti. Ħaddnu magħkom is-salib li l-Għarus tagħkom refa' fuqu, u ifhmu li dan huwa dmir tagħkom. Min jista' jsofri aktar, ħa jsofri aktar

għalih, u jikseb l-akbar ħelsien. Mill-bqija, ħarsu lejn kull ħaġa bħala żejda; jekk il-Mulej jogħġbu jagħtikom xi ħaġa Hu, roddulu ħajr minn qalbkom.

8. Forsi jidhrilkom li żgur li jkollkom fehma soda li ġġarrbu t-tbatijiet esterni, sakemm Alla jagħtikom xi grazzja interjuri. Imma l-Maestà Tiegħu jaf aktar minna x'jaqblilna l-aktar. Għalhekk, mhux xogħolna li ngħidulu x'għandu jagħtina, għax fis-sewwa kollu jista' jweġibna li ma nafux x'inkunu qegħdin nitolbu *(Mt 20,22)*. Dak kollu li min jibda jitħarreġ fl-orazzjoni għandu jagħmel — u qatt la tinsew dan, għax huwa ta' siwi kbir — huwa li jitħabat dejjem u jaqtagħha b'fehma sħiħa li jħejji ruħu mill-aħjar li jista' biex jagħmel li r-rieda tiegħu tkun taqbel ma' dik ta' Alla. Ibqgħu żguri li, kif għad irrid ngħid 'il quddiem, f'dan tinsab il-perfezzjoni l-aktar għolja li tista' tinkiseb fil-mixi spiritwali. Aktar ma wieħed jitħarreġ f'dan, aktar jirċievi grazzji mill-Mulej u aktar jimxi 'l quddiem fit-triq tal-perfezzjoni. La taħsbux li f'din it-triq irridu niltaqgħu ma' ħwejjeġ strambi jew li ma nafux x'inhuma u li għadna ma fhimniex, għax il-ġid kollu tagħna jinsab f'dak li għedt.

Jekk niżbaljaw mill-bidu, għax inkunu rridu li l-Mulej jagħmel mill-ewwel ir-rieda tagħna u jmexxina kif jgħidilna moħħna, kif jista' jżomm sħiħ dan il-bini? Ħa nfittxu, mela, li nagħmlu dak li nistgħu aħna, u noqogħdu għassa għal dawn l-annimali velenużi li jitkaxkru. Għax il-Mulej ħafna drabi jrid li l-ħsibijiet ħżiena jippersegwitawna u jifnuna, bla ma nkunu nistgħu nkeċċuhom. Xi drabi saħanistra jħallihom jigdmuna sabiex nagħarfu aħjar kif għandna nilqgħulhom, kif ukoll biex jara jekk nitnikktux tassew meta nkunu offendejnieh.

9. Mela, la taqtgħux qalbkom jekk xi darba taqgħu, u la tiqfux tissoktaw titħabtu biex timxu 'l quddiem. Għax mill-istess waqgħa tagħkom Alla jaf joħroġ it-tajjeb, bħalma jagħmel il-bejjiegħ tad-duwa kontra l-velenu li, biex jara tagħmilx effett, l-ewwel jixrob ftit velenu hu. Jekk ebda ħaġ'oħra ma tasal biex turina l-miżerja tagħna u l-ħsara li ġġibilna l-ħajja mtajra fi ħsibijietna, din it-taqbida ġewwa fina hija biżżejjed biex iddaħħalna mill-ġdid fil-ġabra meħtieġa. Jista' jkun hemm ħażen akbar minn dak li ma nkunux nistgħu nsibu mistrieħ fid-dar tagħna stess? X'tama jista' jkollna li sejrin insibu dan fi djar oħra, ladarba ma nistgħu nsibu ebda kwiet f'dik tagħna? Saħansitra dawk il-ħbieb kbar u veri tagħna u dawk tal-familja li magħhom ikollna ngħixu wkoll jekk ma rridux, jiġifieri l-fakultajiet, jidhru jagħmlulna gwerra, għax isofru l-gwerra li jagħmlulhom il-vizzji tagħna.

"Paċi, paċi!" jgħid il-Mulej. Dan tenna ħafna drabi lill-Appostli tiegħu *(Ġw 20,21)*. U emmnuni: jekk ma nfittxux il-paċi u ma jkollniex paċi fid-dar tagħna stess, żgur li mhux sejrin insibuha fid-djar tal-oħrajn. Ħa tintemm din il-gwerra! F'ġieħ id-demm li l-Mulej xerred għalina, lil dawk li għadhom ma bdewx jinġabru fihom infushom, nitlobhom li jagħmlu dan; u lil dawk li diġà bdew, nitlobhom li ma jħallux li din il-gwerra treġġagħhom lura. Ħa jifhmu sewwa li t-tieni waqgħa hija agħar mill-ewwel waħda, għax diġà jistgħu jilmħu t-telfien. Ħa jafdaw fil-ħniena ta' Alla, u mhux fihom infushom, u mbagħad jaraw kif il-Maestà Tiegħu jeħodhom mill-għamajjar tal-bidu għal oħrajn aktar 'il ġewwa, u jwassalhom f'dik l-art imwiegħda, fejn dawn il-bhejjem salvaġġi la jistgħu jmissuhom u lanqas jagħmlulhom ħsara, iżda jsibu ruħhom minn taħt u ta' min jidħak bihom. Dawn l-erwieħ imbagħad jithennew b'ħafna ħwejjeġ ta' ġid aktar milli jistgħu jixtiequ – irrid ngħid diġà f'din il-ħajja.

10. Kif għedt fil-bidu, diġà ktibt fuq kif għandkom iġġibu ruħkom fit-tfixkil li hawn iqajjem id-demonju, u kif ma għandkomx tagħmlu forza, iżda tużaw kull ħlewwa, biex tibdew tinġabru fikom infuskom ħalli tidraw titħarrġu fil-ġabra aktar fit-tul. Għalhekk, hawn mhu se ngħid xejn aktar fuq hekk, ħlief li nfakkarkom li jiswielkom bosta li titħaddtu dwar dan ma' bnedmin imġarrba. Għax jista' jiġrilkom li tibdew taħsbu li qegħdin tonqsu bil-kbir meta tkunu tagħmlu ħwejjeġ meħtieġa. Sakemm ma nħallux kollox aħna, il-Mulej idawwar kull ħaġa għall-akbar ġid tagħna, ukoll jekk ma nsibu lil ħadd li jgħallimna. Biex nilqgħu għal dan il-ħażen, m'hemm ebda rimedju ieħor ħlief li nerġgħu nibdew mill-ġdid. Jekk ma nagħmlux dan, jiġri li r-ruħ tibda tmur lura ftit ftit kuljum — u jkun jogħġob 'l Alla li tintebaħ b'dan.

11. Xi ħadd jista' jaħseb li ladarba hija ħaġa hekk ħażina li jerġa' lura, kien ikun aħjar kieku ma beda xejn u baqa' barra l-kastell. Iżda jiena għedtilkom sa mill-bidu, u huwa l-Mulej innifsu li jgħid dan, li min iħobb it-tiġrib jintilef fih *(Sir 3,26)*, u li l-bieb biex nidħlu fil-kastell huwa t-talb. Issa, huwa ġenn kbir li naħsbu li nistgħu nidħlu s-sema, jekk qabel ma nidħlux fina nfusna biex nagħarfu aħjar lilna nfusna u naraw sewwa d-dgħufija tagħna u nifhmu kemm għandna nibqgħu nafuhulu lil Alla għal dak kollu li jagħmel magħna, waqt li nitolbuh, bil-ħniena u bla heda, biex iħenn għalina. Il-Mulej jgħid: "Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi" – ma nafx jgħidx proprju hekk, iżda naħseb li iva *(Ġw 14,6)*. U jgħid ukoll: "Min jara lili, jara lil Missieri" *(Ġw 14,9)*. Dan ifisser li jekk aħna qatt ma nħarsu lejh, u lanqas naħsbu fuq id-dejn kbir li għandna miegħu jew il-mewt li sofra għalina, ma nafx kif nistgħu

nagħarfuh u nwettqu l-għemil tajjeb għall-qadi tiegħu. Għax il-fidi mingħjar għemil, u l-għemil li ma jkunx magħqud mal-merti ta' Sidna Ġesù Kristu, x'siwi jista' jkollhom? Ġesù Kristu huwa l-Ġid waħdieni tagħna, u min se jqajjimna min-ngħas tagħna sabiex inħobbu lil dan il-Mulej?

Ikun jogħġob lill-Maestà Tiegħu li jagħtina li nifhmu x'kellu jħallas għalina, li l-qaddej mhux aqwa minn sidu *(Mt 10,24)*, li rridu naħdmu biex nithennew b'sebħu *(Mk 10,17)*, u li, għalhekk, jeħtieġ nitolbu biex ma naqgħux kull ħin fit-tentazzjoni *(Mt 26,41)*.

# IT-TIELET GĦAMAJJAR f'żewġ kapitli

## *KAPITLU I*

*Tgħid kemm hija ftit is-sigurtà li jista' jkollna sakemm għadna ngħixu f'dan l-eżilju, ukoll jekk inkunu lħaqna wasalna f'qagħda għolja; u żżid tfisser kemm jaqbel li nimxu bil-biża'. Dan il-kapitlu fih ħwejjeġ ta' siwi.*

1. Lil dawk li għall-ħniena ta' Alla rebħu dan it-taqbid u bis-saħħa tal-perseveranza daħlu fit-tielet għamajjar, x'naqbdu ngħidulhom ħlief: "Hieni l-bniedem li jibża' mill-Mulej"? *(S 111,1)* Il-Maestà Tiegħu ma tanix grazzja żgħira meta f'dan il-ħin tani li nifhem xi jfisser fi lsienna dan il-vers, għax jiena f'każi bħal dawn ma nifhem xejn. Żgur li bir-raġun kollu nsejħulu hieni lil dan il-bniedem li, jekk ma jerġax lura, jinsab fit-triq żgura li twassal għas-salvazzjoni tiegħu. Hawn taraw, ħuti, kemm kien meħtieġ li wieħed joħroġ rebbieħ fil-battalji ta' qabel. Jiena żgura li l-Mulej qatt mhu sejjer jonqos li jagħti lil dan il-bniedem is-sigurtà tal-kuxjenza, li huwa ġid mhux żgħir. Għadni kif għedt il-kelma sigurtà, imma żbaljajt, għax f'din il-ħajja m'hemm ebda sigurtà; għalhekk ifhmu li bi kliemi rrid dejjem ngħid: "jekk hu ma jitlaqx it-triq li qabad".

2. Tassew li hija miżerja kbira li jkollna ngħixu ħajja li fiha rridu dejjem nimxu bħal dawk li għandhom l-għedewwa tagħhom wara l-bieb, li la jistgħu jorqdu u lanqas jieklu jekk ma jkollhomx l-armi fl-idejn, u li huma dejjem imbeżżgħa li dawn l-għedewwa jistgħu jifthu l-ħitan minn xi mkien u jidħlu għal għarrieda f'din il-fortizza. O Mulej u Ġid tiegħi! Kif tridna nixtiequ ħajja hekk mimlija miżerja u li matulha ma jistax ikun li ma ngħidulekx u nitolbuk bla heda biex toħroġna minnha, li kieku m'hemmx it-tama li nitilfuha għalik jew li ngħadduha fil-qadi tiegħek, u fuq kollox, li nifhmu x'inhi r-rieda tiegħek? Jekk huwa hekk, Alla tiegħi, ħa mmutu miegħek, bħalma qal San Tumas *(Ġw 11,16)*, għax li ngħixu mingħajrek u b'dan il-biża' li nitilfuk għal dejjem, mhux ħlief mewt għal ħafna drabi. Huwa minħabba f'hekk li jiena ngħidilkom, uliedi, li l-hena li għandna nitolbu huwa li nkunu fiż-żgur mal-henjin. Għax b'dan il-biża' kollu, x'ferħ jista' jkollu dak li l-hena tiegħu huwa li jogħġob lil Alla? U ftakru wkoll li dan l-hena, u ħafna aktar, diġà kellhom il-qaddisin li waqgħu fi dnubiet gravi; u terġa', mhux dejjem aħna żguri li Alla sejjer jagħtina idu biex inqumu minn dawn il-waqgħat u nagħmlu penitenza — irrid ngħid għall-għajnuna partikulari.

3. Fis-sewwa kollu, uliedi, dan qiegħda niktbu b'ħafna biża', hekk li lanqas naf kif qed niktbu jew kif għadni ngħix meta naħseb fih – ħaġa li nagħmel ħafna drabi. Itolbu, uliedi, li l-Maestà Tiegħu jgħix dejjem fija; għax jekk le, x'sigurtà jista' jkollha ħajja hekk moħlija bħalma hija tiegħi? U la ssewdux qalbkom meta taraw li jiena ħlejt ħajti – kif rajtkom tagħmlu xi drabi meta għedtilkom dan. Jiġrilkom hekk għax tixtiequ li jiena għext ħajja ta' qdusija kbira, u għandkom raġun; jiena wkoll nixtieq dan. Iżda x'nista' nagħmel, ladarba dan kollu tliftu ħtija tiegħi biss? Mhux sejra nlum lil Alla li tani għajnuniet biżżejjed biex inwettaq ix-xewqat tagħkom. U lanqas nista' ngħid dan mingħajr ma nxerred id-dmugħ u nħossni nitħawwad bosta li narani nikteb xi ħaġa għal dawk li jistgħu jgħallmu lili. Iebsa hija l-ubbidjenza li għamluli!

Ikun jogħġob lill-Mulej li, ladarba dan qiegħda nagħmlu għalih, għallanqas dak li nikteb ikunilkom ta' xi ġid ħalli tkunu tistgħu titolbuh jaħfer lil din il-ħlejqa hekk dgħajfa li tażżarda tagħmel dan. Iżda l-Maestà Tiegħu jaf tajjeb li jien nafda biss fil-ħniena tiegħu u li, ladarba ma nistax inkun ħlief dak li dejjem kont, m'għandi ebda rimedju ieħor ħlief li nersaq lejn din il-ħniena u nafda fil-merti ta' Ibnu u l-Verġni Ommu, li fuqi nġib b'mod mhux xieraq il-libsa tagħha, u li fuqkom iġġibuha intom ukoll. Faħħruh, uliedi, għax intom tassew li intom kollha kemm intom ta' din is-Sidt, għax ladarba għandkom Omm hekk twajba, ma jkollkomx għax tistħu minħabba li jiena hekk ħażina. Imitawha, u ifhmu sewwa li tassew għoli huwa l-kobor ta' Sidtna u tassew kbir huwa l-ġid li jiġikom minnha, bħala Patruna, biex dnubieti u ħajti ma kinux biżżejjed ħalli jtebbgħu b'xi mod lil dan l-Ordni qaddis.

4. Imma ħaġa waħda rrid inwissikom fuqha: mhux għax tinsabu f'dan l-Ordni, u għax għandkom Omm bħal din, b'daqshekk intom żguri minnkom infuskom. Għax David kien bniedem l-aktar qaddis, iżda araw min kien Salamun. La tagħtux kas tal-klawsura u tal-penitenza li tgħixu fihom u la taħsbux li intom fiż-żgur minħabba li moħħkom huwa dejjem f'Alla u titħarrġu bla heda fl-orazzjoni, u minħabba li warrabtu hekk bis-sħiħ il-ħwejjeġ tad-dinja u jidhrilkom li tħarsu lejhom bi tmaqdir. Dan huwa kollu tajjeb, iżda mhux biżżejjed, kif diġà' għedt, biex nistgħu ma nibqgħux nibżgħu. Għalhekk, ibqgħu ftakru u erġgħu ġibu ħafna drabi f'moħħkom dan il-vers: *Beatus vir qui timet Dominum (S 111,1).*

5. Ma niftakarx iżjed x'kont qiegħda ngħid, għax ħriġt ħafna barra dak li kont qed nitkellem fuqu. Kull xħin naħseb fuqi nnifsi, inħossni bħal għasfur bi ġwenħajh miksura u ma nkun nista' ngħid xejn tajjeb. Għalhekk, għalissa dan kollu se nħallih fil-ġenb, biex nerġa' għal dak li bdejt ngħidilkom dwar dawk l-erwieħ li daħlu fit-tielet għamajjar. Mhix żgħira l-ħniena li wera magħhom il-Mulej, għax tahom grazzja kbira ħafna meta għenhom jegħelbu l-ħwejjeġ iebsa tal-bidu. Nemmen li, bis-saħħa tat-tjieba tal-Mulej, hemm ħafna erwieħ minn dawn fid-dinja. Huma jixtiequ minn qalbhom li ma joffendux 'il-Maestà Tiegħu, hekk li jgħassu sewwa fuq id-dnubiet venjali wkoll. Iħobbu jagħmlu penitenza, jgħaddu sigħat sħaħ fil-ġabra, jużaw il-ħin tajjeb, jgħinu bl-imħabba lill-bnedmin li jaraw fil-ħtieġa, joqogħdu attenti kif jitkellmu u jilbsu, u jmexxu darhom bilgħaqal – jekk ikollhom waħda tagħhom. Żgur li din hija qagħda ta' min jixtieqha, u ma jidhirx li hemm għaliex ma jibqgħux deħlin sal-aħħar għamajjar – u l-Mulej mhux sejjer jiċħdilhom dan, jekk huma jriduh tassew, għax it-tħejjija tagħhom hija hekk tajba illi Hu jagħtihom kull grazzja.

6. O Ġesù! Kif jista' jkun hemm min ma jixtieqx ġid hekk kbir, l-aktar wara li jkun għadda mit-tiġrib il-kbir ta' qabel? Żgur li ħadd! Kollna kemm aħna ngħidu li nixtiquh; iżda billi jonqos ħafna aktar biex il-Mulej jaħkem għalkollox ir-ruħ, hemm ħafna aktar xi jsir. Mhux biżżejjed ngħidu li nixtiequ dan, l-istess bħalma kliem il-Mulej li qal liż-żagħżugħ x'kellu jagħmel biex ikun perfett ma kienx biżżejjed għalih *(Mt 19,16-22)*. Minn xħin bdejt nitkellem fuq dawn l-għamajjar, dejjem żammejt lil dan iż-żagħżugħ quddiem għajnejja, għax aħna bħalu fit-tifsir kollu tal-kliem; u fil-biċċa l-kbira tagħhom in-nixfiet kbar li nħossu waqt l-orazzjoni ġejjin minn hekk, ukoll jekk ikun hemm kawżi oħra. Hawn miniex qiegħda ngħid għal dawk it-tbatijiet interjuri li jsofru ħafna rwieħ tajba mingħajr ebda ħtija tagħhom u li jsirulhom tassew tqal biex jifilħu għalihom, għax il-Mulej dejjem jeħlishom minnhom fil-waqt tajjeb biex jieħdu ġid kbir minnhom, bħalma jagħmel ukoll ma' dawk li jbatu bil-malinkonija jew mard ieħor. Fl-aħħar milll-aħħar, f'kollox jeħtieġ li nħallu l-ġudizzju f'idejn Alla.

Iżda fil-fehma tiegħi, naħseb li l-aktar li jiġri huwa dak li għedt. Għax dawn l-erwieħ jafu li għal ebda ħaġa fid-dinja mhuma sejrin jaqgħu fi dnub wieħed biss, u ħafna minnhom lanqas fi dnub venjal volontarju, kif jaraw ukoll li jmexxu sewwa ħajjithom u ġidhom; u għalhekk, ma jistgħux jistabru meta l-bieb li jagħti għall-post fejn jinsab is-Sultan jingħalaq f'wiċċhom, għax huma jqisu ruħhom bħala vassalli ta' dan is-Sultan, u hekk huma tassew. Imma wkoll hawn fuq l-art, is-sultan jista' jkollu ħafna vassalli, u b'danakollu mhux kollha jaslu biex jidħlu f'kamartu. Idħlu, uliedi, iva idħlu aktar 'il ġewwa; għaddu aktar 'l hemm mill-ħwejjeġ żgħar u tajba li bħala Nsara għandkom dejjem twettqu flimkien ma' għemil akbar. Għandu jkun biżżejjed għalikom li tkunu qaddejja ta' Alla; la tfittxux taqbdu wisq li ma tmorrux tibqgħu b'idejkom vojta. Ħarsu lejn il-qaddisin li daħlu fil-kamra ta' dan is-Sultan u taraw kemm aħna ma nixbhuhomx. La titolbux għalikom dak li ma jistħoqqilkomx; lanqas biss għandu jidħol f'moħħkom li aħna, li offendejna lil Alla, jista' jistħoqqilna xi ħaġa, ukoll jekk taħsbu li qdejnieh ħafna.

7. O, umiltà, umiltà! Ma nafx x'tentazzjoni hija dik li jkolli f'din il-ħaġa. Għax ma nistax neħles mill-ħsieb li min jagħmilha hekk bi kbira li jkollu dawn il-waqtiet ta' nixfa, huwa nieqes xi ftit mill-umiltà. Diġà għedt li ma rridx ngħid għal dawk it-tbatijiet interjuri tassew kbar li semmejt, għax dawn huma xi ħaġa wisq akbar minn daqsxejn nuqqas ta' devozzjoni. Ħa naraw xi nsarrfu aħna nfusna, ħuti, jew ħa jara dan il-Mulej, għax Hu jagħraf kif jagħmel dan ukoll meta aħna ħafna drabi ma rridux nifhmu triqatu. Mela, ejjew ngħaddu għal dawk l-erwieħ li f'kollox jimxu kif għandhom jimxu u naraw x'jagħmlu għal Alla, u malajr nintebħu kemm niżbaljaw meta ngemgmu mill-Maestà Tiegħu. Għax jekk, meta Hu jgħidilna x'għandna nagħmlu biex insiru perfetti, aħna ndawrulu spallejna u nitilqu b'qalbna sewda bħalma għamel iż-żagħżugħ tal-Evanġelju *(Mt 19,22)*, xi triduh jagħmel il-Maestà Tiegħu, ladarba l-premju jrid ikun jaqbel mal-imħabba li għandna għalih? U din l-imħabba, uliedi, ma tridx tkun frott tal-immaġinazzjoni tagħna, iżda trid turi ruħha bl-għemil. U la taħsbux li Alla jeħtieġ l-għemil tagħna; jeħtieġ biss ir-rieda u l-fehma sħiħa tagħna.

8. Forsi lilna jidhrilna li għamilna kollox għax ħadna l-libsa reliġjuża u lbisnieha minn rajna, hekk li għal Alla ħallejna warajna l-ħwejjeġ kollha tad-dinja u dak kollu li kellna (ukoll jekk dak li ħallejna fis-sewwa kollu ma kienx ħlief ix-xbiek ta' San Pietru *(Mt 19,27)*, għax min jagħti kull ħaġa li jkollu, jaħseb li ta ħafna). Huwa minnu li dan huwa bidu tajjeb; iżda jeħtieġ li nibqgħu sħaħ fil-fehma tagħna, biex ma nerġgħux lura u nintefgħu mill-ġdid qalb dawk l-annimali li jitkaxkru fl-ewwel għamajjar, lanqas biss bix-xewqa tagħna. M'hemmx dubju li, jekk ikollna l-perseveranza meħtieġa billi nitneżżgħu u ninħallu minn kollox, żgur li naslu għal dak li nixtiequ. Imma kollox irid isir b'din il-kundizzjoni — u araw li jiena qed inwissikom fuq dan — li nqisu ruħna qaddejja li ma niswew għal xejn, kif jgħid San Pawl jew Kristu *(Lq 17,10)*; u li nifhmu li b'ebda mod ma nkunu rbatna lil Sidna biex jagħtina grazzji bħal dawn; anzi, aktar ma

jkun tana Hu, aktar inkunu mdejna miegħu aħna *(Lq 12,48)*. U x'nistgħu nagħmlu għal dan Alla ta' qalb hekk kbira li miet għalina, ħalaqna u qiegħed iżommna fl-eżistenza, jekk mhux li naraw kemm aħna xxurtjati li nistgħu nħallsuh xi ħaġa minn dak li għandna nagħtuh wara li qagħad jaqdina? Qiegħda ngħid dan fuq qalbi, iżda tassew li huwa hekk, għax Hu m'għamel xejn aktar ħlief li qagħad jaqdina l-ħin kollu f'ħajtu fuq l-art. U mbagħad, għandna l-wiċċ nitolbuh grazzji u doni oħra?

9. Aħsbu sewwa, uliedi, fuq xi ħwejjeġ li niżżilt hawn, ukoll jekk ktibthom b'mod xi ftit imħawwad, għax ma nafx kif infissirhom aħjar. Il-Mulej jagħmel li tifhmuhom, sabiex mill-waqtiet ta' nixfa tieħdu l-umiltà, u mhux dak in-nuqqas ta' kwiet li d-demonju jkun irid jara fikom. Emmnu bis-sħiħ li meta hemm l-umiltà vera, Alla jagħtikom il-paċi u l-għaqda tar-rieda tagħkom ma' tiegħu — ukoll jekk ma jagħtikom ebda faraġ — hekk li timxu 'l quddiem f'ħena akbar minn ta' dawk li jħossuhom imfarrġa. Għax, kif qrajtu intom ukoll, din ix-xorta ta' faraġ Alla fil-maestà kbira tiegħu jagħtiha lil dawk li huma aktar dgħajfa, li min-naħa tagħhom naħseb li ma jkunux iridu jibdlu dan il-faraġ mal-qawwa li Alla jagħti lil dawk li jimxu 'l quddiem fin-nixfa spiritwali. Għax lilna aktar jogħġobna l-faraġ milli s-salib. Ara x'niswew Int, Mulej, għax Int taf il-verità kollha — biex aħna nagħarfu lilna nfusna.

# *KAPITLU 2*

*Tissokta titkellem dwar l-istess ħaġa u tgħid dak li, fil-fehma tagħha, jista' jiġi min-nixfa waqt l-orazzjoni; turi kemm jeħtieġ li hawn naraw x'niswew, u kif il-Mulej innifsu jara x'isarrfu dawk li jinsabu f'dawn l-għamajjar.*

1. Naf xi ftit erwieħ — u naħseb li nista' ngħid li naf ħafna — li laħqu waslu sa hawn u li, safejn wieħed jista' jara, ilhom is-snin f'din il-qagħda u jgħixu ħajja xierqa f'kollox skont il-ħaqq u s-sewwa, f'ruħhom u f'ġisimhom. B'danakollu, wara li waslu biex jaħkmu d-dinja jew għallanqas żgur ma ġewx imqarrqa minnha, hekk kif il-Maestà Tiegħu jkun irid jara xi jsarrfu fi ħwejjeġ li mhumiex ta' siwi kbir, malajr jibqgħu bla kwiet u jsewdu qalbhom; lili jħalluni mbellha u saħansitra mbeżżgħa ħafna. Ma jiswa xejn li twissihom fil-waqt tajjeb, għax ladarba ilhom jitħarrġu fll-virtù, jaħsbu li jistgħu jgħallmu 'l-oħrajn u li huma għandhom elf raġun li jħossuhom imħawda b'dawn il-ħwejjeġ.

2. Fi ftit kliem, la qatt sibt u lanqas nista' nsib xi rimedju biex infarraġ bnedmin bħal dawn, ħlief ll nurihom li nagħdirhom fit-tbatija tagħhom; u tassew li nitħassarhom meta narahom mgħaffġa taħt dan it-toqol. Ma mmurx kontra dak li jaħsbu huma, għax għandhom ħila jimlew moħħhom li qegħdin isofru kollox għal Alla, hekk li ma jaslux biex jifhmu li jinsabu f'xi nuqqas ta' perfezzjoni. U għal dawk li waslu 'l quddiem, dan huwa qerq ieħor. M'għandniex nistagħġbu b'dak li jħossu, għalkemm jidhirli li dak kollu li jħossu f'qagħda bħal din għandu jgħaddi malajr. Għax ħafna drabi Alla jrid li l-magħżulin tiegħu jħossu l-miżerja tagħhom, u għalhekk ineħħilhom għal ftit l-għajnuna tiegħu. — Sabiex malajr nagħarfu tajjeb safejn naslu aħna, tassew li mhux meħtieġ aktar minn hekk. — Imbagħad huma jifhmu li Alla jħalli li jiġri dan biex jara xi jsarrfu, għax b'mod ċar ħafna jintebħu bin-nuqqas tagħhom. Xi drabi aktar jitnikktu u jsofru b'dan in-nuqqas milli b'dak li beda jħawwadhom qabel ma raw il-verità, għax jifhmu li ma jistgħux jgħinu lilhom infushom minħabba li għadhom iħossu wisq għall-ħwejjeġ ta' din l-art, ukoll jekk dawn ma jkunux ħwejjeġ ta' siwi kbir. Jiena nżomm dan bħala ħniena kbira ta' Alla; għalkemm huwa nuqqas, jiswa bosta biex tikber l-umiltà.

3. Iżda dan mhux hekk għal dawk il-bnedmin li qiegħda nsemmi, għax kif għedt, huma jikkanonizzaw dawn il-ħwejjeġ f'moħħhom, u jridu li l-oħrajn jagħmlu hekk ukoll. Irrid insemmi xi ħwejjeġ bħal dawn biex nitgħallmu ngħarblu lilna nfusna qabel ma l-Mulej jara xi nsarrfu. Jiswa bosta li nkunu fhimna lilna nfusna minn qabel.

4. Wieħed għani, li m'għandux tfal u lanqas lil min iħalli ġidu, jitlef parti minn flusu, imma mhux b'mod li jonqsu xi ħaġa mill-meħtieġ għalih u għal daru — jibqagħlu wkoll xi ħaġa żejda. Jekk dan joqgħod jiġri 'l hawn u 'l hemm bla kwiet u bla mistrieħ daqslikieku ma fadallux loqma ħobż biex jitrejjeq biha, kif jista' jkun li l-Mulej jitolbu li jħalli kollox għalih? *(Mt 19,16-22)* U dan il-bniedem iġib l-iskuża li qiegħed isofri daqshekk għax irid ikollu x'jagħti lill-fqar. Iżda jien nemmen li f'dan il-każ Alla aktar ikun iridni nqabbel ir-rieda tiegħi ma' dak li jagħmel il-Maestà Tiegħu, biex minflok ma nfittex li nagħmel atti ta' karità, inżomm ruħi fil-kwiet. Jekk dan il-bniedem ma jagħmilx dan għax il-Mulej ma jkunx wasslu sa hawn, tajjeb ħafna; iżda għandu jifhem li jonqsu dan il-ħelsien tal-ispirtu, u b'hekk iħejji ruħu biex il-Mulej ikun jista' jagħtihulu, jekk jitlob dan minn qalbu.

Bniedem ieħor, li għandu x'jiekol sewwa, u żżejjed ukoll, tiġih okkażjoni li jikseb ġid akbar. Li jaħtaf din l-okkażjoni, ladarba toffri ruħha, tajjeb; iżda, jekk joqgħod jitħabat għal dan il-ġid, u wara li jiksbu, ifittex aktar u aktar, tajba kemm tkun tajba l-fehma tiegħu (u żgur li tkun tajba, għax kif għedt, dawn huma bnedmin ta' talb u ta' virtù) m'għandux għalfejn jibża' li xi darba sejjer jasal biex jitla' sal-għamajjar li huma l-aktar qrib tas-Sultan.

5. Tiġri l-istess ħaġa meta lil dawn toffri ruħha l-okkażjoni li jiġu mmaqdra f'xi ħaġa jew li jitilfu daqsxejn minn ġieħhom. Għalkemm Alla jagħtihom il-grazzja li jistabru b'dan (għax Hu jħobb jgħin biex il-virtù tidher quddiem kulħadd ħalli ma titlifx il-ġieħ li għandu jkollha, jew forsi jimxi b'dan il-mod għax, tajjeb bħalma hu, irid jibqa' jgħinhom talli qdewh sewwa) b'danakollu, huma jsiru bla kwiet għax jaraw li ma jistgħux jagħmlu dak li jixtiequ u jeħilsu malajr minn dak li jħossu ġewwa fihom. Jgħinni Alla! Dawn mhumiex dawk li issa ilhom għal żmien twil jimmeditaw kemm sofra l-Mulej innifsu u x'siwi kbir għandha t-tbatija u li saħansitra kienu jixtiquha? Imbagħad iridu kieku li l-oħrajn kollha jgħixu ħajja xierqa u tajba bħalhom; u jkun jogħġob 'l Alla li ma jibdewx jaħsbu li t-tbatija tagħhom hija ħtija tal-oħrajn, hekk li f'moħħhom iqisuha bħallikieku kienet xi ħaġa ta' mertu.

6. Naħseb, ħuti, li qegħdin tgħidu li mhux qiegħda nitkellem minn dak li kelli nikteb fuqu, u li qisni mhux qiegħda nkellem lilkom, għax dawn il-ħwejjeġ li qed insemmi ma jseħħux hawn, ladarba aħna la għandna xi ġid tad-dinja u lanqas nixtiquh jew nitħabtu għalih, u ħadd ma jonqosna f'dan. Huwa minnu li dawn huma tixbihat biss li ma jgħoddux f'kollox għalina, iżda minnhom jistgħu joħorġu ħafna ħwejjeġ oħra li jkunu ta' tagħlima għalina, għalkemm ma naħsibx li jaqbel li noqgħod insemmihom hawn waħda waħda, u lanqas ħaqq li nagħmel dan. Mill-eżempji li ġibt, tistgħu taraw jekk tneżżajtux tassew għalkollox minn dak li ħallejtu warajkom, għax joffru ruħhom quddiemkom dawk il-ħwejjeġ żgħar ta' kuljum — ukoll jekk mhux eżatt bħal dawn li semmejt — biex jagħtukom l-okkażjoni taraw x'issarrfu tassew meta tifhmu jekk ksibtux ħakma sħiħa fuq il-passjonijiet tagħkom. U emmnuni; hawn mhix kwistjoni jekk inġibux fuqna l-libsa reliġjuża jew le, imma jekk aħniex infittxu li nitħarrġu tassew fil-virtù u nħallu r-rieda tagħna f'dik ta' Alla biex infasslu ħajjitna skont ma jrid il-Maestà Tiegħu, waqt li nixtiequ minn qalbna li tkun magħmula, mhux ir-rieda tagħna, iżda r-rieda tiegħu *(Mt 6,10; Lq 22,42)*. U ladarba għadna ma wasalniex sa hawn, intenni dak li diġà għedt: umiltà! Għax l-umiltà hija l-ungwent għall-ġrieħi tagħna; jekk ikollna lilha tabilħaqq, il-kirurgu, li huwa Alla, jiġi żgur, ukoll jekk idum xi ftit.

7. Il-penitenzi li jagħmlu dawn il-bnedmin huma skont il-qies, bħalma huma meqjusa f'ħajjithom kollha. Huma jixtiequ minn qalbhom kull xorta ta' penitenza f'waqtha biex jaqdu lill-Mulej — u f'dan m'hemm xejn ħażin — għax jimxu b'diskrezzjoni kbira fit-taħriġ tagħha biex żgur ma jagħmlu ebda ħsara lil saħħithom. La tibżgħux li sejrin joqtlu lilhom infushom, għax moħħhom huwa f'postu għalkollox, u mħabbithom għad mhix qawwija biżżejjed biex tegħleb lir-raġuni. Min-naħa l-oħra, kemm nixtieq li aħna nużaw ir-raġuni tagħna biex ma nħossuniex hienja li dejjem naqdu lil Alla b'pass ta' nemla! Għax sakemm nibqgħu mexjin hekk bil-mod, qatt ma naslu fi tmiem it-triq. U minħabba li jidhrilna li aħna dejjem mexjin u nħossuna għajjenin (għax emmnuni, din hija triq li tgħejjik) diġà jkun ħafna li ma nitilfux it-triq. Imma jidhrilkom, uliedi, li jekk nistgħu mmorru f'ġimgħa waħda minn art għal art oħra, tkun ħaġa tajba li naħlu sena sħiħa f'kull xorta ta' rjieħ, borra u għargħar, u toroq ħżiena? Ma jkunx aħjar li naqbdu u nagħmlu l-vjaġġ f'daqqa waħda? Għax hemm quddiemna dan it-tfixkil kollu flimkien mal-periklu tas-sriep. O, kemm nista' nixhdilkom tajjeb dwar dan kollu! U jkun jogħġob lil Alla li jiena nnifsi diġà mxejt aktar 'il quddiem minn hawn, għax ħafna drabi nibża' li le!

8. Ladarba dejjem moħħna f'dak li jista' jiġrilna, kollox idejjaqna għax nibżgħu minn kollox, hekk li ma nażżardawx nimxu aktar 'il quddiem, bħallikieku nistgħu naslu fl-għamajjar l-oħra billi nħallu l-oħrajn jagħmlu t-triq minflokna. Imma dan ma jistax ikun; għall-imħabba tal-Mulej, ħuti, ejjew nisfurzaw lilna nfusna; ħa nħallu r-raġuni u l-biża' tagħna f'idejh u ħa ninsew din id-dgħufija naturali tagħna, li għandha ħabta timlielna moħħna żżejjed. Ħa nħallu lis-superjuri tagħna jieħdu ħsieb tal-ħtiġiet tal-ġisem; dan huwa dmir tagħhom. Iżda dmir ewlieni tagħna huwa li nfittxu biss kif sejrin nimxu bl-akbar ħeffa biex naslu li naraw lil dan il-Mulej. Għalkemm il-faraġ li tħossu hawn ikun ftit jew xejn, ma għandkomx toqogħdu titħassbu fuq saħħitkom; dan huwa żball kbir, l-aktar meta ebda tħassib żejjed mhu sejjer jagħmilkom aktar b'saħħitkom. Dan jien nafu sewwa mill-esperjenza. U naf ukoll li hawn ma jgħoddx dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ġisem, għax dan huwa tal-inqas siwi. It-triq li qiegħda nitkellem minnha jeħtieġ li timxu fiha bl-akbar umiltà. Għax jekk fhimtu x'irrid ngħid, jien nemmen li huwa n-nuqqas ta' din il-virtù tal-umiltà li ma jħalliniex nimxu 'l quddiem. Min-naħa tagħna, ħa naraw kif imxejna 'l quddiem bi ftit passi biss, u nemmnu li huwa hekk, waqt li l-passi ta' ħutna jidhrulna passi mgħaġġlin sewwa. Mela, għandna mhux biss nixtiequ, iżda wkoll infittxu, li jħarsu lejna bħala l-aktar ħżiena fost kollha.

9. B'dan il-mod, il-qagħda f'dawn l-għamajjar hija tassew tajba ħafna; imma jekk tonqos l-umiltà, nibqgħu hawn ħajjitna kollha, u b'elf xorta ta' tbatija u miżerja. Għax ladarba ma nkunux ċħadna lilna nfusna, kollox jidher tqil u iebes. Nimxu mgħobbija b'dan it-tajn tal-miżerja tagħna, waqt li dawk li jgħaddu għall-għamajjar li jiġu wara huma ħielsa minnu. Imma f'dawn l-għamajjar li qegħdin nitkellmu fuqhom, il-Mulej ma jonqosx li jħallasna bħal wieħed ġust u l-aktar ħanin, għax dejjem jagħtina aktar milli jistħoqqilna. Hu jagħtina għaxqiet kollha ħlewwa wisq aktar milli jistgħu joffrulna l-ħwejjeġ ta' faraġ u ta' kull xorta ta' gost f'din il-ħajja. Iżda ma naħsibx li jagħti ħafna ħlewwiet ta' gost, ħlief meta xi darba jistieden l-erwieħ jaraw x'jiġri fl-għamajjar l-oħra biex jitħajru jħejju ruħhom sewwa ħalli jidħlu fihom.

10. Forsi taħsbu li l-għaxqiet kollha ħlewwa u l-ħlewwiet ta' gost huma l-istess ħaġa, u għalhekk tistaqsu għaliex mhux qiegħda nużahom xorta waħda. Jidhirli li mhumiex l-istess – forsi qiegħda niżbalja. Għad ngħid x'nifhem b'dan meta nitkellem mir-raba' għamajjar li jiġu wara dawn. Għax ladarba hemm ikolli ngħid xi ħaġa mill-ħlewwiet ta' gost li jagħti l-Mulej,

kliemi jkun aktar f'waqtu. U għalkemm dak li ngħid ma jidhirx ta' ġid, jista' jiswa biex, meta tifhmu x'inhi kull ħaġa, tfittxu dak li hu l-aħjar. Kbir huwa l-faraġ li jħossu l-erwieħ li Alla jwassal sa hawn, u kbir huwa t-taħwid li jkollhom dawk li jaħsbu li jafu kollox. Jekk ikunu erwieħ umli, jinġibdu biex jiżżu ħajr lil Alla. Jekk tonqoshom l-umiltà, iġarrbu dwejjaq interjuri bla ma jafu għaliex. Għax il-perfezzjoni ma tinstabx fil-ħlewwiet ta' gost, iżda f'min iħobb aktar — u hekk ukoll il-premju — kif ukoll f'min jimxi bil-ġustizzja u l-verità.

11. Jekk dan huwa minnu — u hekk hu — forsi tistaqsu x'jiswa li noqgħod infisser x'inhuma dawn il-grazzji interjuri u nitkellem fuqhom. Lanqas jien ma naf. Għandkom tistaqsu lil min qabbadni nikteb fuq dawn il-ħwejjeġ, għax dmiri huwa li nobdi u mhux li noqgħod inħaqqaqha mas-superjuri; u lanqas huwa sewwa li nagħmel dan. Dak li nista' ngħid fis-sewwa kollu huwa li kien hemm żmien li ma kellix minn dawn il-grazzji u lanqas kont naf xejn dwarhom mill-esperjenza jew noħlom li xi darba għad ikolli minnhom f'ħajti (u dan bir-raġun kollu, għax kien ikun hena kbir wisq li nkun naf jew li nasal biex naħseb li kont nogħġob lil Alla f'xi ħaġa). Iżda meta kont naqra fil-kotba fuq dawn il-grazzji u l-għaxqiet li l-Mulej jagħti lill-erwieħ li jaqduh, kont nitfarraġ bosta u ruħi kienet tifhem għaliex kellha tagħti tifħir kbir lil Alla. U jekk ruħi kienet tagħmel dan, ukoll jekk hija hekk ħażina, dawk li huma twajba u umli żgur li jfaħħruh wisq aktar. U jekk ruħ waħda biss tasal biex tfaħħru mqar darba, huwa tajjeb ħafna, fil-fehma tiegħi, li nitkellmu fuq dawn il-grazzji biex nifhmu liema għaxqiet u ħlewwiet qegħdin nitilfu ħtija tagħna.

Barra minn hekk, jekk dawn il-grazzji jiġu minn Alla, ikunu mfawra bl-imħabba u l-qawwa, hekk li bis-saħħa tagħhom ir-ruħ tista' timxi 'l quddiem b'inqas taħbit, u tikber kull ħin fil-virtù u l-għemil tajjeb. La taħsbux li hija xi ħaġa żgħira li nagħmlu jew ma nagħmlux dak kollu li nistgħu biex niksbuhom. Iżda meta ma jkunx ħtija tagħna, il-Mulej huwa ġust *(S 118,137)*. Il-Maestà Tiegħu jagħtikom fi triqat oħra dak li ma jagħtikomx f'din it-triq — u l-Maestà Tiegħu jaf għaliex. Il-misteri ta' Alla huma moħbija ħafna, imma għallanqas żgur li Hu jimxi magħna skont ma jkun jaqblilna l-aktar.

12. Kif diġà għedt, il-Mulej juri ħniena mhux żgħira ma' dawk li jinsabu f'dawn l-għamajjar, għax huma qrib ħafna li jitilgħu aktar 'il fuq. Issa li bit-tjieba tiegħu jinsabu f'din il-qagħda, jidhirli li dak li jkunilhom tal-akbar ġid huwa li jistudjaw sewwa kif ikunu dejjem ħfief fl-ubbidjenza. Ukoll jekk ma jkunux reliġjużi, jiswa bosta li jkollhom għand min imorru (bħalma jagħmlu ħafna bnedmin) biex imexxihom hu, ħalli f'xejn ma jimxu skont ma tgħidilhom ir-rieda tagħhom. — Għax fil-biċċa l-kbira nagħmlu ħsara lilna nfusna meta nwebbsu rasna f'dak li tgħidilna r-rieda tagħna. — U m'għandhomx ifittxu wieħed skont il-burdata tagħhom, kif ngħidu, u li joqgħod jimxi b'ħafna ħsieb żejjed fuq kollox; għandhom ifittxu wieħed li huwa ħieles sewwa mill-qerq tal-ħwejjeġ tad-dinja. Jiswa u jgħin ħafna li nitkellmu ma' min għaraf x'issarraf id-dinja, biex nagħarfu lilna nfusna. U tassew li nagħmlu l-qalb meta naraw li bnedmin oħra jwettqu — u b'liema ħlewwa! — xi ħwejjeġ li dehrilna li ma jistgħux isiru. Meta narawhom itiru, nitħajru nażżardaw intiru aħna wkoll kif jagħmlu l-għasafar iż-żgħar meta l-kbar jgħallmuhom kif itiru; ukoll jekk għall-ewwel ma jtirux fl-għoli, ftit ftit jitgħallmu jagħmlu bħall-ġenituri tagħhom. Din l-għajnuna hija ta' ġid l-aktar kbir; jien naf biżżejjed. Soda kemm tkun soda l-fehma ta' dawn l-erwieħ li ma joffendux lil Alla, jagħmlu sewwa li jaħarbu kull okkażjoni li tista' twassalhom biex joffenduh. Għax minħabba li għadhom mhux 'il bogħod mill-ewwel għamajjar, malajr jistgħu jerġgħu lura fihom. Il-qawwa tagħhom għad m'għandhiex is-sisien sodi fil-blat, bħalma hija l-qawwa ta' dawk li diġà tħarrġu sewwa fit-tbatija, għax dawn tal-aħħar jagħarfu t-tempesti tad-dinja u jifhmu kemm ftit għandhom jibżgħu minnhom jew jixtiequ l-għaxqiet ta' din l-art. Iżda, dawk li qiegħda nitkellem dwarhom jistgħu jfittxu dan il-faraġ meta jsibu ruħhom f'xi persekuzzjoni kbira. U d-demonju jaf tajjeb kif iqajjem persekuzzjonijiet minn dawn biex jagħmlilna ħsara. U dawn l-erwieħ, mimlija b'ħeġġa qaddisa, iridu kieku jaraw lill-oħrajn ħielsa mid-dnub, u b'danakollu ma jagħarfux jeħilsu mit-tentazzjoni li tiġihom minħabba f'hekk.

13. Ħa nħarsu lejn in-nuqqasijiet tagħna, u nħallu fil-ġenb dawk tal-oħrajn, għax min jgħix ħajja xierqa u b'kollox f'waqtu, jistagħġeb b'kollox. Imma għandna ħafna x'nitgħallmu minn dawk li jħalluna mbellha — u dan f'dak li jgħodd l-aktar. Fil-mod kif nidhru ngħixu minn barra u kif inġibu ruħna, forsi aħna aħjar minnhom; imma, għalkemm dawn huma ħwejjeġ tajba, mhumiex l-aktar meħtieġa. U ma hemm ebda raġuni għaliex għandna nistennew li kulħadd jgħaddi mit-triq tagħna jew, aktar u aktar, li naħsbu li sejrin ngħallmu lill-oħrajn it-triq tal-ispirtu, meta forsi lanqas nafu sewwa x'inhi. Għax f'dawn ix-xewqat għall-akbar ġid tal-erwieħ li Alla jidher jagħtina, ħuti, nistgħu nagħmlu ħafna żbalji. Mela, aħjar nimxu skont ma tgħidilna r-Regola tagħna billi dejjem ngħixu fis-skiet u fit-tama. Ħa jaħseb għall-ġid tal-erwieħ l-oħra l-

Maestà Tiegħu. Jekk aħna ma niqfux nitolbuh dan bil-ħniena, nagħmlu ħafna ġid bis-saħħa tal-grazzja tiegħu. Ikun imbierek għal dejjem!

# IR-RABA' GĦAMAJJAR fi tliet kapitli

## *KAPITLU l*

*Turi kif l-għaxqiet u l-ħlewwiet fl-orazzjoni mhumiex l-istess bħall-ħlewwiet ta' gost. Tgħid kemm ħassitha hienja meta fehmet li l-immaġinazzjoni u l-intellett mhumiex xorta waħda. Dan il-kapitlu huwa ta' ġid kbir għal kull min ikollu moħħu mxerred waqt it-talb.*

l. Sabiex nibda nitkellem mir-raba' għamajjar, tassew li jeħtieġli nagħmel dak li diġà għamilt, jiġifieri li nintelaq f'idejn l-Ispirtu s-Santu u nitolbu bil-ħniena biex minn hawn 'il quddiem jitkellem għalija Hu. Bis-saħħa ta' hekk inkun nista' ngħid xi ħaġa fuq l-għamajjar li baqagħli nitkellem dwarhom, u dan inkun nista' ngħidu b'mod li jiftiehem. Għax hawn jibdew iseħħu ħwejjeġ sopranaturali. U dawn huma tqal wisq biex jiġu mfissra jekk ma jkunx il-Maestà Tiegħu li jagħmel li nifhmuhom, bħalma għamel miegħi meta ktibt fuqhom xi mkien ieħor mal-erbatax-il sena ilu u hemm għedt dak kollu li stajt nifhem dwarhom f'dak iż-żmien. Ukoll jekk issa jidhirli li għandi xi ftit aktar dawl fuq dawn il-grazzji li l-Mulej jogħġbu jagħti lil xi erwieħ, li tfissirhom hija ħaġ'oħra. Ħa jagħmel dan il-Maestà Tiegħu, jekk hemm xi ġid li jista' jintrebaħ minn hekk; u jekk le, ħalli ma jingħad xejn.

2. Kbira hija s-sbuħija ta' dawn l-għamajjar, għax huma eqreb ta' fejn jgħammar is-Sultan. L-għeġubijiet li hemm x'tara u tifhem fihom huma hekk għolja illi l-intellett ma jasalx biex isib kliem tajjeb ħalli jfissirhom b'mod li ma jibqgħux tqal iżżejjed biex jinftiehmu minn dawk li m'għandhom ebda esperjenza tagħhom. Iżda dawk li ġarrbuhom imqar xi ftit, u l-aktar jekk kellhom esperjenza qawwija tagħhom, jifhmuhom tajjeb ħafna.

Jista' jidher li biex wieħed jasal f'dawn l-għamajjar, irid ikun għadda żmien twil f'dawk ta' qabilhom. Iżda, għalkemm jiġri ħafna drabi li wieħed ikun qagħad għal żmien ftit jew wisq twil fl-għamajjar li diġà semmejna, din mhix regola fissa għal kulħadd, kif smajtu jingħad kemm-il darba. Għax il-Mulej jagħti l-grazzji tiegħu meta jrid, kif irid, u lil min irid; u f'dan Hu ma jonqos lil ħadd *(Mt 20,13)*.

3. Tassew li ftit huma d-drabi li dawk il-ħlejjaq velenużi jidħlu f'dawn l-għamajjar li qegħdin nitkellmu fuqhom; u jekk jidħlu, ma jagħmlux ħsara, anzi jiswew ta' ġid. Jiena nżomm li meta r-ruħ tkun waslet f'dan l-istadju tal-orazzjoni, huwa aħjar li jidħlu u jagħmlu gwerra, għax jekk ir-ruħ ma jkollhiex tentazzjonijiet, id-demonju jista' jqarraq biha fil-ħlewwiet ta' gost li jagħtiha Alla, u b'hekk jagħmlilha ħsara akbar milli meta jittantaha fil-beraħ. U jiġri li r-ruħ ma tirbaħx wisq, għax ikunu tneħħewlha l-ħwejjeġ kollha li bihom setgħet tikseb il-mertu, hekk li tibqa' bħal mitlufa fi stagħġib bla ma jaqta'. U meta r-ruħ tibqa' l-ħin kollu f'qagħda waħda, ma nżommhiex fiż-żgur; u lanqas ma jidhirli li l-ispirtu tal-Mulej sejjer jibqa' wieqaf b'dan il-mod f'dan l-eżilju ta' hawn.

4. Mela, issa ħa nitkellmu minn dak li semmejt li rrid ngħid hawn, jiġifieri kif l-għaxqiet kollhom ħlewwa ta' waqt l-orazzjoni huma diversi mill-ħlewwiet ta' gost spiritwali. Jien jidhirli li nistgħu nsejħu għaxqiet fl-orazzjoni dawk li niksbu aħna nfusna bil-meditazzjoni tagħna u bit-talbiet li nagħmlu lill-Mulej, dawk li jiġu mill-ħila naturali tagħna, għalkemm żgur li Alla jgħinna f'dan — għax dak kollu li ngħid irid jinftiehem li nemmen li mingħajr Alla ma nistgħu nagħmlu xejn *(Ġw 15,5)*. Imma dawn l-għaxqiet joħorġu mill-istess għemil ta' virtù li nwettqu, u għalhekk jidhrilna li ksibnihom aħna bit-taħbit tagħna; u bir-raġun nithennew li ħdimna fi ħwejjeġ ta' din ix-xorta li jġibulna dawn l-għaxqiet. Iżda jekk naħsbu sewwa fuq dan, naraw li nistgħu nitgħaxxqu b'ħafna ħwejjeġ li jiġrulna fuq din l-art: ngħidu aħna, meta xi ħadd jikseb f'daqqa waħda xi ġid kbir, jew jiltaqa' ma' xi ħadd li jħobb ħafna, jew meta mmorru tajjeb f'xi biċċa xogħol kbira ta' negozju u xi għemil li jiġbed fuqna għajnejn kulħadd, jew meta waħda tara ħaj quddiemha lil żewġha, jew ħuha jew binha, li kienu qalulha li kien mejjet. Jiena rajt bnedmin jibku bil-ferħ meta jitgħaxxqu b'dan il-mod; xi drabi dan ġara lili wkoll. Jidhirli li hekk kif dawn il-ferħat kollhom għaxqa huma naturali, hekk ukoll huma dawk li jiġuna mill-ħwejjeġ ta' Alla, għalkemm dawn tal-aħħar huma ta' xeħta aktar għolja, ukoll jekk l-oħrajn b'ebda mod ma huma ħżiena. Fi ftit kliem, dawn l-għaxqiet kollhom ħlewwa jibdew minna nfusna u jintemmu f'Alla.

Iżda l-ħlewwiet ta' gost jibdew minn Alla, u mbagħad in-natura umana tħosshom u tithenna bihom daqs kemm tifraħ b'dawk li għadni kif semmejt, u aktar ukoll. O Ġesù, liema xewqa kbira għandi li nkun naf infisser dan! Għax, fil-fehma tiegħi, nara sewwa li dawn mhumiex xorta

waħda, iżda m'għandix tagħrif biżżejjed biex infisser ruħi b'mod li l-oħrajn ikunu jistgħu jifhmuni. Ħa jagħmel dan il-Mulej!

5. Qiegħed jiġini f'moħħi vers li ngħidu fil-Prima fl-aħħar kliem tal-aħħar salm, li jgħid: "Għax int saħħaħtli qalbi" *(S 118,32)*. Għal min kellu esperjenza kbira ta' dawn il-ħwejjeġ, dan il-kliem huwa biżżejjed biex jifhem kif l-għaxqiet kollhom ħlewwa u l-ħlewwiet ta' gost mhumiex xorta waħda; iżda għal min m'għandu ebda esperjenza, jeħtieġ aktar minn hekk. L-għaxqiet li semmejt ma jwessgħux il-qalb, anzi fil-biċċa l-kbira aktar qishom jagħalquha xi ftit, għalkemm ikun hemm l-hena kbir li wieħed jara x'qiegħed jagħmel għal Alla. Imma jkun hemm xi dmugħ ta' qsim il-qalb li milli jidher huwa frott il-passjonijiet. Jiena ftit li xejn naf dwar il-passjonijiet tar-ruħ; kieku kont naf xi ħaġa, kont forsi nkun nista' nfisser ruħi aħjar. U lanqas ma naf sewwa dwar dak li jiġi mis-sensi u min-natura tagħna l-bnedmin, għax jiena tassew li ma nifhem f'xejn. Ladarba jien għaddejt minn dan kollu, nifhem x'inhu, iżda ma nafx infissru. L-għerf u t-tagħlim huma ħaġa kbira f'kollox!

6. L-esperjenza li ksibt jiena f'dawn il-ħwejjeġ — irrid ngħid, ta' dawn l-għaxqiet kollhom ħlewwa fl-orazzjoni — hija li jekk kont naqbad nibki fuq il-Passjoni, ma kontx naf nieqaf qabel ma tibda tuġagħni rasi b'mod l-aktar qawwi; u hekk kien jiġrili wkoll meta kont nibda naħseb fuq dnubieti. Din kienet grazzja kbira li tani l-Mulej. U ma għandix f'moħħi li noqgħod nifli issa dawn il-grazzji biex nara liema hija l-akbar minnhom it-tnejn, imma nixtieq kieku nista' nfisser fiex mhumiex xorta. F'dan li qiegħda ngħid, dan id-dmugħ u dawn ix-xewqat xi drabi jiġu minna nfusna u minn kif inkunu mħejjija aħna; iżda kif diġà għedt, fl-aħħar jintemmu f'Alla, għalkemm huma ħaġa naturali. U r-ruħ għandha żżommhom fl-għoli, jekk ikollha umiltà biżżejjed biex tifhem li hija ma ssirx aħjar minħabba fihom, għax wieħed ma jistax ikun żgur li dawn huma frott l-imħabba; u jekk huma hekk, dan huwa don ta' Alla.

Huma l-erwieħ li jinsabu fl-għamajjar ta' qabel dawn li l-aktar li jkollhom dawn id-devozzjonijiet, għax huma jħaddmu moħħhom il-ħin kollu billi jużaw l-intellett biex jagħmlu meditazzjoni. U jagħmlu sewwa, għax ma ngħatalhom xejn aħjar. B'danakollu, jagħmlu aħjar kieku f'xi ħin jagħmlu atti ta' mħabba u ta' tifħir lil Alla, jifirħu bit-tjieba tiegħu u b'dak li huwa Hu, u jixtiequ l-ġieħ u s-sebħ tiegħu. Għandhom jagħmlu dan mill-aħjar li jistgħu, għax jiswa bosta biex iqajjem lir-rieda. U ħa joqogħdu attenti ħafna biex, meta l-Mulej jagħtihom dan, ma jmorrux iħallu dawn l-atti fil-ġenb ħalli jtemmu l-meditazzjoni tagħhom bħalma jagħmlu s-soltu.

7. Diġà tawwalt ħafna biex ngħid dan fi bnadi oħra; għalhekk, ma jien sejra nżid xejn aktar hawn. Nixtieq biss inwissikom li, sabiex timxu 'l quddiem f'din it-triq u tieħdu ħafna ġid u taslu sal-għamajjar mixtieqa, dak li jgħodd l-aktar huwa, mhux li taħsbu ħafna, iżda li tħobbu ħafna. Mela, fittxu li tagħmlu dak li l-aktar iqajjem fikom l-imħabba. Forsi lanqas nafu xi jfisser li tħobb, u ma nistagħġibx wisq b'dan, għax l-imħabba ma tinstabx filli jkollna gost akbar, imma fil-fehma aktar soda li rridu nogħġbu lil Alla f'kollox, infittxu li, safejn nistgħu, ma noffenduh f'xejn, u nitolbuh li dejjem jikbru l-ġieħ u s-sebħ ta' Ibnu u li l-Knisja Kattolika tinxtered ma' kullimkien. Dawn huma s-sinjali tal-imħabba, iżda la taħsbux li l-kwistjoni kollha qiegħda filli ma taħsbu f'xejn aktar u li, jekk moħħkom jixxerred xi ftit, kollox huwa mitluf.

8. Xi drabi tnikkitt bosta f'nofs dan il-ħafna taħwid ta' ħsibijiet. Huwa biss minn ftit aktar minn erba' snin 'l hawn li wasalt biex nifhem bl-esperjenza li l-ħsieb (jew biex niftiehem aħjar, l-immaġinazzjoni) mhux l-intellett. Staqsejt lil wieħed għaref f'dawn il-ħwejjeġ, u dan qalli li hekk huwa, u ħassejtni nimtela bl-hena. Għax, ladarba l-intellett huwa waħda mill-fakultajiet tar-ruħ, kont insibha ħaġa tqila wisq biex nifhem għaliex xi drabi kien hekk beżżiegħ u bla ħeġġa, waqt li l-ħsieb aktarx itir hekk bil-ħeffa illi Alla biss jista' jżommu meta lilna jżommna miegħu b'mod li qisna nkunu maħlula minn ġisimna. Kif stajt nara jien, il-fakultajiet tar-ruħ kienu mitlufa f'Alla u miġbura fih, iżda min-naħa l-oħra stajt nara li l-ħsieb kien imxerred fuq elf ħaġa. Dan għaġġibni għall-aħħar.

9. O Mulej, ara kemm ħwejjeġ ikollna nsofru f'din it-triq minħabba n-nuqqas ta' tagħrif sewwa! U l-ħażin huwa li, billi ma nifhmux li hemm ħwejjeġ oħra li jeħtieġ inkunu nafu barra milli naħsbu fik, lanqas naslu biex nitolbu jdawluna lil dawk li jifhmu, jew li naraw x'għandna nistaqsu lil min jifhem. U nsofru tbatijiet kbar minħabba li ma nagħarfux lilna nfusna; naħsbu li hija xi ħtija kbira dik il-ħaġa li mhux biss mhix ħażina, imma hija tajba. Minn hawn jiġu d-dwejjaq kbar li jaħkmu lil ħafna bnedmin li huma mogħtija għall-orazzjoni, jew il-ħafna tgemgim mit-tbatijiet interjuri — l-aktar fost dawk li m'għandhomx tagħlim. Minn hawn jiġu l-malinkonija, it-telfien ta' saħħa u n-nuqqas ta' ħeġġa fit-talb, hekk li dawn il-bnedmin jaslu biex iħallu l-orazzjoni għalkollox, għax jinsew li ġewwa fina għandna dinja interjuri. Hekk kif aħna ma nistgħux inwaqqfu d-dawrien u l-mixi mgħaġġel tas-smewwiet, hekk ukoll ma nistgħux

inwaqqfu lill-ħsieb tagħna. U biex tagħqad, naħsbu li l-fakultajiet tar-ruħ ħarbu mal-ħsieb, u nibdew nhewdnu li tlifna kollox u ħlejna l-ħin li qgħadna quddiem Alla. Iżda r-ruħ tista' tkun magħquda għalkollox miegħu fl-għamajjar li huma l-aktar qrlb tiegħu, waqt li l-ħsieb jibqa' fid-dawra ta' barra tal-kastell, fejn isofri mill-ħbit ta' elf bhima salvaġġa u velenuża, u jikseb il-mertu minn din it-tbatija. Mela, m'għandniex nitħawdu; u aktar u aktar, m'għandniex inħallu l-orazzjoni, għax dan huwa dak li jkun irid id-demonju. Fil-biċċa l-kbira tagħhom, dawn id-dwejjaq interjuri u dawn it-tbatijiet kollha jiġu min-nuqqas ta' tagħrif dwar il-qagħda tagħna.

10. Waqt li qiegħda nikteb dan, qed naħseb x'inhu għaddej f'rasi bil-ħsejjes kbar li qed inħoss fiha u li semmejt sa mill-bidu. Tassew li minħabba fihom inħossni bilkemm nista' nobdi l-ordni li tawni biex nikteb dan kollu. Għax inħoss f'rasi bħal xmajjar imfawra bl-ilmijiet tagħhom jiġru 'l isfel u jgerbu b'saħħa kbira, u bħal ħafna tisfir ta' għadd kbir ta' għasafar żgħar — iżda dawn il-ħsejjes u tisfir ma jinstemgħux bil-widnejn, għax jinħassu biss fil-parti l-aktar għolja tar-ras, fejn jgħidu li tinstab il-parti superjuri tar-ruħ. U jiena bqajt hekk għal żmien twil, għax l-ispirtu qisu jintefa' 'l fuq b'ħeffa l-aktar kbira. Ikun jogħġob lil Alla li niftakar infisser dan u nuri l-għaliex tiegħu fl-għamajjar li għad nitkellem fuqhom aktar 'il quddiem, għax ma jidħolx hawn. U ma nistagħġibx li l-Mulej bagħatli dan l-uġigħ ta' ras biex nifhem aħjar dawn il-ħwejjeġ. Għax dan it-taħwid u tgerfix kollu f'rasi ma jasalx biex ifixkilni fit-talb tiegħi jew f'dan li qiegħda ngħid, minħabba li ruħi tinsab kollha kemm hi fil-kwiet tagħha, fl-imħabba u x-xewqat u t-tagħrif ċar tagħha.

11. Iżda, jekk il-parti superjuri tar-ruħ qiegħda fil-parti l-aktar għolja tar-ras, kif ma titħawwadx hija wkoll? Ma nafx kif, imma naf li dan li qiegħda ngħid huwa minnu. Din it-tbatija nħossuha meta fl-orazzjoni ma jkunux imwaqqfa għal xi ħin il-fakultajiet tar-ruħ; imma waqt li dawn ikunu mwaqqfa, ma tinħass ebda tbatija. Tkun ħaġa tassew ta' min imaqdarha jekk jien nasal biex inħalli l-orazzjoni minħabba dan ix-xkiel. Għalhekk, mhix ħaġa tajba li noqogħdu nitħawdu minħabba ħsibijietna; għandna nqisuhom bħala ħaġa ta' xejn. Jekk ikun ġiebhom id-demonju, malajr jieqfu hekk kif il-fakultajiet jiġu mwaqqfa waqt l-orazzjoni. Iżda jekk jiġu mid-dgħufija li writna mid-dnub ta' Adam, kif jiġri kemm-il darba, ħa nistabru u nsofruhom għall-imħabba ta' Alla, ladarba jeħtiġilna wkoll noqogħdu nieklu u norqdu, bla ma nistgħu neħilsu minn dan kollu, ukoll jekk huwa ta' toqol kbir għalina.

12. Ejjew nagħarfu sewwa d-dgħufija tagħna, u nixtiequ li mmorru hemm fejn ħadd ma jreġħexna *(Għanja 8,1)*, għax xi drabi niftakar li smajt dan il-kliem li tgħid l-għarusa fl-Għanja tal-Għanjiet. U nemmen tabilħaqq li m'hemmx waqt ieħor f'ħajjitna li fih l-aktar li nistgħu ngħidu dan il-kliem, għax jidhirli li t-tmaqdir u t-tiġrib kollu li nistgħu nġarrbu f'din id-dinja lanqas biss jista' jitqiegħed ħdejn dawn il-ġlidiet interjuri. Kif diġà għedt, kull nuqqas ta' kwiet u kull taqbid nistgħu nifilħu għalih, meta fejn ngħixu jkun hemm is-sliem. Iżda jekk aħna nkunu xtaqna li neħilsu minn elf xorta ta' tiġrib li toffrilna din il-ħajja u l-Mulej jogħġbu jħejjilna l-mistrieħ mixtieq, u b'danakollu nsibu xi xkiel kbir proprju ġewwa fina, dan ma jistax ikun li ma jġibilniex niket kbir li kważi ma nkunux nifilħu għalih. Mela, Mulej, ħudna f'dak il-post fejn dawn il-ħwejjeġ ma jreġħxuniex, għax xi drabi qishom qegħdin jgħaddu ż-żmien b'ruħna. Wara kollox, il-Mulej jeħles lir-ruħ minn din id-dgħufija sa minn din id-dinja meta tkun waslet fl-aħħar għamajjar, kif għad irrid ngħid, jekk Alla jrid.

13. Dawn il-miżerji ma jġibux tbatija hekk kbira lil kulħadd, u lanqas ma jaħbtu hekk bil-qawwi għal kulħadd, bħalma għamlu lili għal ħafna snin minħabba d-dgħufija tiegħi. Għax ta' bniedma ħażina li kont, qisni kont qiegħda nfittex li nagħmel vendetta minni nnifsi. Billi din kienet ħaġa hekk iebsa għalija, naħseb li tista' forsi tkun hekk għalikom ukoll. Huwa għalhekk li nitkellem fuqha 'l hawn u 'l hinn jiena u nikteb, bit-tama li nfissirha sewwa u nagħmel li intom tifhmu kemm hija tbatija meħtieġa, ħalli ma tibqgħux qiskom dejjem bla kwiet u mnikkta minħabba fiha. Jeħtieġ inħallu ddur u ċċaqċaq il-molla tad-delu fil-mitħna biex nissoktaw nitħnu l-qamħ tagħna; u b'hekk ma nħallux bla ħidma r-rieda u l-intellett.

14. Dan ix-xkiel ġewwa fina xi drabi jkun aktar, u drabi oħra inqas, skont is-saħħa u ż-żminijiet. Ir-ruħ jeħtieġ tistabar bih, ukoll jekk ma jkollha ebda ħtija. Ikollna ħtija fi ħwejjeġ oħra, u huwa sewwa li nikbru fis-sabar. U billi qisu mhux biżżejjed għalina li naqraw u nisimgħu min jgħidilna li m'għandniex inħabblu moħħna b'dawn il-ħsibijiet — u dan minħabba n-nuqqas ta' tagħlim — jidhirli li l-ħin li qiegħda nitlef biex infissrilkom din il-ħaġa u nfarraġkom fiha mhux żmien moħli. Iżda dan ftit jista' jiswa ta' ġid sakemm ma jkunx il-Mulej li ma jkunx irid idawwalna Hu. Huwa meħtieġ (u din hija r-rieda tal-Maestà Tiegħu) li aħna

nfittxu l-mezzi tajba u nagħarfu lilna nfusna, biex ma noqogħdux inwaħħlu fir-ruħ għall-immaġinazzjoni dgħajfa tagħna u għal dak li jiġi min-natura umana tagħna jew mid-demonju.

# *KAPITLU 2*

*Tissokta tikteb fuq l-istess ħaġa billi tfisser b'tixbiha x’inhuma l-ħlewwiet ta' gost, u kif dawn jinkisbu bla ma nfittxuhom aħna.*

1. Jgħinni Alla! Fiex ġejt indħalt! Diġà nsejt fuq xiex kont qiegħda nitkellem, għax il-ħwejjeġ ta' kuljum u n-nuqqas ta' saħħa ġegħluni nitlaq kollox sa ma stajt insib ftit ħin aħjar. U minħabba li l-memorja tiegħi hija hekk fqira, żgur li kollox se joħroġ minn moħħi b'mod imħawwad, għax lanqas nista' noqgħod nerġa' naqra dak li ktibt sa issa. Forsi, dan kollu li qiegħda ngħid jidher bla ordni ta' xejn; għallanqas jien hekk inħoss li huwa.

Jidhirli li diġà tkellimt fuq il-faraġ spiritwali. Billi xi drabi dan ikun imħallat mal-passjonijiet tagħna, jista' jġib miegħu biki u lfiq. Smajt lil xi wħud jgħidu li saħansitra bdew iħossu sidirhom jingħafas u bħal bdew jirtogħodu f’ġisimhom bla ma setgħu jieqfu milli jiċċaqalqu. Dan jiġri b'qawwa hekk kbira illi jista' jwassal biex wieħed jinfaraġ, kif ukoll għal ħwejjeġ oħra ta' tbatija tal-istess xorta. Iżda ma nista' ngħid xejn sewwa fuq dan minħabba li jien qatt ma ġrali hekk. Imma żgur li jħalli xi faraġ fir-ruħ għax, kif għedt, dan kollu jiswa biex inissel xewqa kbira li wieħed jogħġob lil Alla, waqt li hu nnifsu jithenna bil-Maestà Tiegħu.

2. Dawk li jiena nsejjaħ ħlewwiet ta' gost ta' Alla — u bnadi oħra semmejt bħala orazzjoni tal-kwiet — huma xi ħaġa xort’oħra. Dan jifhmuh sewwa dawk fostkom li, għall-grazzja ta' Alla, kellhom minnhom. Sabiex tifhmuni lkoll, ejjew nistħajlu li qegħdin inħarsu lejn żewg għejjun b'żewġ vaski tal-ilma li qegħdin jimtlew minn dawn l-għejjun. Hemm xi ħwejjeġ spiritwali li jien m’għandix ħila nfisser aħjar jekk mhux bis-saħħa tal-ilma — għax, billi ma nifhimx f’dawn il-ħwejjeġ u moħħi ma jgħinni xejn, fittixt li nħares sewwa u bl-akbar reqqa lejn dan l-element li nħobb ħafna. F'dak kollu li ħalaq Alla, hekk kbir u għaref fih innifsu, żgur li hemm ħafna ħwejjeġ moħbija li nistgħu nieħdu l-ġid minnhom, kif għamlu dawk li fittxew jaraw x’inhuma. U nemmen li fl-iċken ħaġa li ħalaq Alla, ukoll jekk nemla tassew żgħira, hemm wisq aktar milli wieħed jista' jasal biex jifhem.

3. Mela, dawn iż-żewġ vaski li semmejna qegħdin jimtlew bl-ilma, iżda b'modi diversi. F'waħda minnhom l-ilma jasal mill-bogħod permezz ta' ħafna kanali u ħafna ħsieb u xogħol. Iżda l-vaska l-oħra nbniet proprju ħdejn l-għajn li trid timtela minnha, hekk li l-ilma jinżel dritt fiha bla ħafna ħsejjes. Jekk l-ilma minn din l-għajn ikun kotran, — kif inhu dan l-ilma fil-każ tagħna — mhux biss jimla l-vaska, iżda jfur minnha wkoll, hekk li jibda nixxiegħa b'saħħitha. Ebda ħila mhi meħtieġa, ebda kanal mhu meħtieġ hawn, għax l-ilma jibqa' ġej il-ħin kollu.

U hawn huwa fejn ma jaqblux dawn iż-żewġ xorta ta' ilma. L-ilma li jasal permezz tal-kanali mibnija mill-bniedem, fil-fehma tiegħi, mhux ħlief l-għaxqiet kollhom ħlewwa li semmejt qabel, jiġifieri dawk li wieħed jista' jikseb waqt il-meditazzjoni. Għax aħna nfusna niksbuhom bit-tħaddim ta' moħħna meta ngħinu lilna nfusna u noqogħdu naħsbu u nerġgħu naħsbu fuq il-ħwejjeġ maħluqa. B'hekk naslu biex ngħejjew lil moħħna. U billi, fl-aħħar mill-aħħar, dawn jiġu permezz tat-taħbit tagħna, jekk stess xi drabi jimlew lil ruħna fil-faraġ, dan jagħmluh b'ħafna ħsejjes, kif diġà għedt.

4. Iżda fil-każ l-ieħor, l-ilma jiġi dritt mill-għajn vera tiegħu, li hu Alla. Meta l-Maestà Tiegħu jkun irid jagħtina xi grazzja sopranaturali, dan iġib miegħu paċi l-aktar kbira, flimkien ma' kwiet u ħlewwa, fl-aktar parti ġewwenija tagħna nfusna. La naf kif u lanqas minn fejn jiġi dan. Huwa hena hekk kollu għaxqa illi fil-qalb ma jinħassx bħal kull hena ieħor ta' din l-art. Irrid ngħid li ma jinħassx b'dan il-mod fil-bidu, għax imbagħad jimla kollox. Dan l-ilma jinxtered fl-għamajjar kollha u fil-fakultajiet sa ma jilħaq il-ġisem ukoll. Għalhekk għedt li jibda minn Alla u jintemm fina. Bħalma jista' jara sewwa kulmin iġarrab dan l-hena, żgur li hekk jiġri, għax il-bniedem kollu kemm hu f’dak li huwa estern jithenna wkoll minn barra b'din il-ħlewwa ta' gost kbir.

5. Waqt li qiegħda nikteb dan, bdejt naħseb kif il-vers li semmejt *(S 118,32)* li jgħid *Dilatasti cor meum* ifisser li l-qalb twessgħet. Intenni li ma naħsibx li dan l-hena jibda mill-qalb, imma joħroġ minn parti wisq aktar ġewwenija, bħal minn xi ħaġa fonda qatigħ. Naħseb li dan mhux ħlief iċ-ċentru tar-ruħ, kif fhimt wara, u kif għad irrid infisser. Għax tassew li nara ħwejjeġ moħbija ġewwa fina li ħafna drabi lili ħallewni mistagħġba għall-aħħar. U min jaf kemm hemm aktar minn dawk li nara jien! O, Mulej u Alla tiegħi, kemm huma kbar l-għeġubijiet tiegħek! Aħna niġġerrew hawn fuq l-art qisna ragħajja żgħar u boloh għax, waqt li jidhrilna li qegħdin niksbu xi għarfien tiegħek, dak li naslu biex nagħarfu mhux ħlief xejn u xejn. Saħansitra fina nfusna hemm ħafna ħwejjeġ li ma naslux biex nifhmu. U qiegħda ngħid li fik ma nagħarfu xejn

u xejn, għax Int tiġbor fik wisq aktar milli naslu għalih aħna, u mhux għax l-għeġubijiet li naraw fik ma jilħqux kobor bla qies, ukoll jekk inħarsu lejn dak il-ftit li nistgħu nagħarfu mill-għemil tiegħek.

6. Waqt li nerġa' nibda nitkellem fuq il-vers li għadni kif semmejt, hawn, fil-fehma tiegħi, jista' jiswielna bosta t-twessiegħ tal-qalb. Għax mid-dehra dan l-ilma jibda jfur u jinxtered mill-għajn li semmejt li qiegħda fil-qiegħ l-aktar fond tagħna nfusna biex jiġri u jinfirex mal-ġewwieni tagħna kollu u jwessgħu u jiftħu, hekk li jnissel fina kull ġid — ġid li ma jistax jitfisser, hekk li r-ruħ lanqas biss tifhem xi jkun qiegħed jingħatalha. Tħoss bħal fwieħa ħierġa minn hemm (ħa ngħidu hekk għalissa) bħallikieku f'dak il-qiegħ ġewwieni tagħha hemm xi bragiera tarmi rwejjaħ l-aktar ifuħu. Ma jidher ebda dawl u lanqas ma jidher fejn tinsab il-bragiera; imma s-sħana u r-riħa kollha fwieħa li joħorġu minnha jidħlu hekk 'il ġewwa illi jinfdu r-ruħ kollha kemm hi; u kif għedt, il-ġisem ukoll ħafna drabi jieħu sehem fihom.
Qisu li tifhmuni sewwa f'dan: ebda sħana ma tinħass, u lanqas ma tinxtamm xi riħa ta' fwieħa, għax hawn għandna ħaġa wisq aktar fina minn dawn il-ħwejjeġ tal-art; jiena qiegħda nfittex li nfisser ruħi b'dan il-mod biex tifhmu x'irrid ngħid. U ħa jifhmu dawk li qatt ma ġarrbuhom li ħwejjeġ bħal dawn iseħħu tassew u jseħħu b'dan il-mod li qiegħda ngħid, hekk li r-ruħ tifhimhom b'mod ħafna aktar ċar milli stajt infissirhom hawn. Għax din mhix xi ħaġa li nistgħu noqogħdu nistħajluha aħna. U nagħmlu x'nagħmlu, qatt ma nistgħu niksbuha. Minn dan naraw sewwa li mhix magħmula minn metall uman, iżda mid-deheb l-aktar fin tal-għerf divin.
Hawn, fil-fehma tiegħi, il-fakultajiet għad mhumiex magħquda għalkollox ma' Alla, imma mitlufa u mistagħġba jħarsu lejn dak li jkun qiegħed jiġri fil-bniedem.

7. Jista' jiġrili li, waqt li qiegħda nitkellem fuq dawn il-ħwejjeġ interjuri, ngħid bil-maqlub ta' xi ħaġa li ktibt qabel xi mkien ieħor. Dan ma jgħaġġibnix, għax fil-kważi ħmistax-il sena li għaddew minn meta ktibt fuq hekk, il-Mulej forsi għoġbu jagħtini dawl akbar fuq dawn il-ħwejjeġ biex inkun nista' nifhimhom aħjar milli stajt nifhimhom fil-bidu. Jista' jkun ukoll li issa, bħal dakinhar, qiegħda niżbalja f'kollox; imma żgur li miniex nigdeb għax, għall-ħniena ta' Alla, aktar ninsab imħejjija li mmut għal elf darba milli ngħid ħaġa b'oħra. Qiegħda biss nitkellem skont ma fhimt jien.

8. Naraha ħaġa ċara ħafna li r-rieda hawn trid tkun b'xi mod magħquda mar-rieda ta' Alla. Imma wieħed jagħraf kemm ikun jiswa t-talb mill-effetti u mill-għemil li jiġi wara, għax m'hemm ebda griġjol aħjar minn dan biex naraw x'tiswa l-orazzjoni. Il-Mulej ikun qiegħed jagħti grazzja kbira lil min jagħraf dak li Hu jogħġbu jagħtih, u grazzja wisq akbar lil min qatt ma jerġa' lura.
Mela, uliedi, żgur li intom tixtiequ kieku taslu għal din l-orazzjoni malajr kemm jista' jkun; u għandkom raġun għax, kif għedt, ir-ruħ lanqas biss tista' tifhem għalkollox il-grazzji kbar li l-Mulej jagħtiha f'dan l-istadju tal-ħajja ta' talb, u lanqas tasal biex tifhem il-kobor tal-imħabba li tiġbidha dejjem eqreb lejn Alla. Żgur li huwa tajjeb ħafna li nfittxu nifhmu kif nistgħu niksbu grazzja bħal din; għalhekk, se ngħidilkom dak li stajt nifhem jien.

9. Ħa nħallu barra dawk id-drabi li fihom il-Mulej jogħġbu jagħti din il-grazzja lil xi wħud għax hekk ikun irid Hu, u għal ebda raġuni oħra. Il-Maestà Tiegħu jaf għaliex, u aħna mhux sejrin nindaħlu f'dan. Mela, wara li tkunu wettaqtu dak kollu li għandhom ikunu għamlu dawk li għexu diġà fl-għamajjar ta' qabel: umiltà umiltà! Huwa b'dan li l-Mulej iħalli lil min jirbħu f'dak kollu li nkunu rridu mingħandu. U l-ewwel sinjal, biex taraw jekk għandkomx umiltà jew le, huwa li ma taħsbu b'ebda mod li intom jistħoqqilkom xi grazzji bħal dawn u xi ħlewwiet ta' gost jew li l-Mulej sejjer jagħtihomkom f'ħajjitkom.
Hija ħaġa minn ewl id-dinja li tistaqsuni kif tistgħu tiksbuhom mingħajr ma tfittxuhom. Inweġibkom li, minħabba r-raġunijiet li sejra nsemmi, m'hemmx mod aħjar minn dak li diġà semmejt, jiġifieri li ma tfittxuhomx. Qabel kollox, għax irridu nħobbu lil Alla tassew bla ma nkunu moħħna fina nfusna u fil-ġid tagħna. It-tieni, għax hemm nuqqas ta' umiltà meta naħsbu li għall-qadi fqir tagħna nistgħu niksbu ġid hekk kbir. It-tielet, għax it-tħejjija sewwa għal dawn il-grazzji hija li aħna, li wara kollox offendejna 'l-Mulej, għandu jkollna xewqa li nbatu u nimitawh, u mhux xewqa ta' ħlewwiet ta' gost. Ir-raba', għax il-Maestà Tiegħu m'għandu ebda obbligu li jagħtina dawn il-grazzji bħalma jrid jagħtina s-sema jekk inħarsu l-kmandamenti tiegħu. Għax aħna nistgħu nsalvaw xorta waħda wkoll mingħajr dawn il-grazzji, u Hu jaf aktar minna x'inhu l-aħjar għalina u min minna jħobbu tassew. Dan żgur hekk; jien naf. U naf bi bnedmin li jimxu fit-triq tal-imħabba kif inhu xieraq, u jagħmlu dan bil-ħsieb biss li jaqdu lil Kristu msallab; dawn mhux biss ma jitolbux ħlewwiet ta' gost, iżda lanqas jixtiquhom, hekk li jitolbu bil-ħniena lil Alla biex ma jagħtihomx minnhom f'din il-ħajja. Dan huwa minnu.

Hemm raġuni oħra, il-ħames waħda, għax aħna nitħabtu għalxejn f'dawn il-ħwejjeġ. Ladarba dan l-ilma mhux se jgħaddi mill-kanali li nistgħu nħejju, għax ma jiġix bħalma jiġi l-ilma l-ieħor li semmejna, ftit jiswa li ngħejjew lilna nfusna jekk l-għajn ma tridx tagħti aktar ilma. Irrid ngħid li, għalkemm intawlu ħafna l-meditazzjoni tagħna u nisfurzaw lilna nfusna, inxerrdu kemm inxerrdu dmugħ, dan l-ilma mhux se jiġina b'dan il-mod. Jingħata biss lil dawk li Alla jrid jagħtihulhom, u jingħata ħafna drabi meta r-ruħ lanqas biss tkun qiegħda taħseb fih.

10. Aħna tiegħu, ħuti; ħa jagħmel li jrid bina Hu, u ħa jgħaddina minn liema triq irid Hu. Nemmen bis-sħiħ li lil dawk fostna li jumiljaw ruħhom u jkollhom spirtu ta' ċaħda (basta jkun hekk fis-sewwa kollu għalkollox, u mhux biss fil-ħsieb biss li sikwit iqarraq bina) il-Mulej ma jonqosx li jagħtina din il-grazzja u ħafna oħrajn li lanqas nafu nixtieq= aħna. Ikun imfaħħar u mbierek għal dejjem, ammen.

# *KAPITLU 3*

*Tfisser x'inhi l-orazzjoni tal-ġabra, li fil-biċċa l-kbira l-Mulej jagħti qabel l-orazzjoni msemmija. Turi l-effetti li ġġib magħha, kif ukoll l-effetti li jkunu baqgħu hemm mill-orazzjoni msemmija qabel, li fiha dehru dawk il-ħlewwiet ta' gost li jagħti l-Mulej.*

1. L-effetti li ġġib din l-orazzjoni huma ħafna; infisser xi ftit minnhom. Iżda qabel, ngħid xi ħaġa dwar xort'oħra ta' orazzjoni li fil-biċċa l-kbira tibda qabel din (mhux sejra ngħid dak kollu li nixtieq infisser, għax diġà tkellimt fuqha fi bnadi oħra). Din hija ġabra li, fil-fehma tiegħi, hija wkoll sopranaturali. Għax ma titlobx li wieħed joqgħod fid-dlam jew li jagħlaq għajnejh, u ma tinstabx fi ħwejjeġ esterni; imma dak li jkun, bla ma jrid, jagħlaq għajnejh u jixtieq is-solitudni. Bla ma joqgħod ifittex u jara x'jagħmel, xorta waħda jkun qiegħed jinbnielu bil-mod il-mod il-bini li jeħtieġ għall-orazzjoni msemmija. Is-sensi u l-ħwejjeġ esterni kollha jidhru jitilfu l-ħakma tagħhom, għax ir-ruħ tkun qed terġa' tikseb dak li huwa tagħha.

2. Xi drabi jgħidu li r-ruħ tidħol fiha nfisha, u drabi oħra li togħla 'l fuq minnha nfisha. Iżda b'dan il-kliem ma nasal biex niċċara xejn. Għax daħħaltha f'moħħi li intom tistgħu tifhmuni meta nfisser ruħi skont ma naħseb jien, waqt li forsi jien biss nifhem lili nnifsi fi kliemi. Mela, ħa naħsbu għal ftit li s-sensi u l-fakultajiet (li kif diġà għedt, huma n-nies f'dan il-kastell skont it-tixbiha li għażilt biex infisser ruħi) ħarġu barra mill-kastell u, għal jiem u snin sħaħ, tħalltu mal-barranin li huma għedewwa tal-ġid tal-kastell. Iżda mbagħad, dawn jintebħu bit-telfien li ġiebu b'idejhom u jerġgħu jibdew jersqu lejn il-kastell, ukoll jekk ma jaslux biex jidħlu u jibqgħu ġewwa — għax issa d-drawwa li jgħixu fil-kastell saritilhom ħaġa iebsa. Imma għallanqas ma għadhomx tradituri, iżda joqogħdu jduru madwar il-kastell. U s-Sultan kbir, li jgħammar fiċ-ċentru tiegħu, jara r-rieda tajba tagħhom u, fil-ħniena kbira tiegħu, irid isejħilhom lura. Bħal ragħaj l-aktar tajjeb, isejħilhom b'tisfira hekk ħelwa illi saħansitra huma nfushom ibatu biex jisimgħuh. Imma jagħmel li jagħarfu leħnu, biex ma jmorrux wisq 'il bogħod u jintilfu, iżda jerġgħu lura fl-għamara tagħhom. U t-tisfira ta' dan ir-ragħaj hija fl-istess ħin hekk qawwija illi huma jaqbdu u jitilqu l-ħwejjeġ kollha ta' barra li kienu begħduhom minnu, u jidħlu mill-ġdid fil-kastell.

3. Jidhirli li qatt ma fissirt ruħi hekk tajjeb daqs din id-darba. Għax meta l-Mulej jagħtina din il-grazzja, dan jiswielna ħafna biex infittxu lil Alla fina nfusna (fejn nistgħu nsibuh b'ħeffa akbar u b'ġid akbar għalina milli kieku nkunu fittixnieh fil-ħlejjaq, kif jgħid Santu Wistin li, wara li fittxu f'ħafna mkejjen, sabu fih innifsu). La taħsbux li l-intellett jista' jasal għal dan billi joqgħod jaħseb li Alla qiegħed ġewwa fina, jew li se tagħmel dan l-immaġinazzjoni billi toqgħod tistħajlu ġewwa fina. Huwa tajjeb ħafna u jiswa bħala mod mill-aħjar ta' kif nagħmlu l-meditazzjoni, għax mibni fuq il-verità li Alla jinsab fina. Iżda mhux dan li għandi f'moħħi, għax wara kollox kulħadd jista' jagħmel hekk (dejjem bil-grazzja tal-Mulej, irrid nifhem). Dan li qiegħda ngħid hawn huwa xort'oħra. Għax xi drabi jiġri li, qabel ma jibdew jaħsbu f'Alla, dawn in-nies diġà jinsabu jgħammru fil-kastell, bla ma wieħed jaf kif intebħu bit-tisfira tar-ragħaj jew minn fejn daħlu. Żgur li ma semgħux it-tisfira, għax xejn ma jinstema' bil-widnejn. Imma fis-sewwa kollu jħossu b'mod ċar u ħelu ħelu bħal ġbid 'il ġewwa, kif jista' jixhed min ġarrab dan, għax ma nistax infisser ruħi aħjar. Jidhirli li qrajt xi mkien li jiġrilhom bħal qanfut jew fekruna li jidħlu fihom infushom; u min kiteb b'dan il-mod jidher li żgur fehem sewwa dak li jiġri hawn. Imma dawn l-annimali jidħlu fihom infushom kull xħin iridu huma. Iżda hawn, dak li rridu aħna ma jgħodd xejn, għax kollox iseħħ biss meta Alla jrid jagħtina din il-grazzja. Ngħid għalija, jiena nżomm li meta l-Maestà Tiegħu jagħtiha, Hu jagħti din il-grazzja lil dawk li diġà qegħdin jagħtu daqqa t'id sewwa biex jinħallu mill-ħwejjeġ tad-dinja. Ma rridx ngħid li l-miżżewġin għandhom jaqbdu u jħallu kollox — iżda jistgħu jagħmlu dan bix-xewqa, ladarba Hu jsejħilhom b'mod speċjali biex jieħdu ħsieb tal-ħajja interjuri. Nemmen li, jekk naqtgħuha darba għal dejjem li nagħtu ftit tal-wisa' lill-Maestà Tiegħu, lil dawk li jrid isejjaħ għal ħwejjeġ ogħla jagħtihom wisq aktar minn hekk.

4. Ħa jfaħħar minn qalbu lil Alla min jara li dan qiegħed iseħħ fih, għax huwa sewwa li wieħed jagħraf grazzja bħal din u jiżżih ħajr tagħha, biex b'hekk iħejji ruħu għal grazzji akbar. Dan jiswa biex ir-ruħ tħejji ruħha sabiex tisma' leħen il-Mulej, kif jgħallmu xi kotba. Minflok ma toqgħod iġġib ħafna ħsibijiet kif taf hi, għandha tara u tagħraf x'ħidma qiegħed iwettaq fiha l-Mulej. Għax, jekk il-Maestà Tiegħu ma jkunx beda jagħtina l-grazzja li nintilfu fih, ma nafx kif nistgħu nwaqqfu lil moħħna mingħajr ma nġibu aktar ħsara milli ġid, għalkemm xi bnedmin spiritwali ilhom jitħaddtu fuq dan. Min-naħa tiegħi, nistqarr in-nuqqas ta' umiltà, iżda dawk li jżommu li għandna nwaqqfu lil moħħna aħna, qatt ma tawni xi raġuni tajba biex noqgħod fuq kliemhom. Wieħed minnhom qalli x'jgħid ktieb tal-qaddis Fray Pedro de Alcantara — għax jien

nemmen li huwa qaddis — li żgur kont noqgħod fuq kliemu għax naf li jifhem f'dawn il-ħwejjeġ. Imma qrajna kliemu flimkien u sibt li jgħid dak li qiegħda ngħid jien, għalkemm mhux bl-istess kliem tiegħi. F'dak li jikteb, jidher ċar li l-imħabba trid tkun diġà bdiet tħeġġeġ. Jista' jkun li qiegħda niżbalja, imma nemmen dan li qiegħda ngħid minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

5. L-ewwel, f'dan ix-xogħol tal-ispirtu, min jaħseb l-inqas u jixtieq jagħmel inqas, jagħmel aktar. Dak li għandna nagħmlu huwa li nitolbu bħal tallaba fil-ħtieġa quddiem imperatur kbir u għani, inbaxxu għajnejna u nistennew bl-umiltà kollha. Imbagħad, meta fil-mogħdijiet moħbija tiegħu bħal jidhrilna li qegħdin nifhmu li qiegħed jismagħna, huwa tajjeb li nibqgħu siekta, ladarba ħalliena noqogħdu ħdejh; u ma tkunx ħaġa ħażina li nfittxu li ma nħallux lil moħħna jaħdem — jekk stess inkunu nistgħu nħaddmuh, irrid ngħid. Imma, meta nkunu għadna ma nafux jekk dan is-Sultan semagħniex jew raniex, m'għandniex nitbellhu. Għax ir-ruħ tassew li titbellah meta tfittex dan hi, hekk li minħabba l-forza li tuża fuqha nfisha biex ma taħseb f'xejn, issib ruħha f'nixfa akbar, u l-immaġinazzjoni ma ssibx kwiet. Bil-maqlub, il-Mulej ikun irid li nitolbuh bil-ħniena u niftakru li ninsabu quddiemu; Hu jaf biżżejjed x'inhu l-aħjar għalina. Ma nasalx biex nemmen li l-ħidma umana tista' tiswa xi ħaġa f'dawn il-ħwejjeġ li l-Maestà Tiegħu jidher li wera safejn għandhom jaslu meta żammhom għalih. Dak li ma żammx f'idejh huma l-ħafna ħwejjeġ oħra li nistgħu naslu għalihom bl-għajnuna tiegħu, bħall-penitenza, l-għemil tajjeb u l-orazzjoni, safejn tħallina nagħmlu dan il-miżerja tagħna.

6. It-tieni raġuni hija li dawn il-ħidmiet interjuri huma kollha mimlija ħlewwa u paċi, waqt li kull ħaġa ta' tbatija ġġib aktar ħsara milli ġid. Qed insejjaħ ħaġa ta' tbatija kull sforz li nagħmlu fuqna nfusna; ngħidu aħna, trid tbati biex iżżomm in-nifs. Ir-ruħ għandha tintelaq f'idejn Alla għalkollox u tħallih jagħmel biha li jrid, bla ma toqgħod taħseb liema ġid tista' tikseb billi tħalli lilha nfisha għalkollox fir-rieda ta' Alla.

It-tielet raġuni hija li l-istess ħsieb li r-ruħ ikollha biex ma toqgħod taħseb f'xejn forsi aktar iqajjem 'il-moħħ biex jaħseb ħafna.

Ir-raba' raġuni hija li dak li l-aktar li jgħodd u jogħġob lil Alla huwa li nżommu dejjem quddiem għajnejna ġieħu u sebħu, waqt li ninsew lilna nfusna, il-ġid tagħna, u kull faraġ u gost tagħna. Issa, kif jista' jasal biex jinsa lilu nnifsu min għandu moħħu l-ħin kollu f'dak li jagħmel hu, hekk li lanqas jażżarda jiċċaqlaq u saħansitra lanqas iħalli l-intellett u r-rieda jixxenqu għall-akbar glorja ta' Alla jew jifirħu b'dik il-glorja li huwa mdawwar biha? Meta l-Maestà Tiegħu jkun irid li moħħna ma jibqax jaħdem hu, malajr jimlieh mod ieħor, u jagħtih dawl hekk ogħla minn dak li nistgħu niksbu aħna illi jħallih mitluf fih. Imbagħad, bla ma jaf kif, l-intellett isib ruħu mgħallem wisq aħjar milli kien b'dak kollu li għamlet ir-ruħ biex ma tużahx. Ladarba Alla tana l-fakultajiet tagħna biex inħaddmuhom sabiex isibu l-premju li jixirqilhom, m'hemmx għalfejn nagħmlulhom xi seħer; għandna nħalluhom iwettqu l-ħidma tagħhom sakemm Alla ma jqegħdilhomx xi ħaġa ogħla.

7. Dak li nifhem li jaqbel l-aktar għar-ruħ li l-Mulej idaħħal f'dawn l-għamajjar huwa proprju dak li għedt. Ir-ruħ għandha tfittex li, bla ebda sforz jew ħoss, twaqqaf ir-raġunamenti tal-intellett, waqt li ma twaqqafx għalkollox il-ħidma tiegħu, u lanqas ma twaqqaf kull ħsieb, għax huwa sewwa li tiftakar dejjem li tinsab quddiem Alla u min huwa dan Alla li tinsab quddiemu. Jekk dan iwassalha biex tintilef fih, tajjeb ħafna; imma m'għandhiex tfittex li tifhem x'inhu, għax dan mhux ħlief don mogħti lir-rieda. Ir-ruħ għandha titħalla tithenna bih bla ma toqgħod tara x'tista' tagħmel hi, ħlief li tlissen xi kliem ta' mħabba. Għax ukoll jekk hawn ma nfittxux li ma naħsbu f'xejn, xorta waħda ħafna drabi ma nibqgħu naħsbu f'xejn, għalkemm għal ħin qasir ħafna.

8. Iżda, kif għedt xi mkien ieħor, ir-raġuni għaliex jiġri hekk f'din ix-xorta ta' orazzjoni (jiġifieri dik li bdejt infisser f'dawn l-għamajjar) hija oħra. Għax bdejt nitkellem ukoll mill-orazzjoni tal-ġabra li jmissni fissirt qabel, għax hija wisq inqas minn dik tal-ħlewwiet ta' gost ta' Alla li għadni kif semmejt u li hija l-bidu biex tasal għall-oħra. Għax fl-orazzjoni tal-ġabra, m'għandniex inwarrbu l-meditazzjoni jew il-ħidma proprja tal-intellett...

L-ilma jnixxi waħdu minn din l-għajn ta' ilma ġieri, u mhux permezz tal-kanali, hekk li l-intellett irażżan il-ħidma tiegħu, jew aħjar jiġi mrażżan meta jara li lanqas jifhem x'inhu dak li jrid u jibda jiġġerra minn post għall-ieħor bħal wieħed bla moħħ li ma jsib mistrieħ f'xejn. Min-naħa tagħha, ir-rieda hija hekk imsammra f'Alla tagħha illi l-qagħda mħawda tal-intellett iddejjaqha bosta. Iżda r-rieda m'għandhiex tagħti kas tal-qagħda tal-intellett għax, jekk tagħmel dan, titlef ħafna minn dak li tkun qiegħda tithenna bih. Għandha tħallih għal rasu, waqt li hija tintelaq għalkollox f'dirgħajn l-imħabba, u l-Maestà Tiegħu jieħu ħsieb jgħallimha x'għandha

tagħmel f'dan il-waqt. Tista' tgħid li kull ma jeħtieġ tagħmel huwa li tagħraf dejjem li ma jistħoqqilhiex ġid hekk kbir u, għalhekk, toqgħod tiżżi ħajr lil Alla f'kull ħin.

9. Sabiex nitkellem fuq l-orazzjoni tal-ġabra, inqast li nuri l-effetti u s-sinjali li jidhru fl-erwieħ li l-Mulej Alla tagħna jagħtihom din l-orazzjoni tal-kwiet. Qabelxejn, jidher ċar li r-ruħ titwessgħa u tinfetaħ, bħal meta l-ilma li joħroġ mill-għajn ma jkunx jista' jiġri f'nixxiegħa, għax l-istess għajn tkun magħmula b'mod li aktar ma joħroġ ilma minnha, akbar issir il-vaska li tilqgħu. Dan huwa x'jiġri f'din ix-xorta ta' orazzjoni, flimkien ma' ħafna għeġubijiet oħra li Alla jaħdem fir-ruħ, waqt li jagħmilha tesa' dejjem aktar u jħejjiha biex iżżomm kollox fiha. Din il-ħlewwa u dan it-twessigħ interjuri jagħmlu lir-ruħ wisq aktar ħielsa f'dak li tagħmel għall-qadi ta' Alla, hekk li ma tħosshiex aktar marbuta bħal qabel f'dak li twettaq. Ma tibqax magħfusa mill-biża' tal-infern għax, għalkemm issa jikber ħafna aktar fiha l-biża' li toffendi lil Alla, hawn titlef kull biża' servili; bil-maqlub, trabbi fiha fiduċja kbira li għad tasal biex tithenna b'Alla. Il-biża' li kien ikollha li tagħmel penitenza li ma tmurx tħassar saħħitha, issa jgħib għalkollox, għax temmen li f'AIla kollox tista' *(Fil 4,13)*; u titnissel fiha xewqa li tagħmel penitenza aktar minn qabel. Jonqos ukoll il-biża' li kien ikollha quddiem kull tiġrib, għax issa għandha fidi wisq aktar ħajja u tifhem li, jekk iġġarrab kull tiġrib għal Alla, il-Maestà Tiegħu jagħtiha l-grazzja li ssofrih bis-sabar u xi drabi saħansitra li tixtiequ, għax tnissel fiha ħeġġa kbira li twettaq xi ħaġa għall-Mulej. Billi tibda tagħraf aktar il-kobor ta' Alla, iżżomm lilha nfisha b'waħda aktar dgħajfa u msejkna. U għax tkun diġà daqet il-ħlewwiet tal-gost ta' Alla, tara li dawk tad-dinja mhumiex ħlief ħaġa baxxa. Għalhekk tibda titbiegħed minnhom bil-mod il-mod u, bis-saħħa ta' hekk, issir aktar sidt tagħha nfisha. Fi ftit kliem, timxi 'l quddiem fil-virtujiet kollha. U tibqa' tikber dejjem aktar fil-virtù sakemm ma terġax lura biex toffendi lil Alla, għax f'dan il-każ titlef kollox, għolja kemm tkun għolja l-quċċata milħuqa mir-ruħ. U lanqas m'għandna nifhmu li huwa biżżejjed għar-ruħ li Alla jagħtiha din il-grazzja darba jew darbtejn biex ikollha dawn l-effetti kollha; jeħtieġ li tibqa' tirċievi dawn il-grazzji, għax f'din il-perseveranza jinsab il-ġid kollu tagħna.

10. Fuq ħaġa waħda rrid inwissi bis-sħiħ lil min isib ruħu f'din il-qagħda: li jgħasses sewwa u b'kull mod biex ma jqigħedx lilu nnifsu fl-okkażjoni li joffendi lil Alla. Għax hawn ir-ruħ għad ma kibritx biżżejjed, imma għadha qisha tarbija tal-ħalib; jekk tħalli sider ommha, x'jista' jiġrilha ħlief li tmut? Nibża' ħafna li dan huwa li jiġrilu min iħalli l-orazzjoni meta Alla jkun tah din il-grazzja — sakemm ma jitlaqx it-talb tiegħu għal xi raġuni tassew mhux tas-soltu — jew jekk ma jerġax lura għall-orazzjoni malajr kemm jista' jkun, għax jiġrilu li jmur mill-ħażin għall-agħar. Naf li f'dan il-każ hemm tabilħaqq għaliex nibżgħu. U naf xi bnedmin li sewwidt qalbi meta rajthom jgħaddu minn dan li qiegħda nfisser, għax taw daharhom lil min b'imħabba hekk kbira ried ikun il-ħabib veru tagħhom u jurihom din il-ħbiberija bil-fatti. Nisħaq b'saħħti kollha fuq din it-twissija li ma jqegħdux ruħhom fl-okkażjoni tad-dnub, għax id-demonju aktar iwebbes rasu biex jagħmel ħsara lil ruħ minn dawn milli lil ħafna oħra li l-Mulej ma jagħtihomx dawn il-grazzji. Għax l-erwieħ ta' din ix-xorta jistgħu jagħmlu ħsara kbira lid-demonju meta jiġbdu oħrajn biex jimxu warajhom, hekk li jistgħu jkunu ta' ġid kbir għall-Knisja ta' Alla. U jekk stess id-demonju ma jkollu ebda raġuni oħra għajr li jara lill-Maestà Tiegħu jurihom imħabba speċjali, din hija biżżejjed biex iġġiegħlu jagħmel minn kollox ħalli jfittex iwassal lil dawn l-erwieħ għat-telfien. Għalhekk, dawn iħabbtu wiċċhom ma' gwerra akbar; u jekk jintilfu, il-waqgħa tagħhom tkun wisq akbar minn tal-oħrajn.

Intom, ħuti, tinsabu ħielsa minn dawn il-perikli, safejn nistgħu nkunu nafu. Imma ħa jeħliskom Alla mis-suppervja u l-ftaħir fieragħ. Jekk id-demonju jara kif iqarraq bikom bi grazzji li jidhru bħal dawn, malajr jinkixef, għax ma jidhrux l-effetti sbieħ li fissirt, iżda kollox ikun bil-maqlub.

11. Hemm periklu ieħor li rrid inwisskom fuqu, għalkemm diġà semmejtu xi mkien ieħor; għax rajt jaqgħu fih bnedmin ta' talb, l-aktar nisa minħabba li aħna aktar dgħajfa mill-irġiel u aktar nistgħu naqgħu f'dan li sejra ngħid. Dan huwa li xi wħud, minħabba l-penitenza kbira li jagħmlu, it-talb fit-tul u s-sagrifiċċji, jew forsi wkoll mingħajr dawn, huma dgħajfa fil-kostituzzjoni tagħhom, hekk li meta jingħatalhom xi don, in-natura tagħhom bħal tibqa' taħtu. Minħabba li jħossu xi hena ġewwieni, u fl-istess ħin nuqqas ta' saħħa u dgħufija f'ġisimhom minn barra, l-aktar meta jidħlu f'dak li jsejħu raqda spiritwali u li huwa xi ftit ogħla minn dak li fissirt qabel, jibdew jaħsbu li huwa l-istess ħaġa u bħal jintilfu fih. Aktar ma jintelqu fih, aktar iħossuhom mitlufa, għax in-natura tagħhom tiddgħajjef aktar, u jistħajluhom mgħaddsa f'xi rapiment. Iżda jiena nsejħilha bluha, għax dan mhux ħlief ħela ta' żmien u ma jwassal imkien ħlief biex jagħmel ħsara fis-saħħa.

12. Naf b'min baqa' f'din il-qagħda għal tmien sigħat sħaħ; la kienet mitlufa minn sensiha u lanqas ma ħasset xi ħaġa ta' Alla. Imma kienet tħossha mfejqa minn din il-qagħda hekk kif kienet tinxteħet torqod jew tibda tiekol jew taħrab kull penitenza, u fehmet minn xiex kienet għaddejja għax fl-aħħar sabet min fehemha. Qabel, bla ma riedet tqarraq b'ħadd, kienet qarrqet bil-konfessur tagħha, bi bnedmin oħra u saħansitra biha nfisha. Nemmen bis-sħiħ li d-demonju kien qiegħed ifittex jirbaħ xi ħaġa, u wasal biex jirbaħ mhux ftit.

13. Jeħtieġ nifhmu sewwa li, meta tkun ħaġa ġejja tassew minn Alla, għalkemm ikun hemm telqa u għejja minn ġewwa u minn barra, ir-ruħ ma tħoss xejn minn dan għax, meta ssib lilha nfisha hekk qrib ta' Alla, timtela b'sentimenti kbar ta' ħajr. U dan ma jdumx wisq, imma għal ftit ħin biss, ukoll jekk ir-ruħ terġa' tintilef fih. Din ix-xorta ta' orazzjoni, sakemm ma jkunx hemm fin-nofs id-dgħufija li semmejt, ma tasalx biex tfarrak il-ġisem u lanqas ma ġġib fih xi sentiment estern.

Minħabba f'hekk, mela, ħudu din it-twissija u, meta xi waħda minnkom tħoss xi ħaġa minn dan jiġri fiha, ħa tgħid b'kollox lis-superjura u tagħmel dak kollu li tista' biex ma tibqax moħħha f'hekk. U s-superjura m'għandhiex tħalliha tgħaddi ħafna sigħat fl-orazzjoni, iżda ftit ħin biss, u tara li din is-soru torqod u tiekol tajjeb sakemm tibda terġa' tikseb saħħitha, jekk tkun dgħajfet ħafna lilha nfisha minħabba n-nuqqas ta' ikel u rqad. U jekk fil-kostituzzjoni tagħha tkun hekk dgħajfa illi lanqas dan mhu biżżejjed għaliha, emmnuni li Alla ma jridha għal xejn aktar ħlief għall-ħajja attiva, li hemm post għaliha wkoll fil-monasteri. Mela, ħa jagħtuha xogħol f'qadi ta' dmirijiet oħra u ħa joqogħdu attenti li ma toqgħodx waħedha fit-tul, għax fis-solitudni tasal biex titlef saħħitha għalkollox. Din tkun mortifikazzjoni iebsa ħafna għaliha, imma l-Mulej irid jara safejn tasal l-imħabba li għandha għalih mill-mod kif issofri din l-assenza tiegħu u, wara ftit żmien, jogħġbu jagħtiha saħħitha mill-ġdid. U jekk ma jagħmilx dan, it-talb vokali u l-ubbidjenza tagħha jkunulha ta' ġid u ta' mertu fl-istess qies li kienet tikseb mod ieħor, jew forsi aktar.

14. Jista' jagħti l-każ li jkun hemm xi wħud hekk dgħajfa f'moħħhom u fl-immaġinazzjoni tagħhom — u jiena sirt naf b'uħud minnhom — illi jemmnu li jkunu qegħdin jaraw tassew dak kollu li jaħsbu fuqu. Dan huwa ta' periklu kbir. Billi aktarx għad nitkellem fuqu aktar 'il quddiem, ma ngħid xejn aktar hawn. Tawwalt wisq f'din l-għamara, għax hija dik li fiha jidħlu l-akbar għadd ta' rwieħ. U ladarba hawn dak li huwa naturali jingħaqad mas-sopranaturali, id-demonju jista' jagħmel ħsara akbar. Fl-għamajjar li għad irrid nitkellem fuqhom, il-Mulej ma jħallilhux daqshekk wisa' fejn jaħdem. Ikun imbierek il-Mulej għal dejjem, ammen.

# IL-ĦAMES GĦAMAJJAR f’erba' kapitli

## *KAPITLU 1*

*Tibda tfisser kif fl-orazzjoni r-ruħ issir ħaġa waħda ma' Alla. Turi kif nistgħu nagħarfu jekk inkunux imqarrqa f’dan.*

1. O, ħuti, kif nista' nfisser it-teżori, l-għana u l-għaxqa, li jinsabu fil-ħames għamajjar? Nemmen li jkun aħjar li ma ngħid xejn fuq l-għamajjar li jonqosni nitkellem minnhom, għax ħadd ma jista' jfissirhom sewwa; la l-intellett ma għandu ħila jifhimhom u lanqas it-tixbihat ma jistgħu jaslu biex juruhom tajjeb, għax il-ħwejjeġ ta' din l-art huma baxxi wisq għal dan l-għan.

Itfa' fuqi mis-sema, Mulejja, id-dawl meħtieġ biex inkun nista' ndawwal lil dawn il-qaddejja tiegħek, għax Int għoġbok tagħti lil xi wħud minnhom li sikwit jithennew b'għaxqiet minn dawn. Jeħtieġu dan id-dawl biex ma jkunx jista' jqarraq bihom id-demonju billi jinbidel f’anġlu tad-dawl *(2Kor 11,14)*. Għax ix-xewqat kollha tagħhom jinġabru fix-xewqa li jogħġbu lilek.

2. Ukoll jekk għedt "lil xi wħud", tassew ftit huma dawk li ma jaslux biex jidħlu f’dawn l-għamajjar li issa sejra nfisser. Hemm l-aktar u l-inqas, u huwa għalhekk li qiegħda ngħid li l-biċċa l-kbira jidħlu f’dawn l-għamajjar. Imma naħseb li ftit biss jaslu biex jiksbu xi ħwejjeġ li sejra ngħid li jinsabu f’din il-kamra. Iżda jekk jaslu biss sal-bieb tagħha, Alla jkun diġà qiegħed juri magħhom ħniena kbira ħafna. Għax, jekk ħafna huma l-imsejħin, ftit huma l-magħżulin *(Mt 20,16)*. U ngħid l-istess ħaġa għalina wkoll li nġibu fuqna l-libsa religjuża Karmelitana. Kollha aħna msejħa għall-ħajja ta' talb u għall-kontemplazzjoni, għax din kienet is-sejħa tal-bidu, minn din il-familja ġejna mnissla, jiġifieri mill-Missirijiet qaddisa tal-Għolja tal-Karmel li, f’solitudni hekk kbira u f’ċaħdiet hekk kbar mill-ħwejjeġ tad-dinja, fittxew dan it-teżor, din il-ħaġra prezzjuża li qegħdin nitkellmu fuqha — u b'danakollu ftit minna jħejju ruħhom biex il-Mulej ikun jista' jurihielhom. F'dak li jidher minn barra, ninsabu mexjin fit-triq it-tajba biex naslu għal dak li huwa meħtieġ; imma fil-virtù li neħtieġu biex naslu hawn, jonqosna ħafna, tassew ħafna, u jeħtieġ li nagħtu kas tal-iċken ħaġa. Għalhekk, ħuti, ħa nieqfu ftit, u nitolbu 'l-Mulej li, ladarba nistgħu b'xi mod nithennew bis-sema fuq l-art, jagħtina l-grazzja tiegħu ħalli ma jkun jonqosna xejn ħtija tagħna, ħalli jurina t-triq u jagħti qawwa u saħħa lil ruħna, biex inħaffru sakemm insibu dan it-teżor moħbi *(Mt 13,44-46)*, li huwa minnu li jinsab fina nfusna. Dan huwa li rrid li nagħmel li tifhmu, jekk il-Mulej jagħtini li nkun naf infissru.

3. Għedt "qawwa u saħħa lir-ruħ" sabiex tifhmu li hawn is-saħħa tal-ġisem mhix meħtieġa għal dawk li Alla ma jagħtihielhomx. M’hemm ħadd li Hu ma jimxix miegħu b'mod li jkun jista' jixtri l-għana tiegħu. Jekk kull wieħed u waħda minna jagħtih dak kollu li għandu, Hu jibqa' hieni. Ikun imbierek Alla hekk kbir! Imma aħsbu sewwa, uliedi: biex tkunu tistgħu tithennew bil-grazzji li qegħdin insemmu, il-Mulej irid li ma żżommu xejn għalikom. Għandkom x'għandkom, ftit jew ħafna, Hu jrid kollox għalih. U skont ma tkunu tafu li tajtuh, Hu jagħtikom aktar jew inqas grazzji. M’hemmx prova aħjar minn din biex inkunu nafu jekk l-orazzjoni tagħna waslitx għall-unjoni.

La taħsbux li din hija xi ħaġa f’ħolma b'għajnejna miftuħa bħall-qagħda li semmejt qabel; u qiegħda ngħid f’ħolma għax ir-ruħ tassew li tidher nofsha rieqda, hekk li la jidhrilha li hija rieqda għalkollox u lanqas tħossha mqajma. Hawn tassew li aħna reqdin kollna kemm aħna, u reqdin fil-fond, għall-ħwejjeġ kollha tad-dinja u għalina nfusna (għax jiġri li għall-ftit ħin li ddum f’din il-qagħda, ir-ruħ tibqa' qisha ma tista' tagħraf xejn u ma għandha ebda setgħa li taħseb, ukoll jekk tkun trid tagħmel dan). Hawn ma teħtieġx toqgħod taħseb kif sejra twaqqaf il-ħidma tal-moħħ. Ukoll fl-imħabba, jekk tħobb, lanqas taf kif jew x’inhu dak li tħobb u li trid; fis-sewwa kollu, mietet għalkollox għad-dinja biex tgħix b'ħeġġa akbar għal Alla.

4. Din hija mewta l-aktar ħelwa: hija mewt, għax lir-ruħ jitqaċċtulha l-ħidmiet kollha li tista' twettaq sakemm tkun għadha fil-ġisem; u hija mewta ħelwa, għax tassew jidher li r-ruħ inqatgħet mill-ġisem biex tkun dejjem aktar ma' Alla, hekk li jien lanqas naf jekk jibqagħlhiex saħħa biex tieħu nifs. U waqt li issa qiegħda naħseb sewwa fuq dan, jidhirli li ma jkollhiex saħħa, jew jekk stess tieħu nifs, dan tagħmlu bla ma tintebaħ. B'danakollu, l-intellett kieku jrid jintefa' b'ħiltu kollha biex jifhem xi ħaġa minn dak li tkun qiegħda tħoss ir-ruħ; iżda ladarba m’għandux qawwa biżżejjed għal dan, jibqa' qisu mbellah hekk li, għalkemm ma jintilifx għalkollox, la jasal biex iċaqlaq id waħda u lanqas riġel. Kif ngħidu aħna għal wieħed li jintilef minn sensih, li jkun qisu mejjet.

O, il-ħwejjeġ mistura ta' Alla! Ma ngħejja qatt infittex infissirhomkom, kieku nara li b'xi mod nasal biex nagħmel dan; għalhekk, ngħid elf ħmerija sabiex xi darba nfisser xi ħaġa sewwa, ħalli nkunu nistgħu nagħtu tifħir kbir lill-Mulej.

5. Għedt li din mhix xi ħaġa tal-ħolm, għax fl-għamara ta' qabel, ir-ruħ tibqa' fid-dubju dwar dak li jkun qiegħed jiġri, sakemm ikollha ħafna esperjenza. Tibda thewden jekk stħajlitx kollox hi, jekk kenitx rieqda, jekk kienx don ta' Alla jew qerq tad-demonju mibdul f'anġlu tad-dawl *(2Kor 11,14)*. Tibqa' mħawda b'elf suspett, u huwa sewwa li tħossha hekk, għax kif diġà għedt, l-istess natura tagħna tista' xi drabi tqarraq bina f'ħaġa bħal din. U għalkemm m'hemmx wisa' biżżejjed biex jistgħu jidħlu l-ħlejjaq velenużi, xi ftit gremxul żgħir jasal biex jidħol xorta waħda, għax dawn il-ħlejjaq huma hekk ħfief illi jiġru ma' kullimkien. Ukoll jekk ma jagħmlux ħsara, l-aktar jekk kif għedt, ma nagħtux kas tagħhom, b'danakollu huma ħsibijiet żgħar li jiġu mill-istħajjil ta' moħħna u minn dak li semmejt, hekk li jistgħu jdejquna ħafna drabi.

Imma issa, f'dawn il-ħames għamajjar, lanqas dawn il-ħlejjaq żgħar ma jistgħu jidħlu; għax hawn, la hawn stħajjil il-moħħ, la memorja u lanqas ħsibijiet, li jistgħu jfixklu dan il-ġid. U nasal biex ngħid li, jekk din hija unjoni ma' Alla tassew, lanqas id-demonju ma jista' jidħol u jagħmel ħsara, għax il-Maestà Tiegħu huwa magħqud hekk bis-sħiħ mal-essenza tar-ruħ li d-demonju ma jażżardax jersaq fil-qrib, u aktarx li lanqas jasal biex jifhem ħaġa hekk mistura. U din hija ħaġa ċara; ladarba, kif jgħidu, hu ma jifhimx ħsibijietna, inqas u inqas jasal biex jagħraf ħaġa hekk mistura, li Alla nnifsu lanqas jafdaha lil moħħna. O, x'ġid kbir hija qagħda bħal din fejn dak il-misħut ma jista' jagħmel ebda ħsara! Bis-saħħa ta' dan, ir-ruħ toħroġ b'rebħ tassew kbir, għax Alla jaħdem fiha bla ma jkun imfixkel minn ħadd, lanqas minna nfusna. X'ma jagħtiniex Hu li hekk iħobb jagħti, u li jista' jagħti, dak kollu li jrid?

6. Forsi jidher li qiegħda nħallikom imħawda meta ngħid li din hija unjoni ma' Alla, u b'hekk inkun qisni qiegħda ngħid li hemm aktar minn xorta waħda ta' unjoni. Iżda hekk huwa tabilħaqq! Ukoll fil-ħwejjeġ fiergħa, jekk inħobbuhom ħafna, id-demonju forsi jwassalna biex nitilfu moħħna fuqhom, iżda mhux bil-mod li jagħmel Alla, jew b'għaxqa u faraġ tar-ruħ, b'hena u paċi. U dan ta' Alla huwa hena fuq kull hena ta' din l-art, u akbar mill-għaxqiet kollha tad-dinja u mill-faraġ kollu tagħha. U aktar minn hekk ukoll, għax tassew li m'hemm xejn x'juri li dawn il-ħlewwiet tas-sema u dawk tal-art għandhom l-istess bidu; u dak li jagħmlu li nħossu fina mhux xorta, imma divers ħafna, kif stajtu taraw mill-esperjenza. Darba għedt li mhumiex xorta, l-istess kif mhux xorta li nħossu xi ħaġa fil-qoxra ta' barra tal-ġisem jew li nħossuha sa fil-mudullun tal-għadam. Hawn tassew li lqatt il-musmar fuq rasu, għax ma nafx kif nista' nfisser ruħi aħjar.

7. Jidhirli li lanqas b'dan it-tifsir m'intom hienja, għax tibqgħu taħsbu li tistgħu tiġu mqarrqa u li dawn il-ħwejjeġ interjuri huma xi ħaġa tqila wisq biex teżaminaw sewwa. Imma għal min ġarrab din l-unjoni, dak li għedna huwa biżżejjed. B'danakollu, minħabba li hemm fin-nofs għarfien ta' ħaġa jew oħra diversa ħafna minnha, irrid nagħtikom sinjal ċar li bih tistgħu tkunu żguri jekk l-unjoni tkunx ġejja minn Alla, bla biża' li tkunu mqarrqa u mingħajr ma jibqgħalkom xi dubju. Il-Maestà Tiegħu llum ġiebli f'moħħi dan is-sinjal, u fil-fehma tiegħi huwa sinjal żgur. Kull meta nitkellem minn ħwejjeġ tqal biex nifhmuhom, ukoll jekk nara li nkun qiegħda nifhimhom sewwa u ngħid il-verità, dejjem nuża din il-kelma "jidhirli" jew xi kliem bħalha. Għax jekk niżbalja f'xi ħaġa, jiena lesta biex dejjem u f'kollox nemmen dak li jgħidu l-għorrief li għandhom it-tagħlim meħtieġ. Dawn, ukoll jekk ma jkunux ġarrbu ħwejjeġ ta' din ix-xeħta, għandhom xi ħaġa li ma nafx x'inhi, għax ladarba Alla sejħilhom biex idawlu 'l-Knisja tiegħu, Hu jagħtihom id-dawl meħtieġ biex jagħarfu l-verità b'mod li tkun milqugħa mill-oħrajn. U jekk ma jgħixux ħajja fiergħa għall-aħħar, imma huma qaddejja veri ta' Alla, qatt ma jibqgħu mistagħġba bl-għeġubijiet tiegħu, għax fehmu tajjeb li Hu tassew li jista' kollox f'dak li jrid iwettaq. Fl-aħħar mill-aħħar, ukoll jekk xi ħwejjeġ jidhru li ma jistgħux jitfissru, żgur li jkunu qraw fuq ħwejjeġ oħra jixbhuhom, hekk li jaraw li wkoll dawk li ma setgħux jitfissru, jistgħu jseħħu tassew.

8. Jien naf tajjeb li dan huwa hekk dwar dawn l-għorrief, bħalma naf minn dak li għaddejt minnu b'dawk il-beżżiegħa ta' ftit tagħlim li swewli ħafna niket f'ħajti. Hu x'inhu, jidhirll li min ma jemminx li Alla jista' jagħmel għeġubijiet akbar jew li Hu raha ħaġa tajba — u xi drabi għadu jaraha ħaġa tajba — li jsawwab grazzji bħal dawn fil-ħlejjaq tiegħu, ma jkunx jagħmel ħaġ'oħra ħlief li jsakkar il-bieb tajjeb biex żgur ma jirċevix il-grazzji ta' Alla. Għalhekk, ħuti, la tħallu qatt li jiġrilkom hekk; iżda emmnu b'qalbkom kollha li Alla jista' jagħmel għeġubijiet akbar, u la toqogħdux titfgħu għajnejkom fuq dawk li jogħġbu jagħtihom il-grazzji tiegħu biex taraw humiex tajbin jew ħżiena. Il-Maestà Tiegħu jaf l-għaliex, kif diġà għedt, hekk li aħna m'għandniex

għalfejn nindaħlu f'dan. Iżda għandna aktar infittxu li naqdu 'l-Maestà Tiegħu bl-umiltà u s-sempliċità tal-qalb, u nfaħħruh għall-għemil u l-għeġubijiet tiegħu.

9. Sabiex nerġgħu nitkellmu mis-sinjal li għedt li huwa dak veru, issa taraw li Alla lil din ir-ruħ għamilha belha għalkollox biex ikun aktar jista' jistampa fiha l-għerf veru. Għax fil-ħin ta' din l-unjoni, ir-ruħ la tara, la tisma' u lanqas tifhem xejn; u l-ħin li ddum l-unjoni huwa dejjem qasir, u lir-ruħ jidhrilha li saħansitra huwa iqsar milli hu. Imma Alla hekk iqiegħed ruħu fil-ġewwieni ta' din ir-ruħ illi, meta terġa' tiġi f'tagħha, b'ebda mod ma tista' tiddubita li hi kienet f'Alla u li Alla kien fiha. U din il-verità tibqa' f'moħħha b'qawwa hekk kbira illi, ukoll jekk jgħaddu ħafna snin mingħajr ma Alla jerġa' jagħtiha din il-grazzja, ir-ruħ ma tistax tinsa jew tiddubita li hi kienet f'Alla u Alla kien fiha. U dan minbarra l-effetti sbieħ li jibqgħu fir-ruħ u li fuqhom nitkellem aktar 'il quddiem. Imma dak li jgħodd l-aktar issa huwa li r-ruħ tħossha żgura minnha nfisha.

10. Iżda issa żgur li tgħiduli: Kif setgħet ir-ruħ tara dan u tifhmu jekk la tara u lanqas tifhem xejn? Mhux qiegħda ngħid li rat dan waqt l-unjoni, imma li mbagħad ratu ċar wara; u mhux għax ikun hemm xi viżjoni, iżda għax ir-ruħ tibqa' żgura minnha nfisha kif Alla biss seta' jħalliha żgura. Naf waħda li ma kenitx taf li Alla jinsab fil-ħwejjeġ kollha bil-preżenza, bis-setgħa u bl-essenza tiegħu. Kien bis-saħħa ta' grazzja ta' din ix-xorta li taha Alla li waslet biex temmen dan. Staqsiet wieħed minn dawk ta' ftit tagħlim li semmejt fuq il-mod kif Alla jinsab fina, u dan (li kien jifhem ftit f'dawn il-ħwejjeġ bħalma kienet tifhem hi qabel ma dawwalha Alla) weġibha li jinsab fina biss permezz tal-grazzja. Iżda hi kellha din il-verità hekk stampata fiha illi ma setgħetx temmen dak li qalilha; għalhekk, staqsiet oħrajn li qalulha l-verità kollha, u kienet imfarrġa bosta.

11. Ara li ma tmorrux titqarrqu u taħsbu li f'dan kollu hemm xi sura korporali — bħalma hija l-preżenza korporali ta' Sidna Ġesù Kristu fis-Sagrament l-aktar imqaddes, għalkemm ma narawhx bl-għajnejn tal-ġisem. Għax hawn dan m'għandux x'jaqsam; hija biss id-divinità. U għalhekk, kif jista' jkun li nibqgħu hekk żguri minn xi ħaġa li ma rajniex? Dan ma nafux; huwa għemil ta' Alla. Iżda naf li qiegħda ngħid il-verità. U jekk ikun hemm min ma jkunx hekk żgur, ikolli ngħid li ma kellux unjoni ma' Alla ta' ruħu kollha, imma biss ta' xi waħda mill-fakultajiet, jew li rċieva xi waħda mill-ħafna xorta ta' grazzji oħra li Alla jagħti lill-erwieħ. F'dawn il-ħwejjeġ kollha, m'għandniex noqogħdu nfittxu r-raġuni ta' kif u l-għaliex; ladarba moħħna ma jasalx biex jifhem din l-unjoni, għaliex noqogħdu nħawduh aħna? Huwa biżżejjed għalina li naraw li dan jagħmlu Dak li jista' kollox. Għax ladarba, nagħmlu x'nagħmlu min-naħa tagħna, ebda ħidma tagħna ma tiswa biex inġibu l-unjoni, iżda huwa Alla li jaħdem kollox, ejjew ma nfittxux li jkollna l-ħila li nifhmu dan.

12. Dwar dan li għadni kif għedt li aħna ma nilagħbu ebda parti, qiegħda niftakar dak li smajtu li tgħid l-għarusa fl-Għanja tal-Għanjiet; "Daħħalni s-sultan fil-kantina tal-inbid", jew "qegħidni" kif jidhirli li jgħid *(2,4; 3,2)*. U ma jgħidx li hi marret. Imma jgħid ukoll li "marret 'l hawn u 'l hinn tfittex 'il-Maħbub tagħha". Issa, kif nifhimha jien, din hija l-kantina li fiha l-Mulej jogħġbu jqiegħedna meta jrid u kif irid. Imma ma nistgħux nidħlu fiha bil-ħila tagħna. Il-Maestà Tiegħu jrid ikun biex iqiegħedna fiċ-ċentru ta' ruħna, u jidħol hemm ġew Hu nnifsu. U sabiex juri aħjar l-għeġubijiet tiegħu, ma jridx li r-rieda tagħna jkollha xi parti x'tilgħab, għax din tkun diġà ntreħiet għalkollox f'idejh. Lanqas ma jrid li jinfetaħ għalih il-bieb tal-fakultajiet u tas-sensi, li huma reqdin kollha kemm huma. Imma jidħol fiċ-ċentru tar-ruħ bla ma jgħaddi minn ebda bieb, bħalma daħal f'nofs id-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Is-sliem għalikom" *(Ġw 20,19)* u kif ħareġ mill-qabar bla ma neħħa l-ġebla li kienet tagħalqu. Aktar 'il quddiem għad taraw kif il-Maestà Tiegħu jrid li r-ruħ tithenna bih fiċ-ċentru tagħha, imma dan tifhmuh aħjar minn hawn meta nitkellmu fuq l-aħħar għamara tiegħu.

13. O, uliedi, x'għad naraw jekk ma nfittxux li naraw aktar mill-qagħda baxxa u d-dgħufija kbira tagħna u jekk nifhmu li ma jistħoqqilniex inkunu qaddejja ta' Mulej hekk kbir, li ma nistgħux nagħarfu l-għeġubijiet tiegħu! Ikun imfaħħar għal dejjem, ammen.

# *KAPITLU 2*

*Tissokta titkellem fuq l-istess ħaġa. Tfisser l-orazzjoni ta' unjoni b'tixbiha ħelwa. Turi l-effetti li din tħalli fir-ruħ. Dan huwa kapitlu ta' min jagħti kas tiegħu sewwa.*

1. Forsi jidhrilkom li diġà għedt dak kollu li jista' jingħad fuq din l-għamara. Iżda għad jonqos ħafna, għax kif għedt, f'dawn il-ħames għamajjar hemm l-aktar u l-inqas. Dwar dak li hija l-unjoni, ma nemminx li nista' ngħid xi ħaġa iżjed. Iżda meta r-ruħ li Alla jagħtiha dawn il-grazzji tħejji lilha nfisha, hemm ħafna ħwejjeġ x'jingħadu dwar il-ħidma tal-Mulej fiha. Sejra nitkellem fuq xi wħud minnhom u nfisser il-qagħda tar-ruħ. Sabiex infisser ruħi biex tifhmuni aħjar, se ninqeda b'tixbiha li tgħodd ħafna għal dan l-għan; tiswa bosta biex naraw kif, ukoll jekk f'din il-ħidma li jagħmel il-Mulej aħna ma nistgħu nagħmlu xejn, b'danakollu nistgħu nagħmlu ħafna meta nħejju ruħna biex il-Maestà Tiegħu, jekk ikun jogħġbu, jagħtina din il-grazzja.

2. Żgur li diġà smajtu fuq l-għeġubijiet tiegħu fil-mod kif isir il-ħarir, għax Hu biss seta' joħloq ħaġa bħal din, u kif jiġi minn żerriegħa li tixbah dik tal-bżar (jien qatt ma rajtha, imma smajt biha biss, hekk li jekk qiegħda niżbalja, il-ħtija mhix tiegħi). Hekk kif tibda s-sħana, u s-siġar taċ-ċawsli jibdew joħorġu l-weraq, din iż-żerriegħa tibda tieħu l-ħajja; sakemm tkun tista' tinstab din is-sustanza li trid tgħix biha, iż-żerriegħa tibqa' mejta. U d-dud tal-ħarir jieklu weraq taċ-ċawsli sakemm jikbru għalkollox, meta jqegħdulhom fergħat żgħar u rqaq biex joqogħdu fuqhom jinsġu bil-ħalq ċkejken tagħhom il-ħarir u jagħmlu għalihom infushom fosdqa magħquda żgħira ħafna biex jingħalqu fiha. U hemm ġew kull dudu, li huwa oħxon u ikrah, jinbidel, u mill-fosdqa joħroġ farfett abjad sabiħ ħafna.

Issa, kieku ħadd ma ra din il-ħaġa, u jgħiduhielna biss bħala xi ħaġa li ġrat fl-imgħoddi, min kien se jemminha? U b'liema raġunamenti tagħna konna se naslu biex nemmnu li ħaġa hekk bla raġuni bħalma huwa dudu jew naħla tista' tkun hekk attenta biex taħdem bi bżulija hekk kbira għall-ġid tagħna, u li d-dudu msejken jitlef ħajtu biex itemm dan ix-xogħol? Dan huwa biżżejjed, ħuti, għal xi ħin ta' meditazzjoni, ukoll jekk ma ngħidilkom xejn aktar; għax permezz tiegħu tistgħu timmeditaw l-għeġubijiet u l-għerf ta' Alla tagħna. Mela, x'kien jiġri kieku kellna nagħarfu l-proprjetajiet tal-ħwejjeġ kollha? Huwa tassew ta' ġid kbir għalina jekk noqogħdu naħsbu fuq dawn l-għeġubijiet u nifirħu li aħna għarajjes ta' Sultan hekk għaref u setgħan.

3. Nerġgħu għal dak li kont qiegħda ngħid. Dan id-dudu tal-ħarir huwa r-ruħ li tieħu l-ħajja meta, bis-sħana tal-Ispirtu s-Santu, tibda timxi 'l quddiem bl-għajnuna ġenerali li Alla jagħti lilna lkoll, u meta tibda tuża sewwa r-rimedji li Hu ħalla f'idejn il-Knisja tiegħu, bħalma huma l-qrar ta' sikwit, il-qari tajjeb u l-priedki, għax dawn huma r-rimedji li tista' taqbad magħhom ir-ruħ li tkun laħqet mietet minħabba n-nuqqas ta' ħsieb u d-dnubiet tagħha u l-okkażjonijiet li tkun qiegħda fihom. Imbagħad terġa' tibda tgħix billi tiekol minn dan l-ikel bnin u bis-saħħa ta' meditazzjonijiet oħra li jħeġġuha timxi 'l quddiem sa ma tikber għalkollox. U dan huwa li jgħodd għall-każ tiegħi; tal-bqija ftit nagħti kas.

4. Hekk kif id-dudu jkun kiber għalkollox, kif għedt ukoll fil-bidu ta' dan li qiegħda nikteb, jibda jinseġ il-ħarir u jibni d-dar li jrid imut fiha. Din id-dar, skont ma rrid nifhem biha hawn, hija Kristu. Jidhirli li qrajt jew smajt xi mkien li "ħajjitna hija moħbija fi Kristu" jew "f'Alla", li hija l-istess ħaġa, jew li "ħajjitna hi Kristu". Għall-għan tiegħi ftit jgħodd jekk hemmx miktub mod jew ieħor *(Kol 3,3-4).*

5. Mela araw hawn, uliedi, dak li nistgħu nagħmlu aħna bl-għajnuna ta' Alla. Il-Maestà Tiegħu nnifsu jsir l-għamara tagħna li bnejna aħna, kif jagħmel f'din l-orazzjoni ta' unjoni. Meta qiegħda ngħid li Hu jsir l-għamara tagħna u li nistgħu nibnuha u ninħbew fiha aħna nfusna, qisni rrid ngħid li aħna nistgħu nnaqqsu jew inżidu xi ħaġa f'Alla. U x'ma nistgħux! Imma mhux innaqqsu jew inżidu xi ħaġa f'Alla, daqskemm fina nfusna, bħad-dud żgħir li ssemmejt. Għax lanqas inkunu għadna temmejna dak kollu li nistgħu nagħmlu, meta, mal-ftit li nagħmlu aħna f'dan ix-xogħol, li mhux ħlief xejn, jingħaqad Alla bil-kobor tiegħu u jagħtih siwi hekk kbir illi l-Mulej innifsu jkun il-premju ta' din il-ħidma. U ladarba kien il-Mulej li kellu jħallas l-aktar, il-Maestà Tiegħu jgħaqqad it-tiġrib żgħir tagħna mat-tiġrib kbir li sofra Hu, biex kollox isir ħaġa waħda.

6. Mela ejjew, uliedi! Ħa nwettqu malajr dan ix-xogħol u ninsġu din il-fosdqa, billi neħilsu mill-imħabba żejda tagħna nfusna u tar-rieda tagħna u ninħallu minn kull ħaġa ta' din l-art. Ejjew inwettqu għemejjel ta' penitenza, nitħarrġu fit-talb, nagħmlu mortifikazzjoni, noqogħdu għall-ubbidjenza, u nwettqu kull għemil tajjeb ieħor li tafu bih. Ħa nagħmlu tassew dak li nafu li għandna nwettqu u li għallmuna li huwa dmir tagħna. Ħa jmut dan id-dudu tal-ħarir, ħa jmut tassew, kif irid jagħmel meta jtemm dak li ġie maħluq għalih! Imbagħad, taraw kif naraw lil Alla

u lilna nfusna moħbija fil-kobor tiegħu, l-istess bħalma dan id-dudu żgħir jinsab fil-fosdqa tiegħu. Ifhmu li qiegħda ngħid li naraw lil Alla fil-mod biss li diġà fissirt li jħallina nagħarfuh f'din ix-xorta ta' unjoni.

7. Mela issa, ħa naraw x'jagħmel dan id-dudu tal-ħarir, għax huwa għalhekk li għedt kull ħaġa oħra. Meta f'din l-orazzjoni jkun mejjet għalkollox għad-dinja, joħroġ farfett abjad żgħir. O kobor ta' Alla, li r-ruħ toħroġ b'dan il-mod wara li tkun inħbiet fil-kobor ta' Alla u ngħaqdet miegħu hekk bis-sħiħ għal żmien hekk qasir li, naħseb, qatt ma jaqbeż nofs siegħa! Fis-sewwa kollu ngħidilkom li l-istess ruħ lanqas tagħraf lilha nfisha. Araw kif farfett abjad ċkejken ma għandu x'jaqsam xejn ma' dudu ikrah; u hawn hija l-istess ħaġa. Ir-ruħ ma tistax taf biex setgħet timmerita ġid hekk kbir — irrid ngħid, minn fejn ġieha dan il-ġid, għax taf tajjeb li ma kienx jistħoqqilha. Tara li tixtieq tfaħħar 'il-Mulej, hekk li trid ixxejjen lilha nfisha u tmut elf mewta għalih. U mbagħad tibda tixxennaq għal tbatijiet u tiġrib kbir, hekk li ma tkunx tista' tagħmel ħaġ'oħra. Titħeġġeġ bil-qawwi b'xewqat kbar ta' penitenza u solitudni, u li kulħadd jagħraf lil Alla; u titnikket bosta meta tara li joffenduh. Fl-għamara li jmiss, nitkellem minn dawn il-ħwejjeġ aktar fil-partikular għax, għalkemm dak li jiġri f'din l-għamara u fl-oħra ta' warajha huwa kważi l-istess, il-qawwa tal-effetti hija diversa ħafna. Kif diġà għedt, jekk ir-ruħ li Alla jwassalha sa hawn tagħmel li tista' biex timxi aktar 'il quddiem, tara ħwejjeġ kbar.

8. O, issa, araw in-nuqqas ta' mistrieħ ta' dan il-farfett ċkejken, ukoll jekk f'ħajtu qatt ma kien aktar kwiet u mistrieħ; tassew li hija dehra li għandna nfaħħru lil Alla għaliha! Għax issa lanqas jaf fejn se joqgħod u jistrieħ. Ladarba thenna bi grazzja hekk kbira, dak kollu li jara fuq l-art idejqu, l-aktar meta huma ħafna d-drabi li Alla jagħtih minn dan l-inbid; kważi kull darba jġiblu ġid ġdid. Issa jqis bħala ħaġa ta' xejn dak kollu li għamel meta kien għadu dudu, jiġifieri meta kien joqgħod jinseġ il-fosdqa bil-mod il-mod. Issa għandu l-ġwienaħ; kif jista' jkun hieni li joqgħod jitkaxkar bil-mod meta jista' jtir? Dak kollu li jista' jagħmel għal Alla jidhirlu li huwa ħaġa żgħira wisq meta jqabblu max-xewqat kbar tiegħu. Lanqas iżomm b'xi ħaġa kbira dak li għaddew minnu l-Qaddisin, għax issa jifhem mill-esperjenza kif il-Mulej jgħin u jibdel ir-ruħ, hekk li din lanqas tidher li għadha hi nfisha jew xbieha tagħha. Għax l-istess dgħufija li kienet taħseb li kellha quddiem kull penitenza, issa tinbidel f'qawwa. M'għadhiex marbuta mill-ġibdiet żejda għal qrabatha, ħbiebha u ġidha. Qabel, dawn kienu hekk qawwija illi la l-atti u la l-fehma soda li kellha u lanqas ix-xewqat tajba tagħha ma kienu biżżejjed biex iħolluha minn dawn ir-rabtiet; anzi kien jidhrilha li kienu jżommuha dejjem aktar marbuta bis-sħiħ. Imma issa titnikket li jkollha tagħmel dak li huwa meħtieġ fid-dmirijiet tagħha lejn dawn in-nies biex ma tmurx kontra r-rieda ta' Alla. Kollox jgħejjiha, għax minn dak li ġarrbet tgħallmet li ma tista' ssib ebda mistrieħ fil-ħlejjaq ta' din l-art.

9. Jidher li qiegħda ntawwal wisq, iżda hemm ħafna aktar x'nista' ngħid. Kulmin ingħata din il-grazzja mingħand Alla jintebaħ li żammejt fil-qosor.
Mela, m'għandniex nistagħġbu li dan il-farfett ċkejken iħoss ruħu barrani qalb il-ħwejjeġ ta' hawn, hekk li jfittex imkien ġdid fejn jista' jistrieħ. Iżda, fejn se jaqbad imur dan l-imsejken? Ma jistax jerġa' lura minn fejn ħareġ, għax kif għedt, nagħmlu x'nagħmlu min-naħa tagħna, tassew li mhux fil-ħila tagħna li niksbu grazzja hekk kbira, sakemm ma jkunx Alla li jogħġbu jerġa' jagħtihielna. O, Mulej, x'tiġrib ġdid jiġi issa fuq din ir-ruħ! Min seta' qatt joħlom b'dan it-tiġrib wara grazzja hekk għolja? Imma fl-aħħar mill-aħħar, jeħtieġ li sakemm indumu f'din il-ħajja, b'mod jew ieħor inġorru s-salib. U lil min jgħidli li, wara li wasal sa hawn, baqa' dejjem mistrieħ u mimli faraġ, inwieġbu u ngħidlu li lanqas qatt ma wasal; u nżid ngħidlu li forsi laħaq thenna b'xi għaxqa kollha ħlewwa tal-għamara ta' qabel din – jekk daħal fir-raba' għamajjar – u li ġie mgħejjun mid-dgħufija naturali jew forsi wkoll mid-demonju li jdewqu xi ftit tal-paċi biex wara iħebb għalih fi gwerra aktar qalila.

10. Ma rridx ngħid li dawk li jaslu hawn ma jkollhomx paċi: ikollhom, u paċi kbira ħafna, għax l-istess tiġrib li jsofru huwa ta' siwi hekk kbir u għandu bidu hekk tajjeb illi, ukoll jekk ikun kbir ħafna, jagħti paċi u hena. Għax huwa min-nuqqas ta' kull hena li jġibu l-ħwejjeġ ta' din l-art li fir-ruħ titnissel xewqa ħerqana li titlaq minn din id-dinja. U din ix-xewqa hija hekk qawwija illi, jekk ir-ruħ issib xi ftit tal-mistrieħ, dan jiġi mill-ħsieb li Alla jridha tgħix f'dan it-turufnament. Imma ħafna drabi lanqas dan mhu biżżejjed għax, minkejja dan il-ġid kollu li laħqet rebħet, ir-ruħ għad ma ntelqitx għalkollox fir-rieda ta' Alla, kif għad naraw aktar 'il quddiem. Huwa minnu li ma tonqosx li tfittex twettaq ir-rieda ta' Alla. Imma tagħmel dan b'ħafna biki u qsim il-qalb meta tħoss li ma tistax tagħmel aktar għax ma ngħatalhiex aktar. Kull darba li tibda titlob, tinfena minn ġewwa b'dan il-ħsieb. B'xi mod dan jista' jiġi mill-qsim il-qalb li tħoss fiha meta tara li ħafna bnedmin joffendu lil Alla, u jagħtuh ftit ġieħ; u meta tibda

taħseb li ħafna rwieħ qegħdin jintilfu, sew eretiċi sew mori. L-aktar li jnikktuha huma l-Insara, għax tibża' li ħafna minnhom huma kkundannati, ukoll jekk taf li l-ħniena ta' Alla hija kbira, hekk li, ikunu kemm ikunu ta' ħajja ħażina, jistgħu dejjem jindmu u jsalvaw.

11. O kobor ta' Alla! Ilu ftit snin biss, forsi ftit jiem biss, li din ir-ruħ ma kienet taħseb f'xejn ħlief fiha nfisha. Mela, min tefagħha f'dan il-baħar ta' tbatija? Għax ukoll kieku kellna noqogħdu nimmeditaw għal snin twal, ma konniex naslu biex inħossu dan in-niket f'qalbna bħalma tħossu issa din ir-ruħ. Imma, jgħinni Alla! Ma kienx ikun biżżejjed li nfittex li noqgħod naħseb għal jiem sħaħ u għal snin fuq il-ħażen kbir li hemm kull meta noffendu 'l Alla, u li dawn l-erwieħ ikkundannati huma wliedu u ħutna, kif ukoll li nġib quddiem għajnejja l-perikli li rridu nħabbtu wiċċna magħhom u kemm tkun ħaġa sewwa li neħilsu minn din il-ħajja tassew imsejkna? Iżda le, uliedi; in-niket li qiegħda nsemmi mhux bħal dak li jiġi fina minn dawn il-ħsibijiet tagħna. Bl-għajnuna ta' Alla, nistgħu iva nħossu dak in-niket li jiġina meta noqogħdu naħsbu u nerġgħu naħsbu fuq dawn il-ħwejjeġ, iżda dan in-niket ma jilħaqx il-qiegħ tal-ġewwieni tagħna bħalma jagħmel hawn, għax issa, mingħajr ebda ħidma tar-ruħ u xi drabi saħansitra kontra r-rieda tagħha, qisu jgħaffiġha u jitħanha għalkollox. Mela, x'inhi din it-tbatija? U minn fejn tiġi? Dan huwa dak li sejra ngħidilkom.

12. Ma smajtux x'jingħad fuq l-għarusa — u jien diġà semmejt dan qabel, imma mhux għall-istess għan — li Alla daħħalha fil-kantina tal-inbid u ordna fiha l-imħabba? *(Għanja 2,4)* Dan huwa li jiġri hawn. Ir-ruħ issa ntelqet għalkollox f'idejn Alla, u l-imħabba kbira ta' Alla tagħmel li hekk tintreħa f'idejh illi la taf u lanqas trid xejn aktar ħlief li twettaq dak li Hu jrid minnha (għax jien nemmen li Alla qatt ma jasal biex jagħti grazzja hekk għolja jekk mhux lil dik ir-ruħ li jeħodha għalih kollha kemm hi). Għax Hu jrid li minn din l-unjoni r-ruħ, bla ma taf kif, toħroġ issiġillata bis-siġill tiegħu. Għax hawn ma tagħmel xejn aktar minn dak li tagħmel l-inċira meta xi ħadd iqiegħed is-siġill fuqha. L-inċira ma tissiġillax lilha nfisha; tkun biss b'xama' mħejjija — irrid ngħid, ratba biżżejjed. U biex tkun hekk, ma trattabx lilha nfisha hi, iżda tibqa' fil-kwiet lesta li tilqa' kollox. O tjubija ta' Alla li kollox trid li jsir bi spejjeż tiegħek! Int trid biss ir-rieda tagħna u li din l-inċira ma jkollha ebda xkiel fiha.

13. Hawn, ħuti, tistgħu taraw x'jagħmel Alla sabiex ir-ruħ tagħraf lilha nfisha bħala tiegħu kollha kemm hi. Jagħtiha minn dak li għandu Hu, li huwa dak li kellu Ibnu f'din il-ħajja; u hija ħaġa l-aktar ċara li grazzja akbar ma jistax jagħtina. Min seta' jkollu xewqa akbar minnu biex iħalli din il-ħajja ta' hawn? Il-Maestà Tiegħu nnifsu stqarr dan fl-Aħħar Ikla meta qal: "Kelli xewqa kbira..." *(Lq 22,15)*.

Iżda, Mulej, kif ma ġibtx quddiem għajnejk il-mewt kiefra li kellek issofri, hekk ħarxa u tal-biża'? U Int tweġibni: Le, għax l-imħabba kbira li għandi u x-xewqa li l-erwieħ isalvaw huma wisq aqwa minn dawn it-tbatijiet. Imħabbti, fil-kobor bla qies tagħha, hekk ma tistax titqabbel mat-tbatijiet li sofrejt u għadni nsofri minn xħin ġejt fid-dinja, illi dawn jistgħu jitqiesu ħaġa ta' xejn ħdejn ix-xewqa li nsalva l-erwieħ.

14. Dan huwa minnu, għax jiena ħsibt fuqu ħafna drabi. Nifhem it-tbatija kbira li sofriet u qiegħda ssofri waħda li naf tajjeb meta tara 'l-bnedmin joffendu lil Sidna. Hija tbatija hekk kbira illi ma tiflaħx għaliha u aktar tagħżel li tmut milli toqgħod issofriha. U bdejt naħseb li, jekk ruħ li għandha hekk ftit imħabba meta mqabbla mal-imħabba bla qies ta' Kristu — hekk li ħdejn imħabbtu nistgħu ngħidu li ma teżistix — waslet biex tħoss tbatija hekk kbira illi ma setgħetx tiflaħ għaliha, mela x'kien dak li ħass Sidna Ġesù Kristu u x'ħajja kellu jgħaddi fuq l-art, ladarba kellu kollox quddiem għajnejh u kien dejjem jara l-offiżi kbar li jsiru lil Missieru? Nemmen bis-sħiħ li dawn it-tbatijiet kienu wisq akbar minn dawk li sofra fil-Passjoni mqaddsa tiegħu. Waqt il-Passjoni seta' jara li kollox kien se jgħaddi fi ftit ħin; għalhekk, l-għarfien ta' dan u l-hena li b'mewtu kien se jara r-rimedju għalina u jikxef beraħ l-imħabba li kellu għal Missieru meta jsofri dan kollu għalih, żgur li taffewlu t-tbatija. Barra minn hekk, dawk li hawn fuq l-art jagħmlu penitenzi ħorox bil-qawwa tal-imħabba, qishom lanqas iħossuhom, hekk li jkunu jixtiequ jbatu dejjem aktar, għax dak kollu li jaslu biex iwettqu jidhrilhom li huwa tassew ftit. Mela, meta l-Maestà Tiegħu ra okkażjoni hekk tajba, kif ma kienx sejjer jaħtafha biex biha juri lil Missieru kif kien qiegħed jobdih f'kollox, u lill-bniedem kemm iħobbu? O, x'għaxqa li tbati u twettaq ir-rieda ta' Alla! Iżda, li tara kull ħin offiżi hekk kbar lill-Maestà Tiegħu u għadd hekk kbir ta' erwieħ imorru l-infern, inżomm li hija ħaġa hekk tat-tkexkix illi nemmen li jum wieħed ta' tbatija hekk kbira, kieku Hu kien bniedem biss, kien ikun biżżejjed biex itemmlu elf ħajja, aħseb u ara l-waħda li kellu!

# *KAPITLU 3*

*Tissokta titkellem fuq l-istess ħaġa. Tfisser xorta oħra ta' unjoni li, bl-għajnuna ta' Alla, tista' tikseb ir-ruħ; turi kemm tgħodd għal dan l-imħabba tal-proxxmu. Dan huwa kapitlu ta' siwi kbir.*

1. Ħa nerġgħu mmorru għall-ħamiema żgħira tagħna, u naraw xi ħaġa minn dak li Alla jagħtiha f'dan l-istat. Dejjem irridu nifhmu li għandha tfittex tmur 'il quddiem fil-qadi ta' Sidna u fl-għarfien tagħha nfisha. Jekk wieħed jilqa' din il-grazzja u ma jagħmel xejn aktar ħlief li joqgħod iħossu fiż-żgur għax għandu lilha, hekk li jibda jgħix ħajja bla rażan u joħroġ barra mit-triq li tagħti għas-sema — li huma l-kmandamenti — jiġrilu dak li jiġri lil dak li joħroġ mid-dudu tal-ħarir: il-farfett li jqiegħed iż-żerriegħa għal dud ieħor, imma hu jmut għal dejjem. Qiegħda ngħid li jqiegħed iż-żerriegħa għax, fil-fehma tiegħi, Alla jrid li grazzja hekk kbira ma tingħatax għalxejn; jekk ma jiħux ġid minnha dak li jirċeviha, jieħdu oħrajn. Għax, ladarba r-ruħ ikollha dawn ix-xewqat u l-virtujiet li semmejt, sakemm tgħix ħajja tajba dejjem tagħmel il-ġid lil ħafna erwieħ oħra, u mis-sħana tagħha jieħdu s-sħana huma. U saħansitra wkoll meta r-ruħ tkun tilfet din il-ħeġġa, tista' tibqa' tħeġġeġ fiha x-xewqa li tkun ta' ġid għall-oħrajn, hekk li tithenna toqgħod tfissrilhom il-grazzji li Alla jagħti lil min iħobbu u jaqdih.

2. Naf waħda li għaddiet minn dan kollu. Għalkemm ħarġet sewwa barra mit-triq, kienet tithenna tara li bnedmin oħra jieħdu l-ġid mill-grazzji li Alla kien għamel magħha, u li turi t-triq tal-orazzjoni lil dawk li ma kinux jagħarfuha. B'dan il-mod għamlitilhom ġid tassew kbir, u mbagħad il-Mulej reġa' dawwalha Hu. Huwa minnu li kien għad ma kellhiex l-effetti li semmejt qabel. Iżda, kemm huwa kbir l-għadd ta' dawk li l-Mulej isejjaħ għall-appostolat, bħalma għamel ma' Ġuda, jew jagħmel slaten, bħal Sawl, li mbagħad ħtija tagħhom jintilfu! Minn dan, ħuti, għandna nifhmu li, sabiex nimmeritaw dejjem aktar u aktar u ma naslux biex nintilfu bħal dawn, inkunu fiż-żgur biss meta noqogħdu għall-ubbidjenza biex ma noħorġu qatt mil-liġi ta' Alla. Qiegħda ngħid dan għal dawk li l-Mulej tahom grazzji bħal dawn, kif ukoll saħansitra għal kulħadd.

3. Minkejja dak kollu li għedt s'issa fuq dawn l-għamajjar, jidhirli li mhux kollox huwa ċar biżżejjed. Ladarba kull min jidħol hawn jirbaħ ħafna, huwa sewwa li dawk li l-Mulej ma jagħtihomx ħwejjeġ hekk sopranaturali ma jaħsbux li għandhom jitilfu kull tama. Għax l-unjoni tassew tista' tinkiseb xorta waħda, dejjem bl-għajnuna ta' Alla, jekk aħna min-naħa tagħna nagħmlu minn kollox biex niksbuha billi nżommu r-rieda tagħna mwaħħla ma' dak li jrid Alla. O, kemm huma dawk fostna li jgħidu li qegħdin jagħmlu dan; naħsbu li ma rridu xejn aktar u li ninsabu mħejjija mmutu għal din il-virtù, bħalma mingħalija diġà għedt! Għax ngħidilkom, u ntenni dan kemm-il darba, li jekk dak li tgħidu huwa minnu, il-Mulej ikun diġà takom din il-grazzja, u m'għandkomx tħabblu moħħkom fuq l-unjoni l-oħra mimlija għaxqa li għadni kif semmejt. Għax dak li jiswa l-aktar fl-unjoni kollha għaxqa huwa li tiġi tassew minn din l-unjoni tar-rieda li qiegħda nsemmi issa; u żgur li ħadd ma jista' jasal għall-unjoni għolja li semmejt jekk ma jkunx żgur mill-unjoni li sseħħ meta r-rieda tagħna tkun ħaġa waħda mar-rieda ta' Alla.

O, kemm huwa ta' min jixtieqha din l-unjoni! Ixxurtjata r-ruħ li waslet għaliha, għax tgħix fis-sliem il-bqija ta' ħajjitha fuq l-art, kif ukoll fil-ħajja ta' dejjem. Xejn minn dak li jseħħ fid-dinja ma jnikkitha, ħlief jekk tara lilha nfisha f'xi periklu li titlef lil Alla jew tara lil min joffendih — u la mard u la faqar u lanqas il-mewt ta' xi ħadd, sakemm ma jkunx xi ħadd li jħalli warajh vojt kbir fil-Knisja. Għax din ir-ruħ tara tajjeb li Hu jaf x'għandu jagħmel aktar milli hi x'tixtieq.

4. Għandkom tintebħu u tifhmu li hemm aktar minn xorta waħda ta' niket. Xi niket jiġi fuqna għal għarrieda b'mod naturali, l-istess bħall-ferħ u l-hena; xi drabi jiġi mill-imħabba li twassalna biex nitħassru l-proxxmu, bħalma wera l-Mulej meta qajjem lil Lażżru *(Ġw 11,35)*. Ebda niket ta' din ix-xorta ma jfixkel l-unjoni tar-rieda tagħna mar-rieda ta' Alla, u lanqas ma jħawwadha b'xi passjoni bla kwiet u bla mistrieħ li ddum fit-tul. It-tbatijiet li jġib miegħu dan in-niket jgħaddu malajr, għax kif għedt għall-għaxqiet fl-orazzjoni, jidher li ma jidħlux sal-qiegħ tar-ruħ, imma jaslu biss sas-sensi u l-fakultajiet. Jinsabu fl-għamajjar ta' qabel, imma ma jidħlux f'dawk li sejra nfisser fl-aħħar, għax biex wieħed jilħaq dawn tal-aħħar, huwa meħtieġ li jitwaqqfu l-fakultajiet kif diġà għedt. Il-Mulej għandu s-setgħa li jgħaddi l-erwieħ minn triq jew oħra biex jagħmilhom għonja u jwassalhom sa dawn l-għamajjar, ukoll jekk ma jużax l-iqsar triq li għadni kif semmejt.

5. Żommu dejjem f'moħħkom, uliedi, li huwa meħtieġ li d-dudu tal-ħarir imut; u dan irid isir l-aktar bi spejjeż tagħkom. Għax hemm jgħinek ħafna biex tmut meta tarak sejra tibda ħajja ġdida għalkollox, waqt li hawn huwa meħtieġ li, waqt li nibqgħu ngħixu din il-ħajja, nitilfuha

bir-rieda tagħna. Nistqarr magħkom li din il-mewt tagħna nfusna titlob ħafna taħbit ieħor, iżda żgur li tiswa aktar minn dan kollu. Jekk tiksbu r-rebħa, ħlaskom ikun akbar. Qatt m'għandu jgħaddi minn moħħkom li ma tistgħux taslu għal dan, jekk tfittxu l-unjoni vera mar-rieda ta' Alla.

Din hija l-unjoni li xtaqt ħajti kollha. Din hi l-unjoni li dejjem nitlob lil Sidna. Għax din hija l-aktar ċara u żgura.

6. Imma jaħasra għalina, kemm huma ftit dawk li jaslu għaliha, għalkemm min joqgħod għassa fuqu nnifsu biex ma joffendix lill-Mulej, u ħaddan il-ħajja reliġjuża, jaħseb li għamel kollox! O, dejjem jibqa' xi dud żgħir li ma jħallux min jintebaħ bihom sakemm, bħad-dudu li gerrem il-liedna ta' Ġona *(Ġona 4,6-7)*, igerrmulna l-verità. Dan jiġri kull meta nħobbu żżejjed lilna nfusna u nżommuna fl-għoli, u kull meta niġġudikaw il-proxxmu wkoll fi ħwejjeġ żgħar, nonqsuh mill-imħabba, u ma naslux biex inħobbuh bħalma nħobbu lilna nfusna. Għax ukoll jekk nitkaxkru biex naqdu dmirijietna biex ma naqgħu f'ebda dnub, ikun jonqosna ħafna minn dak li huwa meħtieġ biex naslu għall-unjoni sħiħa mar-rieda ta' Alla.

7. U x'taħsbu li hija r-rieda ta' Alla, uliedi? Li nkunu perfetti għalkollox; li nkunu ħaġa waħda miegħu u ma' Missieru, kif talab il-Maestà Tiegħu *(Ġw 17,22)*. Araw kemm jonqosna biex naslu għal dan. Nistqarr magħkom li dan qiegħda niktbu bi tbatija kbira, meta nara kemm għadni 'l bogħod milli nilħaq din il-perfezzjoni – u l-ħtija hija kollha tiegħi. Mhux meħtieġ li l-Mulej jagħtina grazzji kbar biex naslu għal dan; biżżejjed dak li tana f'Ibnu biex jgħallimna t-triq. Iżda la taħsbux li rridu nkunu hekk ħaġa waħda mar-rieda ta' Alla illi, jekk imut missieri jew ħija, jiena ma nħossx it-telfa tiegħu, jew jekk jiġu fuqi tiġrib u mard, irrid noqgħod nifraħ bihom. Hija ħaġa tajba li nagħmlu dan, u xi drabi mhix ħlief diskrezzjoni f'dawk il-ħwejjeġ li ma nistgħux nibdlu, hekk li mill-ħtieġa nagħmlu virtù. Kemm ħwejjeġ ta' din ix- xorta għamlu l-filosofi, jew oħrajn jixbhuhom, għax kienu għorrief ħafna! Lilna hawn il-Mulej jitlobna biss żewġ ħwejjeġ: imħabba tal-Maestà Tiegħu u tal-proxxmu *(Mk 12,28-34; Mt 22,34-40; Lq10,25-28)*. Għal dan għandna naħdmu bla heda. Meta nħarsu bil-perfezzjoni dawn iż-żewġ kmandamenti tal-imħabba, inkunu qegħdin inwettqu r-rieda tiegħu u ningħaqdu miegħu. Iżda jaħasra, kemm aħna 'l bogħod — kif għadni kif għedt — milli nagħmlu dawn iż-żewġ ħwejjeġ kif jixraq lil Alla hekk kbir! Ikun jogħġob lill-Maestà Tiegħu li jagħtina l-grazzja li jkun jistħoqqilna naslu sa hawn, ladarba huwa fil-ħila tagħna li naslu, jekk irridu tassew.

8. Fil-fehma tiegħi, is-sinjal l-aktar żgur biex naraw jekk aħniex qegħdin inħarsu dawn iż-żewġ kmandamenti huwa li naraw sewwa kif qegħdin inħarsu dak tal-imħabba tal-proxxmu. Għax ma nistgħux inkunu żguri mill-imħabba tagħna għal Alla, għalkemm jista' jkollna ħjiel qawwi li nħobbuh; iżda nistgħu nkunu nafu sewwa jekk inħobbux il-proxxmu tagħna jew le *(1Ġw 4,20)*. U ibqgħu żguri li aktar ma tarawkom li mxejtu 'l quddiem f'din l-imħabba tal-proxxmu, aktar tkunu mortu 'l quddiem fl-imħabba ta' Alla. Għax l-imħabba li l-Maestà Tiegħu għandu għalina hija hekk kbira illi Hu jħallasna għall-imħabba tal-proxxmu billi jkattrilna l-imħabba li għandna għalih; u dan b'elf mod, ma għandi ebda dubju.

9. Jiswa bosta li nimxu bl-akbar għassa fuqna nfusna biex naraw hux sejrin 'il quddlem f'dan, għax jekk nitħarrġu fih bl-akbar perfezzjoni, inkunu għamilna kollox. Jien nemmen li, minħabba li aħna ħżiena minna nfusna, qatt ma nistgħu naslu għall-perfezzjoni fl-imħabba tal-proxxmu jekk din l-imħabba ma jkollhiex l-għeruq tagħha fl-imħabba ta' Alla. Ladarba dan għandu siwi hekk kbir, ħuti, ejjew infittxu nifhmu lilna nfusna dejjem aħjar, ukoll fl-iżgħar ħwejjeġ. U ma noqogħdux nimlew rasna bi ħwejjeġ kbar ħafna li f'daqqa waħda jiġu f'moħħna flimkien waqt l-orazzjoni, hekk li naħsbu li se nitħarrġu fihom u nwettquhom għall-ġid tal-proxxmu tagħna, ukoll jekk biex insalvaw ruħ waħda biss. Iżda, jekk dak li nagħmlu wara ma jkunx jaqbel ma' dan il-ħsleb, m'għandniex għax naħsbu li sejrin inwettqu xi ħaġa. Ngħid l-istess ħaġa għall-umiltà u għall-virtujiet l-oħra kollha. Il-qerq tad-demonju huwa tassew kbir: biex iġegħelna naħsbu li għandna xi virtù li m'għandniex, lest idur l-infern għal elf darba. U għandu raġun, għax dan huwa ta' ħsara kbira, minħabba li dawn it-taparsi virtujiet qatt ma jkunu nieqsa mill-ftaħir żejjed, ladarba jiġu minn din l-għajn, l-istess bħalma l-virtujiet li jiġu minn Alla huma ħielsa minn kull ftaħir u kburija.

10. Xi drabi jagħtini d-daħk li nara xi wħud li waqt l-orazzjoni jidhrilhom li jridu jkunu umiljati u jiġu mmaqdra għal Alla wkoll quddiem in-nies, biex imbagħad, kieku jistgħu, jaħbu xi nuqqas żgħir tagħhom. U jekk ma jkollhom ebda nuqqas, iżda jsibu min jakkużahom f'xi ħaġa, jeħlisna Alla! Għalhekk, min m'għandux ħila jsofri dan, ħalli ma jagħtix kas ta' dak li jwaħħal f'rasu li jagħmel meta jsib ruħu waħdu. Meta jiġi għall-għemil, malajr jara li ma kellux fehma

soda fir-rieda tiegħu, għax meta dan ikun ġej tassew mir-rieda tiegħu, tkun ħaġ'oħra. Iżda l-għemil jurih li kien qiegħed biss jistħajjel ħafna ħwejjeġ; u huwa fl-immaġinazzjoni li d-demonju joħroġ bil-qerq u l-ħbit tiegħu. Dan jista' jagħmlu l-aktar man-nisa u ma' dawk bla tagħlim, għax aħna ma nafux kif il-fakultajiet mhumiex l-immaġinazzjoni, u lanqas ma nafu elf ħaġ'oħra tal-ħajja interjuri. O, ħuti, kemm jidher ċar b'liema perfezzjoni l-imħabba tal-proxxmu qiegħda f'xi wħud minnkom, u min-naħa l-oħra kemm jidher in-nuqqas tagħha f'dawk li m'għandhomx din il-perfezzjoni! Kieku taslu biex tifhmu s-siwi kbir ta' din il-virtù għalina lkoll, ma kontu tfittxu xejn aktar.

11. Meta nara xi wħud b'moħħhom il-ħin kollu mitluf biex jifhmu l-orazzjoni li waslu fiha u b'wiċċhom qares waqt li jitħarrġu fiha, hekk li ma jażżardawx jitħarrku jew iġibu xi ħsieb li ma jmorrux jitilfu l-ftit gost u devozzjoni li jkollhom, nintebaħ kemm tassew ftit jifhmu t-triq li twassal għall-unjoni — għax jaħsbu li l-biċċa xogħol kollha tinsab f'dawn il-ħwejjeġ. Iżda le, ħuti, le; dak li jrid il-Mulej huwa l-għemil! Hu jrid li, meta taraw waħda marida li tistgħu tgħinu f'xi ħaġa, ma għandhomx tqisuha bi kbira li titilfu din id-devozzjoni biex titħassruha u taqsmu magħha l-uġigħ li tkun qiegħda ssofri; jekk ikun meħtieġ, issumu intom biex hi tkun tista' tiekol xi ħaġa — u dan mhux wisq għaliha daqskemm għax tafu li l-Mulej irid hekk. Din hija l-unjoni vera mar-rieda tiegħu! U meta taraw lil xi ħadd imfaħħar ħafna, il-Mulej iridkom tkunu ferħana aktar milli meta tkunu mfaħħra intom; u din tassew li hija ħaġa ħafifa jekk ikollkom l-umiltà, għax f'dan il-każ titnikktu li jfaħħrukom. Iżda li tifirħu meta jiġu magħrufa l-virtujiet ta' sħabkom hija ħaġa kbira u tajba; meta naraw xi nuqqas fihom, għandna nitħassruhom u ngħattu n-nuqqas tagħhom bħallikieku kien tagħna nfusna.

12. Diġà għedt ħafna fuq dan fi bnadi oħra, għax nara, ħuti, li jekk nonqsu f'dan, aħna mitlufa. Ikun jogħġob lill-Mulej li qatt ma jiġrilna hekk; u jekk ma tonqsux f'dan, ngħidilkom li qatt m'għandkom tieqfu titolbu lill-Maestà Tiegħu l-unjoni li fissirt. Jekk taraw li tonqoskom l-imħabba tal-proxxmu, ukoll jekk ikollkom devozzjoni u hena li jgegħlukom taħsbu li wasaltu sa hawn, u forsi wkoll xi waqfa qasira tal-fakultajiet fl-orazzjoni tal-kwiet — għax xi wħud jidrilhom li b'hekk temmew kollox — emmnuni li ma wasaltux għal din l-unjoni. U itolbu 'l-Mulej li jagħtikom bil-perfezzjoni din l-imħabba tal-proxxmu, u itilqu kollox f'idejn il-Maestà Tiegħu. Ibqgħu żguri li Hu jagħtikom wisq aktar milli tafu tixtiequ, jekk titħabtu u tfittxu li tagħmlu dak kollu li tistgħu min-naħa tagħkom. U ġiegħlu lir-rieda tagħkom toqgħod f'kollox għar-rieda ta' sħabkom, ukoll jekk titilfu d-drittijiet tagħkom u tinsew il-ġid tagħkom għall-ġid tagħhom, tħossu kemm tħossu jbaqbaq demmkom ġewwa fikom. U meta toffri ruħha l-okkażjoni, fittxu li tieħdu fuqkom xogħol l-oħrajn biex iserrħuhom minnu. La taħsbux li dan mhu se jiswielkom xejn, jew li sejrin issibu kollox lest. Aħsbu xi swietlu l-imħabba li kellu għalina l-Mulej: biex jeħlisna mill-mewt, miet dik il-mewta l-aktar kiefra tas-salib.

# *KAPITLU 4*

*Tissokta titkellem fuq l-istess ħaġa. Tfisser aħjar din ix-xorta ta' orazzjoni. Tgħid kemm jeħtieġ li wieħed jimxi b'għajnejh miftuħa, għax id-demonju jaħdem b'ħiltu kollha biex jiġbdu lura mit-triq li jkun qabad.*

1. Naħseb li tixtiequ taraw din il-ħamiema ċkejkna x'inhi tagħmel u fejn se taqbad tistrieħ, ladarba kif fhimna, mhix sejra ssib il-mistrieħ tagħha fl-għaxqiet spiritwali jew fil-ħlewwiet tad-dinja, għax trid ittir wisq aktar 'il fuq. Iżda ma nistax naqtgħalkom ix-xewqa tagħkom qabel ma naslu fl-aħħar għamajjar. Għax minn xħin bdejt dan il-ktieb, diġà għaddew mal-ħames xhur; u minħabba li rasi mhix f'qagħda li noqgħod nerġa' naqra dak kollu li ktibt, żgur li kollox huwa bla ordni ta' xejn, u forsi xi ħwejjeġ ngħidhom darbtejn. Billi dan ktibtu għal ħuti s-sorijiet, ftit jgħodd li huwa mħawwad.

2. B'danakollu, irrid infissrilkom aħjar, skont ma nifhem jien, x'inhi din l-orazzjoni ta' unjoni. Skont ma naf nagħmel jien, inġib tixbiha biex infisser ruħi. Imbagħad 'il quddiem nerġgħu nitkellmu fuq dan il-farfett żgħir li qatt m'għandu kwiet (għalkemm jibqa' dejjem jaħdem u jagħmel il-ġid lilu nnifsu u lill-oħrajn) għax għadu ma jistax isib il-mistrieħ veru tiegħu.

3. Smajtu kemm-il darba li Alla jitgħarras b'mod spirtwali mal-erwieħ. Tkun imbierka l-ħniena tiegħu li twasslu biex jumilja ruħu daqshekk! Ukoll jekk dan huwa xebh xi ftit goff, ma nista' nsib ebda xebh aħjar mis-sagrament taż-żwieġ biex infisser dak li qiegħda nara kif ngħid. Żgur li fl-unjoni xejn ma jseħħ bl-istess mod, għax f'dawn il-ħwejjeġ li qegħdin nitkellmu fuqhom, qatt ma hemm xi ħaġa li mhix spiritwali — il-ħwejjeġ materjali huma ħaġ'oħra għalkollox, waqt li l-hena spiritwali li jagħti l-Mulej u l-għaxqiet kollha ħlewwa tiegħu huma 'l bogħod għalkollox minn dak kollu li jithennew bih l-għarajjes ta' din l-art. Għax hawn, kollox huwa unjoni ta' mħabba ma' mħabba oħra, u l-azzjonijiet ta' din l-għaqda huma l-aktar safja, u hekk mimlija ħlewwa u benna illi ma jistgħux jitfissru bil-kliem; iżda l-Mulej jagħti li jinħassu tajjeb ħafna.

4. Jidhirli li r-ruħ f'din l-unjoni tkun għadha ma waslitx għall-għerusija spiritwali, iżda tinsab f'dak li jsir meta tnejn hawn fuq l-art ikunu qegħdin iħejju biex jitgħarrsu. Dawn jaraw jekk humiex magħmula għal xulxin, u jekk iħobbux tassew lil xulxin; u jiltaqgħu biex isiru jafu aħjar lil xulxin. Hekk ukoll jiġri hawn, f'din l-unjoni. Il-ftehim diġà ntlaħaq, u r-ruħ hija mgħarrfa sewwa fuq ix-xorti tajba li messitha, u għandha fehma soda li twettaq f'kollox ir-rieda tal-Għarus b'kull mod li tara li tista' tagħmlu hieni. U l-Maestà Tiegħu, li jaf sewwa jekk hux minnu li f'għarustu kollox huwa hekk, jinsab tassew hieni biha, hekk li jagħtiha din il-grazzja tal-ħniena tiegħu. Biex tkun tafu aħjar, ilaqqagħha miegħu, kif jgħidu, u jgħaqqadha miegħu. Nistgħu nqabblu l-unjoni ma' din il-laqgħa ta' qabel l-għerusija, għax tgħaddi malajr ħafna. Issa ma għadx hemm l-għoti tar-rigali lil xulxin, imma r-ruħ tara b'mod misterjuż min hu dan l-Għarus li sejra tieħu. Dak li tifhem hawn fl-iqsar ħin, b'ebda mod ma tista' tasal biex tifhmu bis-saħħa tas-sensi u l-fakultajiet tagħha, lanqas f'elf sena. Imma l-Għarus, għax huwa dak li hu, wara din il-laqgħa ta' ftit ħin iħalliha f'qagħda li aktar ikun jistħoqqilha li jagħtu idejhom lil xulxin, kif jgħidu. U r-ruħ hekk titħeġġeġ bl-imħabba illi min-naħa tagħha tagħmel dak kollu li tista' biex din l-għerusija divina ma titħassarx. Iżda, jekk tasal biex tqiegħed l-affett tagħha fuq xi ħaġ'oħra li mhix Hu, titlef kollox; u din hija telfa tassew kbira, daqskemm kbar huma l-grazzji li l-Għarus ifittex jagħtiha; u għalhekk hija bil-wisq akbar minn dak li nistgħu naħsbu.

5. Mela, erwieħ Insara li l-Mulej wassal sa dan l-għoli, għalih stess nitlobkom li ma tkunux bla ħsieb, imma tilqgħu ruħkom minn kull okkażjoni ta' dnub — għax hawn ukoll ir-ruħ għad mhix soda biżżejjed biex tmur fl-okkażjoni bla periklu ta' xejn, bħalma għad tkun wara l-għerusija li sseħħ fl-għamara ta' wara din. Sa issa ma kienx hemm ħlief il-laqgħa taż-żjara, kif jgħidu, u d-demonju jara x'jista' jagħmel biex iħarbat kollox ħalli l-għerusija ma ssirx. Iżda mbagħad, meta jara lir-ruħ mitluqa għalkollox fl-Għarus tagħha, ma jażżardax jagħmel ħsara, għax jibża', u jaf biżżejjed li, jekk jittanta lil din ir-ruħ, joħroġ b'telfa kbira, u r-ruħ b'rebħa akbar.

6. Ngħidilkom, uliedi, li jiena ltqajt ma' bnedmin li kienu waslu fl-għoli fil-ħajja spiritwali, hekk li waslu sa hawn, u b'danakollu d-demonju reġa' rebaħhom għalih bil-qerq u l-ħażen kbir tiegħu. Għal dan l-għan jeħtieġlu jgħaqqad il-forzi kollha tal-infern, għax kif għedt ħafna drabi, jekk jasal biex jirbaħ ruħ waħda minn dawn, jirbaħ għadd l-aktar kbir ta' rwieħ. Il-ħajjen għandu esperjenza kbira f'dan il-każ. Jekk noqogħdu naħsbu kemm huwa kbir l-għadd tal-erwieħ li Alla jiġbed lejh permezz ta' ruħ waħda, għandna għax nżżu ħajr lil Alla. Kemm ikkonvertew bis-saħħa tal-martri! Bis-saħħa ta' daqsxejn ta' tfajla bħal Sant'Ursola! U

mbagħad, kemm huwa kbir l-għadd ta' dawk li tilef id-demonju permezz ta' San Duminku, ta' San Franġisk, u fundaturl oħra tal-Ordnijiet reliġjużi! U kemm qiegħed jitlef issa permezz ta' Patri Injazju li waqqaf il-Kumpannija ta' Ġesù! Jidher ċar li dawn kollha, kif naqraw, irċevew mingħand Alla grazzji bħal din li qegħdin insemmu. Kif seta' jiġri dan kollu, kieku huma ma tħabtux biex ma jitilfux ħtija tagħhom għerusija hekk divina? O, uliedi, kemm għadu lest dan il-Mulej biex jagħtina l-grazzji tiegħu, bħalma tahom lil dawk ta' qabilna! U b'xi mod, illum hemm ħtieġa akbar li nixtiequ li jagħtihom lilna, għax tassew ftit huma dawk li jaħsbu f'ġieħu! Imma aħna nħobbu lilna nfusna żżejjed, u moħħna biex naraw li ma nitilfux id-drittijiet tagħna — o, kemm niżbaljaw! Ħa jdawwalna l-Mulej fil-ħniena tiegħu, biex ma naqgħux fi dlam bħal dan.

7. Hemm żewġ ħwejjeġ li forsi tridu tistaqsuni fuqhom jew għandkom xi dubju dwarhom. L-ewwel: jekk ir-ruħ hija hekk ħaġa waħda mar-rieda ta' Alla, kif semmejt qabel, kif tista' tiġi mqarrqa ladarba qatt ma tfittex li timxi fuq ir-rieda tagħha? U t-tieni: b'liema mod jista' d-demonju jidħol fikom b'periklu hekk kbir illi jtellfilkom ruħkom, jekk intom hekk maqtugħin mid-dinja u hekk qrib tas-Sagrament? Għax intom qegħdin tgħixu ma' anġli fuq l-art, ħa ngħidu hekk, ladarba għall-ħniena tal-Mulej, ħadd minnkom ma jixtieq xejn ħlief li jaqdih u jogħġbu f'kollox. Tgħiduli li m'hemmx x'tistagħġeb li dan jiġri lil dawk li jinsabu f'nofs kull okkażjoni ta' din id-dinja. U jien naqbel li għandkom raġun tistaqsuni dan — għax Alla kien tassew ħanin magħna! Iżda meta nara, kif diġà semmejt, li Ġuda kien fil-kumpannija tal-Appostli, kien dejjem ma' Alla nnifsu u seta' jisma' kliemu, nintebaħ li lanqas hawn ma nistgħu nkunu żguri minna nfusna.

8. Biex inwieġeb għall-ewwel mistoqsija, ngħid li jekk din ir-ruħ timxi dejjem skont ir-rieda ta' Alla, hija ħaġa ċara li ma tintelifx. Iżda jiġi d-demonju bil-qerq fin tiegħu, u taħt il-libsa tat-tajjeb, jara kif iħawwadha fi ħwejjeġ żgħar u jwassalha għal xi ħwejjeġ li jdaħħlilha f'moħħha li mhumiex ħżiena. U b'dan il-mod, bil-ftit il-ftit idallmilha l-intellett u jberrdilha l-ħeġġa tar-rieda, hekk li jagħmel li tikber fiha l-imħabba tagħha nfisha, sakemm b'mod jew ieħor ma jħallihiex ħaġa waħda mar-rieda ta' Alla u jwassalha toqgħod għal tiegħu.

U f'dan hemm it-tweġiba wkoll għat-tieni mistoqsija. Għax m'hemm ebda klawsura hekk magħluqa li d-demonju ma jistax jidħol fiha, u ebda deżert hekk imbiegħed li ma jmurx fih. U ngħid ħaġ'oħra wkoll: forsi huwa l-Mulej li jħalli jiġri dan, biex jara kif iġġib ruħha dik ir-ruħ li Hu jixtieq iqiegħed fl-għoli bħala dawl għall-oħrajn. Għax jekk se ssir xi ħerba f'din ir-ruħ, aħjar jiġrilha hekk mill-bidu milli meta mbagħad tista' tkun ta' ħsara għal ħafna rwieħ.

9. Jidhirli li jeħtieġ li noqogħdu b'għajnejna miftuħa għal dan li sejra ngħid. Qabelxejn, fl-orazzjoni jeħtieġ li bla heda nitolbu lil Alla biex iżommna b'idu, u naħsbu bla waqfien kif, jekk jitlaqna Hu, malajr insibu ruħna fil-qiegħ, kif huwa minnu li jiġrilna; qatt ma għandna nafdaw fina nfusna, għax li nagħmlu dan mhux ħlief bluha. Imbagħad, wara li nkunu ġibna ruħna b'dan il-mod, nifthu għajnejna sewwa u nħarsu madwarna biex naraw kif sejrin fil-virtù: jekk aħniex mexjin 'il quddiem jew lura f'xi ħaġa, l-aktar fl-imħabba ta' bejnietna, fix-xewqa li nkunu miżmuma l-aħħar minn kulħadd, u fil-ħwejjeġ ta' kuljum. Għax jekk nagħtu kas sewwa ta' dan kollu, u fl-istess ħin nitolbu lill-Mulej jagħtina d-dawl, malajr naraw jekk wasalniex għar-rebħa jew għat-telfien. Ara li ma taħsbux li Alla, wara li jkun wassal xi ruħ sa hawn, sejjer jitlaqha minn idu kif ġieb u laħaq, hekk li ma jġiegħelx lid-demonju jaħdem bosta qabel ma jirbaħha. Il-Maestà Tiegħu hekk ma jkunx jixtieqha tintilef illi jagħtiha elf twissija interjuri ta' kull xorta b'mod li ma tistax ma tintebaħx bil-ħsara li tkun ġejja fuqha.

10. Fil-qosor, ħa naslu għal din il-konklużjoni. Jeħtieġ li kull ħin infittxu li nimxu 'l quddiem. Jekk ma narawniex mexjin 'il quddiem, għandu jkollna biża' kbir, għax bla dubju d-demonju jkun qiegħed jara kif se jħebb għalina. Għax ma jistax ikun li xi ruħ, wara li tkun waslet hekk fl-għoli, ma tibqax tikber. L-imħabba qatt mhi għażżiena, hekk li meta r-ruħ ma timxix 'il quddiem, ikun sinjal ħażin. Ir-ruħ li fittxet li tkun l-għarusa ta' Alla nnifsu, li issa diġà ltaqgħet mal-Maestà Tiegħu u waslet safejn fissirt, m'għandhiex tmur torqod.

U issa, uliedi biex taraw kif il-Mulej jimxi ma' dawk li jżomm b'għarajjes tiegħu, nibdew nitkellmu mis-sitt għamajjar. U malajr tintebħu kemm huwa ftit il-qadi kollu li nistgħu nagħtuh, u kemm mhuma xejn it-tbatijiet kollha li nistgħu nsofru għalih, biex inħejju ruħna għal grazzji hekk kbar. Jista' jkun li kien il-Mulej li ordna li jikkmandawni nikteb, sabiex permezz ta' hekk ninsew il-ħwejjeġ żgħar ta' din l-art li hekk nithennew bihom, ħalli nsammru għajnejna fuq il-premju u naraw kemm hija bla qies il-ħniena tiegħu meta jogħġbu jikkomunika u jgħarraf lilu nnifsu b'dan il-mod lil dud bħalna. U hekk, waqt li nżommu għajnejna dejjem fissi fuq il-kobor tiegħu, niġru lejh mixgħula b'imħabbtu.

11. Ikun jogħġob lill-Mulej li nasal biex infisser xi ħaġa fuq ħwejjeġ daqshekk tqal. Għax jekk il-Maestà Tiegħu u l-Ispirtu s-Santu ma jmexxulix il-pinna, naf tajjeb li żgur ma nasalx. Jekk dan li qiegħda nikteb ma jkunx ta' ġid għalikom, nitolbu bil-ħniena li ma jħallini ngħid xejn. Għax il-Maestà Tiegħu jaf li, safejn nista' nifhem jien, m'għandi ebda xewqa oħra ħlief li ismu jkun imfaħħar u li aħna nagħmlu minn kollox biex naqdu Mulej li wkoll hawn fid-dinja jħallasna b'dan il-mod. Bis-saħħa tal-grazzji li jagħtina sa minn din id-dinja, nistgħu nifhmu xi ħaġa minn dak li għad jagħtina fis-sema bla waqfien ta' xejn u mingħajr it-tiġrib u l-perikli li huwa mimli bihom dan il-baħar imqalleb. Kieku ma kienx hemm il-periklu li noffendu lil dan il-Mulej u nitilfuh, kienet tkun ħaġa ħafifa li nistabru b'din il-ħajja sal-aħħar tad-dinja, biex inkunu nistgħu naħdmu għal Alla u Mulej u Għarus hekk kbir.

Ikun jogħġob lill-Maestà Tiegħu li jkun jistħoqqilna naqduh xi ftit, mingħajr dawk il-ħafna nuqqasijiet li għandna dejjem, saħansitra wkoll fl-istess għemil tajjeb, ammen.

# IS-SITT GĦAMAJJAR fi ħdax-il kapitlu

## *KAPITLU 1*

*Turi kif ir-ruħ ikollha ssofri tbatijiet akbar meta l-Mulej jibda jagħtiha grazzji akbar. Issemmi xi wħud minn dawn it-tbatijiet u tgħid kif għandhom iġibu ruħhom dawk li diġà jinsabu f'din l-għamara. Dan il-kapitlu jiswa bosta għal min qiegħed isofri tiġrib interjuri.*

1. Mela issa, bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, ejjew nitkellmu mis-sitt għamajjar, fejn ir-ruħ, issa midruba bl-imħabba tal-Għarus, tfittex dejjem aktar li tkun waħedha u teħles minn dak kollu li jista' jfixklilha din is-solitudni, skont ma tista' tagħmel dan fil-qagħda tagħha.

Id-dehra tiegħu f'dik iż-żjara baqgħet hekk stampata fir-ruħ illi x-xewqa waħdanija tagħha hija li terġa' tithenna biha. Imma kif diġà għedt, f'din l-orazzjoni ma jidher xejn li tista' tgħid li wieħed jarah bl-għajnejn jew bl-immaġinazzjoni. Qiegħda ngħid dehra fiż-żjara minħabba t-tixbiha li ġibt. Ir-ruħ tinsab soda għalkollox fil-fehma tagħha li ma tieħu ebda għarus ieħor. Iżda l-Għarus ma jħarisx lejn ix-xewqa kbira tagħha li sseħħ malajr l-għerusija, għax Hu jrid li hi tixtieq dan b'ħeġġa akbar u li dan il-ġid fuq kull ġid ieħor jiswielha xi ħaġa aktar. Għalkemm kollox huwa ftit sabiex jintrebaħ ġid hekk kbir, ngħidilkom, uliedi, li biex ir-ruħ tkun tiflaħ għal dan, jeħtieġ li jkollha r-rahan u s-sinjal tar-rebħa li għandha hawn. O, jgħinni Alla! Kemm huwa kbir it-tiġrib ġewwieni u estern li jeħtiġilha ssofri r-ruħ qabel ma tidħol fis-seba' għamajjar!

2. Tabilħaqq, meta xi drabi noqgħod naħseb fuq dan, nibża' li, kieku kellna nifhmu minn qabel kemm huwa kbir dan it-tiġrib, dgħajfa kif aħna, konna narawha ħaġa iebsa wisq li nżommu sħiħ fil-fehma tagħna li nsofruh u ngħaddu minnu, għoli kemm ikun għoli l-ġid li jitqiegħed quddiemna – sakemm ma nkunux wasalna fis-seba' għamajjar fejn xejn ma jbeżżagħna u r-ruħ tintefa' f'kull xorta ta' tbatija għal Alla. Ir-raġuni ta' dan hija li issa tinsab dejjem hekk magħquda mal-Maestà Tiegħu illi l-qawwa meħtieġa tiġiha minn din l-għaqda. Naħseb li huwa sewwa li nfissrilkom xi ħwejjeġ li naf fiż-żgur li jseħħu hawn. Forsi mhux l-erwieħ kollha jiġu mmexxija minn din it-triq, għalkemm niddubita ħafna jekk l-erwieħ li xi drabi jithennew tassew bil-ħwejjeġ tas-sema jistgħux jgħixu ħielsa mit-tiġrib ta' din id-dinja taħt sura jew oħra.

3. Għalkemm ma kelli ebda ħsieb li nfisser dan, ħsibt li xi ruħ li ssib lilha nfisha f'din il-qagħda tassew li titfarraġ bosta jekk issir taf x'jiġri lil dawk li Alla jagħtihom grazzji bħal dawn; għax huwa minnu li f'dak il-ħin kollox jidher mitluf. Mhux sejra noqgħod nitkellem minn dawn il-ħwejjeġ skont ma jseħħu ħaġa wara l-oħra, iżda skont ma jiġu f'moħħi. U rrid nibda mill-iżgħar ħwejjeġ. Dawk li jafu lil xi waħda minn dawn l-erwieħ jibdew jagħmlu għaġeb kbir, kif jagħmlu wkoll dawk li ma jafuhiex u li qatt f'ħajjitha ma ħolmot li sejrin jaħsbu fiha. Għax jibdew juru l-istagħġib tagħhom u jgħidu: "Qiegħda tilgħabha tal-qaddisa!" jew "Qiegħda tintilef f'ħafna ħwejjeġ żejda biex tqarraq bid-dinja u tagħmel li l-oħrajn jidhru ħżiena, meta hawn ħafna Nsara aħjar minnha, mingħajr dawn il-ħafna ċerimonji!" U araw li hi, min-naħa tagħha, mhix qiegħda tfittex li tidher aħjar mill-oħrajn, imma biss li tgħix skont ma jitolbu minnha d-dmirijiet tal-istat tagħha.

U jiġri li dawk li kienet iżżomm bi ħbiebha jitilquha, u jkunu huma li jgħidu l-agħar ħwejjeġ fuqha, għax jigdmuha b'mod li tweġġa' l-aktar. U jibdew iħambqu: "Dik ir-ruħ tilfet it-triq u hija mqarrqa bil-kbir" u "Dawn huma ħwejjeġ tad-demonju" u "Miexja lejn it-telfien bħal dik u bħall-oħra, u qiegħda tagħti skandlu billi tbaxxi l-virtù" u "Qiegħda tara kif tqarraq bil-konfessuri tagħha". U jaqbdu u jmorru għand dawn il-konfessuri u jgħidulhom dan, waqt li jqiegħdu quddiemhom xi eżempju ta' dawk li ntilfu b'dan il-mod. U jiġġerrew 'l hemm u 'l hawn biex jgħidu elf ħaġ'oħra ta' din ix-xorta u jwaqqgħuha għaċ-ċajt.

4. Naf waħda li, minħabba dak li kien qiegħed jiġri u jingħad, kienet imwerwra bil-biża' li ma ssibx min ikun irid jisma' l-qrara tagħha. Il-ħwejjeġ li bdew jingħadu fuqha huma wisq biex noqgħod inniżżilhom hawn, u l-agħar ħaġa hija li dawn il-ħwejjeġ ma jgħaddux malajr, iżda jibqgħu għal tul il-ħajja kollha, għax wieħed jgħid lill-ieħor biex kulħadd joqgħod attent sewwa klf iġib ruħu ma' nies bħal dawn.

Tgħiduli li żgur li jkun hemm xi wħud li jitkellmu tajjeb fuq din il-bniedma. O, uliedi, kemm huma ftit dawk li jemmnu f'dan il-ġid ħdejn l-għadd kbir ta' dawk li jistmelluh! Barra minn hekk, it-tifħir huwa tbatija akbar mill-istess ħwejjeġ li semmejt qabel! Għax, ladarba r-ruħ tara ċar ħafna li jekk għandha xi ħaġa tajba, din tahielha Alla, hekk li żgur mhix ġejja minnha nfisha għax ftit qabel kienet tara lilha nfisha fqira ħafna u mgħaddsa sewwa fid-dnubiet, it-tifħir iġibilha tbatija hekk kbira illi ma tkunx tiflaħ għaliha, għallanqas fil-bidu. Wara, imbagħad, ma

tibqax tbati daqshekk, u dan minħabba xi raġunijiet li se nsemmi. L-ewwel, għax malajr titgħallem mill-esperjenza kif in-nies bl-istess ħeffa li biha jitkellmu tajjeb, malajr jitkellmu ħażin fuq dak li jkun; u għalhekk, jgħidu x'jgħidu fuqha, ma tagħtix wisq kas tagħhom. It-tieni, għax il-Mulej ikun taha dawl akbar u għamel li tara ċar li kull ħaġa tajba fiha mhix ġejja minnha nfisha, iżda hija don tal-Maestà Tiegħu; għalhekk, waqt li tinsa lilha nfisha u tqis id-don ta' Alla bħallikieku mogħti lil xi ħaddieħor, tinfexx tfaħħar lil Alla. It-tielet, għax jekk tkun rat li hemm xi wħud li ħadu xi ġid meta jaraw il-grazzji li Alla għoġbu jagħtiha, taħseb li l-Maestà Tiegħu nqeda b'dan il-mezz, li lilha jżommuha b'waħda tajba għalkemm mhix, biex jiġihom il-ġid bis-saħħa ta' dan. Ir-raba', għax ladarba aktar iżżomm quddiem għajnejha l-ġieħ u s-sebħ ta' Alla milli tagħha nfisha, ma tibqax issofri mit-tentazzjoni li kienet tiġiha fil-bidu, jiġifieri li toqgħod thewden li t-tifħir li jagħtuha jista' jasal biex jeqridha, bħalma għamel lil xi bnedmin oħra. Tassew ftit tagħti kas meta jmaqdruha, jekk permezz ta' hekk Alla jkun imfaħħar għallanqas darba biss; imbagħad, ħa jiġri x'jiġri.

5. Dawn il-ħsibijiet, u oħrajn bħalhom, itaffu bosta t-tbatija kbira li tiġiha mit-tifħir li jingħatalha, għalkemm kważi dejjem titnikket xi ftit, ħlief meta r-ruħ ma tagħti ebda kas ta' dawn il-ħwejjeġ. Iżda li ssib ruħha mfaħħra fil-pubbliku bħala waħda tajba, u dan bla ma jistħoqqilha, huwa tiġrib wisq akbar għaliha milli meta jkun hemm il-ħwejjeġ li semmejna. Ladarba r-ruħ tkun tgħallmet ma tagħti ebda kas ta' dan it-tifħir, inqas sejra tagħti kas tal-ħwejjeġ l-oħra; bil-maqlub, tithenna bihom u jkunu għaliha bħal mużika l-aktar ħelwa. Din hija verità kbira. Dawn il-ħwejjeġ aktar isaħħuha milli jbeżżgħuha, għax ir-ruħ diġà tgħallmet sewwa mill-esperjenza x'ġid tirbaħ minn din it-triq. U jidhrilha li dawk li jkunu qegħdin jippersegwitawha ma joffendux lil Alla, imma lill-Maestà Tiegħu jħallihom jagħmlu dan għall-akbar ġid tagħha. U billi dan tħossu b'mod l-aktar ċar, tnissel fiha mħabba speċjali u l-aktar qawwija lejhom, u tibda tqishom bi ħbieb aktar veri minn dawk li jitkellmu tajjeb fuqha, għax tara li huma ta' ġid akbar għaliha.

6. Il-Mulej għandu d-drawwa li hawn jibgħat ukoll mard l-aktar gravi. U dan huwa tiġrib akbar, b'mod speċjali meta l-uġigħ li jġib miegħu jkun qawwi ħafna. Għax meta jkun uġigħ fin ħafna, naħseb li b'xi mod huwa tassew l-akbar tbatija li wieħed jista' jsofri fuq l-art — irrid ngħid għat-tbatijiet esterni — ikunu xi jkunu t-tbatijiet l-oħra kollha. Intenni li hawn qiegħda ngħid għal dak l-uġigħ qawwi ħafna u l-aktar fin, għax dan hekk jifni lir-ruħ minn ġewwa u minn barra illi lanqas biss tkun taf x'taqbad tagħmel biha nfisha. Tkun lesta li ssofri f'daqqa waħda kull xorta ta' martirju aktar milli tibqa' tbati minn dan l-uġigħ hekk kbir, ukoll jekk fl-agħar tiegħu ma jdumx wisq fit-tul. Għax, fl-aħħar mill-aħħar, Alla qatt ma jagħtina aktar milli nifilħu nsofru; u l-Maestà Tiegħu jagħtina l-ewwel is-sabar meħtieġ. Iżda, ta' kull xorta huma t-tbatijiet u l-mard li hawn jeħtieġ li nsofru bħala ħaġa ta' kuljum.

7. Naf waħda li minn xħin il-Mulej beda jagħtiha din il-grazzja msemmija erbgħin sena ilu, fis-sewwa kollu ma tistax tgħid li għaddiet jum wieħed biss mingħajr uġigħ u tbatijiet oħra ta' kull xorta — hawn qiegħda nifhem in-nuqqas ta' saħħa f'ġisimha, bla ma noqgħod ngħid kull tiġrib kbir ieħor li kellha ssofri. Huwa minnu li kienet mara ħażina ħafna, hekk li dawn it-tbatijiet kollha għaliha kienu ħaġa żgħira ħdejn l-infern li kienet temmen li kien jistħoqqilha. Bnedmin oħra li ma offendewx hekk bil-kbir lill-Mulej forsi jiġu mmexxija minn xi triq oħra. Iżda jien dejjem irrid nagħżel it-triq tat-tbatija; jekk mhux għal ħaġ'oħra, nagħmel dan biex nimxi fuq il-passi ta' Sidna Ġesù Kristu, ukoll kieku ma kien hemm ebda ġid ieħor — imma dejjem hemm kull xorta ta' ġid.

O, kieku kellna nitkellmu mit-tbatijiet interjuri! Jekk naslu biex infissruhom sewwa, dawk tal-ġisem jidhru ħaġa ta' xejn ħdejn dawn li jinħassu fil-ġewwieni. Iżda qatt ma nistgħu naslu biex infissru u nfiehmu sewwa t-tbatijiet interjuri, lanqas fil-mod li jseħħu bih.

8. Ħalli nibdew minn dik it-tbatija kbira li tiġi fuqna meta niltaqgħu ma' xi konfessur hekk mimli prudenza, imma hekk nieqes mill-esperjenza, illi mhu żgur minn xejn. Dan jibża' minn kollox, u f'kollox iqiegħed id-dubju, hekk kif jara li għandu quddiemu xi ħaġa mhux tas-soltu. U mbagħad, jekk jara xi nuqqas ta' perfezzjoni f'dik ir-ruħ li tgħidlu li jkollha dawn il-grazzji, erħilu jaqbad u jikkundanna kollox. Għax dan il-konfessur jidhirlu li dawk li Alla jagħtihom grazzji bħal dawn iridu jkunu anġli; u billi dan ma jistax ikun sakemm jibqgħu mxekkla b'dan il-ġisem, malajr jgħid li kollox huwa ġej mid-demonju jew mill-malinkonija. U d-dinja hija hekk mimlija b'din il-marda illi ma nistagħġibx b'dan. Għax bħalissa hawn għadd hekk kbir ta' nies li jbatu b'din il-malinkonija, u d-demonju jsibha mezz hekk tajjeb f'idejh biex jagħmel il-ħsara, illi l-konfessuri għandhom raġun li jibżgħu u jiftħu għajnejhom sewwa fuq dan. Iżda dik l-imsejkna ruħ li kollha beżgħana tmur għand il-konfessur, li tqis bħala mħallef tagħha, u mbagħad tara li dan jikkundannaha, ma jistax ikun li ma titħawwadx waħda sew hekk li tinfena bit-tbatija

minħabba kliemu. Dak biss li kellu jġarrab tiġrib bħal dan jista' jgħid kemm hija kbira din it-tbatija ġewwenija. Għax din hija tbatija oħra minn dawk li jkollhom isofru dawn l-erwieħ, l-aktar jekk għexu ħajja ħażina, jiġifieri li jibdew jaħsbu li huwa minħabba dnubiethom li Alla ħalla li jiġu mqarrqa. Għalkemm, meta l-Maestà Tiegħu jagħtihom din il-grazzja, iħossu ruħhom fiż-żgur u ma jkunux jistgħu jemmnu li din ġiethom minn xi spirtu ieħor ħlief dak ta' Alla, b'danakollu malajr jerġgħu jinħakmu minn din it-tbatija kbira, għax il-grazzja hija ħaġa li tgħaddi bil-ħeffa u t-tifkira tad-dnubiet hija dejjem quddiem għajnejhom; u kull ruħ tibda tara fiha n-nuqqasijiet li qatt ma jonqsu. Meta l-konfessur jiżgura lir-ruħ u jfarraġha xi ftit, din issib xi ftit tal-kalma, iżda terġa' titħawwad malajr. Imma meta l-konfessur ma jagħmilx ħlief ibeżżagħha aktar, it-tbatija ssirilha xi ħaġa li ma tkunx tista' tiflaħ aktar għaliha. Aktar u aktar jekk bejn grazzja u oħra jiġu fuqha żminijiet ta' nixfa li fihom ir-ruħ jidhrilha li qatt ma ħasbet f'Alla u li mhix sejra tiftakar fih, hekk li meta tisma' lil xi ħadd jitkellem fuq il-Maestà Tiegħu, qisha tkun qiegħda tisma' fuq wieħed li qiegħed 'il bogħod ħafna.

9. U dan kollu mhu xejn jekk ma tiżdiedx miegħu t-tbatija li r-ruħ tibda tara li ma tistax tfisser sewwa l-każ tagħha lill-konfessuri, hekk li taħseb li tkun hi li qarrqet bihom. Ma tkun tista' ssib ebda mistrieħ, ukoll meta taħseb sewwa u tara li ma ħbiet xejn minnhom, lanqas l-ewwel tqanqil tagħha. Għax moħħha huwa hekk imdallam illi m'għandhiex ħila tara l-verità, imma temmen dak li ġġibilha quddiem għajnejha l-immaġinazzjoni (li issa hija sidt ta' kollox) jew kull ħrafa li d-demonju jara kif iqiegħed quddiemha. Milli jidher, il-Mulej iħalli lid-demonju jagħmel dan biex jara x'issarraf ir-ruħ u fl-istess ħin jagħmel li din tibda taħseb li ġiet mitluqa minn Alla. Ħafna huma l-ħwejjeġ li jaħbtu għar-ruħ u jimlewha bi dwejjaq ta' tbatija ġewwenija li tinħass hekk bil-kbir, u hekk ma tistax titfisser, illi ma tista' tiġi mxebbha ma' xejn ħlief mat-tbatijiet tal-infern, għax f'din it-tempesta ma jitħalla ebda faraġ.

Jekk dik li tkun qiegħda tbati b'dan il-mod tmur tfittex xi ftit tal-faraġ mingħand il-konfessur, jidher li d-demonji jgħinuh biex iġegħelha tbati iżjed. Kien hemm konfessur li, meta sab quddiemu waħda li kienet qiegħda tbati minn dan kollu (jiġifieri minn tbatija hekk tal-biża' u ta' periklu kbir minħabba li jidħlu ħafna ħwejjeġ magħha) qalilha li kellha tmur tgħidlu kull meta kienet issib ruħha f'din il-qagħda; iżda hi marret hekk għall-agħar illi ntebaħ li ma seta' jagħmel xejn fil-każ tagħha. U jekk din kienet tiftaħ xi ktieb, ukoll jekk miktub bl-ilsien tagħha, għalkemm kienet taf taqra sewwa, kien jiġrilha li ma tifhimx aktar minn min lanqas jaf ittra minn oħra, għax ma kellha l-ħila tifhem xejn.

10. Fi ftit kliem, m'hemm ebda rimedju f'din it-tempesta qalila ħlief li wieħed jittama fil-ħniena ta' Alla, li f'daqqa waħda, f'ħin mhux mistenni, b'kelma waħda tiegħu jew b'xi okkażjoni li tiġi bla ħsieb, jikkalma kollox hekk malajr illi qisu lanqas qatt ma kien hemm sħaba waħda f'dik ir-ruħ, għax timtela bid-dawl tax-xemx u b'faraġ wisq aktar minn qabel. U l-istess bħal min ħeles minn battalja ta' periklu u kiseb ir-rebħa, ir-ruħ ma tiqafx tfaħħar 'il-Mulej, għax huwa Hu li ssielet għaliha u wassalha għar-rebħa. Tagħraf tajjeb li ma kenitx hi li tqabdet għaliha nfisha, għax l-armi kollha li setgħet tuża biex tiddefendi ruħha jidhru li jinsabu f'idejn l-għadu tagħha. B'hekk tifhem b'mod ċar il-miżerja tagħna l-bnedmin u l-ftit li nistgħu nagħmlu aħna jekk il-Mulej iħallina waħedna.

11. Jidher li mhux meħtieġ li r-ruħ toqgħod taħseb wisq biex tifhem dan, għax l-esperjenza ta' dak kollu li għaddiet minnu, u ta' kif rat li ma setgħet tagħmel xejn min-naħa tagħha, ġegħlitha tifhem ix-xejn tagħna u kemm aħna ħlejjaq dgħajfin. Għax f'din il-qagħda ta' tbatija, għalkemm ma tkunx nieqsa mill-grazzja ladarba ma toffendix lil Alla u, kbira kemm tkun kbira t-tbatija li ssofri, lanqas trid tagħmel dan għal ebda ħaġa fid-dinja, il-grazzja hija hekk moħbija minnha illi r-ruħ tidher li ma tħoss lanqas l-iċken xrara ta' mħabbtu. Jekk għamlet xi ħaġa tajba jew jekk il-Maestà Tiegħu taha xi grazzja, dan kollu jidhrilha li huwa xi ħolma jew stħajjil il-moħħ biss. Huma d-dnubiet li hija żgur li għamlet hi.

12. O Ġesù, x'ħasra kbira li tara ruħ mitluqa b'dan il-mod! U kif għedt, kemm ma jiswielha xejn il-faraġ ta' din l-art! Mela, meta ssibu ruħkom f'din il-qagħda, ara li ma taħsbux, ħuti, li l-għonja jew dawk li jistgħu jagħmlu li jridu se jkollhom xi rimedju aħjar għal żminijiet bħal dawn. Le, tassew le; għax fil-fehma tiegħi, ikun bħal meta lil dawk li jkunu qatgħuhielhom għall-mewt tqegħdilhom quddiemhom kull hena u għaxqa tad-dinja; dan mhux biss ma jfarraġhomx, imma jkattrilhom it-tbatija. Hawn jiġri l-istess ħaġa: kull faraġ irid jiġi minn fuq, għax il-ħwejjeġ ta' din id-dinja ma jiswew xejn. Dan Alla jridna nagħarfu li Huwa sultan kbir u aħna ħlejjaq dgħajfin; u dan jiswa bosta għal dak li jkun għad irid jiġi 'l quddiem.

13. Għalhekk, x'se taqbad tagħmel din ir-ruħ imsejkna meta tibqa' f'din il-qagħda ta' tbatija għal jiem sħaħ? Jekk titlob, qisha ma talbet xejn — irrid ngħid għall-faraġ tagħha. Għax ebda

faraġ ma jidħol fil-ġewwieni tagħha, u lanqas tifhem dak li tgħid hija nfisha meta titlob bil-fomm. U dan b'ebda mod mhu l-ħin għat-talb mentali, għax il-fakultajiet tagħha ma jifilħux għalih. Li ssib ruħha waħedha huwa tbatija akbar għaliha, għalkemm tbati wkoll meta ssib ruħha ma' xi ħadd jew meta xi ħadd ieħor ikellimha. U jiġri li, minkejja dak kollu li tagħmel min-naħa tagħha, iġġib ruħha b'mod li jidher ċar li hija bħal waħda b'qalbha maqtugħa u mħawda għall-aħħar.

Huwa minnu li tista' tfisser dak li tkun għaddejja minnu? Dan ma jista' jitfisser b'ebda mod, għax huma dwejjaq u tbatijiet spiritwali li ma jistgħux jingħataw isem. L-aħjar rimedju — ma rridx ngħid biex neħilsu minnhom, għax ma naf b'ebda rimedju għal dan, imma biex inkunu nistgħu nsofruhom — huwa li ningħataw għal xi ħwejjeġ esterni u għemil ta' mħabba mal-oħrajn, waqt li nittamaw fil-ħniena ta' Alla li qatt ma jonqos lil dawk li jittamaw fih. Ikun imbierek għal dejjem, ammen.

14. Tiġrib ieħor estern li jġibu d-demonji mhux komuni daqshekk; għalhekk, m'hemmx għalfejn nitkellmu fuqu hawn. U fil-biċċa l-kbira tiegħu, mhux ta' tbatija hekk kbira; għax jagħmlu x'jagħmlu d-demonji, qatt ma jaslu biex iħallu bla ħila ta' xejn lill-fakultajiet u lanqas, fil-fehma tiegħi, ma jħawdu lir-ruħ b'dan il-mod. Fi ftit kliem, għandna raġun inżommu li huma ma jistgħu jagħmlu xejn aktar minn dak li jħallihom jagħmlu l-Mulej, u meta ma nitilfux moħħna, kollox huwa ftit jekk inqabbluh ma' dak li semmejna.

15. F'dawn l-għamajjar sejrin nitkellmu fuq tbatijiet interjuri oħra, u nfissru suriet diversi ta' orazzjoni u ta' grazzji tal-Mulej. Għax ukoll jekk xi tbatijiet huma akbar minn dawn li semmejna, kif wieħed jista' jara mill-effetti li jħallu fil-ġisem, b'danakollu ma jistħoqqilhomx dan l-isem. U lanqas jixraq li nagħtuhom dan l-isem, ladarba huma grazzji hekk kbar tal-Mulej. U r-ruħ stess tifhem li huma hekk għax tara li huma wisq ogħla milli jistħoqqilha hi. Din it-tbatija kbira tiġi lir-ruħ biex din tkun tista' tidħol fis-seba' għamajjar. U tiġiha flimkien ma' ħafna tbatijiet oħra li sejra nfisser ftit minnhom biss, għax ma jistax ikun li nitkellmu fuqhom kollha jew li nfissru sewwa x'inhuma. Għax huma wisq ogħla, minħabba li huma ġejjin minn għajn aktar fl-għoli minn dawk li fissirt hawn. U jekk lanqas kelli ħila nfisser aħjar dawk li huma aktar baxxi, inqas u inqas se nkun nista' nfisser dawn li huma hekk għolja. Li kien il-Mulej jagħtini l-għajnuna f'kollox għall-merti ta' Ibnu, ammen.

# *KAPITLU 2*

*Turi xi modi li bihom il-Mulej iqajjem lir-ruħ; m'għandu jkun hemm ebda biża' fihom, għalkemm huma xi ħaġa għolja ħafna u grazzji tassew kbar.*

1. Jidher li l-ħamiema ċ-ċkejkna tagħna tlaqniha 'l bogħod ħafna, iżda le, għax dawn huma t-tbatijiet li jagħmlu li ttir aktar fl-għoli.

Mela, ħa nibdew naraw kif iġib ruħu magħha l-Għarus; naraw kif, qabel ma tkun għalkollox ħaġa waħda miegħu, jagħmel li tixxennaq għalih b'xewqa l-aktar qawwija, u jagħmel dan b'mezzi hekk fini illi r-ruħ infisha lanqas tifhimhom. U lanqas naħseb li sejra nasal biex infissirhom jien b'mod li jista' jifhimhom xi ħadd ħlief dawk li għaddew minn dan kollu. Dawn huma tqanqiliet hekk fini u ħelwin, għax jiġu mill-parti l-aktar ġewwenija tar-ruħ, illi ma naf b'ebda xebh li jista' joqgħod tajjeb biex infissirhom permezz tiegħu.

2. Dawn huma xi ħaġa wisq ogħla minn dak kollu li nistgħu niksbu aħna fuq din l-art, u saħansitra akbar minn dawk l-għaxqiet kollhom ħlewwa li semmejt. Għax ta' sikwit jiġri li, meta l-moħħ ikun imxerred u lanqas biss qiegħed jaħseb f'Alla, il-Maestà Tiegħu jqajjem lir-ruħ f'daqqa waħda bħal kometa li tgħaddi malajr jew bħal sajjetta, għalkemm hi ma tisma' xejn. Iżda r-ruħ tifhem sewwa li Alla sejħilha; u hekk tifhem dan li xi drabi, l-aktar fil-bidu, tibda tirtogħod, waqt li tilmenta mill-uġigħ bla ma jkollha ebda wġigħ. Għax tħoss li ġiet midruba bi ħlewwa l-aktar kbira, iżda ma tagħrafx kif jew min darabha. Imma taf tajjeb li din hija ħaġa prezzjuża, u qatt ma trid tfieq mill-ferita li rċeviet. Tilmenta mal-Għarus bi kliem ta' mħabba, u saħansitra xi drabi b'leħen għoli minħabba li ma tkunx tista' tagħmel mod ieħor, għax tagħraf li huwa preżenti, iżda ma jridx juri ruħu lilha b'mod li jħalliha tithenna bih. U din hija tbatija kbira, għalkemm mimlija għaxqa u ħlewwa. Kieku stess ir-ruħ ma tkunx trid issofriha, ma jkollha ebda għażla. Iżda hija ħaġa żgura li r-ruħ qatt ma trid tibqa' nieqsa minn dan l-uġigħ, li jimlieha bil-faraġ wisq aktar minn dak it-telfien f'għaxqa ta' ħlewwa, imma bla wġigħ, li kienet iġġib fiha l-orazzjoni tal-kwiet.

3. Qiegħda nitfarrak, ħuti, biex nara kif infissrilkom din il-ħidma ta' mħabba. B'danakollu ma nafx kif sejra nfissirha b'mod li tifhmuni. Għax tidher ħaġa bil-maqlub tal-oħra li tagħti x'wieħed jifhem li l-Maħbub qiegħed juri biċ-ċar li huwa mar-ruħ, u fl-istess ħin jidher li qiegħed isejħilha mill-bogħod bis-saħħa ta' sinjal hekk żgur illi ma jħalli ebda dubju u tisfira hekk tidħol fil-widnejn illi r-ruħ ma tistax ma tismagħhiex. Għax jidher li, meta l-Għarus li jinsab fis-seba' għamara jkellimha b'dan il-mod li fih ma jingħad ebda kliem imsawwar, in-nies kollha li jinsabu fl-għamajjar l-oħra — is-sensi, l-immaġinazzjoni u l-fakultajiet — ma jażżardawx jitħarrku.

O, Alla tiegħi setgħan, kemm huma għolja l-misteri tiegħek! U kemm huma ogħla l-ħwejjeġ spiritwali minn kull ħaġa li nistgħu naraw u nifhmu hawn fuq l-art! Ma nistgħu nsibu xejn biex bih infissru din il-grazzja, ukoll jekk hija hekk żgħira meta nqabbluha mal-għeġubijiet tassew kbar li Int taħdem fl-erwieħ!

4. L-effett ta' dan kollu fir-ruħ huwa hekk qawwi, illi jifniha minn ġewwa bix-xewqa tal-Għarus; u fl-istess ħin lanqas taf xi tkun se taqbad titlob, għax jidhrilha b'mod ċar li Alla tagħha huwa magħha.

Żgur li tixtiequ tagħmluli xi mistoqsijiet. Ladarba r-ruħ tifhem dan, x'qiegħda tixtieq? Jew x'qiegħed inikkitha? X'ġid akbar tista' trid? Jiena ma nafx. Naf biss li din it-tbatija tidher li tasal biex tilħaq il-ġewwieni tagħha, hekk li meta Dak li jidrobha jiġbed il-vleġġa barra, jidher li l-ġewwieni kollu jkun qiegħed jinġibed magħha, hekk qawwija hija l-imħabba li taħkem lir-ruħ. Jiena u naħseb fuq dan, ġie f'moħħi li qisu minn dan in-nar tal-braċier imqabbad, li huwa Alla tiegħi, taret xrara li laqtet lir-ruħ b'mod li din tħoss in-nar jaqbad. Iżda x-xrara mhix biżżejjed biex taħraq għalkollox lir-ruħ, għalkemm timlieha b'għaxqa kbira tassew, hekk li r-ruħ tibqa' tħoss dak l-uġigħ, u kull darba li x-xrara tmiss magħha, terġa' ġġib fiha dan l-effett. Naħseb li dan huwa l-aħjar xebh li stajt insib. Għax dan l-uġigħ ħelu, li mhux uġigħ, ma jibqax il-ħin kollu; għalkemm xi drabi jdum ftit tal-ħin sewwa, drabi oħra jgħaddi malajr. Dan ikun skont ma jkun irid jikkomunikahulha l-Mulej, għax mhux xi ħaġa li tista' tinkiseb b'xi ħila tal-bniedem. U jekk stess xi drabi din il-ħaġa ddum għal xi ftit tal-ħin, tiġi u tmur. F'kelma waħda, ma tibqax hemm. Huwa għalhekk li ma tasalx biex taħraq lir-ruħ; hekk kif in-nar ikun se jibda jaqbad, ix-xrara tintefa u tħalli lir-ruħ bix-xewqa li terġa' tbati dak l-uġigħ ta' mħabba li ġabitilha.

5. Hawn lanqas biss għandu jgħaddi minn moħħna li dan ikun ġej min-natura tagħna nfusna, jew li għandu bħala kawża tiegħu l-malinkonija, jew li huwa xi qerq tad-demonju jew stħajjil ta' moħħna biss. Għax hija ħaġa ċara ħafna li hija ħidma li tibda mill-għamara fejn jinsab il-Mulej, li dejjem jibqa' dak li hu. Il-ħidmiet hawn mhumiex bħad-devozzjonijiet l-oħra, li

t-telfien żejjed fl-għaxqa li jġibu magħhom jista' jħallina fid-dubju. Hawn is-sensi u l-fakultajiet kollha jibqgħu ħielsa u jaħdmu, kollha mistagħġba jaraw xi jkun qiegħed jiġri, bla ma jfixklu xejn u, fil-fehma tiegħi, bla ma jistgħu jżidu jew inaqqsu dak l-uġigħ kollu ħlewwa.

Kull min il-Mulej tah din il-grazzja għandu jintebaħ biha meta jaqra dan, u għandu jroddlu ħajr minn qalbu. M'għandux jibża' li dan huwa xi qerq; ħa jibża' ħafna li ma jibqax jafu lil Alla għal grazzja hekk kbira; ħa jfittex li jaqdi lil Alla u jtejjeb ħajtu kollha, u mbagħad jara fejn jasal u kemm jirċievi aktar u aktar. Waħda li naf għaddiet snin sħaħ tithenna b'din il-grazzja li taha Alla, u kienet hekk hienja biha illi, kieku kellha tgħaddi għadd kbir ta' snin taqdi lill-Mulej fost tiġrib l-aktar kbir, kienet tħossha mħallsa tajjeb biha. Ikun imbierek għal dejjem ta' dejjem, ammen.

6. Forsi tistagħġbu għaliex f'din il-grazzja nibqgħu aktar żguri milli fi ħwejjeġ oħra. Fil-fehma tiegħi, għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel, għax uġigħ ta' għaxqa hekk kbira bħal dan qatt ma jista' jiġi mid-demonju. Dan il-ħajjen jista' jagħti xi ħlewwa u għaxqa li jidhru spiritwali, iżda mhux fil-ħila tiegħu li jgħaqqad l-uġigħ, u wġigħ hekk qawwi, mal-kwiet u l-hena tar-ruħ. Għax is-setgħa kollha tiegħu hija biss fuq barra tar-ruħ u, skont ma nifhem jien, it-tbatijiet li jġib hu qatt mhuma magħqudin ma' xi ħlewwa jew paċi, iżda huma bla kwiet u kollhom ġlied. It-tieni, għax din it-tempesta kollha ħlewwa tiġi minn dik in-naħa li mhix l-inħawi li fuqhom jista' jkun sid id-demonju. It-tielet, għax kbir huwa l-ġid li din il-grazzja ġġib lir-ruħ, hekk li din fil-biċċa l-kbira taqtagħha li tbati għal Alla, tixxennaq għal tiġrib akbar, u tagħmel fehma soda li titwarrab mill-ħlewwiet u l-kliem tal-art u li twettaq ħwejjeġ oħra bħal dawn.

7. Li din il-grazzja mhix ġejja mill-immaġinazzjoni hija ħaġa ċara ħafna. Għalkemm drabi oħra r-ruħ tfittex kif tiksibha, ma tistax tasal għal xi ħaġa bħalha. U hija ħaġa magħrufa li din ma tistax tkun frott l-immaġinazzjoni; irrid ngħid, ma jistax ikun li wieħed jaħseb li qiegħed jistħajjilha waqt li mhix hemm, u lanqas jista' jkollu xi dubju. Jekk jibqa' xi dubju, għandna nifhmu li ma kienx tqanqil veru; qiegħda ngħid għal meta r-ruħ tiddubita jekk kellhiex din il-grazzja jew le. Għax tinħass b'mod ċar bħalma jinstema' leħen għoli. Lanqas ma nistgħu naħsbu li tkun ġejja mill-malinkonija, għax il-ħafna stħajjil li ġġib il-malinkonija jinsab biss fl-immaġinazzjoni, waqt li din il-grazzja tiġi mill-ġewwieni tar-ruħ.

Jista' jkun li sejra mqarrqa f'dan, iżda sakemm nisma' raġunijiet oħra minn min jifhem f'dawn il-ħwejjeġ, nibqa' dejjem ta' din il-fehma. U naf waħda li kienet dejjem imwerwra bil-biża' minn din ix-xorta ta' orazzjoni.

8. Il-Mulej għandu wkoll modi oħra kif iqajjem lir-ruħ. Għal għarrieda, meta tkun qiegħda titlob bil-fomm jew taħseb fil-ħwejjeġ interjuri, jidher li jiġiha bħal tkebbis kollu għaxqa, bħallikieku xi fwieħa f'daqqa waħda saret hekk qawwija illi xterdet mas-sensi kollha. Mhux qiegħda ngħid li hija xi riħa tfuħ, imma qiegħda biss inġib din it-tixbiha. Ngħid li hija bħal fwieħa jew xi ħaġa hekk biex nagħtikom x'tifhmu kif ir-ruħ tħoss li l-Għarus huwa hemm. U r-ruħ titqanqal b'xewqa kollha ħlewwa biex tithenna bih, u b'hekk titħejja biex tagħmel atti kbar ta' mħabba u tifħir lill-Mulej. L-għajn ta' din il-grazzja hija l-istess waħda li diġà semmejt, iżda hawn m'hemm xejn li jġib l-uġigħ u lanqas l-istess xewqat li tithenna b'Alla ma jkollhom magħhom xi xorta ta' wġigħ. Dan huwa l-mod kif ir-ruħ soltu tħoss din il-grazzja. U minħabba r-raġunijiet li semmejt, lanqas ma jidhirli hawn li hemm minn xiex wieħed jibża'; bil-maqlub, għandu jfittex li jilqa' din il-grazz)a b'radd il-ħajr.

# *KAPITLU 3*

*Tissokta titkellem fuq l-istess ħaġa u tgħid kif Alla jkellem lir-ruħ meta jkun jogħġbu. Turi kif wieħed għandu jġib ruħu f'dan il-każ biex ma jimxix fuq dak li jidhirlu ħu. Dan il-kapitlu jġib ġid kbir!*

1. Alla għandu mod ieħor kif iqajjem lir-ruħ. Għalkemm b'xi mod din il-grazzja tidher akbar minn dawk imsemmija, tista' tkun periklu akbar. Minħabba f'hekk, se ntawwal xi ftit biex infissirha. Irrid ngħid għal meta Alla jkellem lir-ruħ b'ħafna modi fil-lokuzzjonijiet, li wħud minnhom jidhru ġejjin minn barra, oħrajn mill-aktar parti ġewwenija tar-ruħ, u oħrajn mill-parti l-aktar għolja tagħha; u terġa', oħrajn huma hekk fuq barra illi jinstemgħu bil-widnejn għax qisu xi leħen li jlissen il-kliem. Xi drabi, anzi ħafna drabi, dan jista' jkun stħajjil il-moħħ, l-aktar f'dawk li għandhom immaġinazzjoni dgħajfa jew li jbatu bil-malinkonija — irrid ngħid dik il-malinkonija tassew u li tidher.

2. Fil-fehma tiegħi, m'għandniex nagħtu kas ta' dawn iż-żewg xorta ta' bnedmin, ukoll jekk jgħidu li jaraw jew jisimgħu u jifhmu xi ħwejjeġ, u lanqas m'għandna nħawduhom billi ngħidulhom li kollox ġej mid-demonju. Ngħodduhom bi bnedmin morda. U bħalma għandha tagħmel il-prijura, hekk ukoll il-konfessur — jew xi ħadd ieħor li jmorru jgħidulu b'dan kollu — għandu jgħidilhom biex ma jagħtu kas ta' xejn għax dawn il-lokuzzjonijiet mhumiex meħtieġa għall-qadi ta' Alla, u għax id-demonju qarraq b'ħafna fuq din il-ħaġa wkoll jekk forsi huma mhux qegħdin jiġu mqarrqa. Wieħed għandu jagħtihom din it-twissija b'dan il-mod biex ma jgħarrqilhomx il-buli tagħhom, għax jekk jgħidilhom li kollox huwa frott il-malinkonija, ma jasal imkien; jibdew jaħilfu li jaraw u jisimgħu, għax hekk jemmnu li jkun qed jiġrilhom.

3. Huwa minnu li jeħtieġ li wieħed ma jħallix lil dawn in-nies idumu wisq fl-orazzjoni u li jisħaq magħhom li m'għandhomx jagħtu kas ta' dak li jħossu. Għax id-demonju għandu tassew ħabta jieħu tiegħu ma' erwieħ morda b'dan il-mod; ukoll jekk ma jasalx biex jagħmel ħsara lilhom, ikun bi ħsara ta' oħrajn. Iżda, sew il-morda u sew dawk b'saħħithom għandhom dejjem jaraw kif jeħilsu minn dawn il-ħwejjeġ safejn jistgħu huma, għax ikunilhom ta' għajnuna akbar biex jimxu 'l quddiem meta ma jagħtux kashom. Jekk ikunu ġejjin minn Alla, aktar jiżdiedu meta jitqiegħdu għal din il-prova. Dan huwa minnu; imma min-naħa l-oħra, jeħtieġ li r-ruħ ma titħalliex titnikket u titħawwad, għax hi tassew li ma tkunx tista' timxi mod ieħor.

4. Mela, biex nerġa' għal dak li kont qiegħda ngħid fuq il-lokuzzjonijiet ta' kull xorta li semmejt: dawn kollha jistgħu jiġu minn Alla jew mid-demonju jew mill-immaġinazzjoni ta' dak li jkun. Jekk ikolli l-ħila meħtieġa, irrid issa nfisser, bl-għajnuna ta' Alla, is-sinjali li juru minn fejn ikunu ġejjin dawn il-lokuzzjonijiet, u nuri meta huma ta' periklu għar-ruħ. Għax hemm għadd ġmielu fost dawk li huma mogħtija għall-ħajja ta' talb li jisimgħu ħwejjeġ minn dawn. Irridkom tifhmu sewwa li ma tkunux qegħdin tagħmlu ħażin meta ma tagħtu ebda kas tagħhom jew meta tagħtu kashom, jekk ikunu għalikom biss, biex ifarrġukom jew biex ikunulkom ta' twissija għan-nuqqasijiet tagħkom. F'dan il-każ, ftit jgħodd minn fejn ikunu ġejjin, ikellimkom min ikellimkom jew ġejjin mill-immaġinazzjoni tagħkom. Fuq ħaġa waħda rrid inwissikom: ara li ma tmorrux taħsbu li intom aħjar mill-oħrajn meta jkollkom dawn il-ħwejjeġ, ukoll jekk ikunu ġejjin minn Alla, għax Hu tkellem ħafna drabi mal-Fariżej ukoll. Il-ġid jiġikom tassew skont kemm tieħdu minnu intom meta tisimgħu kliem ta' din ix-xorta. Qisu li ma temmnu ebda kelma li ma tkunx taqbel għalkollox mal-Iskrittura; u jekk taraw li ma taqbilx, la tagħtux kas tagħha aktar milli kieku kienet ġejja mid-demonju nnifsu. Ukoll jekk dan il-kliem li taħsbu li tisimgħu jkun ġej mill-immaġinazzjoni dgħajfa tagħkom, għandkom tqisuh bħala tentazzjoni fil-ħwejjeġ tal-fidi; għalhekk, għandkom tiqfulu b'kull mod biex ma tibqgħux taħsbu li qegħdin tisimgħuh. Lokuzzjonijiet bħal dawn ftit għandhom saħħa minnhom infushom; jekk tiqfulhom, żgur li ma jibqgħux.

5. Mela ħalli nibdew nitkellmu mill-ewwel ħaġa: jekk dawn il-lokuzzjonijiet ma jiġux mill-parti ġewwenija u l-aktar għolja tar-ruħ jew minn barra minnha, dan fih innifsu m'għandux x'jaqsam biex naraw ikunux ġejjin minn Alla jew le. Fil-fehma tiegħi, is-sinjali l-aktar żguri li jista' jkollna biex nagħarfu dan huma dawn li ġejjin.

L-ewwel u l-aktar sinjal żgur huwa s-setgħa u l-ħakma sħiħa li jkollu l-kliem, hekk li ma jibqax kliem biss, iżda jgħaddi għall-għemil fl-effetti li jġib miegħu. Ħa nfisser ruħi aħjar. Ikun hemm xi ruħ li tkun tinsab fit-tiġrib u t-taħwid interjuri li semmejt qabel, fin-nixfa u d-dlam tal-intellett — u mbagħad b'kelma waħda minn dawn, bħal: "La toqgħodx titnikket", tibqa' kalma għalkollox. Ma tkun teħtieġ ebda kelma oħra, hekk li timtela b'dawl kbir u tistrieħ sa fil-qiegħ ta' qalbha minn kull diqa li kienet taħkimha, għalkemm qabel kienet temmen li xejn ma kien

sejjer jeħlisha mid-dwejjaq kbar tagħha, lanqas id-dinja kollha u l-għorrief kollha miġbura flimkien biex jaraw kif iġibulha kull argument ħalli jikkalmawha, ukoll jekk min-naħa tagħhom kienu jiżnu kollox bl-akbar reqqa. Jew ikun hemm xi ruħ li tkun imnikkta bosta minħabba li l-konfessur tagħha, u oħrajn ukoll, ikunu qalulha li l-ispirtu tagħha kien jidher li ġej mid-demonju, hekk li tinħakem minn biża' kbira. Iżda b'kelma waħda li tgħidilha: "La tibżax, Jiena hu!" *(Lq 24,36)*, tikkwieta għalkollox, u tħossha mfarrġa b'mod hekk sħiħ illi jidhrilha li ħadd ma jista' jasal biex iġegħelha temmen xi ħaġ'oħra. Jekk imbagħad xi ruħ tkun qiegħda tinkwieta fuq xi biċċa negozju kbira, għax ma tkunx tista' tara hux se tmurilha tajjeb jew le, b'kelma waħda malajr jingħatalha x'tifhem li għandha tħossha mistrieħa, għax kollox se jmur tajjeb, hekk li ma jkollha ebda dubju fuq dan u teħles tassew minn kull tħassib żejjed. U jiġri l-istess ħaġa f'ħafna ħwejjeġ oħra.

6. It-tieni sinjal huwa l-kwiet kollu kalma li jibqa' fir-ruħ, hekk li din tinġabar fiha nfisha b'mod l-aktar devot u kollu paċi, u tkun lesta tfaħħar lil Alla. O, Mulej! Jekk kelma waħda li Int tibgħat biex tingħad minn xi messaġġier tiegħek (għax għallanqas f'din l-għamara li qegħdin, skont ma jgħidu, ma hux il-Mulej innifsu li jgħid il-kliem, iżda xi anġlu tiegħu) għandha qawwa daqshekk kbira, liema saħħa ma tħallix Int innifsek f'dik ir-ruħ li hija magħquda miegħek fl-imħabba bħalma Int magħqud magħha?

7. It-tielet sinjal huwa li dan il-kliem ma joħroġx mill-memorja lanqas wara żmien twil ħafna, u xi drabi ma joħroġ qatt. Il-kliem li nisimgħu fuq din l-art — irrid ngħid għal dak il-kliem li jgħidulna l-bnedmin — malajr jintesa. Il-kliem li jgħidulna l-bnedmin, ukoll jekk dawn ikunu għorrief u ta' min joqgħod fuqhom jew jekk kliemhom ikollu x'jaqsam mal-ġejjieni, ma jibqax imwaħħal b'mod hekk ħaj fil-memorja tagħna u ma jitwemminx minna hekk bis-sħiħ bħal dan il-kliem li qegħdin insemmu. Għax meta jingħadilna dan il-kliem, nibqgħu hekk żguri minn dak li nisimgħu illi fir-ruħ tibqa' dejjem dik iċ-ċertezza li ma tkunx tista' twarrab minnha — u dan ukoll jekk naħsbu li l-ħwejjeġ li nisimgħu ma jistgħux iseħħu, jew jekk ikollna dubju kbir humiex sejrin iseħħu tassew b'mod li l-intellett tagħna bħal jibqa' bejn ħaltejn. Saħansitra wkoll meta kollox jidher li jkun ġej bil-maqlub ta' dak li r-ruħ tkun fehmet, u jgħaddu ħafna snin bla ma jseħħ xejn, ma nistgħux ma nibqgħux naħsbu li Alla jsib mezzi oħra li l-bnedmin lanqas joħolmu bihom, hekk li fl-aħħar mill-aħħar iseħħ dak li jkun qal Hu; u tassew li jseħħ kif qalu Hu.

B'danakollu, kif qiegħda ngħid, ir-ruħ ma tibqax ħielsa mit-tbatija meta tara li għal żmien twil ma jidher li qiegħed iseħħ xejn minn dak li ntqalilha. Għax wara li jgħaddi żmien sewwa minn meta semgħet dan il-kliem, l-effetti bħal jgħibu għalkollox, iċ-ċertezza li kellha f'dak li waqt li dan il-kliem kien ġej minn Alla tgħaddi wkoll, u jibdew deħlin dawn id-dubji. Ir-ruħ tibda taħseb jekk dak li semgħet kienx xogħol id-demonju jew frott l-immaġinazzjoni. Iżda ebda dubju minn dawn ma kien hemm meta semgħet il-kliem, hekk li kienet lesta li tmut għal elf darba biex tixhed din il-verità. Imma, kif qiegħda ngħid, x'ma jarax x'jista' jikseb id-demonju minn dawn il-ħafna fantasiji li jqajjem f'moħħna biex iħawwad u jbeżża' lir-ruħ, l-aktar jekk ikun hemm fin-nofs xi ħidma li ġġib magħha ħafna ġid lil erwieħ oħra jekk inwettquha kif inkunu fhimna li għandna nagħmlu, jew ikun hemm xi għemil tajjeb li jkun ta' ġieħ kbir u ta' qadi lil Alla f'dawk il-ħwejjeġ li huma ibsin sewwa biex jiġu mwettqa? Jekk stess ma jasalx biex jagħmel ħsara oħra, id-demonju jasal biex idgħajjef il-fidi bis-saħħa ta' dan kollu, għax huwa ta' ħsara kbira li ma nemmnux li Alla huwa setgħan u jista' jagħmel ħwejjeġ ogħla minn dawk kollha li nistgħu nifhmu aħna.

8. Għalkemm ikun hemm dan it-taqbid kollu, u minkejja li jkun hemm min jgħid lil dak li jkun li dawn mhumiex ħlief bluhat (qiegħda ngħid għall-konfessuri li magħhom wieħed imur jiftaħ qalbu fuq hekk) u bil-ħwejjeġ b'kollox li jseħħu qishom biex bħal juru li l-kliem mismugħ ma jistax iseħħ tassew, dejjem tibqa' fina xrara hekk ħajja — ma nafx minn fejn tiġi — illi tiżgurana li dan il-kliem se jseħħ tassew, ukoll jekk kull tama oħra tinsab mejta, hekk li din ix-xrara tibqa' ħajja fina b'mod li, jekk ir-ruħ tkun trid titfiha, ma tkunx tista'. U kif għedt, il-kelma tal-Mulej isseħħ żgur. U r-ruħ tibqa' hekk hienja u ferħana illi ma tkun trid tagħmel xejn aktar ħlief li dejjem tfaħħar lill-Maestà Tiegħu. U tkun trid tfaħħru, aktar għax tara li dak li kien qalilha l-Mulej seħħ tassew, milli minħabba l-ħaġa fiha nfisha, ukoll jekk din tkun għal qalbha ħafna.

9. Ma nafx għaliex ir-ruħ taraha ħaġa hekk ta' ħtieġa li jidher li dan il-kliem li tkun semgħet huwa veru, għax ma naħsibx li kienet tħossha ħafna kieku hija nfisha tinqabad f'xi gidba. B'danakollu, hi ma tista' tagħmel xejn, ħlief li tgħid u ttenni dak li jkun intqalilha. Dwar dan, waħda li naf kienet toqgħod taħseb ħafna drabi fuq kif il-profeta Ġona beża' li Ninwè ma tiġix

meqruda *(Ġona 1-4)*. Fl-aħħar mill-aħħar, minħabba li hawn fin-nofs l-ispirtu ta' Alla, huwa sewwa li nżommu ruħna fidili fix-xewqa tagħna li jkun jidher ċar li l-kliem mismugħ huwa veru, għax Alla huwa l-ogħla verità. Għalhekk, kbir huwa l-hena tar-ruħ meta, wara ħafna tidwir u qalb ħwejjeġ l-aktar tqal, tara dan il-kliem iseħħ tassew. Ukoll jekk hi jkollha ssofri ħafna tiġrib minħabba fih, aktar tagħżel li ġġarrab kull tbatija milli tara mhux mitmum dak li tkun żgura li qalilha l-Mulej. Wara kollox, forsi mhux kulħadd għandu din id-dgħufija — jekk inhi dgħufija, għax jien ma nistax nikkundannaha bħala ħaġa ħażina.

10. Jekk dan il-kliem ma jkunx ġej minn Alla, iżda mill-immaġinazzjoni tagħna, ma jkun hemm ebda wieħed minn dawn is-sinjali, u lanqas ma jkun hemm ċertezza u paċi u gost ġewwieni. Iżda jista' jiġri — u jien naf b'xi wħud li ġralhom hekk — li jkun hemm min jaħseb li qiegħed jisma' dan il-kliem waqt li jkun mitluf għalkollox fl-orazzjoni tal-kwiet f'raqda spiritwali. Għax xi wħud huma hekk magħġuna u hekk dgħajfa fl-immaġinazzjoni tagħhom — jew minħabba xi raġuni oħra li ma nafx illi f'din il-ġabra hekk kbira tassew li jkunu barra minnhom infushom, ma jħossu xejn minn dak li huwa estern u s-sensi tagħhom ikunu mitlufa fl-irqad, hekk li jkunu qishom reqdin u qegħdin joħolmu, xi drabi wkoll ikunu reqdin tassew — u f'dan il-ħin jisimgħu dan il-kliem bħal f'ħolma u jaraw xi ħwejjeġ u jemmnu li jkunu ġejjin minn Alla. Iżda fl-aħħar mill-aħħar, l-effetti jkunu bħal dawk ta' xi ħolma waqt l-irqad. Jista' jiġri wkoll li, meta xi wħud minn dawn jitolbu xi ħaġa lill-Mulej minn qalbhom, jaħsbu li qiegħed jintqalilhom dak li jridu jisimgħu; xi drabi tassew li hekk jiġri. Iżda, min għandu esperjenza kbira tal-kliem li jkun ġej minn Alla, naħseb li mhux se jiġi mqarraq b'dan il-mod mill-immaġinazzjoni.

11. Imbagħad meta dan il-kliem ikun ġej mid-demonju, tassew li għandna nibżgħu aktar. Iżda meta jkun hemm is-sinjali li semmejt, nistgħu nħossuna żguri ħafna li l-kliem ikun ġej minn Alla. B'danakollu, qatt m'għandna nkunu hekk żguri illi, jekk dak li jingħad huwa xi ħaġa tassew kbira u jitlob minna xi ħidma proprja jew xi ħwejjeġ ta' siwi għal bnedmin oħra, naqbdu u nagħmlu xi ħaġa aħna minn rajna, u nibdew naħsbu x'sejrin nagħmlu aħna nfusna, qabel ma nkunu ħadna l-fehma ta' xi konfessur għaref u prudenti li jkun qaddej veru ta' Alla, ukoll jekk naslu biex nifhmu dejjem aħjar il-kliem li nkunu smajna u jkun jidher ċar ħafna li ġej minn Alla. Ma ninsewx: din hija r-rieda tal-Maestà Tiegħu, hekk li żgur ma nkunux qegħdin nonqsu li nagħmlu dak li jikkmandana Hu, għax Hu nnifsu qalilna li għandna nżommu l-konfessur minfloku — u ma hemm ebda dubju li dan huwa kliemu tassew *(Lq 10,16; 20,23)*. Jekk ikollna quddiemna xi biċċa xogħol iebsa ħafna, dan il-kliem tal-Mulej għandu jagħmlilna l-ħila. Meta jara li jkun jaqbel, il-Mulej innifsu jagħmel li l-konfessur jemmen li l-kliem li nkunu smajna huwa tassew ġej mill-ispirtu ta' Alla. U jekk stess ma jagħmilx dan, aħna ma jkun fadlilna xejn aktar x'nagħmlu min-naħa tagħna. Naraha ħaġa ta' periklu kbir għalikom jekk timxu mod ieħor u toqogħdu fuq il-fehma tagħkom fi ħwejjeġ hekk tqal biex nifhmu. Għalhekk inwissikom, ħuti, biex taraw li qatt ma jiġrilkom hekk, u dan ngħidulkom f'isem il-Mulej.

12. Mod ieħor kif il-Mulej ikellem lir-ruħ huwa b'xorta ta' viżjoni intellettwali li nfisser aktar 'il quddiem — u jien naħseb li dan żgur li jkun ġej minn Alla. Kollox iseħħ fl-intimu tar-ruħ; wieħed jidhirlu li qiegħed jisma' b'mod ċar bi smigħ spiritwali l-kliem li jgħid il-Mulej, u dan il-kliem jingħad b'mod hekk sigriet fil-qiegħ tar-ruħ illi l-mod li bih jinstema' flimkien mal-effetti li ġġib il-viżjoni nfisha, jiżgurah għalkollox, hekk li jibqa' ċert li d-demonju ma seta' jkollu ebda parti f'dak li seħħ fih.

L-effetti tassew sbieħ li jibqgħu wara l-viżjoni jwassluh biex jemmen dan; għallanqas iħossu żgur li l-kliem li sema' ma kienx ġej mill-immaġinazzjoni. U jekk nagħtu kas sewwa ta' kollox, nistgħu nibqgħu żguri minn dak li jiġri fina minħabba dawn ir-raġunijiet li sejra nsemmi.

L-ewwel, għax fil-lokuzzjonijiet li jkunu ġejjin minn Alla, il-kliem ikun ħafna aktar ċar. Ikun hekk ċar illi r-ruħ ma titlef ebda sillaba minn dak li tisma' u tibqa' tiftakar sewwa jekk il-kliem kienx imsawwar bi stil jew ieħor, ukoll jekk tkun sentenza twila. Iżda f'dak li nistħajlu aħna bl-immaġinazzjoni tagħna, il-kliem ma jkunx hekk ċar u lanqas ma jkun imsawwar hekk sewwa, imma qisu xi ħaġa li smajna waqt il-ħolm.

13. It-tieni, għax f'dawn il-lokuzzjonijiet ġejjin minn Alla lanqas biss inkunu qegħdin naħsbu f'dak li nisimgħu f'daqqa waħda, għax intenni li nisimgħuh bla ma nkunu qegħdin nistennewh, u xi drabi saħansitra waqt li nkunu qegħdin nitħaddtu ma' xi ħaddieħor. Għalkemm mhux darba u tnejn ikollu x'jaqsam ma' dak li jgħaddi bil-ħeffa minn moħħna jew li nkunu ħsibna fuqu qabel, fil-biċċa l-kbira jkun kliem dwar xi ħwejjeġ li la qatt ħsibna fuqhom u lanqas emminna li jistgħu jseħħu. F'dan il-każ, żgur li l-kliem ma jkunx ġie msawwar mill-immaġinazzjoni tagħna, hekk li r-ruħ ma tistax tkun imqarrqa billi toqgħod tistħajjel dak li la xtaqet, la riedet, u lanqas biss ġie f'moħħha.

14. It-tielet, għax fil-lokuzzjonijiet ġejjin minn Alla, ir-ruħ tkun bħal min jisma' xi ħaġa 'l hemm minn ħsibijietu, waqt li f'dawk li jkunu frott l-immaġinazzjoni, tkun qisha qiegħda ssawwar ftit ftit dak li hi nfisha trid li jingħadilha.

15. Ir-raba', għax dan il-kliem f'xejn ma jaqbel ma' kliem ieħor, hekk li kelma waħda mis-sema tfiehem tassew ħafna f'daqqa waħda, waqt li moħħna ma jasalx biex isawwar dan il-kliem kollu hekk malajr.

16. Il-ħames, għax ħafna drabi, b'mod li ma nafx infisser, flimkien mal-kliem mismugħ u bla ma jiżdied kliem ieħor, jingħatalna li nifhmu wisq aktar milli jfisser l-istess kliem li nisimgħu.

Għad nitkellem band'oħra aktar fit-tul fuq kif wieħed jifhem b'dan il-mod, għax din il-ħaġa titlob moħħ fin, u tiswa biex infaħħru 'l-Mulej. F'dan il-mod ta' kif nagħarfu dawn il-ħwejjeġ u l-lokuzzjonijiet diversi, hemm ħafna li baqgħu b'dubji kbar u ma setgħu jifhmu xejn. B'mod speċjali naf waħda li għaddiet minn dan kollu, u żgur li hemm oħrajn ukoll. Din kienet taħseb fuq dawn il-ħwejjeġ, għax il-Mulej taha din il-grazzja ħafna u ħafna drabi. L-akbar dubju li kien ikollha fil-bidu kien jekk kenitx qiegħda tistħajjel kollox hi. Għax meta jidħol fin-nofs id-demonju, hija ħaġa eħfef li tintebaħ bih, għalkemm huwa hekk fin fil-ħażen tiegħu illi jaf tajjeb kif jidher bħala spirtu tad-dawl. Fil-fehma tiegħi, dan il-ħajjen jasal sa hawn billi joqgħod jgħid il-kliem waħda waħda u b'mod l-aktar ċar biex ma jkun hemm ebda dubju li nifhmu dak li jrid jgħidilna, qisu bħal meta l-kliem ikun ġej mill-ispirtu tal-verità. B'danakollu, meta jilgħab din il-parti, qatt ma jasal biex jinħeba wara l-effetti li semmejt, jew li jħalli paċi u dawl fir-ruħ, iżda biss taħwid u nuqqas ta' kwiet. Jekk ir-ruħ tkun umli u timxi skont ma fissirt — jiġifieri ma tagħmel xejn minn rajha minn dak kollu li tkun semgħet — id-demonju ftit li xejn jista' jagħmlilha ħsara.

17. Jekk ir-ruħ tagħraf li dawn huma grazzji u doni tal-Mulej, ħa toqgħod b'seba' għajnejn li ma tmurx taħseb li hija aħjar mill-oħrajn minħabba fihom; u jekk ma tħosshiex dejjem aktar imħawda aktar ma tisma' kliem ta' faraġ, ħa temmen li mhux spirtu ta' Alla. Għax hija ħaġa l-aktar żgura li meta l-kliem ikun ġej mill-ispirtu ta' Alla, akbar ma tkun il-grazzja li tirċievi r-ruħ, aktar iżżomm lilha nfisha fil-baxx, aktar tiftakar b'sogħba dnubietha, aktar tinsa lilha nfisha u l-ħwejjeġ tagħha, aktar tuża r-rieda u l-memorja tagħha biex tfittex biss il-ġieħ ta' Alla bla ma tiftakar f'xi ġid tagħha nfisha, aktar tibża' li titbiegħed fl-inqas ħaġa mir-rieda ta' Alla, u fuq kollox, aktar tħoss li jistħoqqilha l-infern u mhux dawn il-grazzji. Meta l-grazzji u l-ħwejjeġ kollha li tirċievi fl-orazzjoni jġibu dawn l-effetti, ir-ruħ m'għandhiex timxi bil-biża', iżda bl-akbar fiduċja fil-ħniena tal-Mulej li huwa fidil *(1Kor 10,13)* u mhux se jħalli lid-demonju jqarraq biha, għalkemm huwa dejjem tajjeb li timxi bil-biża' u t-tregħid *(Fil 2,12).*

18. Forsi dawk li l-Mulej ma jgħaddix minn din it-triq jaħsbu li l-ervieħ li semmejna m'għandhomx joqogħdu jisimgħu dan il-kliem li jintqalilhom; u li jekk dan il-kliem ikun interjuri, għandhom jaraw kif jaħsbu fuq ħwejjeġ oħra biex ma jisimgħuhx; u b'hekk jeħilsu minn kull periklu.

Iżda jiena nweġibhom li ma jistax ikun li jimxu b'dan il-mod. Hawn mhux qiegħda nitkellem mil-lokuzzjonijiet immaġinarji li wieħed jista' jeħles minnhom billi ma joqgħodx jitħasseb iżżejjed fuq ħafna ħwejjeġ u ma jħallix l-immaġinazzjoni tiġri bih. Meta l-lokuzzjonijiet ikunu ġejjin minn Alla, m'hemmx rimedju bħal dan, għax l-Ispirtu nnifsu, waqt li jkun jitkellem, iwaqqaf kull ħsieb ieħor u jġiegħel li jkun mismugħ. U jagħmel dan b'mod li naħseb — u nemmen li huwa hekk tassew — li jkun eħfef għal wieħed li jisma' tajjeb ħafna li ma jismax lil xi ħadd li jkun tkellem b'leħen għoli, għax f'dan il-każ jista' jdawwar ħsibijietu fuq xi ħaġ'oħra u ma jagħti ebda kas ta' dak li jkun qiegħed jingħad. Iżda fil-każ tagħna, ma jistax jiġri dan, għax hawn m'hemmx widnejn xi nsoddu u m'hemmx is-setgħa li naħsbu f'xi ħaġa oħra ħlief f'dak li jkun qiegħed jintqal lir-ruħ. Għax Dak li seta' jwaqqaf ix-xemx (mingħalija għat-talb ta' Ġożwè) *(Ġoż 10,12-13)* żgur li jista' jwaqqaf il-fakultajiet tagħna u l-ġewwieni kollu, hekk li r-ruħ tara b'mod ċar li hemm Sid wisq akbar minnha li jaħkem dak il-kastell. Dan iġibilha devozzjoni mħeġġa, flimkien ma' umiltà kbira. Ir-ruħ ma tista' tagħmel xejn aktar ħlief li tisma' dak li jintqalilha; m'għandhiex għażla oħra. Li kien il-Maestà Tiegħu, fil-kobor tad-divinità tiegħu, jagħtina li nqiegħdu għajnejna biss fuq dak li jogħġob lilu, u li ninsew lilna nfusna, kif għadni kif għedt, ammen.

Ikun jogħġbu li wasalt biex nuri b'xi mod dak li kelli f'moħħi li nfisser, u li dan li għedt ikun ta' xi għajnuna lil min isib ruħu f'qagħda bħal din.

# *KAPITLU 4*

*Titkellem fuq dawk id-drabi li fihom Alla jissospendi r-ruħ permezz ta' rapiment, estasi jew telfa ta' trasport, li fil-fehma tagħha huma ħaġa waħda; u turi l-ħtieġa ta' qalb kbira biex inkunu nistgħu nilqgħu l-grazzji kbar tal-Maestà Tiegħu.*

1. B'dan it-tiġrib kollu u fost il-ħwejjeġ kollha li semmejna, liema mistrieħ jista' jkollu l-imsejken farfett ċkejken? Dan kollu jrid ikabbar fir-ruħ ix-xewqa li tithenna bl-Għarus. U l-Maestà Tiegħu, bħal wieħed li jaf sewwa d-dgħufija tagħna, b'dawn il-ħwejjeġ u b'ħafna oħra jqawwiha biex ikollha l-kuraġġ li tingħaqad ma' Mulej hekk kbir u tieħdu b'Għarus tagħha.

2. Żgur li tidħku bija meta tisimgħuni ngħid dan, u jidhrilkom li din mhix ħlief bluha tiegħi, għax kull waħda minnkom taħseb li hawn il-kuraġġ mhux meħtieġ, u li m'hemm ebda mara hekk baxxa illi tħoss li m'għandhiex qalb kbira biżżejjed biex titgħarras sultan. Nemmen li dan huwa minnu meta nitkellmu mis-slaten ta' din l-art; iżda għas-Sultan tas-sema ngħidilkom li huwa meħtieġ kuraġġ wisq akbar milli tistgħu taħsbu. Għax aħna minna nfusna aħna nieqsa mill-ħila u baxxi wisq meta niġu għal xi ħaġa hekk għolja; u jiena żgura li, kieku Alla ma jagħtiniex il-qawwa meħtieġa — ukoll jekk taraw kemm hija ħaġa ta' ġid għalina — taħsbu li ma tistax isseħħ. U hekk taraw x'jagħmel il-Maestà Tiegħu biex iwettaq għalkollox din l-għerusija li, skont ma nifhem jien, isseħħ meta jagħti lir-ruħ ir-rapimenti u joħroġha barra minn sensiha; għax jekk, waqt li tibqa' f'sensiha, tara lilha nfisha hekk qrib ta' dan Alla hekk kbir u għoli, forsi lanqas tkun tista' tibqa' ħajja. Ħa tifhmu li hawn qiegħda ngħid għar-rapimenti tassew, u mhux għal dawk il-ħwejjeġ ta' dgħufija li aħna n-nisa nbatu minnhom, għax lilna kollox jidhrilna li huwa rapiment jew estasi. U kif naħseb li diġà għedt, hemm xi wħud li huma hekk magħġuna li b'esperjenza waħda tal-orazzjoni tal-kwiet iħossuhom se jmutu.

Irrid innižżel hawn xi modi ta' kif iseħħu r-rapimenti, skont ma wasalt biex nifhem wara li tħaddit fuqhom ma' ħafna bnedmin spiritwali. Ma nafx nasalx biex nagħmel dan aħjar milli wasalt biex nikteb fuqu band'oħra, fejn tkellimt ukoll fuq ħwejjeġ oħra li jiġru f'dawn l-għamajjar. Hekk jew hekk, għal ħafna raġunijiet jidhirli li huwa ta' siwi li ntenni dak li diġà għedt, għallanqas biex niġbor hawn dak kollu li għandu x'jaqsam mal-għamaj]ar li qiegħda nfisser.

3. Mod wieħed ta' kif iseħħ rapiment huwa meta r-ruħ, għalkemm f'dak il-waqt ma tkunx qiegħda titlob, tħossha milquta minn xi kelma ta' Alla li tiftakar jew tisma'. Jidher li l-Maestà Tiegħu, minħabba li fil-ħniena tiegħu jitħassarha meta jaraha hekk mifnija bix-xewqa ħerqana li tingħaqad miegħu, iħeġġeġ fil-ġewwieni tagħha dik ix-xrara li diġà semmejna. U r-ruħ issir ħuġġieġa waħda, hekk li tieħu ħajja ġdida, bħalma tagħmel il-feniċe, u nistgħu nemmnu li ħtijietha huma maħfura. Issir hekk safja illi l-Mulej jgħaqqadha miegħu, bla ħadd ma jifhem xi jkun qiegħed jiġri, ħlief dawn it-tnejn. U l-istess ruħ lanqas tifhem kollox b'mod hekk sħiħ illi mbagħad tkun tista' tgħid x'ġara, għalkemm ma tkunx nieqsa mis-sensi interjuri. Għax hawn ma tkunx bħal wieħed li tagħtih xi għaxwa jew parossiżmu, li fihom ma tkun tista' tifhem xejn la minn ġewwa u lanqas minn barra.

4. Dak li nagħraf sewwa f'dan il-każ huwa li r-ruħ qatt ma kienet b'għajnejha hekk miftuħa għall-ħwejjeġ ta' Alla, u lanqas qatt ma kellha dawl hekk qawwl u għarfien hekk sħiħ tal-Maestà Tiegħu. Forsi jidher li ma jistax ikun li jiġri dan, għax il-fakultajiet huma hekk mitlufa illi qishom mejta, u hekk ukoll huma s-sensi; mela kif nistgħu ngħidu li r-ruħ tkun qiegħda tifhem xi ħaġa moħbija minnha? Tassew li ma nafx, u forsi ebda ħlejqa oħra ma taf, iżda l-Ħallieq innifsu biss jaf dan — kif jiġri f'ħafna ħwejjeġ oħra li jseħħu f'dan l-istadju, jiġifieri f'dawn l-aħħar żewġ għamajjar. Għax din l-għamara u dik ta' warajha jistgħu jingħaqdu flimkien tajjeb ħafna: bejn waħda u oħra m'hemm ebda bieb magħluq. Iżda ħsibt li huwa aħjar li hawn nifridhom minn xulxin, minħabba li hemm xi ħwejjeġ fl-aħħar għamara li ma jiġux mgħarrfa lil dawk li ma jkunux waslu fiha.

5. Meta r-ruħ tkun f'din il-qagħda ta' sospensjoni, il-Mulej jara li hija ħaġa tajba li jgħarrafha b'xi misteri billi juriha xi ħwejjeġ tas-sema u jagħtiha viżjonijiet immaġinarji — u dawn ir-ruħ tkun tista' tfissirhom wara li jseħħu, għax jibqgħu hekk minquxa fil-memorja tagħha illi ma tinsiehom qatt. Iżda meta l-viżjonijiet ikunu intellettwali, ir-ruħ ma tkunx taf kif se taqbad titkellem fuqhom; għax waqt li jkunu jseħħu, ikun hemm ħwejjeġ hekk għolja illi dawk li jkunu għadhom jgħixu fuq il-wiċċ tal-art ma jaqblilhomx jifhmuhom b'mod li mbagħad ikunu jistgħu jfissruhom. Wara kollox, meta r-ruħ terġa' tikseb il-ħakma tagħha fuq is-sensi, tkun tista' tgħid ħafna ħwejjeġ fuq dawn il-viżjonijiet intellettwali. Jista' jkun li xi wħud minnkom lanqas jifhmu x'inhi viżjoni, l-aktar dik intellettwali. Għad infisser dan kollu aktar 'il quddiem, għax hekk

ordnali nagħmel min għandu awtorità fuqi. Għalkemm forsi t-tifsir li għad nagħti ma jkunx jidher f'waqtu, jista' jkun ta' xi ġid għal erwieħ oħra.

6. Tistgħu tgħiduli: ladarba r-ruħ ma tiftakarx dawn il-grazzji għolja li l-Mulej jagħtiha f'din il-qagħda, kif jistgħu jisfgħulha ta' ġid? O, uliedi! huma ta' siwi hekk kbir illi qatt ma nistgħu ngħolluhom biżżejjed. Għax, għalkemm dawn il-grazzji ma jistgħux jitfissru bil-kliem, jibqgħu minquxa b'mod qawwi fil-parti l-aktar ġewwenija tar-ruħ u ma jintesew qatt.

U tistgħu tistaqsuni wkoll: jekk ma tibqa' ebda xbieha tagħhom fir-ruħ u l-fakultajiet ma jkunux jistgħu jifhmuhom, kif nistgħu niftakruhom? Lanqas dan ma nista' nasal biex nifhem; imma naf li xi veritajiet dwar il-kobor ta' Alla jibqgħu hekk imwaħħla fir-ruħ illi, ukoll kieku l-fidi ma kenitx tgħidilha min huwa Alla u xi dmir għandha li temmen li huwa Alla, xorta waħda minn dak il-ħin 'il quddiem kienet tadurah bħala Alla, hekk kif għamel Ġakobb meta ra s-sellum *(Ġen 28,12)*. F'dik il-viżjoni Ġakobb żgur li għaraf ħwejjeġ oħra mistura li mbagħad ma setax ifisser għax, billi ra biss sellum bl-anġli neżlin u telgħin fuqu, ma kienx sejjer jifhem misteri hekk kbar li kieku ma kellux dawl interjuri akbar.

7. Ma nafx iniex infisser ruħi sewwa f'dan li qiegħda ngħid għax, għalkemm smajt b'din il-ġrajja, ma nafx hux qiegħda niftakarha tajjeb. U lanqas Mosè ma seta' jfisser dak kollu li ra fl-għolliq jaqbad *(Eż 3,2)*, imma dak biss li Alla riedu jfisser. Iżda, kieku Alla ma għarrafx lil ruħu bi ħwejjeġ mistura b'mod hekk żgur illi jara u jemmen li kien Alla li kien qiegħed ikellmu, Mosè ma kienx jasal biex jintefa' f'tiġrib hekk kbir u iebes. Qalb ix-xewk ta' dak l-għolliq żgur li tgħallem ħwejjeġ l-aktar għolja, hekk li dawn imlewh bil-kuraġġ biex jagħmel dak li mbagħad wettaq tassew għall-poplu ta' Israel. Mela, ħuti, m'għandniex noqogħdu nfittxu ħafna raġunijiet biex nifhmu l-ħwejjeġ mistura ta' Alla. Ladarba nemmnu li huwa setgħan, hija ħaġa ċara li għandna nemmnu li dudu li għandu setgħa hekk limitata bħalma għandna aħna mhux sejjer jifhem l-għeġubijiet ta' Alla. Infaħħruh minn qalbna għax jogħġbu li nagħarfu xi wħud minnhom.

8. Nixtieq li nsib xi tixbiha tajba biex infisser biha dak li rrid ngħid, iżda naħseb li ebda waħda mhi tajba biżżejjed. B'danakollu, ħa ninqdew b'din li ġejja.

Ħa ngħidu li nidħlu fl-appartament tas-sultan jew ta' xi sid kbir — mingħalija jgħidulu "t-teżor" — fejn hemm għadd kbir ta' kull xorta ta' oġġetti tal-ħġieġ u tal-fuħħar u ħwejjeġ oħra, li kollha jkunu mqiegħda hekk tajjeb illi tista' tara kull ħaġa mad-daqqa t'għajn hekk kif tidħol f'dan il-post. Darba daħħluni f'kamra bħal din fid-dar tad-Dukessa ta' Alba, fejn l-ubbidjenza ordnatli nieqaf għal ftit waqt wieħed mill-vjaġġi tiegħi, minħabba li hija talbet dan aktar minn darba. Hekk kif dħalt f'din il-kamra, bqajt mistagħġba, u bdejt naħseb bejni u bejn ruħi x'ġid setgħu jġibu magħhom dawk l-oġġetti kollha miġbura flimkien. Imbagħad ġie f'moħħi li d-dehra ta' dawn il-ħwejjeġ kollha ta' kull xorta setgħet twassal lil xi wħud biex ifaħħru lil Alla. Imma issa nifhem sewwa kemm dan kollu kellu jiswieli ta' ġid biex infisser dak li rrid ngħid hawn. Għalkemm domt f'din il-kamra għal ftit tal-ħin sewwa, kien hekk kbir l-għadd tal-ħwejjeġ li kien hemm x'tara illi malajr insejt kull ma rajt. Insejt kull ħaġa li rajt daqslikieku ma kont rajt xejn, hekk li ma nafx ngħid minn xiex kienu magħmula l-oġġetti li rajt. — B'danakollu, niftakar li rajthom kollha flimkien. —

Issa hawn tiġri l-istess ħaġa. Ir-ruħ issir ħaġa waħda ma' Alla, u titqiegħed fil-kamra tal-ogħla sema li jrid ikollna fil-ġewwieni ta' ruħna; għax ladarba Alla jgħammar hemm, jeħtieġ li jkollu xi għamara minnhom għalih. U għalkemm il-Mulej ma jkunx irid li r-ruħ tara dawn il-ħwejjeġ mistura kollha f'daqqa kull darba li tkun mitlufa f'estasi (għax tkun hekk mitlufa fil-ġid kbir li jiġiha mill-estasi u li huwa biżżejjed għaliha) xi drabi Hu jkun jogħġbu li r-ruħ toħroġ mit-telfa tagħha biex f'daqqa waħda tara dak kollu li hemm f'din il-kamra. F'dan il-każ, meta terġa' tiġi f'tagħha għalkollox, ir-ruħ tibqa' bl-għarfien fiha ta' dawk l-għeġubijiet kbar li rat, iżda ma tkun tista' tfisser ebda ħaġa minnhom, u mis-setgħa naturali tagħha ma tasalx biex tagħraf xi ħaġa aktar minn dak li Alla jkun riedha tasal għalih b'mod sopranaturali.

9. Jidher li qisni qiegħda nistqarr li r-ruħ tara xi ħaġa u li din hija viżjoni immaġinarja. Iżda ma rridx ngħid dan, għax miniex qed nitkellem fuq il-viżjonijiet immaġinarji, imma fuq dawk intellettwali. Minħabba li m'għandix tagħlim biżżejjed, ma naf ngħid xejn sewwa, għax indum biex nifhem xi ħaġa. Jekk dak kollu li għedt s'issa fuq din ix-xorta ta' orazzjoni huwa tajjeb, nagħraf b'mod l-aktar ċar li miniex jien li għedtu.

Skont ma nifhem jien, jekk ir-ruħ li Alla f'xi rapimenti juriha dawn il-ħwejjeġ moħbija għallanqas xi drabi ma tifhemx xi ħaġa minnhom, ir-rapimenti li jkollha mhumiex ġejjin minn Alla, iżda mid-dgħufija naturali tagħha. Jiġri lil xi wħud li mhumiex f'saħħithom biżżejjed fil-karattru tagħhom, bħalma aħna aħna n-nisa, li hekk kif xi forza spiritwali tkun aqwa minn dak

li tiflaħ il-qawwa naturali tagħhom, jibqgħu f'qagħda ta' min jintilef minn sensih, kif jidhirli li għedt meta tkellimt fuq l-orazzjoni tal-kwiet. Dawn l-esperjenzi m'għandhom x'jaqsmu xejn mar-rapimenti veri. Għax fir-rapimenti veri, emmnuni, Alla jaħtaf ir-ruħ u jeħodha kollha kemm hi għalih u, ladarba issa hija tiegħu għalkollox u saret għarustu, jibda juriha xi parti żgħira mis-saltna li kisbet fl-għerusija tagħha miegħu. U żgħira kemm tkun żgħira dik il-parti li juriha, dak kollu li hemm f'Alla hekk kbir huwa ħafna. Hu jrid li ma tkun imfixkla minn xejn, la mill-fakultajiet u lanqas mis-sensi; għalhekk jordna mill-ewwel li jiġu msakkra l-bibien kollha ta' dawn l-għamajjar, ħlief il-bieb tal-għamara li jgħix fiha Hu. Dan iridu jibqa' miftuħ biex nistgħu nidħlu hemm. Tkun imbierka ħniena hekk kbira! Tassew li għandhom għax jiġu misħuta dawk li ma ridux jieħdu minn dan il-ġid, hekk li jaslu biex jitilfu lil dan il-Mulej.

10. O, ħuti, kemm mhuwa xejn dak li nħallu warajna, kemm mhuwa xejn dak li nagħmlu u dak kollu li nistgħu nagħmlu għal dan Alla li jrid jikkomunika lilu nnifsu b'dan il-mod ma' biċċa ta' dudu! U jekk tassew għandna t-tama li nithennew b'dan il-ġid waqt li għadna f'din il-ħajja, x'qegħdin nagħmlu u għaliex qegħdin nistennew? X'jista' jkun biżżejjed biex iżommna għal waqt wieħed milli nfittxu lil dan il-Mulej, bħalma għamlet l-għarusa fit-triqat u l-pjazez? *(Għanja 3,2).* O, kemm huwa taċ-ċajt dak kollu li hawn fid-dinja jekk ma jgħinniex u ma jwassalniex għal dan il-ġid, ukoll kieku l-għaxqiet tad-dinja u kull għana u gost li nistgħu naħsbu fihom kellhom jibqgħu għal dejjem! Imqabbel ma' dawn it-teżori li rridu nithennew bihom għal dejjem fis-sema, kollox huwa żibel u ħmieġ! U dawn l-istess teżori tas-sema mhuma xejn, jekk inqabbluhom mal-hena li jkollna bħala tagħna l-Mulej innifsu tat-teżori kollha tas-sema u l-art.

11. O, x'għama tal-bniedem! Kemm se ndumu nistennew, kemm se ndumu, biex jitneħħa dan it-tajn minn għajnejna? Jekk hawn bejnietna dan it-tajn ma jidhirx li qiegħed jagħmina għalkollox, jiena qiegħda nara xi ftit tat-trab fin u ġebel irqiq ħafna li, jekk inħalluh jiżdied, ikun biżżejjed biex jagħmlilna ħsara kbira. Mela għall-imħabba ta' Alla, ħuti, ejjew nieħdu l-ġid minn dawn in-nuqqasijiet tagħna billi nagħarfu d-dgħufija tagħna, u b'hekk naraw aktar ċar, kif ġara bit-tajn li l-Għarus dilek bih għajnejn ir-raġel għama *(Ġw 9,6-7).* Meta naraw li aħna hekk neqsin minn kull perfezzjoni, ħa nitolbuh minn qiegħ qalbna dejjem aktar u aktar biex joħroġ il-ġid mill-miżerji tagħna ħalli nkunu nistgħu nogħġbu lill-Maestà Tiegħu.

12. Bla ma ridt, ħriġt barra minn dak li kont qiegħda ngħid. Aħfruli, ħuti; u emmnuni li issa li wasalt f'dawn l-għeġubijiet ta' Alla (irrid ngħid, li wasalt biex nitkellem minnhom) ma nistax ma nħossnix nitnikket bosta meta nara x'qegħdin nitilfu ħtija tagħna. Ukoll jekk huwa minnu li dawn huma grazzji li l-Mulej jagħti li min irid Hu, il-Maestà Tiegħu kien jagħtihomlna kollha kieku aħna konna nħobbuh bħalma jħobbna Hu. Għax Hu ma jixtieq xejn aktar ħlief li jkollu lil min jagħti dawn il-grazzji, u l-għana tiegħu ma jonqos b'xejn meta jagħti minn tiegħu.

13. Mela, biex nissokta dak li kont qiegħda ngħid, l-Għarus jordna li jiġu msakkra l-bibien tal-għamajjar, kif ukoll dawk tal-kastell u tal-ħajt ta' barra. Għax, meta jkun irid idaħħal f'rapiment lil min jasal sa hawn, iħallih bla nifs hekk li, għalkemm xi drabi s-sensi l-oħra tiegħu jibqgħu għal ftit fil-ħidma tagħhom, lanqas ikun jista' jitkellem. B'danakollu, drabi oħra jitteħidlu kollox f'daqqa waħda, hekk li idejh jiksħulu u ġismu jidher bla ruħ; saħansitra xi drabi lanqas inkunu nafu jekk hux jieħu nifs. Din il-qagħda ddum għal żmien qasir (irrid ngħid, għal ftit ħin f'kull darba) għax, meta din is-sospensjoni kbira tieqaf daqsxejn, jidher li l-ġisem jerġa' jiġi f'tiegħu b'xi mod, u jibda jieħu n-nifs biex qisu jerġa' jmut mill-ġdid u jagħti ħajja akbar lir-ruħ. B'danakollu, estasi hekk qawwija ma ddumx wisq.

14. Iżda jiġri li, għalkemm din l-estasi hekk qawwija ma tissoktax fit-tul, ir-rieda tibqa' hekk mgħaddsa fiha u l-intellett hekk mibluh — jibqgħu hekk għal jum u saħansitra għal jiem sħaħ — illi r-ruħ tidher li ma tista' tifhem ebda ħaġa li ma tqajjimx lir-rieda għall-imħabba; u r-rieda hija mqajma għalkollox għal din l-imħabba, iżda rieqda għal kull gibda ta' xi ħaġa maħluqa.

15. O, meta r-ruħ terġa' tiġi f'tagħha għalkollox, kemm tħossha mħawda! U kemm huma tassew kbar ix-xewqat tagħha li tingħata għalkollox lil Alla biex Hu jinqeda biha b'kull mod li jkun jrid! Jekk l-effetti sbieħ li semmejna qabel kienu frott l-orazzjoni fi gradi inqas, x'sejrin ikunu l-effetti ta' grazzja hekk kbira bħal din? Ir-ruħ tixtieq li jkollha elf ħajja sabiex tużahom kollha għall-qadi ta' Alla, u li kull ħaġa fuq din l-art tkun ilsien biex tfaħħru magħha. U kbar tassew ikunu x-xewqat tagħha li tagħmel penitenza; iżda dan ftit jgħodd għaliha, għax l-imħabba tagħha hija hekk qawwija illi tħoss li dak li tagħmel huwa ftit, u tagħraf sewwa li l-martri ma għamlux xi ħaġa kbira fit-tbatijiet li sofrew, għax b'din l-għajnuna tal-Mulej, dawn it-tbatijiet isiru ħaġa ħafifa. Għalhekk, dawn l-erwieħ jilmentaw mal-Maestà Tiegħu meta ma jagħtihomx fiex isofru għalih.

16. Meta din il-grazzja tingħata lir-ruħ fil-ħabi minn għajnejn in-nies, hija żżommha fl-għoli u tgħożżha ħafna. Iżda meta tingħatalha quddiem in-nies, it-taħwid u l-mistħija li tħoss quddiem l-oħrajn inaqqsulha b'xi mod dak li tkun qiegħda tithenna bih, għax tinfena bit-tbatija u t-tħassib għal dak li jistgħu jaħsbu fuqha dawk li rawha. Għax dawn l-erwieħ jafu bil-ħżunija tad-dinja, hekk li jifhmu li forsi dak li ġralhom ma jitqiesx mid-dinja bħalma huwa tassew; u minflok ma jiġi mfaħħar il-Mulej, jista' jiġri li kollox ikun okkażjoni ta' ġudizzji ħżiena. Jidhirli li b'xi mod din il-mistħija turi nuqqas ta' umiltà, għax jekk ir-ruħ tassew trid li tkun immaqdra, x'tista' tixtieq aktar minn din l-okkażjoni? Iżda jidher li dan ma jkunx għadu taħt idejha. Waħda li kienet imnikkta b'dan il-mod, semgħet lill-Mulej jgħidilha: "La titnikkitx, għax in-nies jew se jfaħħru lili jew se jmaqdru lilek; u f'kull waħda minn dawn int sejra toħroġ rebbieħa." Wara sirt naf li din il-bniedma għamlet il-qalb u kienet imfarrġa bosta b'dan il-kliem; u ktibtu hawn għall-ġid ta' dawk fostkom li jsibu ruħhom f'dan in-niket.

Jidher li hawn il-Mulej ikun irid li kulħadd jifhem li issa dik ir-ruħ hija tiegħu, u li ħadd aktar ma għandu jmissha. In-nies jistgħu jaħbtu għaliha f'ġisimha, f'ġieħha u fi ħwejjiġha, għax minn dan kollu tagħraf tagħti ġieħ lill-Maestà Tiegħu. Imma li jaħbtu għal ruħha, dan żgur li le. Għax jekk ma tkunx ir-ruħ infisha li ħtija tagħha tinqata' mill-Għarus tagħha b'xi ħaġa kbira bla ħsieb, Hu jħarisha mid-dinja kollha u mill-infern kollu.

17. Ma nafx jekk wasaltx biex infisser ir-rapiment, għax kif diġà għedt, ma jistax ikun li wieħed ifiehem sewwa x'inhu. Iżda nemmen li ma tlift xejn li ngħid dan kollu biex tistgħu tifhmu xi ħaġa, ladarba l-effetti tar-rapimenti li ma jkunux veri huma diversi ħafna minn dawn. Miniex qiegħda ngħid li ma jkunux veri għax min ikollu l-esperjenza tagħhom irid iqarraq bl-oħrajn, iżda rrid nifhem li hu jkun imqarraq. Minħabba li s-sinjali u l-effetti tar-rapimenti li ma jkunux veri ma jaqblux ma' grazzja hekk kbira, il-bnedmin jibdew ma jħarsux tajjeb lejn kull rapiment veru, hekk li mbagħad dak li l-Mulej jagħtih din il-grazzja ma jiġix emmnut. Ħa jkun imbierek u mfaħħar għal dejjem il-Mulej, ammen, ammen.

# *KAPITLU 5*

*Tissokta titkellem fuq l-istess ħaġa u turi l-mod kif Alla jerfa' r-ruħ f'titjira tal-ispirtu b'mod divers minn dak li għadu kif ġie mfisser. Tgħid għaliex huwa meħtieġ kuraġġ kbir u tfisser xi ħaġa dwar din il-grazzja kollha ħlewwa li jagħti l-Mulej. Dan huwa kapitlu ta' ġid kbir.*

1. Hemm xorta oħra ta' rapiment — li jiena nsejjaħ titjira tal-ispirtu — li fis-sustanza tiegħu huwa l-istess ħaġa bħal rapimenti oħra, imma fil-ġewwieni tar-ruħ jinħass b'mod divers ħafna. Għax xi drabi jkun hemm f'daqqa waħda moviment ġewwieni hekk qawwi illi r-ruħ tħoss li l-ispirtu tagħha qiegħed jinħataf b'ħeffa kbira, hekk li timtela bil-biża', l-aktar fil-bidu. Għalhekk għedtilkom li min Alla jagħtih dawn il-grazzji jeħtieġ kuraġġ kbir, flimkien ma' fidi soda u fiduċja u telqa sħiħa fil-Mulej, biex Hu jkun jista' jagħmel li jogħġbu bir-ruħ. Taħsbu intom li hija ħaġa żgħira li wieħed ikun f'sensih għalkollox u f'daqqa waħda jħoss ruħu tinħataf (u kif qrajna għal xi wħud, ukoll il-ġisem flimkien mar-ruħ) bla ma jaf fejn sejra tittieħed, x'inhu jew min hu li qiegħed jagħmlilha dan, u kif qed jaħtafhielu? Għax fil-bidu, wieħed ma jkunx żgur għalkollox li dan il-moviment hekk għal għarrieda ġej minn Alla.

2. Hemm xi rimedju għal dan? B'ebda mod; għax li tiqaflu huwa agħar. Hekk ġralha waħda li naf. Jidher li Alla jrid li dik ir-ruħ li ħafna drabi u b'ħegga hekk kbira ntelqet f'idejh, u bir-rieda kollha tagħha ngħatat lilu għalkollox, tifhem li issa m'għad għandha ebda parti x'tilgħab bħala sidt tagħha nfisha; issa tinħataf b'moviment li jidher ċar li huwa aqwa minnha. Min jiġrilu hekk, jaqtagħha li ma jagħmel xejn aktar milli tagħmel it-tibna meta tinġibed mill-għanbra (jekk ġieli tajtu kas ta' dan). Irid jintelaq f'idejn Dak li jista' kollox, għax jintebaħ li l-aħjar ħaġa li jista' jagħmel huwa li jagħmel virtù mill-ħtieġa. U ladarba semmejt it-tibna, ngħidilkom li tassew hekk huwa, għax bl-istess ħeffa li biha xi ħadd kbir ħafna jaħtaf tibna, dan il-Ġgant l-aktar setgħan u qawwi tagħna jaħtaf l-ispirtu.

3. Jidher li l-vaska tal-ilma li semmejna — naħseb fir-raba' għamajjar, għalkemm ma niftakarx sewwa — kienet timtela bil-ħlewwa u bil-kalma kollha, jiġifieri mingħajr ebda moviment qawwi. Iżda issa, dan Alla hekk kbir li jżomm l-għejjun tal-ilmijiet u ma jħallix il-baħar jaqbeż it-trufijiet tiegħu *(Prov 8,29)*, qisu jiftaħ għalkollox l-għejjun minn fejn jiġi l-ilma fil-vaska. U b'saħħa tal-għaġeb, mewġa tal-ilma togħla b'qawwa hekk kbira illi terfa' fl-għoli din id-daqsxejn ta' qoxra tal-baħar li hija ruħna. Il-bastiment żgħir ma jistax jirbaħ il-mewġ qawwi biex jieqaf fejn irid; u la l-kaptan tiegħu u lanqas dawk kollha li hemm fuqu m'għandhom is-setgħa li jmexxuh fejn iridu huma. Inqas u inqas jista' l-ġewwieni tar-ruħ jieqaf fejn irid, jew jagħmel li s-sensi u l-fakultajiet tar-ruħ iwettqu xi ħaġ'oħra barra minn dak li jkunu ordnati jagħmlu. U fil-każ tagħna, hawn is-sensi esterni ma jidħlu xejn.

4. Huwa żgur, ħuti, li jiena u nikteb dan, waqt li qiegħda biss niktbu, nibqa' mistagħġba bil-mod kif is-setgħa kbira ta' dan is-Sultan kbir u Imperatur tagħna turi ruħha hawn. Mela, x'ma jibqax mistagħġeb min jgħaddi minn din l-esperjenza! Jien nemmen bis-sħiħ li, kieku l-Maestà Tiegħu kellu jikxef beraħ din is-setgħa tiegħu quddiem dawk li fid-dinja joħorġu mit-triq it-tajba bħalma juriha lil dawn l-erwieħ, żgur li minħabba l-biża', jekk mhux għall-imħabba, ma kinux se jażżardaw joffenduh. O, mela, liema obbligu għandhom dawk li permezz ta' triq hekk għolja ġew imwissija biex jużaw il-forzi kollha tagħhom ħalli ma jonqsux li jogħġbu f'kollox lil dan il-Mulej! Għall-imħabba tiegħu, ħuti, nitlobkom, lil dawk fostkom li l-Mulej jogħġbu jagħti dawn il-grazzji jew oħrajn bħalhom, biex ma tintelqux u tibqgħu ma tagħmlu xejn aktar ħlief li toqogħdu tirċievu dejjem. Ifhmu sewwa li min jingħatalu ħafna, ħafna jrid iħallas *(Lq 12,48)*.

5. Ukoll minħabba f'hekk huwa meħtieġ kuraġġ kbir, għax din hija ħaġa li tbeżża' ħafna lil dak li jkun. Kieku ma jkunx il-Mulej li jagħmillu l-qalb, żgur li min ikollu dawn il-grazz)i jkun dejjem imnikket ħafna. Għax meta jara dak li l-Maestà Tiegħu jagħmel miegħu u mbagħad iħares lejh innifsu u jara kemm huwa nieqes fil-qadi ta' dmirijietu lejn il-Mulej, u kif dak il-ftit li jagħtih huwa mimli nuqqasijiet u żbalji fid-dgħufija tiegħu, iħossu mdejjaq għall-aħħar. U sabiex ma joqgħodx jiftakar b'liema nuqqas ta' perfezzjoni jagħmel xi għemil tajjeb — jekk ma jonqosx li jagħmel dan — jara li huwa aħjar li jfittex li jinsa l-għemil tajjeb tiegħu, waqt li jżomm dnubietu quddiem għajnejh, biex jerħi ruħu fil-ħniena ta' Alla. Ladarba m'għandux biex iħallas min-naħa tiegħu, jitlob bil-ħniena lil Alla biex jagħdru u jħenn għalih bħalma jġib ruħu dejjem mal-midinbin.

6. Forsi Alla jwieġeb din it-talba kif wieġeb lil waħda li, imnikkta ħafna bil-ħsieb ta' din il-ħaġa, inxteħtet quddiem il-Kurċifiss u bdiet taħseb kif qatt ma kellha xejn x'toffri lil Alla jew xi tħalli għalih. U l-Imsallab innifsu farragħa billi qalilha li Hu kien taha t-tbatija kollha u t-tiġrib li

kien sofra fil-Passjoni tiegħu, biex tagħmilhom tagħha, u hekk tkun tista' toffrihom lil Missieru. U dik ir-ruħ, minn dak li sirt naf mingħandha, baqgħet hekk imfarrġa u għanja illi sal-lum ma tistax tinsa din il-grazzja; għax kull darba li tara kemm hija dgħajfa, tiftakar fiha u tħossha tagħmel il-qalb u titfarraġ bosta.

Nista' nsemmi xi ħwejjeġ oħra minn dawn għax, billi jiena tħaddit ma' għadd hekk kbir ta' bnedmin ta' qdusija u ħajja ta' talb, naf b'ħafna każi bħal dawn; iżda se nieqaf hawn biex ma tmorrux taħsbu li qiegħda ngħid għalija nnifsi. Jidhirli li dak li għedt huwa ta' siwi l-aktar kbir biex jagħmel li tifhmu kemm ikun hieni l-Mulej meta jara li qegħdin nagħarfu lilna nfusna u nfittxu li naħsbu u nerġgħu naħsbu fuq il-faqar u d-dgħuflja tagħna, u kif m'għandna xejn li ma ngħatalniex. Huwa għalhekk, ħuti, li huwa meħtieġ il-kuraġġ quddiem dan l-għarfien tagħna nfusna u meta naraw il-grazzji kbar l-oħra li jingħataw lir-ruħ li l-Mulej jogħġbu jwassal sa hawn. U fil-fehma tiegħi, jekk ir-ruħ tkun umli tassew, il-kuraġġ f'dan l-aħħar stadju jrid ikun akbar minn kull ħaġ'oħra. Li kien il-Mulej, minħabba dak li huwa, jagħtina din l-umiltà.

7. Sabiex nerġgħu nitkellmu fuq ir-rapiment tal-ispirtu li għedt li jiġi hekk għal għarrieda, dan iseħħ b'mod li r-ruħ tassew li qisha tkun ħarġet mill-ġisem. Min-naħa l-oħra, hija ħaġa ċara li min jingħata din il-grazzja ma jkunx mejjet, għalkemm għal xi ħin lanqas hu nnifsu ma jista' jgħid jekk ruħu hix fll-ġisem jew le. Iħossu bħallikieku sab ruħu f'xi dinja oħra, diversa għalkollox minn din li ngħixu fiha, u jara li hemm intwera dawl ġdid flimkien ma' ħwejjeġ oħra, hekk aqwa minn kull dawl u minn kull ħaġa ta' din il-ħajja illi, ukoll kieku kellu jaħli ħajtu kollha biex jara kif iġibhom f'moħħu, ma kien jasal qatt biex jistħajjel xi ħaġa bħalhom. Jiġri li f'waqt wieħed jiġi mgħallem għadd hekk kbir ta' ħwejjeġ f'daqqa waħda illi, kieku kellu jitħabat għal snin sħaħ biex jara kif idaħħalhom f'rasu u jistħajjilhom fil-fantasija tiegħu, lanqas kien jasal biex jagħmel dan fl-elf parti ta' waħda minnhom. Din mhix viżjoni intellettwali, imma waħda immaġinarja; wieħed jaraha bl-għajnejn tar-ruħ b'mod ħafna aktar ċar milli soltu naraw xi ħaġa bl-għajnejn tal-ġisem; u mingħajr kliem, jingħata li jifhem ħafna ħwejjeġ. Irrid ngħid, biex inġib eżempju, li jekk jara xi qaddisin f'din il-viżjoni, jagħrafhom sewwa bħallikieku kien jitħaddet magħhom ta' sikwit.

8. Drabi oħra, flimkien mal-ħwejjeġ li jara bl-għajnejn tar-ruħ, jintwerewlu ħwejjeġ oħra permezz ta' viżjoni intellettwali, l-aktar bħal qtajja' ta' anġli madwar il-Mulej. Bla ma jara xejn, la bl-għajnejn tal-ġisem u lanqas b'dawk tar-ruħ, iżda b'għarflen tal-għaġeb li jien ma nafx infisser, wieħed jara quddiemu dan kollu li qiegħda ngħid u ħafna ħwejjeġ oħra li ma jistgħux jitfissru bil-kliem. Min għadda minn dawn il-ħwejjeġ, u għandu aktar ħila minni, jista' forsi jasal biex ifissirhom, għalkemm jidhirli li din hija dejjem ħaġa l-aktar iebsa. Jekk dan iseħħx fil-ġisem jew le, ma nafx; għallanqas ma nistax naħlef jekk ir-ruħ hix fil-ġisem jew il-ġisem hux mingħajr ir-ruħ *(2Kor 12,2-4)*.

9. Ħafna drabi qgħadt naħseb li, hekk kif ix-xemx waqt li tibqa' fis-smewwiet toħroġ minnha raġġi li għandhom qawwa hekk kbira illi malajr jaslu sa hawn, għalkemm hi ma tiċċaqlaqx minn fejn tinsab, hekk ukoll jiġri lir-ruħ u l-ispirtu, li huma ħaġa waħda bħax-xemx u r-raġġi tagħha. Waqt li r-ruħ tibqa' f'postha, bis-saħħa tal-forza tas-sħana li tiġiha mix-Xemx vera tal-Ġustizzja xi parti superjuri tagħha togħla aktar 'il fuq minnha. F'kelma waħda, lanqas naf x'qiegħda ngħid. Dak li huwa minnu hu li bl-istess ħeffa ta' balla li toħroġ mill-arkibus meta jingħata n-nar, il-ġewwieni jintrefa' b'titjira (ma nafx x'isem ieħor nista' nagħtiha) li, għalkemm bla ħoss ta' xejn, tagħti moviment hekk ċar fil-qawwa tiegħu illi b'ebda mod ma tista' tkun ġejja minn xi stħajjil tal-moħħ. U meta r-ruħ tkun barra minnha nfisha għalkollox, skont ma tkun għadha tista' tifhem hi, jintwerewlha ħwejjeġ kbar. U meta tħossha li ġiet f'tagħha mill-ġdid, tistagħna b'ġid hekk kbir, u tħares lejn il-ħwejjeġ kollha ta' din l-art bħala hekk baxxi meta tqabbilhom mal-ħwejjeġ li tkun rat, illi tqis kollox bħala gozz żibel. Minn hawn 'il quddiem, min ikollu grazzja bħal din jibqa' jgħix fuq din l-art bi tbatija kbira, u ma jibqa' jara xejn tajjeb f'dak kollu li qabel kien jidhirlu li huwa tajjeb, hekk li lanqas biss jibqa'jagħti kas tal-ħwejjeġ ta' din l-art.

Jidher li l-Mulej irid juri lir-ruħ xi ħaġa minn dik l-art li trid tmur fiha — bħas-sinjali li ġiebu lura magħhom dawk li l-poplu ta' Israel bagħat biex jitkixxfu fl-art imwiegħda *(Num 13,18-24)* – ħalli tagħmel il-qalb u tgħaddi mit-tbatijiet kollha ta' din it-triq hekk mimlija tiġrib, għax taf fejn trid tmur biex issib il-mistrieħ. Għalkemm ħaġa li tgħaddi hekk malajr ma jidhrilkomx li tista' tkun ta' xi ġid kbir, b'danakollu l-effetti li tħalli fir-ruħ huma hekk kbar illi biss min għadda minn din l-esperjenza jasal biex jagħraf is-siwi tagħha.

10. Minn dan kollu jidher ċar li esperjenza bħal din mhix xogħol id-demonju. Ma jistax ikun li tiġi mill-immaġinazzjoni tagħna, u d-demonju qatt ma jista' jġibilna quddiem għajnejna ħwejjeġ li jħallu fir-ruħ effetti hekk sbieħ, paċi u kwiet, u ġid hekk kbir. Dan fuq kollox jidher fi tliet ħwejjeġ ta' grad l-aktar għoli. L-ewwel, għarfien tal-kobor ta' Alla, għax aktar ma naraw minn

dan il-kobor, aktar nagħarfuh. It-tieni, għarfien tagħna nfusna, flimkien ma' umiltà kbira, meta naraw li ħaġa hekk baxxa jekk inqabbluha mal-Ħallieq ta' għeġubijiet hekk kbar ażżardat toffendih, u tażżarda tħares lejh. It-tielet, li nżommu b'ħaġa żgħira l-ħwejjeġ kollha ta' din l-art, ħlief dawk li jistgħu jitqiegħdu għall-qadi ta' Alla hekk kbir.

11. Dawn huma l-ġojjelli li l-Għarus jibda jagħti lil għarustu; u huma ta' siwi hekk kbir illi hi ma tonqosx li tħarishom sewwa. Għax dawn il-laqgħat jibqgħu stampati b'mod hekk ħaj fil-memorja tagħha illi nemmen li ma tistax tinsiehom sakemm tasal biex tithenna bihom għal dejjem. Jekk tinsiehom, tassew li jkun ħażen kbir. Iżda l-Għarus li jagħtihomlha għandu wkoll is-setgħa li jagħtiha l-grazzja li ma titlifhomx ħtija tagħha.

12. Biex nerġgħu mmorru għall-kuraġġ meħtieġ, taħsbu intom li dan li qiegħda ngħid huwa xi ħaġa żgħira ħafna? Żgur li le, għax fis-sewwa kollu r-ruħ tħossha tħalli 'l-ġisem meta taraha titlef is-sensi bla ma taf għaliex. Jinħtieġ li jagħtiha l-kuraġġ Dak li jagħtiha kull ħaġ'oħra. Hekk ngħid jien. Ikun imfaħħar għal dejjem Dak li jagħti b'mod hekk kotran. U jkun jogħġob lill-Maestà Tiegħu li jagħtina li jkun jistħoqqilna naqduh, ammen.

# *KAPITLU 6*

*Tissokta tfisser wieħed mill-effetti li semmiet fil-kapitlu ta' qabel, li permezz tiegħu jista' jingħaraf dak li huwa veru, għax ma fihx qerq. Titkellem imbagħad fuq grazzja oħra li l-Mulej jagħti lir-ruħ biex din tkun tista' tingħata għat-tifħir tiegħu.*

1. Wara li jingħatawlha dawn il-grazzji hekk għolja, ir-ruħ tibqa' hekk imxenqa li tithenna b'Dak li jagħtihomlha illi ħajjitha fuq l-art issirilha tbatija l-aktar iebsa, għalkemm kollha ħlewwa. Għalhekk tnissel fiha xewqa tassew qawwija li tmut, u ta' sikwit bid-dmugħ f'għajnejha titlob lil Alla biex jeħodha minn dan it-turufnament, għax kull ma tara hawn jgħejjiha. Meta ssib ruħha waħedha, tistrieħ xi ftit, iżda malajr terġa' tiġi fuqha din it-tbatija. B'danakollu, meta ma tkunx qiegħda tbati b'dan il-mod, qisha lanqas tagħraf aktar lilha nfisha. Fi ftit kliem, dan il-farfett ċkejken ma jista' jsib imkien fejn jistrieħ fit-tul. U minħabba li r-ruħ hija mixgħula bl-imħabba, kull okkażjoni li tqabbad aktar dan in-nar tal-imħabba ġġegħilha ttir aktar 'il fuq. Dan huwa hekk għax f'din l-għamara r-rapimenti jseħħu kull ħin, hekk li min jasal sa hawn ma jkunx jista' jwarrabhom minnu, ukoll jekk iseħħu quddiem in-nies. U tibda kull xorta ta' persekuzzjoni u jiżdied it-tgergir kontra tiegħu. Ir-ruħ kieku tixtieq teħles minn kull biża', iżda ma jħalluhiex, għax ħafna huma l-bnedmin li jġibulha l-biża', l-aktar il-konfessuri.

2. Jiġri li, ukoll jekk minn naħa waħda r-ruħ tħossha fiż-żgur fil-ġewwieni tagħha, l-aktar meta tkun waħedha ma' Alla, min-naħa l-oħra tibda titnikket bosta, għax tibża' li tkun ġiet imqarrqa mid-demonju b'mod li tkun qiegħda toffendi lil Dak li tħobb daqshekk. Ma tinkeddx wisq bit-tgemgim tal-oħrajn, sakemm ma jkunx il-konfessur innifsu li jnikkitha billi jwaħħal fiha għal dak li jkun qiegħed jiġri bħallikieku hi tista' tagħmel xi ħaġa. Min-naħa tagħha ma tagħmel xejn aktar ħlief li titlob lil kulħadd biex jidħol għaliha quddiem Alla, waqt li hi nfisha titlob bil-ħniena lill-Maestà Tiegħu biex jgħaddiha minn triq oħra, għax kulħadd jgħidilha tagħmel dan minħabba li t-triq li qabdet hija mimlija perikli. Iżda, ladarba sabet li din it-triq hija ta' ġid kbir għaliha, ir-ruħ tintebaħ li, skont ma taqra u tisma' u taf dwar il-kmandamenti ta' Alla, din hija t-triq li twassalha s-sema *(Mt 19,17)*. Għalhekk, ukoll kieku trid, tassew li ma tistax tixtieq ħaġ'oħra ħlief li tintelaq għalkollox f'idejn Alla. U saħansitra dan l-istess nuqqas ta' ħakma fuqha nfisha bħal jifniha bit-tbatija, għax tibda taħseb li mhix tobdi 'l-konfessur tagħha, meta temmen li l-aħjar rimedju biex ma tiġix imqarrqa huwa li tobdi u ma toffendix 'il-Mulej. Huwa għalhekk li, fil-fehma tagħha, m'għandha taqa' apposta f'ebda dnub venjal, ukoll jekk iqattgħuha biċċiet. U titnikket bosta meta tara li ma tistax teħles milli taqa' f'ħafna dnubiet venjali bla ma tkun trid.

3. Lil dawn l-erwieħ Alla jagħtihom xewqa l-aktar qawwija li ma jonqsuh f'ebda ħaġa, żgħira kemm hija żgħira, u li jekk jista' jkun, ma jkollhom ebda nuqqas ta' perfezzjoni. Minħabba f'dan biss, jekk mhux għal ħaġ'oħra, ir-ruħ tfittex li taħrab in-nies u timtela b'għira kbira għal dawk li għexu fid-deżert. Min-naħa l-oħra, tkun trid tinxteħet f'nofs id-dinja, jekk bis-saħħa ta' dan tgħin imqar ruħ waħda biex tfaħħar aktar lil Alla. Kull mara li ssib ruħha f'din il-qagħda tinfena minn ġewwa meta tara li dan ma tistax tagħmlu minħabba li mhix raġel, u fil-qiegħ ta' qalbha tgħir ħafna għal dawk li huma ħielsa li jgħollu leħinhom u jxandru min huwa dan l-Alla kbir tal-Kavalleriji.

4. O msejken farfett ċkejken, imxekkel bi ktajjen hekk qawwija illi ma jħallukx ittir fejn trid! Ħenn għalih, Alla tiegħi, u ordna li b'xi mod ikun jista' jwettaq xi ftit ix-xewqat tiegħu għall-akbar ġieħ u sebħ tiegħek. La toqgħodx tiftakar kemm huwa ħaġa baxxa, u li ma jistħoqqlux ħwejjeġ kbar. Inti setgħan, Mulej, għax għamilt li jerġa' lura dak il-baħar kbir, ix-xmara kbira tal-Ġordan, u ħallejt jgħaddu lil ulied Israel *(Eż 14,21-22; Ġoż 3,13-17)*. Iżda le, m'hemmx għalfejn tħenn għalih, għax bil-qawwa li tagħtih Int, hu jista'jsofri tiġrib kbir. U għandu fehma sħiħa li jagħmel dan, hekk li jrid ibati b'kull mod. Ifrex, Mulej, id-driegħ setgħan tiegħek u la tħallix li din id-daqsxejn ta' ħlejqa taħli ħajjitha fi ħwejjeġ hekk baxxi *(Ġen 8,8-9)*. Ħa jidher fiha l-kobor tiegħek, ukoll jekk hija mara u l-aktar dgħajfa, sabiex id-dinja tagħraf li xejn mhu ġej mill-ħlejqa nfisha, u għalhekk, tfaħħar lilek. Jiswielha x'jiswielha, dan huwa dak li trid hi. Kieku kellha elf ħajja x'toffri, hi tinsab lesta li tagħtihom kollha biex bis-saħħa tagħha, ruħ waħda tkun tista' tfaħħrek xi ftit aktar. Għax tqis dawn l-elf ħajja mgħoddija tajjeb ħafna, minħabba li fis-sewwa kollu din il-ħlejqa taf li lanqas biss jistħoqqilha ssofri l-inqas ħaġa għalik, aħseb u ara li tmut għalik *(Atti 5,41)*.

5. Ma nafx għaliex għedt dan, ħuti, u lanqas għalfejn għedtu, għax lanqas biss fhimtu jien. Iżda jeħtieġ li nżommu quddiem għajnejna li, bla dubju ta' xejn, dawn huma l-effetti ta' din ix-xorta ta' sospensjoni jew estasi. Għax ix-xewqat li jitnisslu f'min ikollu l-esperjenza tagħhom

mhumiex xi ħaġa li tgħaddi ħafif u malajr, iżda jibqgħu fit-tul. Meta toffri ruħha l-okkażjoni, jidher ċar ħafna li dawn ix-xewqat mhumiex frott tal-immaġinazzjoni. Imma, għax qiegħda ngħid li jibqgħu fit-tul? Huwa minnu li xi drabi r-ruħ tħoss li hija ġifa, u fi ħwejjeġ l-aktar baxxi hija hekk beżgħana u nieqsa mill-kuraġġ illi jidher li lanqas biss jista' jkollha l-kuraġġ li tagħmel xi ħaġa, iżda jien nemmen li jiġrilha hekk meta l-Mulej, għall-akbar ġid tagħha, iħalliha tgħum waħedha. Għax imbagħad tasal biex tifhem li, jekk swiet għal xi ħaġa tajba, dan ma kienx ħlief minħabba dak li taha l-Maestà Tiegħu, u din il-verità taraha b'mod hekk ċar illi tibqa' imxejna fiha nfisha, u fl-istess ħin tagħraf dejjem aktar il-ħniena ta' Alla li għoġbu juri l-kobor tiegħu fi ħlejqa hekk baxxa. Iżda fil-biċċa l-kbira, il-qagħda tagħha tkun bħalma għedna qabel.

6. F'dawn ix-xewqat kbar li taraw lil Sidna, ta' ħaġa waħda, ħuti, għandkom tagħtu kas sewwa: li xi drabi hekk jagħfsu fuqkom illi jkun meħtieġ li ma tgħinuhomx, imma taraw kif twarrbuhom — irrid ngħid, jekk tkunu tistgħu tagħmlu dan, għax hemm xewqat oħra li nitkellem fuqhom aktar 'il quddiem, li b'ebda mod ma tkunu tistgħu teħilsu minnhom, kif għad taraw. Imma dawn li qiegħda nitkellem fuqhom issa, xi drabi tistgħu twarrbuhom, ladarba r-raġuni hawn għadha ħielsa li tkun taqbel mar-rieda ta' Alla u ttenni dak li qal San Martin. Mela tistgħu ddawru ħsibijietkom minn fuqhom meta jaħslu jagħfsu fuqkom iżżejjed. Għax billi, milli jidher, dawn ix-xewqat jiġu lil dawk li jkunu diġà mxew 'il quddiem ħafna, id-demonju jista' jgħinna biex inqajmuhom fina ħalli jwassalna biex naħsbu li aħna wkoll imxejna 'l quddiem ħafna, waqt li huwa dejjem tajjeb li nimxu bil-biża'. B'danakollu, ma nemminx li d-demonju jista' jimla lir-ruħ b'dik il-paċi u kwiet li ġġib magħha din it-tbatija li qegħdin insemmu. Jista' biss iqajjem fina xi passjoni, bħal meta nitnikktu fuq xi ħwejjeġ tad-dinja. Iżda min m'għandu ebda esperjenza ta' ħaġa u oħra f'dan li qiegħda ngħid, ma jasalx biex jifhem minn xiex ikun għaddej, u minħabba li jaħseb li dak li jkun qiegħed iġarrab huwa xi ħaġa kbira, jgħinu kemm jista' biex jitkattar fih, u jagħmel ħsara kbira lil saħħtu. Għax din it-tbatija hija bla waqfien, jew għallanqas tinħass sikwit ħafna.

7. Innotaw ukoll li dawk li għandhom kostituzzjoni dgħajfa, malajr isofru minn tbatijiet ta' din ix-xeħta, l-aktar xi wħud li jħossu ħafna u jaqbdu jibku għal kull ħaġa ta' xejn. Għal elf darba jaslu biex jaħsbu li qegħdin jibku għal Alla, iżda ma jkun xejn minn dan. U jista' jiġri (irrid nifhem meta jibdew jolfqu u jxerrdu ħafna dmugħ, għax għal xi żmien ma' kull kelma fuq Alla li jisimgħu, jew jaħsbu fihom infushom ma jkunux jistgħu jżommu l-biki) li xi xejra ħażina ta' buri tkun ħakmet il-qalb, u huwa dan li jgħin biex jixxerred id-dmugħ aktar milli l-imħabba ta' Alla. Mid-dehra, dawn in-nies qatt ma jieqfu mill-biki tagħhom; ladarba laħqu fehmu li d-dmugħ huwa ħaġa tajba, mhux biss ma jarawx kif jistgħu jwaqqfuh, imma jaraw kif jagħmlu biex iġibuh, hekk li ma jkunux iridu ħaġ'oħra. Hawn id-demonju jkun qiegħed ifittex li jwassalhom biex ikunu hekk dgħajfa illi mbagħad la jkunu jistgħu jitolbu u lanqas iħarsu r-Regola.

8. Qisni qed nismagħkom tistaqsuni x'se taqbdu tagħmlu, ladarba qiegħda nara l-periklu f'kollox, jekk ukoll f'ħaġa tajba bħalma huwa dan id-dmugħ jidhirli li nistgħu niġu mqarrqa. Forsi tistaqsu jekk hux jiena li ġejt imqarrqa; u jista' jkun li hekk hu. Iżda emmnuni, miniex qiegħda nitkellem mingħajr ma rajt dan jiġri f'xi wħud, għalkemm mhux fija għax jien miniex ta' qalb hekk ħelwa. Bil-maqlub, l-ebbusija ta' qalbi xi drabi tħawwadni, għalkemm meta n-nar jaqbad sewwa ġewwa fija, iebsa kemm hija iebsa, qalbi tinħall u ddub bħalma jiġri fil-lampik. U tkunu tafu tajjeb meta d-dmugħ jiġi minn din l-għajn, għax jagħti aktar faraġ u paċi, u mhux taħwid; tassew ftit drabi jagħmel xi ħsara. It-tajjeb li hemm f'dan il-qerq — jekk qatt jista' jkun hemm xi ħaġa tajba f'dan id-dmugħ — huwa li l-ħsara li ssir tkun dik tal-ġisem (qiegħda ngħid għal meta hemm l-umiltà) u mhux tar-ruħ. Iżda wkoll kieku m'hemmx, ma tkunx ħaġa ħażina li nibqgħu bis-suspett.

9. Ma naħsbux li kollox jinsab filli noqogħdu nibku ħafna; jeħtieġ li mmiddu idejna biex naħdmu ħafna u nitħarrġu fil-virtù, għax hawn dawn huma l-ħwejjeġ li jgħoddu l-aktar. Ħa jiġi wkoll id-dmugħ meta jibagħtu Alla bla ma nkunu għamilna xejn min-naħa tagħna biex inġibuh. Għax dan id-dmugħ isaqqi l-art niexfa tagħna u jiswa bosta biex ikun hemm il-frott. B'danakollu, inqas ma nagħtu kas ta' dan id- dmugħ, aktar ikun il-frott, ladarba dan huwa ilma li ġej mis-sema. Iżda l-ilma li nġibu aħna, meta ngħejjew inħaffru biex insibuh u ntellgħuh, m'għandu x'jaqsam xejn ma' dan, għax ta' sikwit jiġrilna li nħaffru sa ma nibqgħu bla saħħa, u b'danakollu, lanqas biss insibu daqsxejn ta' għadira ilma, aħseb u ara kemm sejrin insibu xi għajn ta' ilma ġieri. Għalhekk, ħuti, jien nemmen li huwa ħafna aħjar li naqbdu u nqiegħdu lilna nfusna quddiem il-Mulej biex nitfgħu ħarsitna fuq il-ħniena u l-kobor tiegħu, waqt li nagħarfu ċ-ċokon tagħna. B'hekk inkunu qegħdin inħalluh jagħtina dak li jrid Hu, sew ilma u sew nixfa. Hu żgur li jaf aħjar minna x'inhu dak li jaqblilna. Bis-saħħa ta' din l-imġiba tagħna,

inkunu nistgħu nimxu 'l quddiem b'moħħna mistrieħ, u d-demonju ma jibqagħlux wisq fiex jonsobna.

10. Waqt li jseħħu dawn il-ħwejjeġ ta' tbatija u ta' għaxqa fl-istess ħin, il-Mulej xi drabi jagħti lir-ruħ hena tassew kbir u orazzjoni hekk mhux tas-soltu illi hi lanqas biss tifhem x'inhi. Qiegħda nikteb fuq din il-grazzja hawn sabiex, jekk Hu jogħġbu jagħtihielkom, tkunu tistgħu tfaħħruh ħafna u tifhmu li grazzja bħal din tista' sseħħ tabilħaqq. Fil-fehma tiegħi, din hija unjoni kbira tal-fakultajiet, għalkemm il-Mulej iħallihom ħielsa biex jithennew b'dan l-hena, u l-istess jiġri lis-sensi, bla ma jifhmu x'inhu dak li qed jithennew bih jew kif qegħdin jithennew bih. Qisni qiegħda nitkellem bl-Għarbi, imma żgur li hekk jiġri. Ir-ruħ hekk tfur b'dan l-hena illi ma tkunx trid tithenna bih waħedha ma' Alla, iżda trid tgħarraf bih lil kulħadd, biex dawk li jsiru jafu bih jgħinuha tfaħħar lill-Mulej; lejn dan l-għan imorru kull xewqa u ħidma tagħha. O kemm festi u kemm wirjiet tal-hena tagħha tasal biex tagħmel quddiem l-oħrajn kieku tkun tista', sabiex kulħadd jifhem dan l-hena kbir! Jidher li r-ruħ reġgħet sabet lilha nfisha u, bħall-missier tal-iben il-ħali *(Lq 15,11-32)*, trid tistieden lil kulħadd biex tagħmel festa kbira, għax issa tara li qiegħda fiż-żgur, bla ma tista' tiddubita minn dan, għallanqas għalissa. U skont ma nifhem jien, għandha raġun, għax hena interjuri hekk kbir fil-parti l-aktar ġewwenija tagħha, u paċi hekk sħiħa u faraġ hekk qawwi li jwasslu għat-tifħir lil Alla, ma jistax ikun li jagħtihom lir-ruħ id-demonju.

11. Meta timtela b'dan il-ferħ tassew kbir, huwa diġà ħafna u hija ħaġa ta' tbatija mhux żgħira li r-ruħ tibqa' siekta u tara kif taħbih. Dan huwa dak li ħass fih San Franġisk meta waqqfuh il-ħallelin waqt li kien qiegħed idur fil-kampanja jgħajjat b'leħen għoli, u qalilhom li hu kien il-ħabbar ta' Sultan kbir. U qaddisin oħra sabu l-kenn fid-deżert biex, l-istess bħal San Franġisk, ikunu jistgħu jgħollu leħinhom u jxandru dan it-tifħir ta' Alla. Jiena sirt naf wieħed minnhom li jismu Fray Pedro de Alcantara; minn dak li kont nara f'ħajtu, nemmen li huwa qaddis tassew, iżda meta n-nies kienu jarawh iġib ruħu b'dan il-mod u jisimgħuh jgħajjat it-tifħir ta' Alla, bdew iżommuh b'wieħed miġnun. O, ħuti, x'ġenn imbierek huwa dan! Li kien Alla jagħtih ukoll lilna lkoll kemm aħna! U xi ħniena kbira wera magħkom Alla meta ġabarkom hawn fejn, jekk il-Mulej jogħġbu jagħtikom din il-grazzja u intom ixxandru din il-ħniena quddiem l-oħrajn, issibu min jgħinkom u mhux min iwaqqagħkom għaċ-ċajt, kif kien jiġrilkom kieku bqajtu fid-dinja fejn dawk li jxandru t-tifħir ta' Alla huma hekk ftit illi m'għandniex nistagħġbu jekk dan iġib miegħu ħafna tgemgim!

12. O, koroh huma ż-żminijiet li qegħdin ngħixu fihom, u ta' min jitħassarha l-ħajja li ngħixu! U tassew hienja huma dawk li għandhom ix-xorti li ħelsu minnha! Xi drabi, meta nkunu flimkien, nimtela b'ferħ speċjali hekk kif nara lil dawn ħuti s-sorijiet hekk imfawra b'hena ġewwieni illi kull waħda minnhom tara kif tgħaddi lill-oħrajn fit-tifħir tagħha lill-Mulej talli tinsab magħluqa f'monasteru, u jidher b'mod l-aktar ċar li dan it-tifħir ikun ħiereġ mill-qiegħ tar-ruħ. Irridkom tinfexxu f'dan it-tifħir ta' sikwit, ħuti, għax biżżejjed tibda waħda minnkom biex tqajjem lill-oħrajn. Fiex tistgħu tużaw aħjar ilsienkom meta tkunu flimkien, jekk mhux f'dan it-tifħir lil Alla li għandna daqshekk għalfejn infaħħruh?

13. Ikun jogħġob lill-Maestà Tiegħu li jagħtina ħafna drabi din ix-xorta ta' orazzjoni, għax tqegħedna hekk fiż-żgur u hija ta' ġid hekk kbir għalina. Qatt ma nistgħu niksbuha aħna, għax din hija sopranaturali għall-aħħar. Xi drabi tibqa' għal jum sħiħ. F'dan il-każ, ir-ruħ tkun bħal min xorob ħafna, iżda mhux biżżejjed biex ikun fis-sakra għalkollox u jintilef minn sensih; jew bħal dak li jbati bil-malinkonija u li ma jkunx tilef ir-raġuni, iżda ma jkunx jista' jeħles minn xi ħaġa li teħel fl-immaġinazzjoni tiegħu, u lanqas ħadd ma jkun jista' jeħilsu minnha.

Dawn it-tixbihat li qiegħda nġib biex infisser ħaġa hekk għolja huma tassew goffi, iżda l-ħila żgħira tiegħi ma twassalnix biex naħseb f'oħrajn. Dak li żgur huwa minnu hu li dan l-hena kbir jagħmel li r-ruħ hekk tinsa lilha nfisha, u kull ħaġ'oħra, illi ma tagħraf xejn aktar, u ma tkun tista' titkellem fuq xejn aktar, ħlief fuq dak li jiġi minn dan l-hena, jiġifieri t-tifħir ta' Alla.

Ħa ngħinu lil din ir-ruħ, ħuti, ħa ngħinuha kollha kemm aħna! Għaliex għandna nfittxu li nidhru aktar f'sensina minnha? X'jista' jferraħna aktar? Li kienu jgħinuna f'dan it-tifħir lil Alla l-ħlejjaq kollha għal dejjem ta' dejjem, ammen, ammen, ammen.

# *KAPITLU 7*

*Tfisser kemm hija kbira s-sogħba għal dnubiethom li jħossu dawk l-erwieħ li Alla jagħtihom dawn il-grazzji li semmiet. Turi xi żball jaqa' fih dak li, spiritwali kemm ikun, ma jitħarriġx biex iżomm dejjem quddiemu l-Umanità tas-Salvatur tagħna, Sidna Ġesù Kristu, il-Passjoni tiegħu u ħajtu kollha, kif ukoll l-Omm glorjuża tiegħu u l-Qaddisin. Dan il-kapitlu huwa ta' ġid kbir.*

1. Tistgħu taħsbu, ħuti, li dawn l-erwieħ li l-Mulej jikkomunika lilu nnifsu lilhom b'mod hekk partikulari, huma diġà hekk żguri li sejrin jithennew bih għal dejjem illi m'għandhomx aktar minn xiex jibżgħu u lanqas għalfejn jibku dnubiethom. U dan jaħsbuh l-aktar dawk fostkom li għadhom ma waslux għal dawn il-grazzji, għax kieku diġà thennew bi grazzja minnhom li tkun ġejja minn Alla, jifhmu sewwa dak li sejra ngħid. Iżda li taħsbu li huma fiż-żgur b'dan il-mod huwa żball tassew kbir, għax aktar ma jkun tana Alla, aktar tikber is-sogħba għal dnubietna. U jiena tal-fehma li sakemm ma naslux hemm fejn xejn ma jista' jġibilna xi tbatija, din ma tonqos qatt.

2. Huwa minnu li xi drabi dan in-niket jinħass aktar minn drabi oħra, u ma jkunx tal-istess xorta, għax ir-ruħ ma taħsibx fuq it-tbatija li jkollha ssofri minħabba dnubietha, iżda fuq kemm kienet ingrata ma' Dak li hija mdejna miegħu hekk bil-kbir u li hekk jistħoqqlu li jkun moqdi. Għax f'dawn l-għeġubijiet li jagħmel magħha, ir-ruħ tagħraf wisq aktar il-kobor ta' Alla. Tibda tistagħġeb x'wiċċ kellha biex imxiet miegħu klf imxiet, tibki n-nuqqas ta' qima li wrietu, u tara kemm kienet belha fil-bluha taghha tal-imgħoddi, hekk li ma tistax ma jisgħobbihiex kull ħin meta tiftakar bla waqfien kif warrbet Maestà hekk għolja għal ħwejjeġ hekk baxxi. U taħseb ħafna aktar f'dan milli fil-grazzji li jingħatawlha, ukoll jekk dawn ikunu kbar daqs dawk li semmejt u dawk li sejra nfisser. Qisu hemm xmara ta' qawwa li minn ħin għall-ieħor tkaxkar magħha fir-ruħ dawn il-grazzji, waqt li d-dnubiet huma bħat-tajn f'qiegħ din ix-xmara, hekk li qatt ma joħorġu mill-memorja; huma salib tassew tqil ħafna għar-ruħ.

3. Naf waħda li, minbarra li riedet tmut biex tara lil Alla, kienet tixtieq tmut sabiex ma tibqax tħoss fiha hekk bla heda din it-tbatija għall-ħsieb li mxiet b'qalb daqshekk iebsa ma' Dak li kienet hekk imdejna miegħu u li dejjem kellha x'tagħtih. Kien jidhrilha li fl-għemil ħażin ħadd ma seta' jgħaddiha, għax kienet taħseb li ma kien hemm ħadd aktar li Alla stabar bih hekk fit-tul u tah grazzji hekk kbar.

Dwar dak li għandu x'jaqsam mal-biża' tal-infern, dawn m'għandhom ebda biża'. Xi drabi jitnikktu bosta għall-ħsieb li jistgħu jitilfu lil Alla, iżda mhux ta' sikwit. Il-biża' waħdieni tagħhom huwa li Alla jista' jitlaqhom minn taħt idejh u jħallihom joffenduh u jerġgħu jsibu ruħhom fil-qagħda hekk ta' min jitħassarha li kienu fiha qabel. Għal dik li hija tbatija jew glorja, ma jagħtux kas. U jekk ma jixtiqux idumu wisq fil-purgatorju, huwa aktar biex ma jibqgħux 'il bogħod minn Alla, bħal dawk li jinsabu hemm, milli minħabba t-tbatijiet li jkollhom isofru.

4. Jien ma nżommx fiż-żgur dik ir-ruħ li, mogħtija kemm tkun mogħtija grazzji minn Alla, tasal biex tinsa f'xi ħin il-qagħda kerha li kienet fiha qabel. Għalkemm din hija ħaġa ta' tbatija kbira, tiswa bosta biex ħafna jimxu 'l quddiem. Forsi naħsibha b'dan il-mod għax jiena kont hekk ħażina, u huwa minħabba f'hekk li qatt ma nista' noħroġ dan minn moħħi. It-twajbin m'għandhomx għalfejn iħossu din it-tbatija kollha, għalkemm dejjem ikun hemm xi nuqqasijiet sakemm nibqgħu ngħixu f'dan il-ġisem li jmut. Ebda ħsieb li l-Mulej diġà ħafrilna u nesa dnubietna ma jtaffi din it-tbatija; bil-maqlub, quddiem tjubija hekk kbira u meta r-ruħ tara li l-Mulej ma jiqafx jagħti l-grazzji tiegħu lil min ma jistħoqqlux ħlief l-infern, it-tbatija tikber wisq aktar. Nemmen li dan kien il-martirju kbir ta' San Pietru u tal-Madalena għax, mixgħula kif kienu b'imħabba l-aktar imħeġġa, u wara li ngħataw għadd hekk kbir ta' grazzji hekk li waslu biex jagħarfu l-kobor u l-maestà ta' Alla, żgur li sofrew bosta minħabba l-waqgħat tagħhom u li għamlu dan imqanqlin minn tbatija kollha ħlewwa.

5. Forsi jidhrilkom ukoll li min jithenna bi ħwejjeġ hekk għolja ma joqgħodx jimmedita fuq il-misteri tal-Umanità l-aktar qaddisa ta' Sidna Ġesù Kristu, għax issa jitħarreġ biss fl-imħabba. Fuq din il-ħaġa diġà ktibt fit-tul band'oħra. Għalkemm ħaduha kontra tiegħi fuq hekk u qalu li jien ma nifhimx f'ħaġa bħal din, għax dawn huma mogħdijiet li minnhom jgħaddina l-Mulej, u jkun aħjar għal dawk li laħqu għaddew mill-istadji tal-bidu li jaħsbu fi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mad-divinità u jaħarbu mill-ħwejjeġ korporali, żgur li qatt mhuma se jwassluni nistqarr li din hija triq tajba. Jista' jkun li qiegħda niġi mqarrqa, u fl-aħħar mill-aħħar nistgħu qegħdin ngħidu l-istess ħaġa.

Imma jiena nnifsi rajt kif id-demonju ried iqarraq bija b'dan il-mod; hekk tgħallimt minn dak li għaddejt minnu jien illi, għalkemm diġà tkellimt ħafna drabi fuq din il-ħaġa, irrid nerġa'

nkellimkom fuqha hawn ukoll, sabiex żgur taraw li dejjem timxu b'għajnejkom miftuħa sewwa. Saħansitra nażżarda ngħid li m'għandkomx temmnu lil min jgħidilkom ħaġ'oħra. Issa nara kif nista' nfisser ruħi aħjar milli għamilt band'oħra. Jekk dak li qal li kien sejjer jikteb fuq din il-ħaġa, tassew li kiteb fuqha, kien jagħmel tajjeb kieku tawwal xi ftit aktar biex ifisser kollox b'mod daqsxejn aktar ċar; iżda li tikteb kollox fil-qosor lil min bħalna ma jifhimx wisq f'dawn il-ħwejjeġ, jista' jkun ta' ħsara kbira ħafna.

6. Hemm xi wħud li jidhrilhom li ma jistgħux joqogħdu jaħsbu fuq il-Passjoni; u wisq inqas jistgħu jaħsbu fuq il-Verġni l-aktar imbierka u fuq il-ħajja tal-Qaddisin, għalkemm huwa ta' ġid kbir u ta' għajnuna f'waqtha li niftakru sikwit fihom. Għalhekk, jien ma nistax nasal biex nifhem fiex jaħsbu dawn in-nies, għax li twarrab għalkollox dak li huwa korporali mhix ħaġa tagħna lkoll li ngħixu f'dan il-ġisem li jmut, imma hija tal-ispirti anġeliċi li huma dejjem mixgħula bl-imħabba. Jeħtieġ li kull ħin niftakru u naħsbu f'dawk li, għalkemm kellhom ġisem uman bħal tagħna, waslu biex wettqu ħwejjeġ tassew kbar għal Alla; jeħtieg li nfittxu li nkunu fil-kumpannija tagħhom. Jekk dan huwa minnu, kemm huwa aktar meħtieġ li qatt ma nitwarrbu minn rajna mill-ġid kollu tagħna, u l-għajnuna vera tagħna, jiġifieri mill-Umanità l-aktar qaddisa ta' Sidna Ġesù Kristu. Ngħid għalija, lanqas nista' nemmen li dawn l-erwieħ jimxu tassew b'dan il-mod, ħlief għax forsi ma jifhmux lilhom infushom f'dak li jkunu qegħdin jagħmlu. U minħabba f'hekk jagħmlu ħsara lilhom infushom u lil ħafna oħra. Għallanqas jien nista' niżgurahom li ma jidħlux f'dawn l-aħħar żewġ għamajjar. Għax, jekk jitilfu l-gwida li huwa t-twajjeb Ġesù *(Ġw 10,3.27)*, żgur li ma jaqbdux it-triq it-tajba. Tkun diġà ħaġa kbira jekk jibqgħu fiż-żgur fl-għamajjar ta' qabel. Il-Mulej innifsu jgħid li huwa t-triq *(Ġw 14,6)*; u l-Mulej ukoll jgħid li huwa d-dawl *(Ġw 8,12)*, u jżid li ħadd ma jista' jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħu *(Ġw 14,6)*; u qal ukoll: "Min jara lili, jara 'l Missieri" *(Ġw 14,9)*. Jistgħu jgħidu li dan il-kliem ifisser xi ħaġ'oħra u mhux kif qiegħda nifhmu jien. Iżda jien ma nafx b'tifsir ieħor. Meta fhimtu bil-mod tiegħi, li ruħi dejjem ħasset li huwa l-veru, dejjem mort tajjeb ħafna.

7. Hemm erwieħ imbagħad — u ħafna huma dawk li tħaddtu miegħi fuq dan — li hekk kif il-Mulej jogħġbu jerfagħhom għall-kontemplazzjoni perfetta, ikunu jridu jibqgħu dejjem fiha f'kull ħin. Iżda dan ma jistax ikun. Wara din il-grazzja tal-Mulej, jibqgħu hekk mitlufa fiha illi lanqas ikunu jistgħu jimmeditaw fuq il-misteri tal-Passjoni u l-ħajja ta' Kristu, bħalma kienu jagħmlu qabel. Ma nafx għaliex jiġri hekk, imma normalment hekk jiġri, għax l-intellett qisu ma jkunx jista' jimmedita aktar. Nemmen li r-raġuni ta' dan hija li, billi l-meditazzjoni tinsab kollha kemm hi fit-tfittxija ta' Alla, ladarba r-ruħ tkun sabitu hekk li tidra tfittxu mill-ġdid bis-saħħa tar-rieda, ma tridx tgħejja lilha nfisha bit-tħaddim tal-intellett. U jidhirli wkoll li, ladarba issa r-rieda hija mħeġġa sewwa, din il-fakultà ġeneruża ma toqgħodx tinqeda bil-fakultà l-oħra, safejn tkun tista' tagħmel dan. U ma tagħmilx ħażin; iżda ma tkunx tista' timxi b'dan il-mod, l-aktar sakemm ir-ruħ tasal f'dawn l-aħħar żewġ għamajjar; anzi titlef il-ħin, għax ħafna drabi jeħtiġilha tkun mgħejjuna mill-intellett sabiex tħeġġeġ lir-rieda.

8. Irridkom tagħtu kas sewwa ta' dan li ġej, ħuti, għax huwa ta' siwi kbir, u għalhekk se nara kif infisser kollox aħjar. Ir-ruħ tixtieq li tkun mitlufa kollha kemm hi fl-imħabba u ma trid taħseb fuq ebda ħaġ'oħra. Iżda, ukoll jekk trid, ma tkunx tista' tagħmel dan; għax, għalkemm ir-rieda mhix mejta, in-nar li soltu jqabbadha jkun qiegħed jmut, hekk li huwa meħtieġ li xi ħadd jonfoħ fuqu biex terġa' tibda toħroġ is-sħana minnu. Insaqsu: ikun sewwa li ruħ f'din in-nixfa toqgħod tittama li jinżel in-nar mis-sema biex jaħraq għalkollox dan is-sagrifiċċju tagħha nfisha li qiegħda toffri lil Alla, bħalma għamel Missierna Elija *(1Sl 18,30-39)*, waqt li hija ma tagħmel xejn min-naħa tagħha? Le, żgur li le; u lanqas huwa sewwa li tistenna l-mirakli. Il-Mulej jagħmilhom ma' din ir-ruħ meta jara li jkun il-waqt tajjeb, kif diġà għedt u għad ngħid aktar 'il quddiem. Imma l-Mulej iridna nagħarfu li aħna hekk mimlija ħażen illi ma jistħoqqilniex li jagħmel il-mirakli magħna, għax għandna nagħmlu dak kollu li nistgħu biex ngħinu lilna nfusna. Ngħid għalija, jien nemmen bis-sħiħ li sakemm immutu, għolja kemm tkun għolja l-orazzjoni tagħna, jeħtieġ li nġibu ruħna b'dan il-mod.

9. Huwa minnu li min ikun tqiegħed mill-Mulej fis-seba' għamara tassew ftit drabi jkun jeħtieġlu joqgħod b'għajnejh miftuħa fuq din il-ħaġa, — tista' tgħid qatt — u dan minħabba r-raġuni li għad nagħti fl-aħħar għamara, jekk niftakar nagħmel dan. Għax min jasal fis-seba' għamajjar dejjem jimxi ma' Kristu Sidna, hekk li b'mod tal-għaġeb il-kumpannija bla heda tiegħu tkun Kristu nnifsu f'dak li huwa divin u uman fl-istess ħin. Mela, meta n-nar imsemmi ma jkunx qiegħed jaqbad fir-rieda, hekk li l-preżenza ta' Alla ma tinħassx, jeħtieġ li nfittxuha aħna. Dan huwa li jridna nagħmlu l-Maestà Tiegħu, l-istess bħalma għamlet l-għarusa tal-Għanja tal-Għanjiet *(3,3)*. Ħa nsaqsu lill-ħlejjaq min għamilhom — kif jgħid Santu Wistin, mingħalija fil-Meditazzjonijiet jew l-Istqarrijiet — u ma nkunux hekk boloh illi noqogħdu naħlu

l-ħin nistennew dak li darba diġà ngħatalna. Jista' jkun li fil-bidu l-Mulej ma jagħtiniex dan għal sena sħiħa, jew għal xi snin ukoll. Il-Maestà Tiegħu jaf għaliex; aħna m'għandniex infittxu li nkunu nafu għaliex jimxi magħna b'dan il-mod, u lanqas hemm għalfejn inkunu nafu. Ladarba t-triq biex nogħġbu lil Alla nafuha, għax hija dik tal-kmandamenti u l-kunsilli, għandna nimxu fiha bl-akbar attenzjoni, waqt li nimmeditaw fuq il-ħajja u l-mewt ta' Sidna u naħsbu fuq kemm aħna mdejna miegħu; il-bqija ħa jingħatalna meta jkun irid il-Mulej.

10. Hawn żgur li jweġbuna li huma ma jistgħux joqogħdu jaħsbu fuq dawn il-ħwejjeġ, u minħabba dak li għedt, b'xi mod għandhom raġun. Intom tafu tajjeb li ħaġa hija li toqgħod tirraġuna bl-intellett u ħaġa oħra li l-memorja ġġib xi veritajiet quddiem l-intellett. Forsi tgħidu li mhux qegħdin tifhmuni; u tabilħaqq jista' jkun li jien miniex nifhem biżżejjed biex inkun nista' nfisser sewwa dak li rrid ngħid. Iżda ngħidu mill-aħjar li nista'. Insejjaħ meditazzjoni l-ħafna raġunar bl-intellett li jsir b'dan il-mod li ġej. Nibdew naħsbu fuq il-grazzja li Alla għamel magħna meta tana lil Ibnu l-Waħdieni; iżda ma niqfux hawn, imma nissoktaw nimmeditaw il-misteri tal-ħajja glorjuża tiegħu kollha kemm hi. Jew nibdew bl-orazzjoni fl-Ort u nibqgħu sejrin b'moħħna mal-Mulej sa fuq is-salib; jew nieħdu xi ġrajja tal-Passjoni, ngħidu aħna meta qabduh, u nibqgħu b'moħħna b'dan il-misteru billi nġibu quddiem għajnejna l-irqaqat kollha tal-ħwejjeġ li nistgħu naħsbu fihom u nħossu f'qalbna quddiem it-tradiment ta' Ġuda, il-ħarba tal-Appostli u l-bqija. Din hija orazzjoni tal-għaġeb u ta' mertu l-aktar kbir.

11. Din hija l-orazzjoni li dawk li Alla refa' għal ħwejjeġ sopranaturali u kontemplazzjoni perfetta għandhom raġun jgħidu li ma jistgħux jitħarrġu fiha, kif qiegħda ngħid. Bħalma semmejt, jien ma nafx għaliex, iżda fil-biċċa l-kbira tassew li ma jistgħux. B'danakollu, ma jagħmilx sewwa min jgħid li ma jistax joqgħod jaħseb fuq dawn il-misteri u li ma jġibhomx quddiem għajnejh ħafna drabi, l-aktar meta l-Knisja Kattolika tagħmel iċ-ċelebrazzjoni tagħhom. U ma jistax ikun li r-ruħ tinsa dak kollu li taha Alla f'dawn is-sinjali hekk għeżież ta' mħabba li huma xrar ħaj li jqabbduha dejjem aktar fl-imħabba tagħha għall-Mulej. Ir-ruħ ma tifhimx lilha nflsha, iżda tasal biex tifhem dawn il-misteri b'mod aktar perfett. Għax l-intellett iġibhom quddiemu b'mod hekk ħaj, u jkunu hekk minquxa fil-memorja, illi ħarsa biss lejn il-Mulej mixħut fl-art u mimli b'dak l-għaraq tal-biża' fl-Ort hija biżżejjed biex l-intellett jibqa' jaħseb fih mhux biss għal siegħa waħda, imma għal ħafna jiem. B'ħarsa sempliċi naraw min hu u kemm ma nafuhulux għal tbatija hekk kbira. U malajr tidħol ir-rieda, forsi mhux b'dik il-ħlewwa meħtieġa, iżda bix-xewqa li tħallas b'xi qadi xieraq grazzja hekk għolja u li tbati xi ħaġa għal dak li sofra daqshekk, kif ukoll bi ħwejjeġ oħra bħalhom skont ma jiġu fil-memorja u fl-intellett. Nemmen li huwa għalhekk li r-ruħ ma tkunx tista' tibqa' toqgħod tirraġuna fuq il-Passjoni; u dan iwassalha biex taħseb li ma tistax timmedita fuqha.

12. Min ma jistax jagħmel dan, xorta waħda huwa tajjeb li jfittex li jagħmlu, għax naf li lanqas l-ogħla orazzjoni ma tfixklu fih; ma naħsibx li huwa sewwa li wieħed ma jitħarriġx fih ħafna drabi. Jekk minn hawn 'il quddiem ikun il-Mulej li jwaqqaf il-ħidma tar-ruħ, tajjeb ħafna; għax ukoll jekk ma tkunx trid, Hu jagħmel li tħalli din il-meditazqoni. U jien żgura għall-aħħar li dan il-mod ta' mġiba mhux ta' xkiel, iżda ta' għajnuna kbira, f'dak kollu li huwa tajjeb. Ikun xkiel tassew li jitfagħha lura, jekk toqgħod tirraġuna ħafna bil-mod li semmejt qabel; għax nemmen bis-sħiħ li ma jistax jagħmel dan min wasal aktar fl-għoli. Forsi jkun hemm xi wħud li jistgħu, għax Alla jmexxi l-erwieħ minn ħafna triqat diversi. Iżda ħalli ma jkunux ikkundannati dawk li ma jistgħux jgħaddu minn din it-triq, u lanqas ma għandhom jiġu ġġudikati bla ħila li jithennew b'ġid hekk kbir li jinsab magħluq fil-misteri tal-ogħla ġid tagħna, Ġesù Kristu. Ebda bniedem, spiritwali kemm ikun spiritwali, mhu sejjer iġegħelni nemmen li min jimxi f'din it-triq ikun miexi tajjeb.

13. Hemm xi wħud li fil-bidu tal-ħajja ta' talb, jew ukoll meta jkunu mxew nofs triq, iżommu li hekk kif jaslu sal-orazzjoni tal-kwiet u jibdew jitgħaxxqu bl-hena u l-faraġ li jagħtihom il-Mulej, l-aktar ħaġa li tgħodd hija li jibqgħu dejjem f'din il-qagħda ta' għaxqa. Bil-maqlub, ħa jemmnuni, u ma jintilfux daqshekk f'dan l-hena, kif għedt band'oħra, għax il-ħajja hija twila u fiha ħafna tiġrib. Għalhekk, jeħtiġilna nħarsu lejn Kristu, ix-xempju perfett tagħna, waqt li naraw kif sofra dan it-tiġrib, kif ukoll lejn l-Appostli tiegħu u l-Qaddisin, ħalli aħna wkoll inġarrbuh bil-perfezzjoni meħtieġa. It-twajjeb Ġesù huwa kumpannija twajba wisq biex inħalluha fil-ġenb u nitilqu lilu u lill-Omm l-aktar imbierka tiegħu. Hu jibqa' hieni meta aħna nitnikktu għat-tbatijiet tiegħu, ukoll jekk xi drabi nwarrbu l-hena u l-faraġ tagħna — aktar u aktar, uliedi, meta l-faraġ fl-orazzjoni mhux hekk bla waqfien illi minħabba fih ma jibqax ħin għal kollox. Jiena nżomm taħt suspett lil min jgħidli li dan il-faraġ fl-orazzjoni huwa bla heda; irrid ngħid, hekk bla heda illi ma jistax jagħmel dak li għedt. Intom ukoll għandkom timxu b'dan il-mod u tfittxu li teħilsu minn dan il-qerq, u tagħmlu minn kollox biex ma tibqgħux

mitlufa għalkollox f'din il-qagħda. Jekk ma taslux bil-forzi kollha tagħkom, għidu b'dan lill-prijura ħalli tagħtikom xi biċċa xogħol li titlob attenzjoni hekk kbira min-naħa tagħkom illi teħliskom minn dan il-periklu. Għax jekk il-qagħda ta' telfien fl-hena ddum għal żmien twil, dan huwa ta' periklu kbir għallanqas għall-moħħ u għar-ras.

14. Naħseb li fissirt dak li huwa meħtieġ biex tifhmu li, tkunu spiritwali kemm tkunu, m'għandkomx taħarbu għalkollox mill-ħwejjeġ korporali hekk li taslu biex taħsbu li saħansitra l-Umanità l-aktar qaddisa ta' Kristu tista' tagħmlilkom xi ħsara. Xi wħud isemmu dak li l-Mulej qal lid-dixxipli tiegħu, meta qalilhom li kien jaqbel li Hu jitlaq *(Ġw 16,7)*. Jien ma niflaħx għal dan. Nażżarda ngħid li dan il-kliem ma qalux lill-Omm l-aktar imbierka tiegħu, għax hija kienet soda fil-fidi u kienet taf li kien Alla u bniedem. Għalkemm kienet tħobbu aktar minnhom, l-imħabba tagħha kienet hekk perfetta illi l-preżenza tiegħu fuq l-art kienet ta' għajnuna akbar għaliha. L-Appostli f'dak il-waqt kienu għadhom mhux sodi fil-fidi daqskemm imbagħad kienu wara, u kif għandna għax inkunu aħna llum. Ngħidilkom, uliedi, li nħares lejn din it-triq bħala mimlija perikli, u li fiha d-demonju jista' jasal biex itellifna d-devozzjoni lejn l-Umanità l-aktar qaddisa ta' Kristu.

15. Il-qerq li jidhirli li waqajt fih jiena wkoll ma wasalx sa hawn; kien jinsab biss filli ma kontx nithenna daqs qabel meta kont naħseb f Sidna Ġesù Kristu, u kont nibqa' f'dik il-qagħda ta' telflen nistenna l-faraġ tas-sema. Iżda malajr intbaħt b'mod ċar li kont miexja ħażin. Għax, ladarba ma stajtx nibqa' dejjem mitlufa fl-hena spiritwali, moħħi kien jixxerred 'l hawn u 'l hemm. Jidhirli li ruħi saret qisha għasfur idur ma' kullimkien bla ma jaf fejn se jistrieħ; kienet qiegħda titlef ħafna ħin bla ma timxi 'l quddiem fil-virtù u mingħajr ma titlob aħjar. Ma fhimtx ir-raġuni ta' dan, u naħseb li lanqas kont nasal biex nifhimha, għax deherli li kont miexja sewwa, sakemm fetaħli għajnejja wieħed qaddej ta' Alla li kont qiegħda nitħaddet miegħu fuq l-orazzjoni. Imbagħad rajt ċar ħafna kemm kont mort imqarrqa, hekk li qatt ma waqaft nibki dak iż-żmien kollu li fih inqast li nifhem li telf hekk kbir ma jista' qatt iġibli xi rebħ. Ukoll kieku seta' jgibli xi ħaġa tajba, jien ma rrid ebda ġid ieħor ħlief dak li jinkiseb permezz ta' Ġesù li minnu jiġina kull ġid. Ikun imfaħħar għal dejjem, ammen.

# *KAPITLU 8*

*Tfisser kif Alla jikkomunika lilu nnifsu lir-ruħ permezz tal-viżjonijiet intellettwali, u turi l-effetti li jħallu warajhom meta dawn il-viżjonijiet ikunu veri. Tgħid li dawn il-grazzji m'għandhomx jiġu mxandra.*

1. Sabiex taraw b'mod dejjem aktar ċar, ħuti, li dak li għedt huwa minnu, u tifhmu aħjar li aktar ma r-ruħ timxi 'l quddiem, aktar u aktar tkun fil-kumpannija ta' dan it-twajjeb Ġesù, tkun ħaġa tajba li naraw kif, meta l-Maestà Tiegħu jkun irid hekk, ma nkunu nistgħu nagħmlu xejn aktar ħlief li nkunu dejjem miegħu. Dan jidher ċar fil-modi u manjieri li bihom il-Maestà Tiegħu jikkomunika lilu nnifsu lilna u jurina l-imħabba li għandu għalina, permezz ta' xi dehriet u viżjonijiet tal-għaġeb. U biex ma titbeżżgħux jekk il-Mulej jagħtikom xi grazzja minn dawn, irrid ngħid xi ħaġa fil-qosor fuqhom — jekk Alla jogħġbu jagħtini l-ħila nagħmel dan. U jekk stess ma jagħtihomx lilna, iżda lil xi bnedmin oħra, xorta waħda għandna nfaħħruh minn qalbna meta naraw li jrid jikkomunika ma' ħlejqa tiegħu, Hu li huwa ta' maestà u setgħa hekk kbira.

2. Meta r-ruħ ma jkollha ebda ħsieb li tirċievi grazzja bħal din, hekk li qatt ma ħolmot li setgħet tkun tistħoqqilha, jiġri li tħoss li Ġesù Kristu qiegħed maġenbha, għalkemm la tarah bl-għajnejn tal-ġisem u lanqas b'dawk tar-ruħ. Din isejħulha viżjoni intellettwali, għalkemm ma nafx għaliex. Iltqajt ma' waħda li Alla għoġbu jagħtiha din il-grazzja, flimkien ma' grazzji oħra li għad irrid infisser. Rajt li għall-ewwel din kienet imħawda ħafna, għax ma setgħetx tifhem x'kien qiegħed jiġri, ladarba hi ma rat xejn. Iżda kienet taf b'mod l-aktar żgur li dak li wera lilu nnifsu lilha b'dak il-mod kien Sidna Ġesù Kristu, hekk li ma setgħetx tiddubita minn dan — irrid ngħid, li ma seta' jkollha ebda dubju li din kienet viżjoni tassew. B'danakollu baqgħet tibża' jekk kenitx ġejja minn Alla jew le, ukoll jekk l-effetti li ħalliet warajha kienu hekk kbar illi kienu juru li kienet viżjoni ġejja minn Alla. Għax din il-bniedma kienet għadha qatt ma semgħet b'viżjoni intellettwali jew forsi lanqas qatt ma ħasbet li jista' jkun hemm viżjoni ta' din ix-xorta. Iżda fehmet b'mod l-aktar ċar li kien dan il-Mulej li kien ikellimha sikwit bil-mod imsemmi. Għax sakemm taha din il-grazzja li qiegħda nsemmi, qatt ma għarfet min kien ikellimha, għalkemm kienet tifhem il-kliem li kien jgħidilha.

3. Naf li baqgħet imbeżżgħa ħafna b'din il-viżjoni (għax din mhix bħall-viżjonijiet immaġinarji li jgħaddu malajr, imma iddum għal xi jiem u xi drabi għal aktar minn sena) u marret għand il-konfessur imħassba għall-aħħar. Dan staqsiha kif setgħet taf li kien Sidna Ġesù, ladarba ma kienet rat xejn, u qalilha tgħidlu kif kienet id-dehra ta' wiċċu. Weġbitu li ma kenitx taf, li ma kienet rat ebda wiċċ, u ma setgħet iżżid tgħidlu xejn aktar minn dak li kienet qaltlu; imma kienet taf fiż-żgur li kien Hu li kellimha u li dan ma kienx stħajjil ta' moħħha. U għalkemm xi wħud bdew iwerwruha fuq hekk, b'danakollu ħafna drabi ma seta' jkollha ebda dubju, l-aktar meta l-Mulej qalilha: "La tibżax, Jiena hu" *(Mt 14,27)*. U dan il-kliem kellu qawwa hekk kbira illi f'dak il-ħin ma seta' jkollha ebda dubju, u baqgħet imsaħħa u hienja b'kumpannija hekk tajba. Għax rat b'mod ċar li kien ta' għajnuna kbira għaliha li tiftakar bla heda f'Alla kull fejn tmur, u li dejjem toqgħod b'għajnejha miftuħa biex ma tagħmel xejn li ma jkunx jogħġbu, għax kienet tħoss li Hu kien dejjem iħares lejha.

Kull darba li riedet titħaddet mal-Maestà Tiegħu fl-orazzjoni, jew ukoll f'ħinijiet oħra, kienet tħoss li Hu kien hekk qrib tagħha illi ma setax ma jismagħhiex, għalkemm Hu ma kienx ikellimha kull xħin kienet tixtieq hi, imma f'waqtiet mhux mistennija, meta kien ikun meħtieġ. Kienet tħossu qiegħed dejjem fuq il-lemin tagħha, iżda dan ma kenitx tħossu bis-sensi kif bihom soltu nħossu li hemm xi ħadd maġenbna, imma b'mod ħafna aktar għoli u fin, hekk li ma jistax jitfisser bil-kliem. B'danakollu, hija ħaġa żgura, l-istess bħal meta naraw kollox bis-sensi tagħna, hekk li fina tħalli l-istess ċertezza, jekk mhux aktar ukoll. Għax ħwejjeġ oħra nistgħu nistħajluhom aħna, iżda hawn żgur li ma jiġrix hekk, minħabba li din il-viżjonl ġġib magħha ġid hekk kbir, u effetti interjuri hekk sbieħ illi ma jistax ikun li jkunu ġew mill-melankonija. U lanqas id-demonju mhu sejjer iġibilna ġid hekk kbir, għax meta xi ħaġa tiġi minnu, ir-ruħ ma timxix f'paċi tal-qalb hekk kbira, u ma tibqax dejjem imxenqa biex togħġob lil Alla u mimlija tmaqdir hekk kbir għal kull ħaġa li ma twassalhiex għand Alla. Għalhekk, il-bniedma li qiegħda nsemmi malajr fehmet b'mod l-aktar ċar li din il-viżjoni ma kenitx ġejja mid-demonju, minħabba li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, kollox beda jidher f'dawl dejjem aktar ċar u qawwi.

4. B'danakollu, naf li xi drabi kienet tinħakem minn biża' kbir, u drabi oħra kienet tħossha mħawda għall-aħħar, għax ma kenitx taf minn fejn kien ġieha dan il-ġid liema bħalu. Hi u jien konna ħaġa waħda; ma kienet tiġri ebda ħaġa f'ruħha li jien ma kontx insir naf biha. Għalhekk

nista' nkunilha xhud tajjeb quddiemkom, u intom tistgħu temmnu li dak kollu li qiegħda ngħid fuqha huwa minnu tabilħaqq.

Tkun grazzja tal-Mulej meta ġġib magħha umiltà kbira u taħwid ta' din ix-xorta li qegħdin ngħidu. Għax jekk tkun ġejja mid-demonju, kollox ikun bil-maqlub. Ladarba din il-viżjoni tingħaraf sewwa bħala ħaġa mogħtija minn Alla, u l-ebda ħidma tal-bniedem mhi biżżejjed biex iġġib dak li tħoss ir-ruħ, min jirċeviha jifhem li mhix xi ġid li ġieb b'idejh hu, imma huwa ġid li ngħata lilu minn id Alla. U wkoll jekk xi grazzja minn dawk li semmejt qabel, fil-fehma tiegħi, hija ogħla, din iġġib magħha għarflen partikulari ta' Alla. Għax minn din il-kumpannija bla waqfien titnissel fir-ruħ imħabba l-aktar ħelwa lejn il-Maestà Tiegħu; u jitnisslu wkoll fiha xewqat aktar qawwija minn dawk li semmejt qabel, sabiex tingħata kollha kemm hi għall-qadi tiegħu, kif ukoll safa kbir tal-kuxjenza, għax il-preżenza li r-ruħ għandha dejjem maġenbha tagħmel li hi tagħti kas ta' kollox. Għax għalkemm diġà nafu li Alla jinsab f'kull ħaġa li nagħmlu, aħna hekk magħmula illi ninsew naħsbu f'dan. Iżda hawn ma jistax jintesa, għax huwa l-Mulej li bil-preżenza tiegħu maġenbha jqajjem lir-ruħ. U saħansitra l-grazzji li semmejt qabel isiru ħaġa aktar ta' kuljum, ladarba r-ruħ tkun kważi bla heda mfawra b'imħabba attwali ta' Dak li tara, jew aħjar taf, li qiegħed maġenbha.

5. Fi ftit kliem, mill-ġid kbir li tieħu r-ruħ jidher li din hija grazzja l-aktar għolja u ta' min jgħożżha bosta. Min jirċeviha għandu għax irodd ħajr lill-Mulej talli tah ġid bħal dan bla ma jistħoqqlu; żgur li qatt mhu sejjer jibdel din il-grazzja ma' xi teżor ieħor jew xi ħaġ'oħra ta' din l-art. U hekk, meta l-Mulej ikun jogħġbu jwaqqafha, il-bniedem iħossu waħdu għalkollox. Iżda, jagħmel x'jagħmel biex jerġa' jiksibha u jkollu dik il-kumpannija, ftit jiswielu. Għax il-Mulej jagħtiha xħin irid Hu, u ħadd ma jista' jiksibha bil-ħila tiegħu. Xi drabi tkun viżjoni ta' xi Qaddis ukoll; din ukoll hija ta' ġid kbir.

6. Forsi tistaqsu kif wieħed jista' jkun jaf li huwa Kristu, jew xi Qaddis jew l-Omm l-aktar glorjuża tiegħu, jekk kemm-il darba ma jara xejn b'għajnejh. Ir-ruħ nfisha ma tafx kif tfisser dan, u lanqas tifhem kif tafu; b'danakollu hija aktar milli żgura minnu. Tidher ħaġa eħfef li r-ruħ tagħraf lill-Mulej meta jkellimha, iżda hija ħaġa tal-għaġeb li tagħraf ukoll xi Qaddis li lanqas biss ikellimha, għalkemm ikun imqiegħed hemm mill-Mulej bħala għajnuna u kumpannija tar-ruħ. Hemm ukoll ħwejjeġ spiritwali oħra bħal dawn li aħna l-bnedmin ma nafux kif infissru, imma permezz tagħhom nagħarfu kemm hija żgħira l-ħila naturali tagħna meta niġu biex nifhmu xi ħaġa mill-għeġubijiet kbar ta' Alla, ladarba lanqas għandna ħila nifhmu dawn il-grazzji, għax dak kollu li nistgħu nagħmlu huwa li nibqgħu mistagħġba u nfaħħru 'l-Mulej li jogħġbu jagħtihomlna. Ir-ruħ għandha tiżżih ħajr b'mod partikulari għal dawn il-grazzji għax, ladarba ma jingħatawx lil kulħadd, iżżommhom bħala ħaġa kbira u tfittex li taqdi aktar u aħjar lil Alla li jgħinha b'ħafna modi biex tkun tista' tagħmel dan. Min hawn jiġi li ma żżommx lilha nfisha aħjar mill-erwieħ l-oħra minħabba dawn il-grazzji, imma jidhrilha li hi dik li l-inqas taqdi lil Alla fost kollha kemm huma l-bnedmin. Għax tħossha mdejna ma' Alla aktar minn kulħadd, hekk li l-iċken nuqqas tħossu jinfed sa fil-ġewwieni tagħha, u bir-raġun kollu.

7. Dawn l-effetti li semmejt li jibqgħu fir-ruħ wara l-viżjoni jistgħu jingħarfu minn kull waħda minnkom li l-Mulej jogħġbu jgħaddi minn din it-triq, ħalli tifhmu li dan mhux qerq jew stħajjil il-moħħ biss. Kif diġà għedt, ma nemminx li l-viżjoni tista' tkun xogħol id-demonju meta ddum ħafna u mbagħad tħalli ġid hekk kotran fir-ruħ u tfawwarha b'paċi ġewwenija hekk kbira. Mhux soltu li wieħed hekk ħażin jagħmel ġid hekk kbir; u lanqas jekk irid, ma jista' jimxi b'dan il-mod. Għax meta jidħol id-demonju, malajr jidhru s-sinjali tad-duħħan tal-kburija, hekk li r-ruħ tibda żżomm lilha nfisha aktar fl-għoli mill-oħrajn. Iżda meta r-ruħ tibqa' dejjem ħaġa waħda ma' Alla u bi ħsiebha dejjem merfugħ fih, id-demonju hekk jimtela bil-korla illi, ukoll kieku jittanta jagħmel dan darba, żgur li ma jażżardax jagħmlu ta' sikwit. Alla huwa hekk fidil *(1Kor 10,13)* illi mhux sejjer iħalli id hekk ħielsa lid-demonju f'dik ir-ruħ li ma trid xejn aktar ħlief li togħġob lill-Maestà Tiegħu u li tagħti ħajjitha għall-ġieħ u s-sebħ tiegħu; żgur li Alla jara li malajr jinkixef kull qerq.

8. Jien nemmen bis-sħiħ, u hekk nibqa' dejjem nemmen, li meta r-ruħ timxi b'dan il-mod li qegħdin insemmu u dawn il-grazzji ta' Alla jiġu mwaqqfa, il-Maestà Tiegħu jagħmel li jkollha aktar x'tirbaħ, għax jekk xi darba jħalli lid-demonju jaħbat għaliha, huwa dan il-ħajjen li joħroġ imħawwad. Għalhekk, uliedi, jekk xi waħda minnkom tkun f'din it-triq — kif għedt — la tibqgħux mistagħġba. Dejjem hija ħaġa tajba li jkun hemm xi ftit tal-biża', u huwa sewwa li nimxu b'għajnejna miftuħa aktar mis-soltu; għalhekk, qatt ma għandu jgħaddi minn moħħkom li, għax Alla għoġbu jagħtikom dawn il-grazzji, tistgħu tnaqqsu l-għassa fuqkom infuskom. Jekk

tagħmlu dan u ma tarawx fikom l-effetti li għadni kif semmejt, ikun sinjal ċar li dawn mhumiex grazzji ġejjin minn Alla.

Tagħmlu sewwa jekk fil-bidu tgħidu b'kollox fil-qrar lil xi konfessur għaref li jifhem f'dawn il-ħwejjeġ, għax huma dawn l-għorrief li jridu jdawluna. Jew tħaddtu fuq hekk ma' xi bniedem tassew spiritwali, jekk tkunu tafu b'xi ħadd, għax jekk ma jkunx wieħed tassew spiritwali, aħjar tfittxu lil xi ħadd għaref sewwa. U jekk tkunu tafu bit-tnejn, tkellmu sew ma' min huwa għaref u sew ma' min huwa spiritwali. Jekk dawn jgħidulkom li kollox huwa sthajjil ta' moħħkom, la titħawdu xejn, għax dak li tisthajlu intom f'dawn il-ħwejjeġ ftit li xejn jista' jagħmel ħsara jew ġid lil ruħkom. Iżda ntelqu għalkollox f'idejn il-Maestà divina ta' Alla u itolbuh li ma jħallikomx tiġu mqarrqa. Jekk min-naħa l-oħra jgħidulkom li kollox huwa ġej mid-demonju, it-tiġrib tagħkom ikun akbar, għalkemm min jifhem tassew f'dawn il-ħwejjeġ mhux se jgħidilkom dan meta jkun hemm l-effetti li semmejt. U jekk stess jgħidilkom dan, jien naf sewwa li l-Mulej innifsu, li jinsab magħkom, ifarraġkom u jiżgurakom Hu, waqt li jagħti wkoll id-dawl meħtieġ lill-konfessur biex dan ikun jista' jgħaddih lilkom.

9. Jekk dak li tmorru għandu, għalkemm ikun bniedem ta' talb, ma jkunx tmexxa mill-Mulej f'din it-triq, taraw li jimtela bil-biża' u jaqbad u jikkundanna kollox. Għalhekk, inwissikom li dejjem tfittxu lil xi ħadd li jkun għaref sewwa u, jekk jista' jkun, tassew spiritwali wkoll. Huwa meħtieġ li l-prijura dejjem tħallikom tagħmlu dan, għax ukoll jekk taħseb li ruħkom hija fiż-żgur minħabba li tara l-ħajja tajba li tkunu qegħdin tgħixu, xorta waħda huwa dmir tagħha li tħallikom titħaddtu ma' xi ħadd, sabiex timxu fiż-żgur it-tnejn li intom.

Iżda, meta tkunu lħaqtu tkellimtu ma' bnedmin ta' din ix-xorta, ibqgħu fil-kwiet, u la toqogħdux taraw kif issibu oħrajn biex titħaddtu magħhom fuq dawn il-ħwejjeġ. Għax xi drabi, meta r-ruħ ma jkollhiex għalfejn toqgħod tibża', id-demonju jnissel fiha biża' żejjed, hekk li ma jħallihiex bi kwieta jekk tkun tkellmet fuq dak li ġralha ma' wieħed biss. Dan jiġri l-aktar meta l-konfessur ikun ta' ftit esperjenza u r-ruħ stess tara li huwa beżżiegħi, għax ikun hu nnifsu li jgħidilha tmur tfittex bnedmin oħra u tiftaħ qalbha magħhom. U f'dan il-każ, dak li bir-raġun kollu kellu jibqa' mistur joħroġ fil-beraħ; u jibdew tbatijiet ġodda u persekuzzjonijiet minn barra, għax ir-ruħ tara li dak li mingħaliha baqa' moħbi minn għajnejn in-nies sar magħruf fil-pubbliku. Dan iġibilha tiġrib kbir, u jista' jġibu wkoll lill-Ordni tagħha, skont kif sejrin il-ħwejjeġ f'dawn iż-żminijiet. Mela hawn hija meħtieġa prudenza kbira; irrid nisħaq fuq il-ħtieġa ta' diskrezzjoni l-aktar min-naħa ta' kull prijura.

10. Il-prijura m'għandhiex taħseb li xi soru li jkollha minn dawn il-grazzji hija aħjar mis-sorijiet l-oħra; il-Mulej imexxi lil kull waħda kif jara li huwa meħtieġ. Iżda dawn il-grazzji jiswew biex iħejjuna tajjeb ħalli nkunu qaddejja veri ta' Alla, jekk nagħmlu dak li nistgħu min-naħa tagħna wkoll, għalkemm xi drabi l-Mulej imexxi f'din it-triq lil dawk li jkunu l-aktar dgħajfa. Mela, f'dawn il-ħwejjeġ la hemm x'tapprova u lanqas x'tikkundanna. Għandna nħarsu lejn il-virtù biex naraw min jaqdi lil Sidna bl-akbar safa tal-kuxjenza, umiltà u mortifikazzjoni, għax dik li tagħmel dan hija l-aktar waħda qaddisa. B'danakollu, hawn fuq l-art minn xejn ma nistgħu nkunu żguri għalkollox. Jeħtieġ nistennew sakemm l-Imħallef veru jagħti lil kulħadd dak li ħaqqu tabilħaqq. U għad nibqgħu mistagħġba meta naraw kif il-ġudizzju tiegħu ma jkun jaqbel xejn ma' dak li nistgħu nifhmu aħna fuq din l-art. Ikun imfaħħar għal dejjem, ammen.

# *KAPITLU 9*

*Tfisser kif il-Mulej jikkomunika mar-ruħ permezz tal-viżjonijiet immaġinarji, u twissi bil-qawwa biex ngħassu fuqna nfusna ħalli ma noqogħdux nixtiequ nimxu minn din it-triq. Tagħti r-raġunijiet għal din it-twissija. Dan huwa kapitlu ta' ġid kbir.*

1. Issa niġu għall-viżjonijiet immaġinarji, għax jgħidu li d-demonju aktar ta’ sikwit jidħol f’dawn milli f’dawk li diġà tkellimna fuqhom, u tassew li jidher li huwa hekk. Iżda meta jiġu mill-Mulej, b'xi mod jidhirli li jġibu magħhom ġid akbar, għax aktar jaqblu man-natura tagħna l-bnedmin, għalkemm dan ma jgħoddx għal dawk li l-Mulej jagħtina fl-aħħar għamara, għax ebda viżjoni oħra ma tista' toqgħod ħdejn dawn tal-aħħar.

2. Mela, ħalli naraw kif dan il-Mulej huwa hawn, skont ma għedt fil-kapitlu ta' qabel dan. Qisu għandna ħaġra prezzjuża magħluqa ġewwa relikwarju tad-deheb. Għalkemm din tiswa ħafna u għandha proprjetajiet kbar, aħna qatt ma rajnieha; b'danakollu nafu fiż-żgur li hija hemm u li l-proprjetajiet ta' din il-ħaġra ma jonqsux li jagħmlulna l-ġid jekk kemm-il darba nġorruha magħna. Billi qatt ma rajnieha, ma jfissirx li sejrin innaqqsulha s-siwi tagħha, għax rajna bl-esperjenza li ġejna mfejqa minn xi mard li għandha l-proprjetà li tfejjaq. B'danakollu, ma nażżardawx inħarsu lejha jew nifthu r-relikwarju li qiegħda fih; u lanqas nistgħu nagħmlu dan, għax sidha biss jaf kif jiftħu. Għalkemm silifna l-ħaġra prezzjuża biex nieħdu l-ġid minnha, b'danakollu żamm għandu ċ-ċavetta tar-relikwarju. Meta jkun irid iħallina naraw il-ħaġra prezzjuża li hemm fih, jiftħu xħin jogħġbu, għax huwa s-sid tiegħu, u jieħu wkoll kollox lura meta jidhirlu hu, kif soltu jagħmel.

3. Mela, ħa ngħidu li xi drabi jkun irid jaqbad u jiftaħ f’daqqa waħda dan ir-relikwarju għax ikun irid jagħmel il-ġid lil min silfu. Hija ħaġa ċara li mbagħad dan tal-aħħar jibqa' aktar hieni kull meta jiftakar kemm tleqq u tlellex il-ħaġra li hemm fih, hekk li din tibqa' mnaqqxa b'mod aktar sħiħ fil-memorja tiegħu. U dan huwa li jiġri hawn. Meta l-Mulej irid jagħti xi ħaġa aktar lir-ruħ, juriha b'mod ċar l-Umanità l-aktar qaddisa tiegħu skont ma jkun jogħġbu: jew kif kien jimxi f’din id-dinja jew kif inhu llum wara li qam mill-mewt. Ukoll jekk jagħmel dan b'ħeffa kbira illi nistgħu nqabbluh ma' leħħa ta' berqa, din ix-xbieha l-aktar glorjuża tibqa' hekk imnaqqxa fl-immaġinazzjoni, illi nemmen li ma jistax ikun li tiġi mħassra sakemm ir-ruħ taraha hemm fejn tista' tithenna biha għal dejjem.

4. Għalkemm qiegħda ngħid "xbieha", m’għandniex naħsbu li hija xi pittura fil-moħħ ta' min jaraha, iżda hija ħaġa ħajja tassew, li xi drabi tkellem lir-ruħ u tikxfilha beraħ ħwejjeġ l-aktar mistura. Imma għandkom tifhmu li, għalkemm ir-ruħ tara dan għal xi ħin, tkun tista' twaħħal ħarsitha fil-viżjoni mhux aktar milli tista' tħares fiss lejn ix-xemx. Għalhekk il-viżjoni dejjem tgħaddi malajr ħafna, għalkemm mhux minħabba li tweġġa' lill-għajn ġewwenija bħalma d-dawl jgħammex tax-xemx iweġġa' l-għajnejn tal-ġisem. Għax hija l-għajn ġewwenija li tara dan kollu — jien ma nista' ngħid xejn fuq il-viżjonijiet li wieħed jara b'għajnejh, għax dik li semmejt li nista' nitkellem fuqha b'mod hekk partikulari qatt ma kellha viżjoni minn dawn, u ħadd ma jista' jkun żgur minn dak li ma ġarrabx l-esperjenza tiegħu. Id-dawl ilellex ta' din il-viżjoni huwa bħal dawl infuż li jixbah lil dak tax-xemx mgħotti biss b'xi ħaġa trasparenti daqs djamant, jekk dan jista' jinqata' b'mod hekk fin; u din il-libsa tidher maħduma mill-għażel fin tal-Olanda. Kważi kull darba li l-Mulej jagħtiha din il-grazzja, ir-ruħ tintilef f’rapiment, għax ma tkunx tiflaħ għal dehra hekk ogħla minnha u tassew tal-biża'.

5. Qiegħda ngħid "tal-biża'" għax, għalkemm din id-dehra hija tal-akbar għaxqa u l-isbaħ li nistgħu naħsbu fiha wkoll kieku kellna ngħixu elf sena u nibqgħu nitħabtu biex inġibuha f’moħħna, minħabba li hija ogħla minn dak kollu li nistgħu nimmaġinaw jew naslu biex nifhmu, din il-preżenza għandha maestà hekk kbira u għolja illi ġġib magħha biża' kbir fir-ruħ. Barra minn hekk, hawn mhux meħtieġ li nsaqsu kif ir-ruħ, bla ħadd ma qalilha, tista' tgħid min huwa, għax Hu juri lilu nnifsu b'mod l-aktar ċar bħala s-Sid tas-sema u l-art. Is-slaten ta' din l-art qatt ma jistgħu jagħmlu dan, għax kieku ma jxandruhomx dawk li jkunu magħhom u ma jgħidux min huma, minnhom infushom ftit hemm x'jidher biex jinżammu fl-għoli.

6. O, Mulej, kemm ma nafukx sewwa aħna l-Insara! X'għad jiġri f’dak il-jum li fih tiġi biex tiġġudikana jekk meta tiġi hawn biex tiltaqa' ma' għarustek bi ħbiberija hekk kbira, hi timtela bil-biża' hekk kif tħares lejk? O, uliedi, x'għad jiġri jekk ikollu jgħidilna b'leħen iebes: “Morru minn quddiemi, misħutin minn Missieri?” *(Mt 25,41).*

7. Ħalli nżommu dan f'moħħna meta niftakru f'din il-grazzja li Alla jagħti lir-ruħ; insibu li ma jkunx żgħir il-ġid li niksbu. Saħansitra San Ġirolmu, għalkemm kien qaddis, ma neħħieh qatt minn quddiem għajnejh. Jekk nagħmlu dan, ma nqisu xejn dak li nsofru hawn fil-ħarsien sħiħ tal-osservanza tal-ħajja reliġjuża tagħna, għax ukoll jekk dawn it-tbatijiet idumu ħafna, dan iż-żmien mhux ħlief waqt wieħed ħdejn l-eternità. Ngħidilkom fis-sewwa kollu li, bil-ħażen kollu tiegħi, jien qatt ma kelli biża' mit-tbatijiet tal-infern, għax dawn mhuma xejn ħdejn il-ħsieb tal-korla li l-ħżiena għad jaraw f'għajnejn il-Mulej, dawk l-għajnejn hekk sbieħ, hekk ġwejda, hekk mimlija ħniena. Jidhirli li qalbi ma tkunx tiflaħ għal dan; u dejjem hekk ħassejt f'ħajti kollha. Kemm aktar għandu għax jibża' minn din id-dehra min il-Mulej għoġbu jidher quddiemu b'dan il-mod, hekk li b'dak li għarrfu ħallieh bla għarfien ta' xejn! Żgur li din hija r-raġuni għaliex ir-ruħ tibqa' sospiża; għax il-Mulej jgħin id-dgħufija tagħha billi jgħaqqadha mal-kobor tiegħu f'din il-komunikazzjoni hekk għolja ma' Alla.

8. Meta r-ruħ tkun tista' ddum ħafna tħares fiss lejn dan il-Mulej, ma nemminx li tkun viżjoni, imma aktar meditazzjoni profonda li ssawwar xi xbieha fl-immaġinazzjoni; imqabbla mal-viżjoni vera, din mhix ħlief ħaġa mejta.

9. Hemm imbagħad dak li jiġri lil xi wħud, u jien naf li dan huwa minnu, għax ma kinux tlieta jew erba' biss li tħaddtu miegħi fuq hekk, iżda ħafna. Dawn għandhom immaġinazzjoni hekk dgħajfa u intellett hekk ħafif biex jibda jaħdem – jew għax hemm xi ħaġ'oħra li ma nafx x'inhi – illi jintilfu għalkollox fil-fantasija hekk li jaħsbu li jistgħu jaraw tassew kull ħaġa li tiġi f'moħħhom. B'danakollu, kieku kellhom jaraw viżjoni vera, bl-ebda dubju kienu jintebħu malajr bl-iżball tagħhom. Għax huma jsawru bil-mod il-mod dak li jaraw fil-fantasija tagħhom, iżda dan ma jġib ebda effett fihom, hekk li jibqgħu berdin – wisq aktar milli meta jaraw xi xbieha devota. Jidher ċar li m'għandha tingħata ebda attenzjoni lil din il-ħaġa li bħala frott l-immaġinazzjoni tintesa aktar malajr mill-ħolm.

10. Fil-viżjoni li qegħdin nitkellmu minnha, ma jiġrix dan; iżda, waqt li r-ruħ tkun 'il bogħod ħafna mill-ħsieb li tara xi ħaġa jew milli dan jgħaddi biss minn moħħha, f'daqqa waħda tidher quddiemha l-viżjoni għal għarrieda, u l-fakultajiet u s-sensi kollha jitħawdu b'taqliba u biża' kbir sabiex imbagħad jitqiegħdu f'dik il-paċi kollha għaxqa. Hekk kif kien hemm tempesta u taqlib mis-sema meta San Pawl ġie mixħut fl-art *(Atti 9,3-4)*, hawn ukoll f'din id-dinja interjuri jkun hemm taqlib sħiħ; imbagħad f'waqt minnhom – kif għedt – kollox jistrieħ fil-kwiet, u r-ruħ tkun mgħallma hekk tajjeb f'ħafna veritajiet kbar illi ma tkun teħtieġ ebda mgħallem ieħor. Għax mingħajr ebda taħbit tagħha, l-Għerf veru fetħilha moħħha, hekk li jagħmel li għal xi żmien ir-ruħ tibqa' fiż-żgur għalkollox li din il-grazzja ġejja minn Alla. U jgħidulha x'jgħidulha l-oħrajn, ma jistgħux inisslu fiha l-biża' li ġiet imqarrqa. Wara, jekk il-konfessur inissel fiha dan il-biża', Alla jħalliha tħossha bejn ħaltejn billi tibda taħseb li jista' jkun li ġiet imqarrqa minħabba dnubietha. Iżda dan ma temmnux; kif għedt fuq ħwejjeġ oħra, bħal meta jkun hemm xi tentazzjoni fil-ħwejjeġ tal-fidi, id-demonju jista' jħawwad ir-ruħ, imma ma jistax ma jħallihiex soda fit-twemmin tagħha. U aktar ma dan il-ħajjen jissielet mar-ruħ, aktar din issir soda u żgura, għax tifhem li d-demonju qatt ma jista' jimlieha b'dan il-ġid kollu. Dan huwa tassew minnu, għax id-demonju ftit li xejn għandu setgħa fuq il-ġewwieni tar-ruħ; jista' jilgħabha li qiegħed juri xi ħaġa, iżda qatt ma jista' jagħmel dan bl-istess verità u maestà li jidhru fl-għemil tajjeb, u fl-effetti sbieħ tal-ħwejjeġ ta' Alla.

11. Ladarba l-konfessuri ma jistgħux jaraw xi jkun ġara, u forsi lanqas dawk li Alla jkun tahom din il-grazzja ma jkunu jistgħu jfissru ruħhom sewwa, il-konfessuri għandhom raġun li jibżgħu quddiem dawn il-ħwejjeġ. Għalhekk, huwa meħtieġ li nimxu bi prudenza kbira, biex nistennew iż-żmien li fih jidher il-frott ta' dawn id-dehriet, u bil-mod il-mod naraw l-umiltà u l-qawwa fil-virtù li jkunu ħallew fir-ruħ. Għax jekk ikunu ġejjin mid-demonju, dan malajr jagħti xi sinjal u jinqabad f'elf xorta ta' qerq. Jekk il-konfessur ikollu xi ftit tal-esperjenza u jkun għadda minn dawn il-ħwejjeġ, ftit żmien biss jeħtieġ biex jifhem kollox; minn dak li jgħidulu, malajr jintebaħ jekk hix grazzja ta' Alla, jew xogħol id-demonju jew frott l-immaġinazzjoni — l-aktar jekk il-Maestà Tiegħu jkun tah id-don li jagħraf l-ispirti sewwa. Jekk ikollu dan id-don flimkien ma' tagħlim tajjeb, ukoll jekk ikun bla esperjenza f'dawn il-ħwejjeġ, jagħraf il-viżjoni vera mill-ewwel.

12. Fuq kollox, ħuti, jeħtieġ li tmorru għand il-konfessur tagħkom u fis-sewwa kollu tiftħu qalbkom beraħ miegħu. Miniex qiegħda ngħidilkom biex tagħmlu dan meta tqerru dnubietkom, għax din hija ħaġa ċara ħafna, iżda biex tfissru sewwa l-orazzjoni tagħkom ukoll. Jekk ma tgħidux b'kollox lill-konfessur, ma niżgurakomx li tkunu mexjin tajjeb, u lanqas li huwa Alla li qiegħed jgħallimkom. Alla jrid minn qalbu li ma' dak li jidher minfloku nitħaddtu bil-verità

kollha u b'mod l-aktar miftuħ bħallikieku qegħdin nitkellmu miegħu stess, hekk li nfittxu li jifhem il-ħsibijiet kollha tagħna u, aktar u aktar, l-azzjonijiet tagħna, żgħar kemm ikunu żgħar. Jekk tagħmlu dan, m'għandkomx għalfejn tibqgħu mħawda u mfixkla. Għax ukoll jekk id-dehra ma tkunx ġejja minn Alla, meta intom umli u għandkom kuxjenza tajba, ma tagħmlilkomx ħsara. Il-Maestà Tiegħu jaf kif joħroġ it-tajjeb mill-ħażin, u jagħmel li toħorġu b'rebħa sħiħa permezz ta' dik it-triq li fiha d-demonju ried iwassalkom għat-telfien. Għax meta tibdew taħsbu li Alla takom grazzji hekk għolja, tisfurzaw lilkom infuskom biex tagħmluh aktar hieni u żżommu dejjem aktar ħajja fikom ix-xbieha tal-Mulej. Bħalma qal wieħed għaref sewwa, id-demonju huwa pittur tajjeb, hekk li, kieku kellu jurih xbieha l-aktar ħajja tal-Mulej, hu ma kien jitnikket xejn, imma bis-saħħa tagħha kien iqajjem fih devozzjoni qawwija u jagħmel gwerra lid-demonju bl-istess arma misħuta tiegħu. Ħażin kemm ikun ħażin il-pittur, ħadd mhu sejjer jonqos mill-qima lix-xbieha li jpitter, jekk din tkun turi l-Ġid kollu tagħna.

13. Dan il-bniedem għaref ma kien jogħġbu xejn il-parir li jagħtu xi wħud li wieħed jagħmel il-qrun meta jara xi viżjoni, għax kien jisħaq li kull meta naraw xi pittura tas-Sultan tagħna, għandna nqimuha. U jien nara li għandu raġun, għax ukoll hawn fid-dinja kulħadd iħossha ħafna ħaġa bħal din. Jekk ikun hemm min isir jaf li xi ħadd li jħobb wera tmaqdir ta' din ix-xorta quddiem ir-ritratt tiegħu, żgur li ma jiħux gost b'dan. Mela kemm għandna aktar għax nuru dejjem qima kbira lejn xi kurċifiss jew xi xbieha oħra tal-Imperatur tagħna?

Għalkemm ktibt band'oħra fuq dan, qiegħda nerġa' ngħidu hawn bl-akbar ferħ, għax naf waħda li tnikktet bosta meta ordnawlha tuża dan ir-rimedju. Ma nafx min kien ġieh f'moħħu rimedju bħal dan, li jidher li jiswa biss biex jifni lir-ruħ li ma tkunx tista' ma tobdix, l-aktar jekk dan il-parir ikun tahulha l-konfessur; għax hi taħseb li tkun se tintilef jekk ma tobdihx. Il-parir tiegħi huwa li, ukoll jekk il-konfessur tagħkom jgħidilkom tagħmlu dan, għandkom tagħtuh din ir-raġuni li semmejt u ma toqogħdux għal dak li jgħidilkom. Jien ħassejt li jaqblu ħafna mal-verità r-raġunijiet li ġabli dak li tkellimt miegħu fuq dan il-każ.

14. Ġid l-aktar kbir li r-ruħ tieħu minn din il-grazzja huwa li, meta taħseb fi Kristu jew fuq ħajtu u l-Passjoni tiegħu, tiftakar fil-wiċċ sabiħ u l-aktar ġwejjed tiegħu. Dan huwa faraġ l-aktar kbir għar-ruħ, hekk kif hawn fuq l-art aktar nifirħu meta naraw lil xi ħadd li għamlilna ħafna ġid milli meta niltaqgħu ma' xi ħadd li lanqas biss nafu min hu. Ngħidilkom li din it-tifkira hekk mimlija ħlewwa ġġib magħha faraġ u ġid l-aktar kotran.

Ta' kull xorta huwa l-ġid li jġibu magħhom dawn il-viżjonijiet, iżda minħabba li diġà għedt ħafna fuq l-effetti sbieħ tagħhom, u għad irrid ngħid aktar fuqhom 'il quddiem, la rrid ngħejja lili nnifsi u lanqas lilkom. Iżda rrid nwissikom bil-qawwa kollha biex, meta tisimgħu jew issiru tafu li Alla jagħti dawn il-grazzji lill-erwieħ, qatt ma titolbuh jagħtikom minnhom jew tkunu tixtiequ li jmexxikom minn din it-triq.

15. Għalkemm jidhrilkom li din hija triq tajba ħafna u li għandha tinżamm fl-għoli u tkun meqjuma, b'danakollu tista' ma tkunx taqbel għalikom għal ħafna raġunijiet.

L-ewwel, għax huwa nuqqas ta' umiltà li titlob li jingħatalek dak li qatt ma kien jistħoqqlok; għalhekk, nemmen li kull min jixtieq dan mhux umli biżżejjed. Raħħal mhux nobbli lanqas joħlom li jixtieq li jkun sultan, għax jidhirlu li dan ma jistax ikun minħabba li ma jistħoqqlux; hekk ukoll iħoss min hu umli quddiem ħwejjeġ bħal dawn li qegħdin nitkellmu fuqhom. U nemmen bis-sħiħ li qatt ma jingħataw lil dawk li jixtiquhom, għax qabel ma l-Mulej isawwab dawn il-grazzji f'xi ruħ, Hu jagħtiha għarfien kbir tagħha nfisha. Għax min ikollu dawn ix-xewqat, kif jista' jifhem fis-sewwa kollu li Alla qiegħed jagħtih grazzja kbira ħafna meta ma jitfgħux fl-infern? — It-tieni, għax hija ħaġa aktar milli żgura li bniedem bħal dan ikun imqarraq sewwa jew jinsab f'periklu kbir, minħabba li d-demonju ma jeħtieġ xejn aktar milli jara miftuħ quddiemu daqsxejn ta' bieb biex iqiegħed elf nasba. — It-tielet, għax l-istess immaġinazzjoni, meta wieħed jixtieq xi ħaġa, tagħmel li dan jaħseb li jkun qiegħed jara u jisma' dak li jixtieq, hekk kif dawk li matul il-jum idaħħlu f'moħħhom li jiksbu xi ħaġa, jiġrilhom li joħolmu biha fl-irqad. — Ir-raba', għax inkun ardita żżejjed jekk nażżarda nagħżel triqti bla ma naf liema hija dik li jaqbilli l-aktar nieħu. Għandi nħalli dan f'idejn il-Mulej li jafni sewwa, għax Hu żgur li jmexxini mill-aħjar triq għalija, u bis-saħħa ta' hekk tkun magħmula f'kollox ir-rieda tiegħu. — Il-ħames, taħsbu intom li huwa żgħir it-tiġrib li jsofru dawk li l-Mulej jagħtihom dawn il-grazzji? Le, huwa tassew kbir u ta' kull xorta. Fejn tafu tkunux tifilħu għalih? — Is-sitta, għax f'dik il-ħaġa stess li taħsbu li tistgħu ssibu xi rebħ, aktar titilfu, kif ġralu Sawl meta laħaq sultan *(Mt 20,20-22; 1Sl 15,10-11)*.

16. Minbarra dawn ir-raġunijiet, ħuti, hemm oħrajn ukoll. Mela emmnuni li l-aktar triq żgura hija li tkunu tridu biss dak li jrid Alla. Hu jafna aktar milli aħna nafu lilna nfusna, u żgur

li jħobbna. Ħa nintelqu f'idejh biex tkun magħmula fina r-rieda tiegħu; qatt ma nistgħu niżbaljaw jekk b'fehma soda dejjem inġibu ruħna b'dan il-mod. U ħa żżommu dejjem quddiem għajnejkom li ma tkunux tistħoqqu xi glorja akbar għax tingħataw ħafna grazzji minn dawn; bil-maqlub, minħabba li jkun ingħatalkom iżjed, ikollkom dmir akbar li taqdu 'l-Mulej. Hu ma jeħdilniex dak li bih nistgħu nimmeritaw aktar, għax dan iħallih f'idejna. U għalhekk, hemm ħafna bnedmin qaddisa li qatt ma kienu jafu xi jfisser li tirċievi grazzja ta' din ix-xorta; u hemm oħrajn li, għalkemm il-Mulej tahom minn dawn il-grazzji, mhumiex qaddisin. U la taħsbux li dawn il-grazzji jingħataw bla heda; għal kull darba li l-Mulej jogħġbu jagħtihom, ikun hemm tiġrib kbir. Għalhekk, ir-ruħ ma toqgħodx taħseb jekk tkunx sejra tirċievi aktar, imma kif sejra taqdi aħjar lil Alla għal dak li taha.

17. Huwa minnu li dawn il-grazzji jiswew bħala għajnuna tassew kbira biex wieħed jikseb il-virtù f'perfezzjoni l-aktar għolja, iżda min jasal biex ikollu l-virtù bix-xogħol u l-ħidma tiegħu, jimmerita ħafna aktar. Naf waħda li l-Mulej għoġbu jagħtiha xi wħud minn dawn il-grazzji — jew aħjar, naf tnejn, wieħed minnhom huwa raġel. Dawn it-tnejn kienu jixtiequ minn qalbhom li jaqdu 'l-Mulej bi spejjeż tagħhom infushom, mingħajr ma jkollhom dawn il-grazzji kbar; u kienu hekk jixxenqu għat-tbatijiet illi kienu jilmentaw mal-Mulej għall-grazzji li kien isawwab fuqhom, hekk li, kieku setgħu ma jirċevuhomx, kienu jaraw kif jibqgħu mingħajrhom. Miniex qiegħda ngħid għal dawn id-doni li fl-aħħar mill-aħħar iġibulna ġid kbir u għandna nżommuhom fl-għoli, imma qiegħda nifhem dawk il-grazzji li l-Mulej jagħti fil-kontemplazzjoni.

18. Huwa minnu wkoll li dawn ix-xewqat kbar, fil-fehma tiegħi, huma sopranaturali u juru li huma frott l-imħabba tal-ġenn ta' dawk l-erwieħ li jixtiequ juru lill-Mulej li mhux qegħdin jaqduh għall-ħlas. Għalhekk, kif għedt, dawn qatt ma jfittxu li jisforzaw lilhom infushom biex jaqdu aktar lill-Mulej minħabba xi glorja li jistgħu jiksbu bħala ħlas ta' dak li jagħmlu, iżda biss biex jissodisfaw l-imħabba, għax huwa fin-natura tal-imħabba li taħdem dejjem u b'elf mod. Ir-ruħ li tħobb, jekk tista' tfittex kull mod kif ittemm lilha nfisha bl-imħabba. U jekk ikun meħtieġ li tkun imxejna għal dejjem biex tagħti ġieħ akbar lil Alla, hija lesta li tagħmel dan minn qalbha. Ħa jkun imfaħħar għal dejjem Dak li jogħġbu juri l-kobor tiegħu billi jitbaxxa ħalli jikkomunika ma' ħlejjaq hekk dgħajfa, ammen.

# KAPITLU 10

*Titkellem fuq grazzji oħra li Alla jagħti lir-ruħ b'mod divers minn dawk li għadha kif semmiet; turi l-ġid kbir li jiġi minnhom.*

1. F'dawn id-dehriet il-Mulej jikkomunika lilu nnifsu lir-ruħ b'ħafna modi: xi drabi, meta r-ruħ tkun imnikkta; drabi oħra, meta jkun ġej fuqha xi tiġrib kbir; u drabi oħra, meta l-Maestà Tiegħu jkun irid jitgħaxxaq bir-ruħ u jimlieha bl-hena. M'hemmx għalfejn noqgħod ngħid ħafna rqaqat fuq kull ħaġa, għax m'għandi ebda ħsieb ieħor ħlief li nfisser, safejn nifhem jien, il-grazzji diversi li jinsabu f'din it-triq, biex intom, ħuti, tkunu tistgħu tifhmu xi jkunu u liema effetti jħallu warajhom. Qiegħda nagħmel dan biex ma mmorrux nistħajlu li kull immaġinazzjoni tagħna hija viżjoni, u biex meta jkun hemm viżjoni vera, tifhmu li din tista' sseħħ tassew u ma tibqgħux imħawda u mnikkta. Għax huwa rebħ kbir għad-demonju li jara l-erwieħ imnikkta u bla kwiet. Jithenna ħafna b'dan, għax jaf li dan ixekkel lir-ruħ u ma jħallihiex tingħata kollha kemm hi għall-imħabba u t-tifħir ta' Alla.

Il-Maestà Tiegħu jikkomunika lilu nnifsu b'modi oħra, li huma ogħla u jġibu periklu inqas, għax nemmen li d-demonju ma jkunx jista' jidħak bina fihom. Iżda, minħabba li dawn huma ħwejjeġ l-aktar mistura, hija ħaġa iebsa li tfissirhom, waqt li l-viżjonijiet immaġinarji huma eħfef biex jiġu mfissra.

2. Jiġri li, meta l-Mulej ikun jogħġbu, waqt li r-ruħ tkun mitlufa fit-talb imma f'sensiha għalkollox, f'daqqa waħda tieqaf mill-ħidma tagħha u l-Mulej jagħtiha li tifhem ħwejjeġ l-aktar moħbija li hi qisha tarahom f'Alla nnifsu. Dawn mhumiex viżjonijiet tal-Umanità l-aktar qaddisa ta' Kristu. U għalkemm qiegħda ngħid li r-ruħ tara, fil-fatt ma tara xejn, għax din mhix viżjoni immaġinarja, iżda waħda intellettwali għall-aħħar, li fiha jiġi mgħarraf lir-ruħ kif il-ħwejjeġ kollha jidhru f'Alla għax Hu jżomm kollox fih. Din il-grazzja ġġib ġid kbir ħafna għax, għalkemm ma ddumx aktar minn waqt wieħed, tibqa' minquxa sewwa fir-ruħ. Għalhekk tħawwadha bosta, għax ir-ruħ tara b'mod l-aktar ċar il-ħażen kbir tagħna meta noffendu lil Alla, ladarba huwa f'Alla nnifsu — irrid ngħid, waqt li ninsabu fih — li aħna nagħmlu ħwejjeġ l-aktar ħżiena. Irrid inġib tixbiha, jekk insib waħda tajba biex infissrilkom dan. Għax, għalkemm dan li għedt huwa kollu minnu u nisimgħuh ta' sikwit, jew ma nagħtu ebda kas ta' din il-verità jew ma rridux nifhmuha; kieku kellna nifhmu sewwa din il-verità, ma naħsibx li nistgħu naslu biex inkunu arditi daqshekk.

3. Ħa nistħajlu li Alla huwa xi post jew palazz kbir ħafna u sabiħ, u li dan il-palazz, kif qiegħda ngħid, huwa Alla nnifsu. Jista' l-midneb joħroġ minnu biex iwettaq il-ħwejjeġ ħżiena tiegħu? Le, żgur li le; iżda fil-palazz stess, jiġifieri f'Alla nnifsu, iseħħu l-ħwejjeġ ta' min jistmerrhom, l-azzjonijiet mhux xierqa, u d-dnubiet l-oħra li naqgħu fihom. O, din hija ħaġa li twerwrek u ta' min jaħseb fuqha sewwa! Kemm għandha tiswielna ta' ġid, lilna, li nafu hekk ftit illi ma naslux biex nifhmu sewwa dawn il-veritajiet! Kieku naslu biex nifhmuhom, żgur li ma jistax jkun li jkollna dan l-ardir ta' bluha hekk kbira. Ħa naħsbu, ħuti, fil-ħniena u s-sabar ta' Alla li ma jaqbadx u jeqridna f'dak il-waqt u hemm fejn inkunu ninsabu; ħa nroddulu ħajr minn qalbna, u nimtlew bil-mistħija meta nitnikktu għal xi ħaġa li jagħmlulna jew jgħidu kontrina. L-akbar ħażen tad-dinja huwa li Alla, Ħallieq tagħna, jistabar bi ħwejjeġ hekk ħżiena li l-ħlejjaq tiegħu jagħmlu fih innifsu, waqt li aħna xi drabi nitnikktu għal kelma waħda li lanqas biss tingħad quddiemna u forsi bla ebda fehma ħażina.

4. O miżerja kbira tal-bniedem! Meta, uliedi, sejrin nimitaw f'xi ħaġa lil dan Alla kbir tagħna? O, ħalli ma naħsbux li qegħdin nagħmlu xi ħaġa meta noqogħdu għal xi offiża li jagħmlulna! Kemm għandna nistabru b'kollox u nkunu hienja li nagħmlu dan! Kemm jeħtieġ li nħobbu lil min jagħmlilna l-ħsara, ladarba dan Alla hekk kbir ma jiqafx iħobbna għalkemm offendejnieh bil-kbir! Għalhekk, il-Mulej tassew li għandu raġun meta jridna li lkoll kemm aħna naħfru lil min hu ħati għalina *(Mt 6,12; Lq 6,37)*.

Ngħidilkom, uliedi, li wkoll jekk din il-viżjoni tgħaddi malajr, hija grazzja kbira li l-Mulej isawwab fuq dawk li jagħtiha, jekk kemm-il darba huma jfittxu li jieħdu l-ġid minnha billi jżommuha dejjem quddiem għajnejhom.

5. Jista' jiġri wkoll li f'daqqa waħda, u b'mod li ma jistax jitfisser, Alla juri fih innifsu xi verità li qisha tħalli mhux ċari l-veritajiet kollha li jinsabu fil-ħlejjaq, hekk li r-ruħ jingħatalha li tifhem b'mod l-aktar ċar li Alla biss huwa l-Verità li ma tista' tqarraq b'ħadd u f'xejn. Bis-saħħa ta' hekk, tassew jiftiehem tajjeb dak li jgħid David fis-salm, li kull bniedem huwa gidba *(S 115,11)*. Għax, għalkemm nisimgħu dan il-vers ta' sikwit, qatt ma jiġi mifhum sewwa daqs f'din il-viżjoni. Alla huwa l-Verità li qatt ma tiġi nieqsa. Niftakar f'Pilatu li għamel ħafna mistoqsijiet lill-Mulej u

fil-Passjoni staqsieh: "Il-verità x'inhi?" *(Ġw 18,38)* u nara kemm hawn fuq l-art tassew ftit nifhmu dwar din il-Verità l-aktar għolja.

6. Nixtieq li nkun nista' nfisser din il-ħaġa aħjar, iżda ma nafx ngħid aktar minn hekk. Ħa nitgħallmu minn dan li għedt, ħuti, li biex ngħixu skont ma jrid dan l-Għarus u Alla tagħna għallanqas f'xi ħaġa, ikun tajjeb li dejjem nistudjaw sewwa kif nimxu f'din il-verità. Miniex qiegħda ngħid biss li m'għandniex nigdbu, għax f'din il-ħaġa — ħa jkun imsebbaħ Alla — nara li fid-Djar tagħna tagħtu kas sewwa biex ma tgħidu ebda gidba. Irrid ngħid li għandna nimxu fil-verità quddiem Alla *(Ġw 14,6)* u quddiem il-bnedmin b'kull mod li nistgħu. Fuq kollox, qatt ma għandu jkollna xi xewqa li l-oħrajn iżommuna aħjar milli aħna. Fl-għemil kollu tagħna għandna nagħtu lil Alla dak li huwa tiegħu u lilna nfusna dak li huwa tagħna, biex f'kollox nimxu dejjem fil-verità. Jekk inġibu ruħna b'dan il-mod, inżommu bi ftit lil din id-dinja li mhix ħlief gidba sħiħa u qerq, u li għalhekk, ma tistax tibqa' għal dejjem.

7. Darba waħda, meta kont qiegħda naħseb għaliex il-Mulej huwa hekk ħabib ta' din il-virtù tal-umiltà, f'daqqa waħda — fil-fehma tiegħi, mhux għax kont ħsibt hekk jien — ġieni dan il-ħsieb: Għax Alla huwa l-ogħla Verità, u l-umiltà mhix ħlief mixi fil-verità. Hija verità kbira li ħadd ma jista' jmeri li aħna m'għandna fina ebda ħaġa tajba, iżda biss il-miżerja u x-xejn tagħna. Kull min ma jifhimx dan, jimxi fid-dlam. Aktar ma wieħed jifhem dan, aktar jogħġob lil din l-ogħla Verità għax ikun qiegħed miexi fiha. Ikun jogħġob lil Alla, ħuti, li Hu jagħtina l-grazzja li qatt ma nwarrbu dan l-għarflen sewwa tagħna nfusna, ammen.

8. Il-Mulej jagħti minn dawn il-grazzji lir-ruħ għax, billi jrid iżommha b'għarusa vera tiegħu li qatgħetha li twettaq ir-rieda tiegħu f'kollox, irid ukoll jagħtiha xi tagħrif siewi dwar kif għandha twettaq din ir-rieda tiegħu u xi għarfien tal-għeġubijiet kbar tiegħu. M'hemmx għalfejn intawwal aktar; semmejt dawn iż-żewġ ħwejjeġ għax jidhirli li huma ta' ġid kbir. Fi ħwejjeġ bħalhom m'għandniex għax nibżgħu, iżda għandna biss infaħħru lill-Mulej, għax huwa Hu li jagħtihomlna. Fil-fehma tiegħi, sew id-demonju u sew l-immaġinazzjoni tagħna hawn ftit li xejn għandhom fejn jaħdmu; għalhekk, ir-ruħ timtela bil-faraġ u l-hena.

# *KAPITLU 11*

*Titkellem fuq xi xewqat li Alla jagħti lir-ruħ, xewqat hekk kbar u qawwija li tithenna bih, illi jqegħduha fil-periklu li titlef ħajjitha. Turi l-ġid li jiġi minn din il-grazzja tal-Mulej.*

1. Huma biżżejjed dawn il-grazzji kollha li l-Għarus jagħti lir-ruħ biex tithenna din il-ħamiema żgħira jew farfett ċkejken (la taħsbux li nsejtu) u biex sa fl-aħħar tistrieħ f'dak l-imkien fejn għandha tmut? Le, żgur li le; anzi, dan il-farfett isib ruħu f'qagħda agħar minn qabel. Ukoll jekk ikun ilu jirċievi dawn il-grazzji għal ħafna snin, jibda jokrob u jibki bla waqfien, għax kull waħda minn dawn il-grazzji żżidlu l-uġigħ. Ir-raġuni ta' dan hija li, ladarba issa qiegħed jagħraf dejjem aktar l-għeġubijiet ta' dan Alla tiegħu, u jara lilu nnifsu hekk 'il bogħod minnu u milli jithenna bih, aktar u aktar tikber ix-xewqa tiegħu. Għax aktar ma r-ruħ tagħraf kemm dan il-Mulej u Alla kbir tagħna jistħoqqlu jkun maħbub, aktar tikber fiha l-imħabba għalih. U jiġri li din ix-xewqa tibqa' tikber bil-mod il-mod f'dawn is-snin kollha, hekk li r-ruħ tibda tbati minn tbatija l-aktar kbira, bħalma issa sejra nfisser. Tkellimt minn snin sħaħ għax f'dan li qiegħda ngħid irrid naqbel ma' dak li għaddiet minnu dik il-bniedma li semmejt qabel. Iżda nifhem sewwa li m'għandna nqiegħdu ebda tarf għas-setgħa ta' Alla, għax f'waqt wieħed Hu jista' jgħolli r-ruħ sal-ogħla quċċata li qiegħda tissemma hawn. Il-Maestà Tiegħu jista' jagħmel dak kollu li jrid; u għalina jixtieq jagħmel ħafna.

2. Dan huwa dak li jiġri xi drabi lir-ruħ li jkollha dawn ix-xewqat bi dmugħ u biki flimkien mat-tqanqiliet li semmejt — li kollha huma ġejjin mill-imħabba mħeġġa tagħha u li, qawwija kemm huma qawwija, mhuma xejn ħdejn dan li sejra nitkellem fuqu, għax jixbhu lil dak in-nar bati li s-sħana tiegħu nifilħu għaliha, għalkemm iġġib xi ftit tal-uġigħ. Waqt li r-ruħ tkun f'din il-qagħda, u tħossha qiegħda tinħaraq fiha nfisha, ħafna drabi jiġri li, permezz ta' ħsieb li jgħaddi b'ħeffa kbira jew ta' xi kelma li tisma' dwar kemm għad fadlilha biex tmut, tħoss bħal daqqa ġejja minn xi mkien ieħor — ma nafx minn fejn jew kif — bħallikieku ġiet minfuda minn vleġġa tan-nar. Miniex qiegħda ngħid li hija vleġġa tassew, iżda xi ħaġa li, hi x'inhi, jidher ċar li ma tistax tiġi minna nfusna. Lanqas mhi xi daqqa, għalkemm jien għedt daqqa, iżda tassew li tidrob fil-fond. Fil-fehma tiegħi, ma tinħassx fejn soltu jinħass l-uġigħ tat-tbatijiet ta' din l-art, iżda fil-qiegħ l-aktar intimu u ġewwieni tar-ruħ. U hemm, bħal leħħa ta' berqa li tgħaddi bl-akbar ħeffa, tagħmel trab dak kollu li ssib ta' din id-dinja fin-natura tagħna l-bnedmin. Fil-ftit ħin li ddum, ma nkunu nistgħu naħsbu f'ebda ħaġa li għandha x'taqsam mal-eżistenza tagħna, għax f'waqt wieħed hekk torbot il-fakultajiet kollha tagħna illi dawn ma jibqgħu ħielsa f'xejn ħlief f'dawk il-ħwejjeġ li jagħmlu dejjem aktar qawwi dan l-uġigħ.

3. Ma rridx nidher li qiegħda ngħaġġibha żżejjed; fis-sewwa kollu qed nara li qiegħda ngħid ftit wisq, għax din il-ħaġa ma tistax titfisser. Hija rapiment sħiħ tas-sensi u l-fakultajiet ħlief għal dak kollu li – kif għedt – jgħin biex jinħass l-uġigħ ta' din it-tbatija. Għax min-naħa tiegħu l-intellett huwa mqajjem sewwa biex jifhem għaliex ir-ruħ tħossha hekk 'il bogħod minn Alla – u f'dan il-waqt il-Maestà Tiegħu jgħin lir-ruħ biex tagħraf il-kobor tiegħu b'mod hekk ħaj illi dan l-uġigħ jibqa' jiżdied sakemm dik li ssofrih ikollha tibda tgħajjat b'leħen għoli. U din, għalkemm hija waħda li sofriet bosta u mdorrija ssofri ħafna tbatijiet ta' kull xorta, ma tkunx tista' tagħmel mod ieħor, għax kif għedt, dan l-uġigħ qawwi ma jinħassx fil-ġisem, imma fil-ġewwieni tar-ruħ. Huwa minħabba f'hekk li din il-bniedma fehmet sewwa kemm it-tbatijiet tar-ruħ huma eħrex minn dawk tal-ġisem. U ġiebet quddiem għajnejha li ta' din ix-xorta huma t-tbatijiet li jsofru dawk li jinsabu fil-purgatorju għax, għalkemm m'għadx għandhom il-ġisem, isofru wisq aktar minn dawk li hawn fuq l-art għadhom jgħixu fil-ġisem.

4. Rajt waħda li kienet tinsab f'qagħda bħal din, u ħsibtha se tmut tassew; wara kollox, din mhix xi ħaġa li tgħaġġbek, għax huwa minnu li hemm periklu kbir li min isib ruħu f'din il-qagħda jista' jmut. Għalhekk, għalkemm din il-qagħda ddum ftit, tħalli 'l-ġisem kollu bħal żlugat, u sakemm iddum, it-taħbit tal-qalb jonqos sewwa bħal meta wieħed ikun se jrodd ruħu lil Alla. Dan huwa minnu tabilħaqq, għax is-sħana naturali tal-ġisem tonqos ħafna, waqt li r-ruħ tibda taqbad minn ġewwa hekk bil-qawwi illi, kieku l-ħuġġieġa kellha tkun ftit aktar b'saħħitha, żgur li Alla kien itemm għalkollox ix-xewqat tar-ruħ. U dan huwa hekk, mhux għax jinħass xi wġigħ fil-ġisem, minkejja li, kif għedt, ikun żlugat kollu kemm hu hekk li għal jumejn jew tlieta wara jibqa' bla saħħa, u min jgħaddi minn dan kollu jħossu hekk muġugħ li lanqas biss ikun jista' jikteb xi ħaġa; u fis-sewwa kollu jidhirli li l-ġisem jibqa' dejjem inqas f'saħħtu minn qabel. Ir-raġuni għala ma jinħassx uġigħ fil-ġisem hija li dak li tħoss ir-ruħ fil-ġewwieni tagħha huwa wġigħ irqiq hekk akbar illi ma jingħata ebda kas ta' dak li jista' jħoss il-ġisem. Hekk jiġrilna meta jkollna xi wġigħ qawwi ħafna f'xi parti tal-ġisem; għalkemm ikollna ħafna wġigħ f'naħat oħra tal-ġisem, dan inħossuh inqas — jien naf dan bl-esperjenza tiegħi. U fil-kas li

qegħdin insemmu, l-uġigħ tal-ġisem ma nemminx li jista' jinħass, la ftit u lanqas ħafna, ukoll jekk iqattgħuh bċejjeċ.

5. Tgħiduli li dan huwa nuqqas ta' perfezzjoni; ladarba r-ruħ intelqet daqshekk f'idejn Alla, għaliex ma tarax li tkun taqbel f'kollox mar-rieda tiegħu? Sa hawn, setgħet tagħmel dan, u għaddiet ħajjitha tfittex li tagħmlu. Imma issa, le; ir-raġuni ta' dan hija li issa din il-bniedma tinsab f'qagħda li mhix aktar sidt tagħha nfisha, hekk li ma tista' taħseb f'xejn aktar ħlief li toqgħod tara għaliex tinsab hekk imnikkta minħabba li tinsab 'il bogħod mill-Ġid tagħha, u għalfejn trid tgħix aktar. Tħossha waħedha għalkollox, għax ħadd f'din id-dinja ma jista' jżommilha kumpannija, u nemmen li lanqas jistgħu jagħmlu dan dawk li jinsabu fis-sema, jekk ma jkunx Dak biss li tħobb; bil-maqlub, kulħadd idejjaqha. Ir-ruħ tara li qisha qiegħda fl-ajru, bla ma tista' tistrieħ fuq xi ħaġa fuq l-art jew titla' s-sema. Tħossha taqbad minn ġewwa b'nixfa ta' għatx klubi, iżda ma tistax tasal ħdejn l-ilma; għax dan mhux għatx li tista' tiflaħ għalih, hekk li b'xejn ma tista' teħles minnu. U lanqas ma trid taqta' dan l-għatx tagħha jekk mhux b'dak l-ilma li l-Mulej kellem fuqu lis-Samaritana *(Ġw 4,7-13)*. Iżda ħadd ma jagħtiha minn dan l-ilma.

6. O, jgħinni Alla! Mulej, kemm tgħakkishom lil dawk li jħobbuk! Imma kollox huwa ftit ħdejn dak li tagħtihom wara. Huwa sewwa li l-ħafna jiswa ħafna. Aktar u aktar, jekk dan jiswa biex isaffi lir-ruħ ħalli tkun tista' tidħol fis-seba' għamara, hekk kif dawk li jridu jidħlu s-sema jeħtiġilhom jissaffew fil-purgatorju. Din ma tkunx ħlief tbatija tassew żgħira, bħal qatra ilma fil-baħar. Aktar u aktar, meta b'din it-tbatija kollha u b'dan in-niket b'kollox — tbatijiet li nemmen li ma jistax ikun hawn akbar minnhom fuq din l-art, għax dik li semmejt, għalkemm sofriet minn kull xorta ta' tbatija fil-ġisem u fir-ruħ, ħdejn dawn ta' issa kienet tqis kollox bħala ħaġa ta' xejn — ir-ruħ tifhem tajjeb li dan in-niket kbir huwa ta' siwi hekk kbir illi lanqas qatt ma kien jistħoqqilha. B'danakollu, xejn minn dan ma jserraħha xi ftit; iżda, imsaħħa b'dan l-għarfien tas-siwi ta' din it-tbatija, ir-ruħ issofriha minn qalbha u hija lesta li ssofriha ħajjitha kollha, jekk permezz tagħha Alla jkun moqdi aktar, għalkemm dan ikun ifisser li ma tmutx darba biss, imma tkun qiegħda tmut il-ħin kollu, għax tassew li dan huwa li jiġri, u xejn inqas.

7. Ejjew naħsbu għal ftit fil-qagħda ta' dawk li jinsabu fl-infern. Dawn la huma ħaġa waħda fir-rieda u lanqas għandhom xi hena jew faraġ li Alla jqiegħed f'din ir-ruħ, hekk li t-tbatija tagħhom ma tista' tagħmlilhom ebda ġid, iżda jsofru dejjem aktar u aktar — qiegħda ngħid aktar u aktar għal dak li għandu x'jaqsam mat-tbatijiet aċċidentali. Issa, kull tbatija li ssofri r-ruħ hija wisq agħar minn dik tal-ġisem, u t-tbatijiet li jsofru dawk li jinsabu fl-infern huma bil-wisq eħrex minn kull tbatija li għadna kif semmejna, u huma stess jaraw li jridu jibqgħu b'dan il-mod għal dejjem ta' dejjem. Mela x'se jiġri minn dawn l-erwieħ l-aktar imsejkna? U x'nistgħu qatt nagħmlu f'din il-ħajja qasira, jew insofru hawn, li mhux ħlief xejn biex bih neħilsu minn tbatijiet eterni hekk tal-biża'? Ngħidilkom li ma jistax ikun li tfiehem lil xi ħadd kemm tinħass b'mod l-aktar fin fil-ġewwieni tar-ruħ din it-tbatija, u kemm hija diversa minn dik tal-ġisem, jekk dan ma jkunx sofrieha xi darba hu. U l-Mulej innifsu jrid li aħna nifhmu dan, sabiex nagħarfu dejjem aħjar kemm aħna mdejna miegħu talli ġiebna f'qagħda li fiha nittamaw li, fil-ħniena tiegħu, jeħlisna minn dan kollu u jaħfrilna dnubietna.

8. Ħa nerġgħu mmorru għal dak li konna qegħdin ngħidu — għax lil din ir-ruħ ħallejniha fi tbatija kbira. Dan l-uġigħ ftit idum fil-qawwa kollha tiegħu, l-aktar għal tlieta jew erba' sigħat, skont ma nara jien. Jekk idum aktar minn hekk, sakemm ma jkunx hemm xi miraklu, id-dgħufija naturali tagħna ma tkunx tiflaħ għalih. Ġara li darba ma damx aktar minn kwarta, iżda ħalla lir-ruħ imfarrka għalkollox. Tassew li, dik id-darba, dik li tkellimt fuqha ntilfet minn sensiha għalkollox, u l-uġigħ qawwi ġieha għax semgħet kelma waħda biss fuq il-ħajja li ma tintemmx. Kienet qiegħda titħaddet f'dak il-waqt, u kien l-aħħar jum ta' Għid il-Qawmien tal-Mulej, wara li kienet għaddiet l-Għid kollu f'nixfa hekk kbira illi kważi lanqas kienet taf li kien l-Għid. Żgur li r-ruħ b'ebda mod ma tista' tieqaf lil ħaġa bħal din. Ma tista' tagħmel xejn, l-istess bħalma, jekk wieħed jiġi mitfugħ fin-nar, ma jkunx jista' jnaqqas is-sħana tal-ħuġġieġa biex ma taħarqux iżjed. U dak li tħoss ir-ruħ ma jkunx jista' jibqa' mistur, iżda dawk li jkun hemm f'dak il-waqt jifhmu l-periklu kbir li tkun tinsab fih dik li tbati b'dan il-mod, għalkemm ma jistgħux ikunu xhieda ta' dak li jseħħ fil-ġewwieni ta' ruħha. Huwa minnu li jagħmlulha xi ftit tal-kumpannija, iżda għaliha jkunu qishom dellijiet, bħalma dell tidhrilha kull ħaġa ta' din l-art.

9. U issa nixtieq li, jekk xi darba ssibu ruħkom f'qagħda bħal din, tifhmu sewwa li wkoll in-natura dgħajfa tagħna tista' tgħinkom xi ftit. Jiġri xi drabi li, waqt li r-ruħ tkun tinsab fil-qagħda li rajna u bħal tmut bix-xewqa li tmut minħabba li l-uġigħ huwa akbar milli tista' tiflaħ,

tidher li tassew waslet biex toħroġ mill-ġisem. Għalhekk, tibża' ħafna u tibda tixtieq li l-uġigħ jonqsilha biex ma tmutx tabilħaqq. Ir-ruħ tifhem li dan il-biża' huwa ġej mid-dgħufija naturali tagħha, għax min-naħa l-oħra x-xewqa li tmut ma tħallihiex. U hi lanqas tista' ssib xi rimedju biex tneħħi dan l-uġigħ sakemm ma jkunx il-Mulej innifsu li jneħħihulha. Fil-biċċa l-kbira l-Mulej jagħmel dan permezz ta' rapiment qawwi jew xi viżjoni, meta jfarraġ lir-ruħ Dak li waħdu tassew jista' jimlieha bil-faraġ u l-qawwa biex tixtieq li tibqa' tgħix il-jiem kollha li jridha Hu.

10. Din hija ħaġa ta' tbatija kbira, iżda tħalli effetti l-aktar sbieħ u ta' ġid, hekk li r-ruħ ma tibqax tibża' mit-tiġrib kollu li jista' jiġi fuqha. Għax wara l-uġigħ ta' tbatija hekk kbira li sofriet, kull tiġrib ieħor jidhrilha bħala ħaġa ta' xejn. U l-ġid li tieħu r-ruħ huwa hekk kbir illi tifraħ kieku kellha ssofri din it-tbatija sikwit. Iżda ħadd ma jista' jġib dan b'idejh, u m'hemm ebda rimedju biex wieħed jara kif jerġa' jgħaddi minnu, sakemm ma jkunx il-Mulej li jkun irid hekk. U l-istess, ħadd ma jista' jeħles minn din il-ħaġa meta tiġi fuqu, jew jiqfilha bil-forzi tiegħu. U r-ruħ tħares lejn id-dinja bi tmaqdir aktar minn qabel, għax tara li ebda ħaġa ta' din id-dinja ma setgħet tgħinha f'dik it-tbatija kbira li sofriet. Għalhekk, tħoss li għandha tiċċaħħad dejjem aktar mill-ħlejjaq kollha, għax tifhem tajjeb li l-Ħallieq biss jista' jfarraġha u jhenniha tassew. U timtela bil-biża' quddiemu u tieħu ħsieb li ma toffendih f'xejn, għax tara li hu għandu s-setgħa sew li jitturmenta u sew li jfarraġ.

11. F'din it-triq spiritwali, fil-fehma tiegħi, tnejn huma l-perikli tal-mewt. Wieħed huwa dan l-uġigħ kbir, għax tabilħaqq hekk huwa, u mhux periklu żgħir. L-ieħor huwa l-hena l-aktar kbir u l-għaxqa li tilħaq qawwa hekk kbira illi tassew tidher li twassal lir-ruħ biex togħxa bil-ferħ, hekk li ftit ikun jonqosha biex toħroġ mill-ġisem; u tabilħaqq mhux ftit huwa l-ferħ tagħha.

Hawn taraw, ħuti, jekk kellix raġun ngħid li jinħtieġ kuraġġ kbir. U tifhmu wkoll jekk ikollux raġun il-Mulej li, meta titolbuh dawn il-ħwejjeġ, iweġibkom bil-kliem li qal lil ulied Żebedew: jekk għandkomx ħila tixorbu l-kalċi *(Mt 20,22).*

12. Jien nemmen, ħuti, li lkoll kemm aħna nweġbuh li iva, u bir-raġun kollu, għax il-Maestà Tiegħu jagħti l-qawwa lil kull min jara li jeħtieġha. Hu jiddefendi lil dawn l-erwieħ b'kull mod u f'kollox. Meta jkunu persegwitati u jaqgħu f'ilsien in-nies, Hu nnifsu jwieġeb għalihom, bħalma għamel għall-Madalena *(Lq 7,44)* – u jekk ma jagħmilx dan bil-kliem, iwettqu bl-għemil. U fl-aħħar, proprju fl-aħħar, qabel ma jmutu, iħallas kollox f'daqqa, kif sejrin taraw.

Ikun imfaħħar għal dejjem, u ħa jfaħħruh il-ħlejjaq kollha, ammen.

# IS-SEBA' GHAMAJJAR f'erba' kapitli

## *KAPITLU 1*

*Titkellem fuq il-grazzji kbar li Alla jagħti lill-erwieħ li jkunu laħqu daħlu fis-seba' għamajjar. Tgħid kif, fil-fehma tagħha, ir-ruħ u l-ispirtu mhumiex l-istess ħaġa għalkollox, għalkemm jagħmlu ħaġa waħda. Dan il-kapitlu fih ħwejjeġ ta' min jagħti kas tagħhom sewwa.*

1. Jista' jidhrilkom, ħuti, li wara dak kollu li għedt sa hawn fuq din it-triq spiritwali, ma jistax ikun li għad hemm xi ħaġ'oħra li għandha tingħad. Li taħsbu dan huwa bluha; għax, ladarba l-kobor ta' Alla huwa bla tarf, hekk ukoll huwa l-għemil tiegħu. Min jista' jasal biex jgħodd it-tjubijiet u l-għeġubijiet tiegħu? Ħadd ma jista' jagħmel dan. Mela, la tistagħġbux b'dak li ntqal sa issa, u li għad irid jintqal, għax mhux ħlief farka ta' dak li hemm xi tgħid fuq Alla. Diġà hija kbira l-ħniena li juri magħna meta jikkomunika dawn il-ħwejjeġ lil xi ħadd biex aħna nkunu nistgħu nsiru nafu bihom. Għalhekk, aktar ma nkunu nafu fuq il-mod kif jikkomunika ruħu mal-ħlejjaq, aktar infaħħru l-kobor tiegħu u nisfurzaw lilna nfusna biex ma nżommux bi ftit dawk l-erwieħ li fihom il-Mulej isib għaxqa hekk kbira. Kollha kemm aħna għandna ruħ, iżda ma nafux ngħożżuha daqskemm jistħoqqilha bħala ħlejqa msawra fuq ix-xbieha ta' Alla, u minħabba f'hekk, ma nifhmux il-ħwejjeġ mistura li hemm fiha.

Ikun jogħġob lill-Maestà Tiegħu, jekk din hija r-rieda tiegħu, li jmexxili l-pinna, u jagħtini li nagħraf ngħid xi ħaġa mill-ħafna li għad hemm x'jingħad u li Alla jgħarraf lil min iqiegħed f'din l-għamara. Minn qalbi u bil-ħniena tlabt lill-Maestà Tiegħu jagħtini dan, ladarba Hu jaf li l-fehma waħdanija tiegħi hija li tjubijietu ma jibqgħux moħbija, sabiex ismu jkun imfaħħar u msebbaħ dejjem aktar.

2. Għandi tama qawwija li, jekk mhux għalija, imma għalikom, il-Mulej jagħtihieli din il-grazzja. U hekk intom tkunu tistgħu tifhmu kemm jiswa li ebda nuqqas tagħkom m'għandu jfixkel lill-Għarus tagħkom fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan iż-żwieġ spiritwali tiegħu ma' ruħkom, ladarba dan iż-żwieġ iġib miegħu ġid hekk kbir, kif sejrin taraw. O kbir Alla! Ħlejqa hekk dgħajfa bħali għandha tirtogħod meta tibda titkellem fuq ħaġa hekk ogħla minn dak li jistħoqqilha tifhem. Huwa minnu li ħassejtni mħawda għall-aħħar. Bdejt naħseb hux aħjar naqbad u nagħlaq fi ftit kliem dak li nista' ngħid fuq din l-għamara, għax jidhirli li jkun hemm min jaħseb li jiena dan nafu mill-esperjenza. Għalhekk, nimtela bil-mistħija għax, billi nagħraf min jien, dan il-ħsieb iwerwirni. Min-naħa l-oħra, il-ħsieb li ma nfissirx din l-għamara deherli li mhux ħlief tentazzjoni u dgħufija, taħsbu x'taħsbu intom. Ħa tqum tgħajjat kontra tiegħi d-dinja kollha, basta li Alla jkun imfaħħar u mifhum xi ftit aħjar, aktar u aktar jekk inkun ilħaqt mitt meta dan li qiegħda nikteb jiġi fl-idejn. Ħa jkun imbierek Dak li jgħix u jibqa' jgħix għal dejjem, ammen.

3. Meta l-Mulej jogħġbu jkollu ħniena minn din ir-ruħ li sofriet, u għadha hekk issofri, bix-xewqa tiegħu, issa li ħadha b'Għarustu b'mod spiritwali, qabel ma jtemm iż-żwieġ spiritwali jdaħħalha f'din l-għamara tiegħu, li hija s-seba' waħda. Għax l-istess bħal fis-sema, hekk ukoll hawn fir-ruħ il-Maestà Tiegħu jrid ikollu l-kamra fejn jgħix Hu waħdu; ħa nsejħulha sema ieħor. Jiswa bosta, ħuti, li ma naħsbux li r-ruħ hija xi ħaġa mudlama. Minħabba li ma narawx lil ruħna, naħsbu li hija fid-dlam, u fil-biċċa l-kbira qisna ma nifhmux li, minbarra d-dawl li naraw b'għajnejna, hemm ukoll id-dawl interjuri, hekk li nħarsu lejn ruħna bħala xi ħaġa mudlama. Nistqarr li dan huwa minnu tabilħaqq għar-ruħ li mhix fil-grazzja, iżda mhux minħabba xi nuqqas fix-Xemx tal-Ġustizzja li tgħammar fiha u tagħtiha l-eżistenza, imma għax, kif mingħalija għedt fl-ewwel għamara, din ir-ruħ m'għandhiex ħila tilqa' d-dawl skont ma fehmet waħda li naf. Dawn l-erwieħ imsejkna jinsabu bħal f'ħabs mudlam, b'riġlejhom u idejhom marbuta biex ma jkunu jistgħu jagħmlu ebda ħaġa tajba li tiswa biex jiksbu l-mertu; huma għomja u torox. Fis-sewwa kollu, nistgħu nitħassruhom, waqt li nifhmu li kien hemm xi żmien li fih aħna nfusna konna bħalhom, u li l-Mulej jista' juri ħniena magħhom ukoll.

4. Ħa nieħdu ħsieb b'mod partikulari, ħuti, biex nitolbuh iħenn għalihom, u ma nibqgħux lura f'ħaġa bħal din, għax hija karità l-aktar kbira li nitolbu għal dawk li jinsabu fid-dnub il-mejjet, karità wisq akbar milli kieku naqbdu u nħollu xi Nisrani li naraw b'idejh marbuta wara dahru b'katina ħoxna, imwaħħal ma' arblu u qed imut bil-ġuħ, mhux minħabba xi nuqqas ta' ikel ladarba għandu ħdejh kull xorta ta' ikel l-aktar bnin u tajjeb, iżda għax hu ma jistax jieħu minnu u jqiegħdu f'ħalqu hekk li saħansitra jħossu jdejqu ħafna. U jara li wasal biex imut, mhux biss b'mewta ta' hawn, iżda eterna. Ma jridx ikollok qalb tassew iebsa biex tieqaf tħares lejh u ma titimgħux billi tqegħidlu xi ħaġa f'ħalqu? U xi tgħid kieku bis-saħħa tat-talb tiegħek

jinħall mill-ktajjen li kienu jorbtuh? Naħseb li taraw sewwa xi rrid ngħid. Nitlobkom għall-imħabba ta' Alla li fit-talb tagħkom tiftakru dejjem f'dawn l-erwieħ li jinsabu fid-dnub il-mejjet.

5. Issa miniex qiegħda nitkellem fuq dawn, imma fuq dawk li, fil-ħniena ta' Alla, għamlu penitenza għal dnubiethom u jinsabu fl-istat tal-grazzja. M'għandniex naħsbu fihom bħallikieku kienu xi ħaġa magħluqa f'rokna, imma naraw fihom dinja interjuri fejn hemm wisa' għall-għamajjar hekk sbieħ u mżewqa li stajtu taraw. U bir-raġun kollu li r-ruħ hija hekk wiesgħa, ladarba fiha hemm għamara għal Alla.

Għalhekk, meta l-Maestà Tiegħu jkun jogħġbu li jagħti lir-ruħ il-grazzja msemmija ta' dan iż-żwieġ divin, l-ewwel idaħħalha fl-għamara tiegħu. U l-Maestà Tiegħu jrid li hawn ma jiġrix bħal drabi oħra meta qegħidha f'dawn ir-rapimenti, li fihom nemmen bis-sħiħ li Hu jgħaqqadha miegħu, kif jiġri wkoll fl-orazzjoni ta' unjoni li semmejt. Iżda f'dawn il-każi, ir-ruħ ma tħossx li hija msejħa biex tidħol fiċ-ċentru tagħha nfisha, bħalma jiġri hawn f'din l-għamara, iżda biss fil-parti l-aktar għolja tagħha. Dan ftit jgħodd fih innifsu; b'mod jew ieħor, xorta waħda l-Mulej jgħaqqadha miegħu, iżda jagħmel dan billi jagħmiha u jtarraxha, bħalma għamel ma' San Pawl fil-konverżjoni tiegħu *(Atti 9,8)*, u billi ma jħallihiex tagħraf kif tkun qed tithenna b'dik il-grazzja u ta' liema xorta hi, għax l-għaxqa kbira li tħoss fiha r-ruħ f'dak il-waqt hija li tinsab qrib Alla. Iżda, meta jgħaqqadha miegħu, ma tifhem xejn, għax il-fakultajiet kollha tagħha jinsabu f'telfa sħiħa.

6. Hawn, f'din is-seba' għamara, huwa mod ieħor; dan Alla twajjeb tagħna issa jrid ineħħi l-qxur minn għajnejn ir-ruħ *(Atti 9,18)*, biex din tkun tista' tara u tifhem xi ħaġa mill-grazzja li jkun qiegħed jagħtiha, għalkemm b'mod mhux tas-soltu. Permezz ta' viżjoni intellettwali, b'mod partikulari ta' rappreżentazzjoni tal-verità, it-Trinità l-aktar qaddisa, it-Tliet Persuni kollha kemm huma, tgħarraf lilha nfisha lir-ruħ li tkun imqiegħda f'din l-għamara. Qabel xejn, l-ispirtu jiġi mkebbes u mdawwal b'mod ta' sħaba ta' dawl kbir li juri kif dawn il-Persuni huma magħżula minn xulxin; u b'għarfien tal-għaġeb li jingħata lir-ruħ, din tifhem li bl-akbar verità t-Tliet Persuni kollha huma sustanza waħda, setgħa waħda, għerf wieħed u Alla wieħed biss. Ir-ruħ tagħraf dan b'mod li dak li nemmnu bil-fidi, hawn hi tifhmu, nistgħu ngħidu, billi tarah quddiemha, għalkemm la bl-għajnejn tal-ġisem u lanqas b'dawk tar-ruħ, għax mhux qegħdin nitkellmu minn viżjoni immaġinarja. Hawn, kull waħda mit-Tliet Persuni titkkomunika mar-ruħ, tkellimha, u tagħmel li tifhem kliem il-Mulej fl-Evanġelju li Hu, flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu, jiġi jgħammar fir-ruħ li tħobbu u tħares il-kmandament tiegħu *(Ġw 14,23)*.

7. O, jgħinni Alla! Kemm mhix l-istess ħaġa li tisma' u temmen dan il-kliem, u li tifhem b'dan il-mod kemm huwa veru! Jum wara l-ieħor, din ir-ruħ tistagħġeb dejjem aktar, għax tħoss li dawn it-Tliet Persuni qatt ma ħallewha, iżda tara ċar ħafna, bil-mod li semmejna, li jinsabu fil-ġewwieni tagħha, fil-parti l-aktar ġewwenija tagħha, fil-qiegħ l-aktar fond tagħha. Tħoss il-kumpannija divina tagħhom hemm ġew, iżda minħabba n-nuqqas ta' tagħlim ma tafx tfisser kif.

8. Forsi taħsbu li minħabba f'hekk, ir-ruħ tkun barra minn sensiha, u hekk mgħaddsa f'dan illi lanqas tkun tista' tagħti kas ta' xi ħaġa oħra. Iżda le; hija aktar attenta minn qabel għal dak kollu li għandu x'jaqsam mal-qadi ta' Alla; meta tkun wettqet dmirijietha, tibqa' f'dik il-kumpannija ta' hena kbir. Sakemm ma tkunx ir-ruħ li tonqos lil Alla, Hu qatt mhu sejjer jonqos li jagħtiha li tagħraf il-preżenza tiegħu b'għarfien żgur għalkollox — għallanqas skont ma nifhem jien. Ir-ruħ għandha fiduċja sħiħa li Alla mhux se jitlaqha, u ladarba taha din il-grazzja, mhux se jħalliha titlifha. U tassew li tista' taħseb dan, għalkemm ma tiqafx li timxi bilgħaqal biex ma toffendih f'xejn.

9. Irridu nifhmu li din il-preżenza mhux dejjem tinħass hekk bis-sħiħ, irrid ngħid b'mod hekk ċar, daqskemm meta turi ruħha l-ewwel darba jew f'xi drabi oħra li Alla jkun irid jagħti dan id-don lir-ruħ. Għax kieku tinħass il-ħin kollu b'dan il-mod sħiħ, ir-ruħ ma tkun tista' tagħti kas ta' ebda ħaġ'oħra, u saħansitra lanqas tkun tista' tgħix fost il-bnedmin. B'danakollu, għalkemm ma tarax din il-preżenza f'dan id-dawl hekk qawwi, ir-ruħ tintebaħ kull ħin li tinsab f'din il-kumpannija. Ħa ngħidu li tkun qisha wieħed li, flimkien ma' oħrajn, jinsab f'kamra mimlija dawl; iżda mbagħad, f'waqt wieħed jingħalqu t-twieqi kollha, hekk li kulħadd jibqa' fid-dlam. Id-dawl li permezz tiegħu seta' jara lill-oħrajn ma baqax hemm; u sakemm jerġa' jkun hemm id-dawl, ma jistax jarahom. B'danakollu, mhux sejjer jaħseb li l-oħrajn mhumiex hemm, għax jaf li hemrn qegħdin. Tistgħu tistaqsu jekk ir-ruħ tistax tarahom mill-ġdid xħin tkun tixtieq, meta jerġa' jkun hemm id-dawl. Dan mhux fis-setgħa tagħha; jgħodd meta l-Mulej ikun irid li tinfetaħ it-tieqa tal-intellett. Tassew kbira hija l-ħniena li juri magħha meta ma jitlaqha qatt u jkun irid li r-ruħ tifhem dan b'mod hekk ċar.

10. Jidher li hawn Alla, fil-maestà divina tiegħu, irid iħejji lir-ruħ għal ħwejjeġ ogħla bis-saħħa ta' din il-kumpannija tal-għaġeb. Għax hija ħaġa ċara li r-ruħ ikollha għajnuna f'waqtha f'kollox biex timxi 'l quddiem fil-perfezzjoni u tneħħi dak il-biża' li xi drabi kien ikollha quddiem il-grazzji l-oħra li Hu kien jagħtiha, bħalma għedt qabel. Hekk ġralha dik li semmejt, għax sabet li f'kollox marret aħjar, u dehrilha li, minkejja t-tiġrib kbir li kienet tgħaddi minnu u x- xogħlijiet li kienet tieħu ħsieb, il-parti essenzjali ta' ruħha qatt ma kienet tiċċaqlaq minn dik il-kamra, hekk li b'xi mod dehrilha li ruħha kienet maqsuma. Meta kienet għaddejja minn tiġrib kbir, ftit wara li Alla kien taha din il-grazzja, bdiet tgerger minn dik il-parti tar-ruħ bħalma Marta gemgmet fuq Marija *(Lq 10,40)*. Xi drabi saħansitra kienet tgħidilha li kienet hemm il-ħin kollu tithenna b'dak il-kwiet kollu, waqt li lilha ħallietha fost dak ix-xogħol u tiġrib kollu, hekk li ma setgħetx iżżommilha kumpannija.

11. Forsi taħsbu, uliedi, li din mhix ħlief bluha, imma tabilħaqq hekk jiġri. Għalkemm nafu li r-ruħ mhix ħlief ħaġa waħda, dan li qiegħda ngħid mhuwiex stħajjil ta' moħħi; jiġri hekk ta' sikwit. Huwa għalhekk li għedt li nistgħu naraw il-ħwejjeġ interjuri b'mod li nifhmu sewwa li hemm xi xorta ta' differenza, u li tingħaraf tajjeb ħafna, bejn ir-ruħ u l-ispirtu, ukoll jekk huma ħaġa waħda t-tnejn li huma. Jingħaraf li huma magħżula minn xulxin b'mod hekk fin, illi xi drabi l-ħidma ta' waħda tidher b'mod divers minn tal-ieħor, skont ma jkun l-hena li l-Mulej jogħġbu jagħtihom. Jidhirli wkoll li r-ruħ hija xi ħaġa diversa mill-fakultajiet, u li dawn mhumiex ħaġa waħda. Fil-ġewwieni tagħna hemm għadd hekk kbir ta' ħwejjeġ l-aktar fini, illi nkun ardita żżejjed jekk infittex li nfissirhom. Għad naraw kollox fil-ħajja l-oħra, jekk il-Mulej, fil-ħniena tiegħu, jagħtina l-grazzja li jwassalna hemm fejn għad nifhmu dawn il-ħwejjeġ mistura.

# *KAPITLU 2*

*Tissokta titkellem fuq l-istess ħaġa. Turi d-differenza li tgħaddi bejn unjoni spiritwali u żwieġ spiritwali. Tfisser dan b'tixbihat ħelwin.*

1. Issa, ejjew nitkellmu miż-żwieġ divin u spiritwali, għalkemm din il-grazzja kbira ma sseħħx fil-perfezzjoni kollha tagħha sakemm inkunu għadna f'din il-ħajja; għax dan il-ġid tassew kbir jintilef hekk kif aħna nitbiegħdu minn Alla.

Meta Alla jagħti din il-grazzja l-ewwel darba, il-Maestà Tiegħu jogħġbu juri lilu nnifsu lir-ruħ permezz ta' viżjoni immaġinarja tal-Umanità l-aktar qaddisa tiegħu, biex ir-ruħ tifhem sewwa li tkun qiegħda tirċievi dan id-don hekk għoli, u ma tibqax bla ma tagħraf dan. Jista' jkun li lil xi oħrajn din il-grazzja tingħata taħt xi sura oħra, iżda lil dik li semmejt ingħatatilha b'dan il-mod li ġej. Il-Mulej wera ruħu lilha meta kienet għadha kif tqarbnet, u wera ruħu f'sura ta' dija li tgħammex, u ta' sbuħija u maestà tal-għaġeb, bħalma kien wara li qam mill-imwiet, u qalilha li kien wasal iż-żmien li hi tgħodd bħala tagħha dak kollu li kien tiegħu waqt li Hu kien sejjer jieħu ħsieb dak kollu li kien tagħha. Imbagħad żied jgħidilha xi kliem ieħor li huwa aktar biex jinstema' milli biex jixxandar.

2. Jista' jidher li f'dan ma kien hemm xejn ġdid, għax il-Mulej drabi oħra qabel kien wera ruħu lilha b'dan il-mod. Iżda din il-viżjoni ma kenitx bħal dawk ta' qabilha, hekk li lilha ħallietha mbeżżgħa u mħawda għall-aħħar. Qabelxejn, għax din il-viżjoni ġiet b'qawwa kbira; it-tieni, minħabba l-kliem li qalilha l-Mulej; u barra minn hekk, għax fil-ġewwieni ta' ruħha, fejn il-Mulej wera ruħu lilha, ma kienet rat ebda viżjoni oħra ħlief dik li semmejt qabel. Għax jeħtieġ tifhmu sewwa li bejn il-viżjonijiet kollha ta' qabel u dawn ta' din l-għamara tal-aħħar hemm differenza kbira ħafna. Bejn l-għerusija spiritwali u ż-żwieġ spiritwali hemm differenza daqs dik bejn tnejn li jkunu tgħarrsu hawn fuq l-art u tnejn miżżewgin li ma jistgħux jinfirdu aktar.

3. Diġà għedt li, għalkemm nużaw dawn it-tixbihat għax m'hemmx oħrajn li jgħoddu aktar għall-għan tagħna, jeħtieġ nifhmu li hawn il-ġisem m'għandu x'jaqsam xejn, bħallikieku r-ruħ ma tinsabx fih, imma tgħix biss bħala spirtu. Fiż-żwieġ spiritwali mbagħad, inqas u inqas, għax din l-unjoni sigrieta sseħħ fiċ-ċentru l-aktar ġewwieni tar-ruħ, li żgur huwa l-imkien fejn jgħammar Alla nnifsu, u fejn ma jidhirlix li jeħtieġ xi bieb biex jidħol minnu. Qiegħda ngħid li m'hemm ebda ħtieġa ta' xi bieb, għax dak kollu li ntqal s'issa jidher li dejjem seħħ permezz tas-sensi u l-fakultajiet, kif jidher ukoll li seħħet din id-dehra tal-Umanità ta' Sidna. Iżda mhux hekk dak li jseħħ fl-unjoni taż-żwieġ spiritwali, meta l-Mulej jidher flċ-ċentru tar-ruħ permezz ta' viżjoni intellettwali u mhux immaġinarja — ħafna aktar ħelwa minn dawk li semmejt qabel — l-istess bħalma deher lill-Appostli bla ma daħal mill-bieb u qalilhom: *Pax vobis (Ġw 20,19).*

Dak li Alla hawn jikkomunika lir-ruħ f'daqqa waħda huwa sigriet hekk kbir u grazzja hekk għolja, u l-għaxqa li jġib fir-ruħ hija hekk tal-għaġeb, illi jien ma nafx ma' xiex nista' nxebbhu. Dak li nista' ngħid huwa biss li l-Mulej f'dak il-waqt jogħġbu juri lir-ruħ il-glorja li hemm fis-sema, u dan b'mod aktar għoli milli kieku b'xi viżjoni jew gost spiritwali. Ma jista' jingħad xejn aktar — għallanqas li wieħed ikun jista' jifhem xi ħaġa — ħlief li r-ruħ, irrid ngħid l-ispirtu ta' din ir-ruħ, issir ħaġa waħda ma' Alla. Minħabba li l-Maestà Tiegħu huwa spirtu wkoll, Hu għoġbu jgħarraf l-imħabba li għandu għalina billi juri lil xi wħud safejn tasal din l-imħabba sabiex inkunu nistgħu nfaħħru l-kobor tiegħu. Għax Hu għoġbu jingħaqad hekk bis-sħiħ mal-ħlejqa tiegħu illi ma jistax jinfired aktar minnha, hekk kif tnejn li jiżżewġu ma jistgħux jinfirdu aktar minn xulxin.

4. L-għerusija spiritwali hija ħaġ'oħra, għax l-għarajjes jinfirdu minn xulxin ta' sikwit. U l-għaqda bejniethom hija diversa wkoll għax, għalkemm hija unjoni ta' tnejn f'waħda, fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jinfirdu u jibqgħu għal rashom. Dan narawh ħafna drabi, għax din il-grazzja tal-Mulej tgħaddi malajr, u mbagħad ir-ruħ tibqa' mingħajr il-kumpannija tiegħu — irrid ngħid fil-mod li tifhem hi. Iżda mhux f'din il-grazzja l-oħra tal-Mulej; hawn ir-ruħ tibqa' dejjem ma' Alla tagħha f'dak iċ-ċentru tagħha. Ħa ngħidu li din l-unjoni hija bħal meta żewġ xemgħat hekk jingħaqdu flimkien għalkollox illi jagħtu dawl wieħed, jew li l-ftila u x-xema' u d-dawl huma ħaġa waħda, iżda b'danakollu, xorta waħda wara jistgħu jinfirdu xemgħa minn oħra u jkollna żewġ xemgħat, li jgħodd ukoll għall-ftejjel tagħhom. Iżda hawn jiġri bħal meta x-xita tinżel mis-sema f'xi xmara jew għajn tal-ilma; kollox huwa ilma hekk li ħadd ma jista' jifred jew jagħżel l-ilma tax-xmara mill-ilma li niżel mis-sema. Jiġri l-istess ħaġa meta xi xmara żgħira tidħol fil-baħar; b'ebda mod ma tkun tista' tinfired minnu. U l-istess jekk dawl qawwi jidħol f'kamra minn żewġ twieqi; għalkemm jidħol minn żewġ naħat, isir dawl wieħed.

5. Forsi dan huwa li ried jgħid San Pawl meta qal li min jingħaqad mal-Mulej huwa spirtu wieħed miegħu *(1Kor 6,17)*, bħalma jiġri f'dan iż-żwieġ hekk għoli li jitlob li l-Maestà Tiegħu jkun għaqqad ir-ruħ miegħu minn qabel permezz tal-unjoni. U San Pawl jgħid ukoll: "Għax għalija l-ħajja hi Kristu, u l-mewt hi rebħ" *(Fil 1,21)*. Naħseb li r-ruħ tista' tgħid dan il-kliem hawn, għax hawn huwa l-imkien fejn il-farfett ċkejken li semmejna jmut, u jagħmel dan b'ferħ li ma jitfissirx, għax ħajtu issa huwa Kristu.

6. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, dan aktar jidher fl-effetti li jkun hemm, għax ir-ruħ tifhem b'mod ċar, bis-saħħa ta' tnebbiħ ġewwieni, li huwa Alla li jagħti ħajja lil ruħna. Ħafna drabi dan it-tnebbiħ huwa mlissen fil-ġewwieni b'mod hekk ħaj illi ma jista' jħalli ebda dubju; ir-ruħ tħoss dan fis-sewwa kollu, ukoll jekk b'mod li ma jistax jitfisser. U dan jinħass b'qawwa hekk kbira illi xi drabi jġib miegħu kliem ta' ħlewwa kbira, hekk li r-ruħ ma tkunx tista' ma tgħajjatx u tgħid: "O, ħajja ta' ħajti u wetqa li żżommni!" jew kliem ieħor ta' din ix-xeħta. Għax minn dak is-sider divin, fejn jidher li Alla issa dejjem iwettaq lir-ruħ, joħorġu jġelbnu nixxigħat ta' ħalib li jfarrġu lil kull min jgħix fil-kastell, għax jidher li l-Mulej irid li n-nies kollha li jinsabu hemm ġew jieħdu sehem mill-hena kbir tar-ruħ, sabiex minn ħin għall-ieħor, minn dik ix-xmara qawwija li fiha nxtorbot din in-nixxiegħa żgħira, ifur ftit ilma ħalli jwettaq lil dawk li f'dak li huwa korporali jridu jaqdu liż-żewġ miżżewġin ġodda. Ukoll min ma jkunx moħħu hemm, xorta waħda jħoss l-ilma li jxarrbuh bih f"daqqa waħda, hekk li ma jistax ikun li ma jħossux sewwa; bl-istess mod, jekk mhux ukoll b'mod wisq aktar żgur, jingħaraf dan li qiegħda ngħid li jiġri hawn. Għax hekk kif ma jistax jiġi fuqna ħafna ilma f'daqqa jekk ma jkunx hemm xi għajn li joħroġ minnha, hekk ukoll – kif għedt – hawn jinftiehem b'mod ċar li mill-ġewwieni hemm xi ħadd li jwaddab dawn il-vleġeġ u jagħti ħajja lil din il-ħajja, u li hemm xi xemx minn fejn jiġi dan id-dawl kbir li jinxtered fil-fakultajiet mill-ġewwieni tar-ruħ. Din ir-ruħ, kif għedt, ma tiċċaqlaqx minn dak iċ- ċentru u lanqas ma titlef il-paċi, għax Dak stess li ta s-sliem tiegħu lill-Appostli meta kienu jinsabu miġbura flimkien *(Ġw 20,19)*, jista' wkoll jagħti l-paċi lir-ruħ.

7. Ġie f'moħħi li din it-tislima tal-Mulej żgur li kienet tfisser wisq aktar mill-kliem fih innifsu; u l-istess ukoll kliem il-Mulej lill-glorjuża Madalena meta qalilha tmur fil-paċi *(Lq 7,50)*. Ladarba fina kliem il-Mulej għandu l-effett ta' għemil, f'dawk l-erwieħ li kienu diġà mħejjija sewwa żgur li ħadem b'mod li biegħed minnhom dak kollu li huwa korporali biex ħallihom fi spirtu pur, ħalli jkunu jistgħu jingħaqdu mal-Ispirtu mhux maħluq f'din l-unjoni tas-sema. Wara kollox, hija ħaġa żgura li, jekk nitbattlu minn dak kollu li huwa maħluq u neħilsu minnu għall-imħabba ta' Alla, il-Mulej innifsu jimliena bih innifsu. Għalhekk, meta darba Sidna Ġesù Kristu kien qiegħed jitlob għall-Appostli tiegħu — ma niftakarx fejn — Hu qal li huma kienu ħaġa waħda mal-Missier u miegħu, kif Sidna Ġesù Kristu huwa fil-Missier u l-Missier fih *(Ġw 17,21)*. Ma nafx jekk jistax ikun hemm imħabba akbar minn din! U f'din il-ħaġa ħadd minna mhu mħolli barra! Huwa għalhekk li l-Maestà Tiegħu jgħid: "Miniex nitlob għal dawn biss, imma wkoll għal dawk kollha li għad jemmnu fija"; u jgħid ukoll: "Jiena fihom" *(Ġw 17,20.23)*.

8. O, jgħinni Alla! Kemm huwa minnu dan il-kliem! U kemm tifhmu sewwa r-ruħ li tinsab f'din l-orazzjoni u li tarah iseħħ fiha! U kemm nistgħu nifhmuh sewwa aħna wkoll, kieku ma naħtux aħna, għax il-kliem ta' Ġesù Kristu, Mulej u Sultan tagħna, ma jiġix nieqes! *(Lq 21,33)* Imma ladarba aħna nonqsu billi ma nħejjux ruħna u ma nwarrbux minna dak kollu li jista' jfixkel dan id-dawl, lanqas naraw lilna nfusna f'dan il-mera li nikkontemplaw u li fih hija mnaqqxa x-xbieha tagħna.

9. Ħa nerġgħu mmorru għal dak li konna qegħdin ngħidu. Il-Mulej iqiegħed lir-ruħ f'din l-għamara tiegħu li hija fiċ-ċentru tal-istess ruħ. Kif jgħidu, l-ogħla sema fejn jinsab il-Mulej ma jiċċaqlaqx bħas-smewwiet l-oħra; hekk ukoll ir-ruħ, meta tidħol hawn, jidher li ma jkollha fiha ebda ċaqliq li soltu jkun hemm fil-fakultajiet u l-immaġinazzjoni, għallanqas b'mod li jnaqqsilha jew joħdilha għalkollox il-paċi tagħha.

Qisni qiegħda ngħid li, meta r-ruħ tasal sa hawn hekk li Alla jagħtiha din il-grazzja, hija żgura mis-salvazzjoni tagħha u ħielsa milli terġa' lura. Iżda ma rridx ngħid dan; kull meta nitkellem fuq din il-ħaġa u ngħid li r-ruħ hija fiż-żgur, irridkom tifhmu li jien dejjem inkun qiegħda nifhem li dan huwa hekk sakemm Alla fil-kobor tad-divinità tiegħu jżommha f'idejh u hi ma toffendihx. Għallanqas jiena żgura li r-ruħ ma tħossx li hija fiż-żgur, ukoll jekk tara li tinsab f'din il-qagħda għolja u tkun ilha f'dan l-istat għal snin sħaħ, iżda timxi b'ħafna biża', wisq aktar minn qabel. Tagħmel għassa fuqha nfisha. biex ma toffendi lil Alla f'xejn, lanqas fl-iċken ħaġa; ikollha xewqat ħerqana li taqdih, kif għad jiġi mfisser 'il quddiem, u tagħmel dan waqt li bla heda tħossha mnikkta u mħawda meta tara l-ftit li tista' tagħmel ħdejn il-ħafna li għandha twettaq għall-Mulej. Dan in-niket mhux salib żgħir, imma huwa penitenza l-aktar kbira; għax aktar ma tkun ħarxa l-penitenza li tagħmel, akbar tkun l-għaxqa tagħha. Għalhekk, il-penitenza vera tkun

hemm meta Alla joħdilha saħħitha u l-forzi tagħha biex ma tkunx tista' tagħmel penitenza. Ukoll jekk band'oħra fissirt in-niket li dan iġib miegħu, hawn huwa wisq akbar. Kollox jiġi mill-għeruq li jinsabu f'dik fl-art li issa r-ruħ hija mħawla fiha. Is-siġra li hija mħawla ħdejn nixxiegħa tal-ilma għandha aktar ħajja u tagħti frott aktar bnin *(S 1,3)*; mela, għax għandna nistagħġbu bix-xewqat ta' din ir-ruħ, ladarba l-ispirtu tagħha sar ħaġa waħda mal-ilma tas-sema li tkellimna minnu?

10. Waqt li nerġa' għal dak li kont qiegħda ngħid, m'għandniex naħsbu li l-fakultajiet u s-sensi u l-passjonijiet jinsabu dejjem f'din il-paċi. Ir-ruħ iva; iżda fl-għamajjar l-oħra ż-żminijiet ta' gwerra u ta' tiġrib u għejja ma jonqsu qatt. B'danakollu, dawn mhumiex hekk qawwija li jneħħu lir-ruħ mill-paċi u l-qagħda tagħha; għallanqas dan huwa li jiġri fil-biċċa l-kbira.

Dan iċ-ċentru ta' ruħna, jew dan l-ispirtu, huwa ħaġa hekk iebsa biex titfisser, kif ukoll biex titwemmen, illi naħseb, ħuti, li minħabba li jien lanqas naf kif infissirha sewwa, jista' jkun li nġibilkom it-tentazzjoni li ma temmnux dan li qiegħda ngħid. Għax li tgħid li jkun hemm tiġrib u tbatijiet, u fl-istess ħin ir-ruħ tkun fil-paċi tassew, hija ħaġa iebsa biex tinftiehem. Irrid nagħtikom xi tixbihat biex tifhmuni aħjar. Ikun jogħġob lil Alla li ngħid xi ħaġa siewja permezz tagħhom; iżda wkoll jekk dawn it-tixbihat ma jkunux ta' siwi, naf li qiegħda ngħid il-verità f'dan li qed nikteb.

11. Is-Sultan jinsab fil-palazz tiegħu, u fis-saltna tiegħu hemm ħafna gwerer u tbatijiet oħra; b'danakollu, mhux sejjer ma jibqax f'postu minħabba f'hekk. Hekk jiġri hawn: ukoll jekk fl-għamajjar l-oħra hemm ħafna storbju u bhejjem velenużi u jinstemgħu ħafna ħsejjes, xejn minn dan kollu ma jidħol f'din l-għamara u jġiegħel lir-ruħ toħroġ minnha. U l-ħwejjeġ li tisma', għalkemm idejquha xi ftit, mhumiex minn dawk li sejrin jaslu biex iġegħluha titlaq minn din l-għamara jew biex iħawduha u jisirqulha l-paċi tagħha, għax issa l-passjonijiet huma mirbuħa, hekk li jibżgħu jidħlu fiċ-ċentru, għax minn hemm joħorġu aktar mifxula.

Jista' juġagħna ġisimna kollu, iżda jekk rasna ma tkunx tuġagħna, mhix sejra tibda tuġagħna għax ġisimna jkun qed juġagħna.

Jiena nnifsi nidħak b'dawn it-tixbihat, għax ma narahomx tajbin biżżejjed għal dak li rrid infisser, imma ma nafx b'oħrajn. Intom tistgħu taħsbu li tridu; dak li għedt huwa veru tabilħaqq.

# *KAPITLU 3*

*Turi l-effetti sbieħ ta' din l-orazzjoni li semmiet. Huwa meħtieġ li dejjem nagħtu kas sewwa ta' dawn l-effetti, għax tal-għaġeb hija d-differenza li tgħaddi bejnhom u bejn l-oħrajn ta' qabilhom.*

1. Mela, issa qegħdin ngħidu li dan il-farfett ċkejken diġà miet, kollu ferħan li sab il-mistrieħ, u għax Kristu jgħix fih. Ejjew naraw liema ħajja jgħix, jew kemm mhix bħall-ħajja li kien jgħix qabel, għax mill-effetti li jkun hemm fiha nistgħu naraw jekk hux veru dak li ntqal. Safejn nista' nifhem jien, l-effetti huma dawn li ġejjin.

2. L-ewwel effett huwa li wieħed jinsa lilu nnifsu, hekk li tassew li r-ruħ tidher qisha m’għadhiex teżisti, kif diġà għedt. Għax tkun tinsab f’qagħda li lanqas biss taf jew tiftakar li hemm xi sema jew ħajja għaliha, jew xi ġieħ tagħha nfisha, minħabba li issa tingħata kollha kemm hi għall-akbar ġieħ ta' Alla. Jidher li l-kliem li qalilha l-Maestà Tiegħu — li tħares dak li huwa tiegħu waqt li Hu jħares dak li huwa tagħha — kellu l-effett li jitwettaq fiha. Għalhekk, ir-ruħ ma tinkedd b'ebda ħaġa li tista' tiġi fuqha, imma tinsa lilha nfisha b'mod li jħallik mistagħġeb għall-aħħar, hekk li — kif qiegħda ngħid — tidher li qisha lanqas biss teżisti aktar, u ma tkun trid xejn u xejn, ħlief meta tifhem li jista' jkun hemm xi ħaġa min-naħa tagħha li biha tkattar imqar bi ftit is-sebħ u l-ġieħ ta' Alla. Għal dan hija lesta li tagħti ħajjitha bil-ferħ.

3. Ma rridkomx taħsbu, uliedi, li minħabba f’hekk sejjer joqgħod bla ma jiekol u jorqod min isib ruħu f’din il-qagħda, għalkemm li jkollu jagħmel dan huwa għalih tbatija mhux żgħira. U taħsbux li sejjer jinsa jaqdi dmirijietu skont ma jitlob l-istat ta' ħajtu. Hawn qegħdin nitkellmu mill-ħwejjeġ interjuri; fuq l-għemil estern, ftit hemm xi tgħid. L-akbar tbatija għar-ruħ hija li tara li dak kollu li tista' tagħmel hi min-naħa tagħha mhu xejn — imma dak li tista', u li tara li bih taqdi lill-Mulej, għal ebda ħaġa fid-dinja mhi sejra tonqos li twettqu minn qalbha.

4. It-tieni effett huwa li l-erwieħ ikollhom xewqa kbira għat-tbatija, iżda mhux dik ix-xorta ta' tbatija li tħawwadhom kif kienet tagħmel kull tbatija ta' qabel. Għax din ix-xewqa tagħhom li dejjem titwettaq ir-rieda ta' Alla tilħaq qawwa hekk kbira illi jżommu b'tajjeb għalihom dak kollu li jrid minnhom il-Maestà Tiegħu; jekk iridhom ibatu, tajjeb ħafna; jekk le, mhux sejrin jinkeddu għall-mewt bħalma kien jiġrilhom qabel.

5. Dawn l-erwieħ ikollhom ukoll hena ġewwieni l-aktar kbir meta jiġu persegwitati, u l-paċi tagħhom tkun akbar minn dik li kellhom fil-qagħda li għadni kif semmejt. Ma jkollhom ebda mibegħda lejn dawk li jagħmlulhom, jew jixtiequ jagħmlulhom, xi ħsara. Bil-maqlub, inisslu fihom imħabba partikulari lejhom, hekk li saħansitra jaslu li, jekk jarawhom f’xi tiġrib, iħossu għalihom u jaraw x'jagħmlu biex jeħilsuhom minnu; minn qalbhom jitolbu lil Alla għalihom, u jifirħu li jitilfu xi grazzji li l-Maestà Tiegħu jsawwab fuqhom, biex Hu jagħtihom lill-persekuturi tagħhom, ħalli dawn ma joffendux lil Sidna l-Mulej.

6. Dak li jgħaġġibni l-aktar f’dawn l-erwieħ huwa dan. Intom diġà rajtu x'tiġrib kbir u niket sofrew fix-xewqa tagħhom li jmutu biex jithennew bil-Mulej. Issa dawn għandhom xewqa tal-istess qawwa biex jaqduh u jarawh imfaħħar bis-saħħa tagħhom, u li jagħmlu l-ġid lil xi ruħ, jekk ikunu jistgħu. Għax issa dak li jixtiequ mhuwiex li jmutu daqskemm li jgħixu għal ħafna snin oħra u jsofru l-eħrex tiġrib, jekk permezz ta' hekk ikunu ta' siwi biex il-Mulej ikun imfaħħar aktar, ukoll jekk f’xi ħaġa l-aktar żgħira. U kieku jkunu jafu b'mod l-aktar żgur li, hekk kif joħorġu mill-ġisem, sejrin jibdew jithennew b'Alla, lanqas biss jagħtu kas ta' dan. U lanqas ma jaħsbu fil-glorja li jgawdu l-Qaddisin tas-sema, għax ma jixtiqux li jiksbuha għalissa. Il-glorja kollha tagħhom iqegħduha filli b'xi mod ikunu jistgħu jgħinu lill-Imsallab, l-aktar meta jaraw kif ħafna joffenduh sikwit, u ftit huma dawk li jħarsu ġieħu billi jiċċaħħdu minn kull ħaġ’oħra.

7. Huwa minnu li xi drabi huma jinsew dan kollu u jerġgħu lura għall-ħsieb li jithennew b'Alla, hekk li jixtiequ li jeħilsu minn dan it-turufnament, l-aktar meta jaraw kemm huwa ftit dak li qegħdin jagħmlu biex jaqdu 'l-Mulej. Iżda malajr jerġgħu jidħlu daħla fihom infushom u jiftakru li Hu jinsab dejjem magħhom; u huma jinsabu hienja b'dan, hekk li joffru lill-Maestà Tiegħu r-rieda tagħhom li jibqgħu jgħixu fuq din l-art bħala l-offerta li tiswielhom l-aktar.

Quddiem il-mewt ma jibżgħux aktar milli quddiem xi rapiment ta' għaxqa. Dan huwa hekk għax Min qabel ta lir-ruħ ix-xewqat li kellha, dejjem imsieħba ma' tbatijiet l-aktar kbar, issa jagħtiha dawn ix-xewqat l-oħra. Ikun imbierek u mfaħħar għal dejjem!

8. Fi ftit kliem, dawn l-erwieħ m’għadhomx aktar jixtiequ faraġ u għaxqa, għax issa għandhom magħhom lill-Mulej innifsu, u huwa l-Maestà Tiegħu li jgħix fihom. Nafu li ħajtu fuq

l-art ma kenitx ħlief tbatija waħda; għalhekk Hu jagħmel ħajjitna bħal tiegħu, għallanqas fix-xewqat tagħna, għax fi ħwejjeġ oħra jmexxina ta' bnedmin dgħajfa li aħna, għalkemm Hu jagħmel li l-erwieħ jieħdu mill-qawwa tiegħu meta jara li jkunu jeħtiġuha.

Dawn l-erwieħ tassew li jidhru mċaħħda minn kollox, u jixtiequ li dejjem ikunu waħedhom, jew jingħataw biex jagħmlu xi ħaġa li tkun ta' ġid għal xi ruħ. Ma jkollhom ebda tiġrib interjuri u ma jħossu ebda nixfa, għax jgħixu bit-tifkira ħelwa u kollha mħabba tal-Mulej, hekk li ma jkunu jridu jagħmlu xejn aktar ħlief li f'kollox, ifaħħru l-Mulej. Meta r-ruħ tixxerred xi ftit 'l hawn u 'l hinn, il-Mulej innifsu jġibha f'tagħha mill-ġdid bil-mod li semmejna, hekk li tara b'mod l-aktar ċar li dik it-tqanqila, jew ma nafx x'insejħilha, toħroġ mill-ġewwieni tagħha, bħalma għedna meta tkellimna minn dawn it-tqanqiliet. Hawn kollox isir bi ħlewwa kbira, u xejn ma jiġi mill-ħsieb jew mill-memorja, u lanqas ma jidher li r-ruħ għamlet xi ħaġa hi bil-ħila tagħha. Dan jiġri sikwit u fil-biċċa l-kbira tal-każi, għax wieħed seta' jarah sewwa ħafna. Hekk kif in-nar ma jitfax il-fjammi tiegħu 'l isfel imma 'l fuq, kbira kemm hija kbira l-ħuġġieġa, hekk ukoll hawn, din iċ-ċaqliqa ġewwenija tiġi miċ-ċentru tar-ruħ u tqajjem 'il-fakultajiet kollha.

9. Hija ħaġa żgura li, kieku ma kien hemm xejn aktar x'nirbħu f'din it-trlq tal-orazzjoni ħlief li nagħarfu l-ħlewwa partikulari li juri magħna Alla meta jikkomunika magħna u jitlobna biex nibqgħu miegħu — għax ma jidhirx li jagħmel ħaġ'oħra — ma kien ikun xejn it-tiġrib kollu li ngħaddu minnu biex naslu ħalli nithennew b'dawn it-turijiet ta' mħabbtu, hekk ħelwin u li jidħlu fil-qiegħ ta' qalbna — għallanqas skont ma nifhem jien.

U dan żgur li fhimtuh intom ukoll, ħuti, għax naħseb li, meta r-ruħ tasal għall-orazzjoni ta' unjoni, il-Mulej jibda jieħu ħsiebna b'dan il-mod jekk min-naħa tagħna ma nwarrbux il-ħarsien tal-kmandamenti tiegħu. Meta tiġi fuqkom din iċ-ċaqliqa interjuri, ftakru li tkun ġejja minn din l-għamara ġewwenija, fejn Alla jinsab f'ruħna, u faħħruh b'qalbkom kollha, għax żgur li huwa Hu li jibagħtilkom dak il-messaġġ jew dik l-ittra miktuba bl-akbar imħabba u b'mod li jrid li tkunu intom biss li tkunu tistgħu taqrawha u tifhmu x'jitlobkom fiha. B'ebda mod m'għandkom tonqsu li twieġbu lill-Maestà Tiegħu, ukoll jekk ikollkom ħafna x'tagħmlu fi ħwejjeġ esterni jew f'xi taħdita ma' bnedmin oħra. Għax sikwit jiġri li l-Mulej ikun irid jagħtikom din il-grazzja sigrieta quddiem in-nies, imma ladarba t-tweġiba trid tkun fil-ġewwieni tagħkom, hija ħaġa ħafifa ħafna li timxu kif qiegħda ngħid billi tagħmlu att ta' mħabba jew tgħidu dak li qal San Pawl: "Mulej, xi tridni nagħmel?" *(Atti 9,6)*. Hu jgħallimkom hemm ġew u b'ħafna modi dak li jkun jogħġbu. Għax issa huwa ż-żmien it-tajjeb *(2Kor 6,2)*; tabilħaqq jidher li Hu jkun qiegħed jismagħna, u din it-turija hekk ħelwa ta' mħabbtu tħejji lir-ruħ biex tkun tista' twettaq b'rieda soda dak li jkun qalilha.

10. Dak li jagħżel din l-għamara mill-oħrajn huwa dak li semmejt, jiġifieri l-verità li hawn kważi qatt ma jkun hawn xi żminijiet ta' nixfa spiritwali jew taħwid interjuri, li f'ħin jew ieħor kienu jidhru fl-għamajjar l-oħra kollha, għax hawn ir-ruħ hija kważi dejjem fll-kwiet. Lanqas ma tibża' li jista' jkun hemm fin-nofs id-demonju, iżda hija żgura li din il-grazzja tkun ġejja minn Alla għax, kif għedt, is-sensi u l-fakultajiet m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' dak li jiġri hawn. Il-Maestà Tiegħu jgħarraf lilu nnifsu lir-ruħ u jeħodha miegħu f'dak il-post fejn, fil-fehma tiegħi, id-demonju ma jażżardax jidħol, u lanqas ma jħallih jidħol il-Mulej. U l-grazzji kollha li hawn jingħataw lir-ruħ — kif diġà għedt — ma jieħdu ebda għajnuna mir-ruħ nfisha, ħlief dak li għamlet qabel, meta ntelqet għalkollox f'idejn Alla.

11. Dak kollu li l-Mulej jagħmel hawn biex jgħallem lir-ruħ u jmexxiha 'l quddiem iseħħ fi kwiet kbir u bla ħoss ta' xejn, hekk li jġegħilni naħseb fil-mod kif inbena t-tempju ta' Salamun, meta ma nstema' ebda ħoss *(1Sl 6,7)*. Hekk ukoll hawn, f'dan it-tempju ta' Alla, f'din l-għamara tiegħu, Hu u r-ruħ jithennew waħedhom b'xulxin f'silenzju sħiħ. L-intellett m'għandux għalfejn jitħarrek jew ifittex xi ħaġa, għax hawn il-Mulej li ħalqu jrid jagħtih il-mistrieħ; u minn xaqq żgħir jara xi jkun qiegħed jiġri. Xi drabi lanqas jibqa' jara b'dan il-mod, hekk li ma jara xejn, imma dan ikun għal ftit ħin biss. Għax, fil-fehma tiegħi, il-fakultajiet hawn ma jintilfux għalkollox, iżda ma jibqgħux jaħdmu, għax ikunu qishom storduti.

12. Nibqa' mistagħġba wkoll meta nara li r-ruħ li tkun waslet sa hawn ma jibqax ikollha rapimenti — irrid ngħid, bit-telfien tas-sensi — ħlief xi darba, u dan mhux b'dawk it-trasporti u t-titjir tal-ispirtu ta' qabel; u la jkun sikwit u lanqas quddiem in-nies. U lanqas ma jgħoddu hawn dawk l-okkażjonijiet kbar ta' devozzjoni biex iqajmu lir-ruħ; jekk naraw xi xbieha ta' devozzjoni jew nisimgħu xi priedka, qisna ma nkunu smajna xejn, u l-istess dwar xi biċċa mużika. Qabel, minħabba li l-imsejken farfett ċkejken kien hekk imħawwad, kollox kien ibeżżgħu u jġiegħlu jtir. Imma issa, jew għax sa fl-aħħar dan il-farfett sab il-mistrieħ tiegħu, jew għax ir-ruħ rat ħwejjeġ hekk kbar f'din l-għamara illi xejn aktar ma jista' jbeżżagħha, jew għax

m'għadhiex waħedha għalkollox bħalma kienet qabel minħabba li issa tithenna b'dik il-kumpannija divina, jew fi ftit kliem, ħuti, minħabba xi kawża li jien ma nafx x'inhi, din ir-ruħ tibqa' fi kwiet kbir. Hekk kif il-Mulej jibda juri l-għeġubijiet ta' din l-għamara u jqiegħed lir-ruħ hemm, id-dgħufija kbira tagħha tgħib għalkollox, għalkemm qabel kienet ta' tiġrib hekk kbir għaliha u kienet dejjem magħha. Min jaf, forsi issa huwa l-Mulej li saħħaħha u wessagħha, u taha l-ħila. Jew forsi, għal raġunijiet li l-Maestà Tiegħu biss jaf, Hu ried li dak li qabel kien jagħmel bil-moħbi ma' dawn l-erwieħ ikun magħruf fil-beraħ, għax il-ġudizzji tiegħu huma ogħla minn dak kollu li nistgħu naħsbu fih aħna hawn fuq l-art.

13. Dawn l-effetti, flimkien ma' dawk kollha li rajna li huma ta' ġid fil-gradi tal-orazzjoni li semmejna, huma msawba minn Alla fir-ruħ meta jressaqha lejh u jagħtiha dik il-bewsa li talbitu l-għarusa *(Għanja 1,1)*, għax nemmen li hawn it-talba tagħha hija mwettqa. Hawn, lill-għażżiela midruba jingħatawlha ilmijiet kotrana *(S 41,2)*. Hawn, il-ħlejqa tithenna fit-tabernaklu ta' Alla *(Apk 21,3)*. Hawn, il-ħamiema mibgħuta minn Noè biex jara jekk waqfitx it-tempesta, issib il-fergħa taż-żebbuġ — sinjal li sabet art tajba fost l-ilmijiet u t-taqlib ta' din id-dinja *(Ġen 8,8-9)*.

O, Ġesù! Kieku konna nafu kemm ħwejjeġ hemm fl-Iskrittura biex jagħmlu li nifhmu din il-paċi tar-ruħ! Mulej, ladarba Int taf kemm neħtiġuha din il-paċi, agħmel li l-Insara jfittxuha tassew; fil-ħniena tiegħek, la teħodhiex lil dawk li diġà tajthielhom għax, fis-sewwa kollu, sakemm ma tagħtiniex il-paċi vera u twassalna hemm fejn il-paċi qatt ma tintemm, ikollna ngħixu dejjem fil-biża'. Qiegħda ngħid "il-paċi vera" mhux għax naħseb li din il-paċi li qed insemmi f'din l-għamara mhix vera, imma biss għax, sakemm għadna f'din id-dinja, malajr tista' terġa' tiġi fuqna l-gwerra ta' qabel jekk nitbiegħdu minn Alla.

14. Mela, xi jħossu dawn l-erwieħ meta jaraw li jistgħu jitilfu ġid hekk kbir? Dan il-ħsieb jagħmel li huma jfittxu li jimxu aktar bilgħaqal u jieħdu qawwa mill-istess dgħufija tagħhom, biex żgur li ħtija tagħhom ma jħallu taħarbilhom ebda okkażjoni li toffri ruħha ħalli jogħġbu aktar lil Alla. U aktar ma jaraw liema mħabba l-Maestà Tiegħu qiegħed juri magħhom, aktar ikunu mwerwra u mbeżżgħa minnhom infushom. Ladarba f'dawn l-għeġubijiet ta' Alla għarfu aħjar id-dgħufija tagħhom infushom, u għalhekk bdew iħarsu lejn id-dnubiet tagħhom b'mod aktar gravi, ħafna drabi jimxu bħall-pubblikan u lanqas jażżardaw jerfgħu għajnejhom lejn is-sema *(Lq 18,13)*. Drabi oħra jixxenqu għall-waqt li fih jitilqu minn din il-ħajja sabiex ikunu fiż-żgur għal dejjem, ukoll jekk imbagħad, imsaħħa mill-imħabba li għandhom għal Alla, kif għedt, mill-ewwel jibdew jixtiequ li jgħixu fit-tul biex ikunu jistgħu jaqduh, waqt li jħallu fil-ħniena tiegħu dak kollu li għandu x'jaqsam magħhom. U jkun hemm drabi meta l-għadd kbir ta' grazzji li jagħtihom il-Mulej iħallihom aktar imxejna fihom infushom, għax jibżgħu li, hekk kif bastiment li jkun mgħobbi żżejjed jinżel fil-qiegħ, hekk ukoll huma jegħerqu bħalu.

15. Niżgurakom, ħuti, li dawn l-erwieħ ma jonqoshomx is-salib, iżda dan ma jħawwadhomx u ma jtellfilhomx il-paċi tagħhom. Huma tempesti li jgħaddu malajr, bħal xi ftit tal-mewġ; u jerġa' jfeġġ il-bnazzi. Għax il-preżenza tal-Mulej, li jithennew biha fihom infushom, tnessihom kollox malajr. Ikun imbierek Alla u mfaħħar għal dejjem mill-ħlejjaq kollha tiegħu, ammen!

# *KAPITLU 4*

*Tagħlaq billi tfisser dak li taħseb li huwa l-għan tal-Mulej meta jagħti grazzji hekk għolja lill-erwieħ, u tgħid kemm huwa meħtieġ li Marta u Marija jimxu flimkien. Dan il-kapitlu huwa ta' ġid kbir.*

1. M'għandkomx taħsbu, ħuti, li f'dawn l-erwieħ ikun hemm dejjem l-effetti li semmejt. Għalhekk, kull meta ftakart, użajt kliem bħal "fil-biċċa l-kbira". Għax xi drabi l-Mulej iħalli lil dawn l-erwieħ f'dak li huwa naturali għalihom; u f'dan il-każ jidher li l-ħlejjaq velenużi kollha li jinsabu fid-dawra ta' barra tal-kastell u fl-għamajjar l-oħra tiegħu jingħaqdu flimkien biex jagħmlu vendetta minn dawn l-erwieħ għaż-żmien li ma setgħux iżommuhom taħt idejhom.

2. Huwa minnu li dan ikun biss għal ftit, forsi għal jum wieħed jew ftit aktar; u f'din it-taqliba kbira, li fil-biċċa l-kbira tal-każi tibda minn xi ġrajja barra mir-ruħ, jidher ċar ħafna x'rebħ tkun qiegħda tikseb ir-ruħ mill-kumpannija tajba li tinsab fiha. Għax il-Mulej jagħtiha fehma soda u sħiħa li qatt u f'xejn ma toħroġ mit-triq tal-qadi tiegħu u mill-qawwa tal-fehmiet tagħha, hekk li dawn jissaħħu dejjem aktar fiha. Għalhekk, dawn l-erwieħ b'xejn ma jitħarrku, lanqas b'dik l-ewwel ċaqliqa l-aktar żgħira. Kif qiegħda ngħid, din il-ħaġa ma tiġrix ta' sikwit; iżda l-Mulej ma jridx li r-ruħ tinsa x'inhi — qabel xejn, biex dejjem tibqa' umli, u mbagħad, biex tifhem aħjar kemm għandha tibqa' tafu lill-Mulej għall-grazzja tassew kbira u l-aktar għolja li qiegħed jagħtiha, ħalli tfaħħru b'mod xieraq.

3. Dawn l-erwieħ għandhom fehma tassew soda u xewqat l-aktar qawwija li għal ebda ħaġa fid-dinja ma jaqgħu f'xi nuqqas; b'danakollu, m'għandux jgħaddi minn moħħkom li huma dejjem ħielsa milli jaqgħu f'ħafna nuqqasijiet, u saħansitra fi dnubiet ukoll. Bir-rieda tagħhom, le; għax il-Mulej jagħtihom għajnuna partikulari ħafna f'din il-ħaġa. Irrid ngħid għad-dnubiet venjali għax, safejn jistgħu jaraw huma, dawn l-erwieħ tassew li huma ħielsa mid-dnubiet mejta, għalkemm mhux fiż-żgur għalkollox. U mhix tbatija żgħira għalihom li forsi jkollhom xi dnub li ma jintebħux bih. U jsofru bosta meta jaraw ħafna erwieħ jintilfu, ukoll jekk għandhom tama kbira li huma ma jinsabux fost dawn.

B'danakollu, meta jiftakru f'xi wħud li fl-Iskrittura jidhru li huma miġjuba mill-Mulej, bħal xi Salamun li kien jikkomunika hekk ta' sikwit mal-Maestà Tiegħu — kif għedt qabel — ma jistgħux ma jibżgħux. Dik fostkom li tħossha l-aktar fiż-żgur, ħa tibża' aktar minn kulħadd, għax David qal: "Hieni l-bniedem li jibża' mill-Mulej" *(S 111,1*). Ħa jħarisna dejjem il-Maestà Tiegħu. Aktar ma nitolbuh bil-ħniena biex jagħtina l-grazzja li ma noffenduh f'xejn, aktar nistgħu nkunu fiż-żgur. Ikun imfaħħar għal dejjem, ammen.

4. Ikun tajjeb, ħuti, li ngħidilkom x'inhu l-għan li għalih il-Mulej jagħti daqshekk grazzji f'din id-dinja. Għalkemm diġà stajtu tifhmuh mill-effetti li dawn il-grazzji jħallu warajhom, jekk tajtu kas sewwa tagħhom, irrid intennihulkom hawn biex ma jkunx hemm min jaħseb li l-Mulej jagħmel dan ħalli jfarraġ u jgħaxxaq lil dawn l-erwieħ biss — min jaħseb hekk, jiżbalja bl-ikrah. Għax il-Maestà Tiegħu ma jistax jagħtina grazzja akbar milli jagħmel li ħajjitna tkun tixbah lill-ħajja li għex Ibnu l-aktar maħbub; għalhekk, jiena nżomm li dawn il-grazzji għandhom l-għan li fuq kollox isaħħu d-dgħufija tagħna *(2Kor 12,8)*, sabiex inkunu nistgħu nimitawh fit-tbatijiet kbar tiegħu, kif għedt drabi oħra f'dan il-ktieb.

5. Dejjem stajna naraw li l-erwieħ l-aktar qrib ta' Kristu huma dawk li kellhom l-akbar tiġrib. Naraw għalhekk minn xiex kellha tgħaddi l-Omm glorjuża tiegħu, u l-Appostli glorjużi tiegħu. U kif taħsbu li San Pawl seta' jsofrl t-tiġrib tassew kbir li ltaqa' miegħu? Permezz ta' dan l-Appostlu tassew li nistgħu naraw liema effetti jħallu l-viżjonijiet veri, u l-kontemplazzjoni li tiġi mill-Mulej u mhux mill-immaġinazzjoni tagħna jew mill-qerq tad-demonju. Forsi San Pawl inħeba biex joqgħod jithenna waħdu b'dawn l-għaxqiet tas-sema, u ma ta ebda kas tal-ħwejjeġ l-oħra? Bil-maqlub, taraw li, minn dak li nistgħu nifhmu, ma kellux jum wieħed ta' mistrieħ, u lanqas billejl ma seta' jistrieħ, għax matul il-lejl kien jaħdem biex jara kif jaqla' x'jiekol *(1Tes 2,9)*. Ħafna drabi wkoll inħobb niftakar f'San Pietru fil-ħarba tiegħu mill-ħabs meta deħerlu l-Mulej u qallu li kien fi triqtu lejn Ruma biex jerġa' jkun imsallab għal darb'oħra. Qatt ma ngħidu l-uffiċċju ta' din il-festa li fih naqraw din il-ġrajja bla ma nsib faraġ partikulari. U kif baqa' San Pietru wara din il-grazzja tal-Mulej, u x'għamel? Mar dritt lejn il-mewt; u mhux żgħira kienet il-ħniena tal-Mulej miegħu meta mbagħad sab lil min jagħtih il-mewt.

6. O, ħuti, din ir-ruħ li fiha l-Mulej jinsab b'mod hekk partikulari, kemm jeħtiġilha tinsa l-mistrieħ tagħha, kemm m'għandhiex tagħti kas tal-isem tajjeb tagħha quddiem l-oħrajn, u kemm imissha tibqa' 'l bogħod minn kull xewqa li tkun miżmuma fl-għoli f'ħaġa jew oħra!

Ladarba hi tkun ħaġa waħda miegħu, kif inhu xieraq u sewwa, ftit li xejn għandha tiftakar fiha nfisha! Ħsiebha huwa biss fuq kif tista' togħġbu aktar, u fiex u b'liema mod tista' turih imħabbitha. Dan huwa l-għan tal-orazzjoni, uliedi; hawn irid iwassal iż-żwieġ spiritwali: li jitwieled dejjem l-għemil tajjeb, kull għemil tajjeb.

7. Dan biss huwa s-sinjal veru li xi ħaġa jew xi grazzja hija ġejja minn Alla, bħalma għedtilkom qabel. Għax ftit jiswieli li noqgħod miġbura waħdi biex nagħmel ħafna atti mħeġġa quddiem il-Mulej, waqt li naqtagħha u nwiegħed li nagħmel għeġubijiet kbar fil-qadi tiegħu, jekk meta noħroġ minn fejn inkun miġbura, hekk kif toffri ruħha l-okkażjoni, nagħmel kollox bil-maqlub. M'għedtx sewwa meta għedt li ftit jiswieli, għax f'dak kollu li nkunu ma' Alla dejjem għandna nieħdu ġid kbir. Ukoll jekk aħna hekk dgħajfa illi mbagħad naqgħu u ma nżommux il-kelma tagħna, xi drabi l-Maestà Tiegħu nnifsu jagħtina l-għajnuna biex inwettqu dak li nkunu wegħidna, saħansitra wkoll meta jkun f'xi ħaġa iebsa għalina, kif jiġri fil-biċċa l-kbira tal-każi. Għax meta jara li r-ruħ hija ġifa żżejjed, Hu jagħtiha xi tiġrib kbir ħafna li tassew ma jkunx jaqbel ma' dak li tkun trid hi, imma li mbagħad joħroġha rebbieħa fuqu għalkollox. U meta r-ruħ tasal biex tifhem dan, ma tibqax tibża' bħal qabel, u toffri lilha nfisha lil Alla aktar bil-qalb. Mela, meta għedt li ftit jiswieli li noqgħod nagħmel atti mħeġġa biex imbagħad l-għemil ma jkunx jaqbel ma' kliemi, ridt nuri kemm jiswielna ta' ġid akbar li għemilna jkun skont kliemna u l-atti tagħna fit-talb; dak li ma jistax isir f'daqqa waħda, ħa jsir bil-ftit il-ftit. Jekk ir-ruħ trid timxi 'l quddiem fl-orazzjoni, jeħtiġilha tbaxxi r-rieda tagħha, għax f'dawn l-irkejjen żgħar tagħna żgur li ssibu ħafna okkażjonijiet li tagħmlu dan.

8. Ifhmu sewwa li dan jgħodd wisq aktar milli naf nisħaq fuqu jien. Itfgħu għajnejkom fuq il-Kurċifiss, u kollox isir ħaġa żgħira għalikom. Jekk il-Maestà Tiegħu wriena mħabbtu b'dak li għamel u sofra għalina fit-tbatijiet kbar tiegħu, kif tridu togħġbuh bil-kliem biss? Tafu xi jfisser li tkunu spiritwali tassew? Ifisser li ssiru lsiera ta' Alla, immarkati bis-sinjal tiegħu li huwa dak tas-salib. Għax ladarba tajnieh il-libertà tagħna, issa jista' jbiegħna bħala lsiera lil min irid u lil kulħadd, bħalma Hu kien ilsir tad-dinja kollha. U ma jkun qiegħed jagħmlilna ebda tort meta jimxi magħna b'dan il-mod, iżda jkun qiegħed jagħtina grazzja mhux żgħira. Jekk l-erwieħ ma jaqtgħuhiex darba għal dejjem li jkunu lsiera tiegħu, ħa jibqgħu żguri li mhux sejrin jimxu wisq 'il quddiem, għax — kif diġà għedt — is-sisien ta' dan il-bini hija l-umiltà. Jekk ma jkunx hemm ħafna umiltà vera, għall-akbar ġid tagħkom infuskom il-Mulej ma jħallix li jittella' bini għoli ħafna, għax imbagħad jiġġarraf kollu sal-art. Mela, ħuti, biex tibnu fuq sisien tajba, fittxu li tkunu l-inqas fost kulħadd u lsiera ta' kulħadd, billi taraw kif u fiex tistgħu togħġbu u taqdu lill-oħrajn. Għax dak li tagħmlu mal-oħrajn, tkunu għamiltuh aktar għalikom infuskom milli għalihom, minħabba li bis-saħħa ta' hekk tqiegħdu ġebel hekk marbut tajjeb fis-sisen illi l-kastell żgur li ma jiġġarrafx.

9. Intenni ngħidilkom li għal dan huwa meħtieġ li s-sisien tagħkom ma jitqegħdux biss bit-talb u l-kontemplazzjoni; ngħidilkom li, jekk ma tfittxux titħarrġu fil-virtù u fl-għemil tajjeb, tibqgħu nanijiet dejjem. U jkun jogħġob lil Alla li tibqgħu biss hekk, bla ma tikbru, għax tafu tajjeb li min ma jikbirx, jiċkien. Għalhekk, jien nemmen li l-imħabba, meta tkun hemm tassew, ma jistax ikun li tibqa' hienja meta, dejjem l-istess, ma titkattarx.

10. Forsi taħsbu li qiegħda nitkellem minn dawk li jkunu għadhom fil-bidu, għax jidhrilkom li meta dawn jimxu 'l quddiem, żgur li jsibu l-mistrieħ. Imma diġà għedtilkom li l-mistrieħ li dawn l-erwieħ iħossu ġewwa fihom huwa hemm biex fl-estern il-mistrieħ tagħhom ikun dejjem inqas u inqas; u huma jixtiequ aktar it-taħbit milli l-mistrieħ. Għal xiex taħsbu li jiswa dan it-tnebbiħ, jew aħjar dawn ix-xewqat qawwija u dawn il-messaġġi, li għedt li r-ruħ miċ-ċentru l-aktar ġewwieni tagħha tibgħat lin-nies kollha li jinsabu fin-naħa ta' fuq tal-kastell u fl-għamajjar l-oħra li jdawru ċ-ċentru fejn tinsab hi? Forsi biex tibgħathom jorqdu? Le, le u le! Sabiex il-fakultajiet u s-sensi ma jibqgħux jitgħażżnu, u lanqas dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ġisem ma jibqa' fl-għażż. Mill-kenn tagħha r-ruħ tiftaħ gwerra aktar qalila milli meta kienet tbati magħhom. Għax qabel, ma kenitx tifhem il-ġid kbir li jinsab fit-tiġrib li seta' kien il-mezz li permezz tiegħu Alla wassalha sa hawn; u barra minn hekk, il-kumpannija li issa tithenna biha tagħtiha qawwa wisq akbar minn qatt qabel. Bħalma jgħid David, mal-qaddisin insiru qaddisin *(S 17,26)*; għalhekk, m'għandniex għax niddubitaw li r-ruħ li issa hija ħaġa waħda mal-Qawwi, proprju minħabba din l-unjoni hekk għolja ta' spirtu ma' Spirtu, timtela bil-qawwa. U bis-saħħa ta' hekk, nifhmu x'qawwa kellhom il-Qaddisin biex setgħu jbatu u jmutu għal Alla.

11. Hija ħaġa żgura li bis-saħħa tal-qawwa li kisbet, ir-ruħ issaħħaħ lil dawk kollha li jinsabu fil-kastell, u saħansitra tgħin ukoll lill-ġisem li ħafna drabi qisu jibqa' barra għalkollox. Iżda l-qawwa kbira li tikseb ir-ruħ li tixrob l-inbid minn din il-kantina fejn daħħalha l-Għarus *(Għanja*

*2,4)*, u minn fejn ma jħallihiex toħroġ aktar, issaħħaħ wkoll il-ġisem dgħajjef, hekk kif l-ikel li jidħol fl-istonku jagħti saħħa lir-ras u lill-ġisem kollu kemm hu. Għalhekk, ir-ruħ ma jmissha ebda xorti oħra sakemm iddum fil-ġisem fuq l-art. Tagħmel x'tagħmel min-naħa tagħha, hija dejjem hekk akbar il-forza interjuri u l-gwerra li tidħol fiha, illi kollox jidhrilha li huwa ħaġa ta' xejn. Minn hawn kienu ġejjin il-penitenzi kbar li għamlu ħafna Qaddisin, l-aktar il-glorjuża Madalena li f'ħajjitha kollha ma kien jonqosha xejn. Minn hawn il-ġuħ li kellu l-missier tagħna Elija għall-ġieħ ta' Alla *(1Sl 19,10)*. Minn hawn l-għatx li kellhom San Duminku u San Franġisk biex jiġbdu l-erwieħ ħalli jfaħħru lil Alla. Ngħidilkom li, għalkemm kienu nsew għalkollox lilhom infushom, kellhom isofru ħafna.

12. Dan huwa dak li rrid li nitħabtu għalih, ħuti, u mhux biex nimtlew bl-hena, iżda biex nlksbu l-qawwa ħalll naqdu l-Mulej: nixtiequ nimxu 'l quddiem dejjem fl-orazzjoni u nitħarrġu fiha, iżda ma niħdux triq li ħadd ma għadda minnha, għax jekk nagħmlu dan, nitilfu kollox fl-aħjar waqt. U tkun ħaġa tassew ġdida għalkollox li naslu biex naħsbu li se jkollna dawn il-grazzji mingħand Alla f'xi triq li mhix dik li ħa Hu nnifsu u li mxew fiha l-Qaddisin kollha. Dan il-ħsieb lanqas biss għandu jgħaddi minn moħħna. Emmnuni: Marta u Marija jridu jimxu flimkien biex jilqgħu kif jixraq lill-Mulej u jibqgħu jżommuh dejjem għandhom, u mhux jilqgħuh ħażin billi jonqsu li jagħtuh x'jiekol *(Mt 10,38-39)*. Kif setgħet Marija tibqa' l-ħin kollu f'riġlejn Ġesù u fl-istess ħin tagħtih xi ħaġa x'jiekol, li kieku ma kienx hemm oħtha tgħinha? U l-ikel tal-Mulej huwa li dejjem niġbdu l-erwieħ lejh biex dawn isalvaw u jfaħħruh għal dejjem.

13. Tgħiduli żewġ ħwejjeġ: l-ewwel, li Hu qal li Marija għażlet l-aħjar sehem *(Lq 10,42)*. Iżda hi diġà kienet qdiet l-uffiċċju ta' Marta u wriet imħabbitha lill-Mulej meta ħaslitlu riġlejh u xxottathomlu b'xagħar rasha *(Lq 7,37-38)*. Taħsbu li kienet mortifikazzjoni żgħira għaliha, għanja bħalma kienet, meta qagħdet tiġri mat-triqat, forsi waħedha, għax il-ħeġġa ta' mħabbitha lanqas ħallietha tara x'kienet qiegħda tagħmel, biex imbagħad qabdet u daħlet f'dar li qatt ma kienet daħlet fiha qabel, u hemm issofri t-tgergir tal-Fariżew u l-ħwejjeġ l-oħra li kellha tisma' u tbati? Għax in-nies — li, kif nafu, kienu nies ħżiena — raw lil din il-mara tibdel ħajjitha, u kien jonqos biss li jaraw il-ħbiberija tagħha mal-Mulej li huma kienu jobogħdu minn qalbhom biex iġibu f'moħħhom il-ħajja li jafu li kienet tgħix qabel ħalli jibdew jgħidu bejniethom minn taħt li din issa riedet issir qaddisa, għax hija ħaġa ċara li dehret li biddlet il-mod tal-ilbies u kull ħaġ'oħra fl-imġiba tagħha. Jekk illum in-nies malajr jibdew iqassu fuq bnedmin li mhumiex magħrufa daqskemm kienet hi, mela x'ma qalux fuqha dakinhar? Ngħidilkom, ħuti, li l-aħjar sehem ġie wara ħafna tiġrib kbir u ċaħdiet ta' kull xorta, għax ukoll kieku ma kien hemm ebda tbatija oħra ħlief li tara lill-Imgħallem tagħha mistmerr mill-oħrajn, din waħedha kienet tbatija hekk kbira illi ma setgħetx tiflaħ għaliha. U liema tbatijiet ma sofrietx wara, fil-mewt tal-Mulej! Ngħid għalija, inżomm li mbagħad ma waslitx biex tieħu l-martirju, għax kienet diġà sofrietu f'qalbha meta rat 'il-Mulej imut. U s-snin li għexet wara mewt il-Mulej, meta Hu ma kienx aktar preżenti quddiemha, żgur li kinulha turment tal-biża'. Taraw, mela, kif ma kenitx dejjem titgħaxxaq bil-kontemplazzjoni f'riġlejn il-Mulej!

14. It-tieni ħaġa li tgħiduli hija li intom la għandkom ħila u lanqas mezzi biex tiġbdu l-erwieħ lejn Alla. Tixtiequ li tagħmlu dan minn qalbkom, iżda ma tafux kif tistgħu twettquh tassew, ladarba ma tistgħux tgħallmu u tippriedkaw bħalma kienu jagħmlu l-Appostli. Għal dan weġibtkom ħafna drabi f'dan il-Kastell. Iżda billi nemmen li dan jista' jgħaddi minn moħħkom minħabba l-qawwa tax-xewqat tajba li jagħtikom il-Mulej, ma rridx ma ntennihulkomx hawn ukoll. Diġà għedtilkom li xi drabi d-demonju jqiegħed fina xewqat ta' ħwejjeġ kbar, imma bil-ħsieb eżatt li, minflok ma mmiddu idejna għal dak li jkollna f'idejna u li bih naqdu 'l-Mulej f'dawk il-ħwejjeġ li nistgħu naslu għalihom, nibqgħu hienja li kellna xewqat ta' dak li ma nistgħux nagħmlu. Barra milli tistgħu tgħinu ħafna fl-orazzjoni, tfittxux li tagħmlu l-ġid lid-dinja kollha f'daqqa waħda, iżda araw li tagħmluh lil dawk ta' madwarkom għax jgħixu fil-kumpannija tagħkom. Bis-saħħa ta' hekk, l-għemil tajjeb tagħkom iħalli warajh ġid akbar, għax ikun magħmul lil dawk li għandkom dmir lejhom qabel kulħadd. Taħsbu li huwa rebħ żgħir li l-umiltà kbira tagħkom u t-tgħakkis kollu tagħkom ikunu hekk ġejjin mill-qalb illi, permezz tagħhom, taqdu lis-sorijiet sħabkom u turu ħniena kollha mħabba ma' kull waħda minnhom, b'mod li l-imħabba tal-Mulej issir fikom nar li jqabbad lis-sorijiet l-oħra kollha, waqt li l-virtujiet tagħkom jiswew biex dejjem iqajmu fihom il-ħeġġa għat-tajjeb? Dan huwa qadi tal-Mulej fl-aqwa tiegħu, qadi li jogħġbu tabilħaqq. Meta tfittxu li tagħmlu sewwa dawk il-ħwejjeġ li tistgħu twettqu intom, il-Maestà Tiegħu jifhem li tixtiequ li twettqu ħafna ħwejjeġ oħra għalih; għalhekk, Hu nnifsu jagħtikom il-premju li kien ikun jistħoqqilkom kieku rbaħtu għalih ħafna erwieħ!

15. Tgħiduli li b'dan ma tkunu qegħdin tikkonvertu lil ħadd, għax is-sorijiet sħabkom huma diġà twajbin. Imma dan x'għandu x'jaqsam? Jekk isiru aħjar, it-tifħir tagħhom ikun aktar jogħġob lill-Mulej, u t-talb tagħhom ikun aktar jiswa ta' ġid għall-proxxmu.

Mela, ħuti, nagħlaq b'dan il-ħsieb: ma nibnux torrijiet bla sisien, għax il-Mulej ma jħarisx lejn il-kobor ta' dak li nagħmlu daqskemm lejn l-imħabba li nagħmluh biha *(Lq 21,1-4)*. Jekk inwettqu tassew dak kollu li nistgħu, il-Maestà Tiegħu jagħmel li nkunu nistgħu nagħmlu ħwejjeġ dejjem akbar jum wara l-ieħor, basta li ma ngħejjewx malajr. Fil-ftit żmien li ddum din il-ħajja qasira tagħna fuq l-art — li min jaf tkunx ħafna iqsar minn dak li taħseb kull waħda minnkom — jeħtieġ li noffru lill-Mulej kull sagrifiċċju li nistgħu nbatu għalih, kemm fil-ġewwieni tagħna kif ukoll barra minna nfusna. Imbagħad, il-Maestà Tiegħu jgħaqqad dawn is-sagrifiċċji tagħna mas-sagrifiċċju tiegħu li offra lil Missieru għalina fuq salib, sabiex ikollhom dak is-siwi li jkun ġej mir-rieda tajba tagħna, ukoll jekk fihom infushom ikunu ħwejjeġ żgħar ħafna.

16. Ikun jogħġob lill-Maestà Tiegħu, uliedi u ħuti, li għad narawna miġbura flimkien hemm fejn għad infaħħruh għal dejjem. U li kien lili jagħtini l-grazzja li nagħmel xi ħaġa minn dan kollu li għedtilkom. Għall-merti ta' Ibnu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem, ammen. Waqt li qiegħda ngħidilkom dan, inħossni nitħawwad bosta. Għalhekk nitlobkom li, għall-akbar ġieħ tal-Mulej innifsu, qatt ma tinsew fit-talb kollu tagħkom lil din l-imsejkna u l-aktar fqajra.

# ITTRA MIKTUBA MILL-QADDISA BIEX TINGĦATA FLIMKIEN MAL-MANUSKRITT TAL-KASTELL ĠEWWIENI

## J. H. S.

1. Għalkemm dan li ktibt hawn bdejt niktbu kontra qalbi, kif għedt fil-bidu, issa li temmejtu, inħossni mfawra bl-hena. Għax inżomm bħala ta' siwi kbir ix-xogħol li wettaqt, u jkolli nistqarr li kienli eħfef milli ħsibt li se jkun. Waqt li niftakar fil-klawsura iebsa li tinsabu magħluqin fiha, ħuti, kif ukoll fil-ftit ħwejjeġ li għandkom bħala daqsxejn mogħdija taż-żmien, barra milli f'xi Djar tagħkom lanqas biss hemm wisa' biżżejjed biex ikunu monasteri tajba, jidhirli li tistgħu ssibu xi ftit tal-mistrieħ meta toqogħdu timirħu f'dan il-kastell ġewwieni, fejn intom ħielsa li tidħlu u dduru fih xħin tridu u bla ma teħtieġu l-permess tas-superjuri tagħkom.

2. Huwa minnu li ma tistgħux tidħlu fl-għamajjar kollha tiegħu bil-forzi tagħkom biss, ukoll jekk taħsbu li dawn huma kbar ħafna. Irid ikun Sid il-kastell innifsu li jdaħħalkom fihom. Għalhekk, jekk issibu xi jżommkom lura, inwisskom biex ma tagħmlu ebda forza min-naħa tagħkom, għax jekk tagħmlu dan, issiru hekk ma togħġbuhx lil dan is-Sid illi ma jdaħħalkom fih qatt. Huwa ħabib kbir tal-umiltà. U jekk iżżommu lilkom infuskom bħala dawk li lanqas biss jistħoqqilhom jidħlu fit-tielet għamajjar, tiksbu b'ħeffa akbar ir-rieda li taslu sal-ħames għamajjar. Imbagħad, billi ħafna drabi tibqgħu tidħlu b'ħeġġa kbira f'dawn tal-aħħar, hemm tkunu tistgħu taqduh hekk tajjeb illi Hu jdaħħalkom fl-għamara stess li jżomm għalih innifsu. Minn hemm ġew ma toħorġux aktar ħlief meta ssejħilkom il-prijura, li dan il-Mulej kbir tagħna jrid li r-rieda tagħha tkun imħarsa bħal dik tiegħu. Fuq kollox, ukoll jekk biex tobdu lilha jkollkom tibqgħu barra għal ħafna ħin, Hu jibqa' jżommilkom il-bieb dejjem miftuħ biex, kull meta terġgħu lura, tkunu tistgħu tidħlu mill-ewwel. U ladarba jintwera lilkom kif tithennew b'dan il-kastell, issibu mistrieħ f'kollox, ukoll f'dawk il-ħwejjeġ li jġibulkom l-akbar tiġrib, għax tkunu kollkom tama li terġgħu lura fih b'mod li ħadd ma jkun jista' jqaċċatkom 'il barra minnu.

3. Għalkemm hawn tkellimt minn seba' għamajjar biss, b'danakollu f'kull waħda minnhom hemm ħafna, fuq u isfel u f'kull naħa, b'ġonna sbieħ u b'għejjun tal-ilma u ħafna labirinti u ħwejjeġ oħra li jimlewkom bl-għaxqa, hekk li tkunu tridu tintilfu fit-tifħir tal-kbir Alla li ħalaqkom fuq is-sura u x-xbieha tiegħu *(Ġen 1,26)*. Jekk f'dan il-ktieb issibu xi ħaġa tajba li tagħtikom għarflien aħjar tiegħu, emmnu fis-sewwa kollu li huwa l-Maestà Tiegħu li qalha sabiex jagħmilkom hienja; imma jekk issibu xi ħaġa ħażina, inkun għedtha jien.

4. Bix-xewqa kbira li għandi li nkun ta' xi siwi ħalli ngħinkom taqdu lil dan Alla tiegħi u Mulejja, nitlobkom li kull meta taqraw dan li ktibt hawn, tfaħħru f'ismi lill-Maestà Tiegħu bl-akbar ħeġġa ta' qalbkom, waqt li titolbuh iseddaq 'il-Knisja, idawwal lil-Luterani, u lili jaħfirli dnubieti. Itolbuh ukoll li jeħlisni mill-purgatorju fejn, forsi għall-ħniena ta' Alla, inkun ninsab meta jagħtukom f'idejkom dan il-ktieb biex taqrawh jekk, wara li jkunu flewh sewwa dawk li jifhmu f'dawn il-ħwejjeġ, jinsab li jkun ta' ġid għalikom li tarawh. Iżda jekk fih xi żball, dan ikun ħtija tan-nuqqas ta' tagħlim min-naħa tiegħi, għax f'kollox irrid noqgħod għal dak li żżomm il-Knisja Mqaddsa, Kattolika Rumana, li fiha ngħix u nistqarr il-fidi tiegħi, u li fiha nwiegħed li ngħix u mmut.

Ikun imfaħħar u mbierek għal dejjem il-Mulej Alla, ammen, ammen.

5. Temmejt din il-kitba fil-monasteru ta' San Ġużepp ta' Avila fls-sena 1577, lejlet San Andrija, għall-akbar sebħ ta' Alla li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem, ammen.

# TEMI TAL-KASTELL ĠEWWIENI

Daħla miktuba mill-Qaddisa nfisha

## L-EWWEL GĦAMAJJAR

Kapitlu

1 Titkellem mis-sbuħija u d-dinjità ta' ruħna. Iġġib tixbiha biex tfisser dan, u turi l-ġid kbir li tikseb ir-ruħ meta tifhem sewwa l-kobor tagħha u tagħraf il-grazzji li jagħtiha Alla. Bieb ta' dan il-kastell huwa t-talb.

2 Tqiegħed f'dawl ċar il-kruha tar-ruħ li tkun fid-dnub il-mejjet, u tgħid kif Alla ried jagħti ħjiel ta' din il-kruha lil waħda li kienet taf. Tniżżel xi ħsibijiet ta' min jagħti kashom sewwa. Tfisser kif għandna nifhmu dawn l-għamajjar.

## IT-TIENI GĦAMAJJAR

Kapitlu

1 Titkellem mis-siwi kbir tal-perseveranza biex wieħed jasal fl-aħħar għamajjar, kif ukoll mill-gwerra sħiħa li jittanta jagħmel id-demonju. Turi kemm jaqbel li wieħed ma jaqbadx triq b'oħra mill-bidu, jekk tassew irid jasal sal-aħħar. Tagħti mezz li żgur iġib l-effett mixtieq.

## IT-TIELET GĦAMAJJAR

Kapitlu

1 Tgħid kemm hija ftit is-sigurtà li jista' jkollna sakemm għadna ngħixu f'dan l-eżilju, ukoll jekk inkunu lħaqna wasalna f'qagħda għolja; u żżid tfisser kemm jaqbel li nimxu bil-biża'. Dan il-kapitlu fih ħwejjeġ ta' siwi.

2 Tissokta titkellem dwar l-istess ħaġa u tgħid dak li, fil-fehma tagħha, jista' jiġi min-nixfa waqt l-orazzjoni; turi kemm jeħtieġ li hawn naraw x'niswew, u kif il-Mulej innifsu jara xi jsarrfu dawk li jinsabu f'dawn l-għamajjar.

## IR-RABA' GĦAMAJJAR

Kapitlu

1 Turi kif l-għaxqiet u l-ħlewwiet fl-orazzjoni mhumiex l-istess bħall-ħlewwiet ta' gost. Tgħid kemm ħassitha hienja meta fehmet li l-immaġinazzjoni u l-intellett mhumiex xorta waħda. Dan il-kapitlu huwa ta' ġid kbir għal kull min ikollu moħħu mxerred waqt it-talb.

2 Tissokta tikteb fuq l-istess ħaġa billi tfisser b'tixbiha x'inhuma l-ħlewwiet ta' gost, u kif dawn jinkisbu bla ma nfittxuhom aħna.

3 Tfisser x'inhi l-orazzjoni tal-ġabra, li fil-biċċa l-kbira l-Mulej jagħti qabel l-orazzjoni msemmija. Turi l-effetti li ġġib magħha, kif ukoll l-effetti li jkunu baqgħu hemm mill-orazzjoni msemmija qabel, li fiha dehru dawk il-ħlewwiet ta' gost li jagħti l-Mulej.

## IL-ĦAMES GĦAMAJJAR

Kapitlu

1. Tibda tfisser kif fl-orazzjoni r-ruħ issir ħaġa waħda ma' Alla. Turi kif nistgħu nagħarfu jekk inkunux imqarrqa f'dan.

2. Tissokta titkellem fuq l-istess ħaġa. Tfisser l-orazzjoni ta' unjoni b'tixbiha ħelwa. Turi l-effetti li din tħalli fir-ruħ. Dan huwa kapitlu ta' min jagħti kas tiegħu sewwa.

3. Tissokta titkellem fuq l-istess ħaġa. Tfisser xorta oħra ta' unjoni li, bl-għajnuna ta' Alla, tista' tikseb ir-ruħ; turi kemm tgħodd għal dan l-imħabba tal-proxxmu. Dan huwa kapitlu ta' siwi kbir.

4. Tissokta titkellem fuq l-istess ħaġa. Tfisser aħjar din ix-xorta ta' orazzjoni. Tgħid kemm jeħtieġ li wieħed jimxi b'għajnejh miftuħa, għax id-demonju jaħdem b'ħiltu kollha biex jiġbdu lura mit-triq li jkun qabad.

**IS-SITT GĦAMAJJAR**

Kapitlu

1. Turi kif ir-ruħ ikollha ssofri tbatijiet akbar meta l-Mulej jibda jagħtiha grazzji akbar. Issemmi xi wħud minn dawn it-tbatijiet u tgħid kif għandhom iġibu ruħhom dawk li diġà jinsabu f'din l-għamara. Dan il-kapitlu jiswa bosta għal min qiegħed isofri tiġrib interjuri,

2 Turi xi modi li bihom il-Mulej iqajjem lir-ruħ; m'għandu jkun hemm ebda biża' fihom, għalkemm huma xi ħaġa għolja ħafna u grazzji tassew kbar.

3 Tissokta titkellem fuq l-istess ħaġa u tgħid kif Alla jkellem lir-ruħ meta jkun jogħġbu. Turi kif wieħed għandu jġib ruħu f'dan il-każ biex ma jimxix fuq dak li jidhirlu hu. Dan il-kapitlu jġib ġid kbir.

4 Titkellem fuq dawk id-drabi li fihom Alla jissospendi r-ruħ permezz ta' rapiment, estasi jew telfa ta' trasport, li fil-fehma tagħha huma ħaġa waħda; u turi l-ħtieġa ta' qalb kbira biex inkunu nistgħu nilqgħu l-grazzji kbar tal-Maestà Tiegħu.

5 Tissokta titkellem fuq l-istess ħaġa u turi l-mod kif Alla jerfa' r-ruħ f'titjira tal-ispirtu b'mod divers minn dak li għadu kif ġie mfisser. Tgħid għaliex huwa meħtieġ kuraġġ kbir u tfisser xi ħaġa dwar din il-grazzja kollha ħlewwa li jagħti l-Mulej. Dan huwa kapitlu ta' ġid kbir.

6 Tissokta tfisser wieħed mill-effetti li semmiet fil-kapitlu ta' qabel, li permezz tiegħu jista' jingħaraf dak li huwa veru, għax ma fihx qerq. Titkellem imbagħad fuq grazzja oħra li l-Mulej jagħti lir-ruħ biex din tkun tista' tingħata għat-tifħir tiegħu.

7 Tfisser kemm hija kbira s-sogħba għal dnubiethom li jħossu dawk l-erwieħ li Alla jagħtihom dawn il-grazzji li semmiet. Turi xi żball jaqa' fih dak li, spiritwali kemm ikun, ma jitħarriġx biex iżomm dejjem quddiemu l-Umanità tas-Salvatur tagħna, Sidna Ġesù Kristu, il-Passjoni tiegħu u ħajtu kollha, kif ukoll l-Omm glorjuża tiegħu u l-Qaddisin. Dan il-kapitlu huwa ta' ġid kbir.

8 Tfisser kif Alla jikkomunika lilu nnifsu lir-ruħ permezz tal-viżjonijiet intellettwali, u turl l-effetti li jħallu warajhom meta dawn il-viżjonijiet ikunu veri. Tgħid li dawn il-grazzji m'għandhomx jiġu mxandra.

9 Tfisser kif il-Mulej jikkomunika mar-ruħ permezz tal-viżjonijiet immaġinarji, u twissi bil-qawwa biex ngħassu fuqna nfusna ħalli ma noqogħdux nixtiequ nimxu minn din it-triq. Tagħti r-raġunijiet għal din it-twissija. Dan huwa kapitlu ta' ġid kbir.

10 Titkellem fuq grazzji oħra li Alla jagħti lir-ruħ b'mod divers minn dawk li għadha kif semmiet; turi l-ġid kbir li jiġi minnhom.

11 Titkellem fuq xi xewqat li Alla jagħti lir-ruħ, xewqat hekk kbar u qawwija li tithenna bih, illi jqegħduha fil-periklu li titlef ħajjitha. Turi l-ġid li jiġi minn din il-grazzja tal-Mulej.

**IS-SEBA' GĦAMAJJAR**

Kapitlu

1 Titkellem fuq il-grazzji kbar li Alla jagħti lill-erwieħ li jkunu laħqu daħlu fis-seba' għamajjar. Tgħid kif, fil-fehma tagħha, ir-ruħ u l-ispirtu mhumiex l-istess ħaġa għalkollox, għalkemm jagħmlu ħaġa waħda. Dan il-kapitlu fih ħwejjeġ ta' min jagħti kas tagħhom sewwa.

2 Tissokta titkellem fuq l-istess ħaġa. Turi d-differenza li tgħaddi bejn unjoni spiritwali u żwieġ spiritwali. Tfisser dan b'tixbihat ħelwin.

3 Turi l-effetti sbieħ ta' din l-orazzjoni li semmiet. Huwa meħtieġ li dejjem nagħtu kas sewwa ta' dawn l-effetti, għax tal-għaġeb hija d-differenza li tgħaddi bejnhom u bejn l-oħrajn ta' qabilhom.

4 Tagħlaq billi tfisser dak li taħseb li huwa l-għan tal-Mulej meta jagħti grazzji hekk għolja lill-erwieħ, u tgħid kemm huwa meħtieġ li Marta u Marija jimxu flimkien. Dan il-kapitlu huwa ta' ġid kbir.

Ittra miktuba mill-Qaddisa biex tingħata flimkien mal-manuskritt tal-Kastell Ġewwieni.